

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 219

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

24 ta' Lulju 2012

Avviż Nru

Werrej

Paġna

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

RAKKOMANDAZZJONIJIET

Il-Kunsill

2012/C 219/01	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 tal-Awstrija u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Awstrija, 2011-2016	1
2012/C 219/02	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Belġju u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Belġju 2012-2015	5
2012/C 219/03	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 tal-Bulgarija u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Bulgarija, 2012-2015	9
2012/C 219/04	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 ta' Ċipru u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Ċipru, 2012-2015	13
2012/C 219/05	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 tar-Repubblika Ċeka u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Repubblika Ċeka, 2012-2015	17
2012/C 219/06	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tad-Danimarka għall-2012 u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tad-Danimarka 2012-2015	21

MT

Prezz:
EUR 7

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

<u>Avviż Nru</u>	Werrej (ikompli)	Paġna
2012/C 219/07	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 tal-Estonja u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Estonja, 2012-2015	25
2012/C 219/08	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Finlandja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Finlandja, 2012-2015	28
2012/C 219/09	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 ta' Franza u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Franza, 2012-2016	31
2012/C 219/10	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Ġermanja u li twassal l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Ġermanja, 2012-2016	35
2012/C 219/11	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 tal-Greċja	38
2012/C 219/12	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 tal-Ungerija u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija, 2012-2015	40
2012/C 219/13	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 tal-Irlanda u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Irlanda, 2012-2015	44
2012/C 219/14	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Italja u t-twassal ta' Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà għall-Italja, 2012-2015	46
2012/C 219/15	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Latvja u li tagħti l-Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Latvja, 2012-2015	50
2012/C 219/16	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Litwanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Litwanja, 2012-2015	54
2012/C 219/17	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Lussemburgu u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Lussemburgu, 2012-2015	58
2012/C 219/18	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 ta' Malta u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Malta, 2012-2015	61
2012/C 219/19	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Polonja u li twassal Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Polonja, 2012-2015	65



I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-KUNSILL

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 tal-Awstrija u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Awstrija, 2011-2016

(2012/C 219/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi varata strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa ta' politika ekonomika, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għal-linji politiċi dwar l-ekonomija tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-

impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-linji ta' politika nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.

- (3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Awstrija għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Awstrija għal bejn l-2011 u l-2014.
- (4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Sħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u ex ante ta' linji politiċi, li huwa msejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifika lill-Awstrija bħala wieħed mill-Istati Membri li fil-konfront tagħhom issir reviżjoni fil-fond.
- (5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu tal-politika tal-Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽³⁾ ĠU C 210, 16.7.2011, p. 8.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

- (6) Il-Parlament Ewropew kien debitament involut fis-Simestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjieġ fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.
- (7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li trawwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-hteġa li ssir konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tkun favorevoli għat-tkabbir, biex jiġu rkuprati l-kundizzjonijiet normali ta' self lill-ekonomija, għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività, għall-indirizzar tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipanti fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.
- (9) Fl-24 ta' April 2012, l-Awstrija ressqet il-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-2012 li jkopri l-perijodu bejn l-2011 u l-2016, u fil-25 ta' April 2012 ressqet il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2012. Sabiex jittiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.
- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2012 skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill jaħseb li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm huwa wieħed kawt għall-2012 u l-2013. Għall-perijodu bejn l-2014 u l-2016, ix-xenarju jsir wieħed aktar ottimist, bi projezzjonijiet ta' tkabbir medju ta' 2,1 % fir-rigward tal-PDG, konsistentement aktar mill-istimi attwali dwar il-potenzjal tat-tkabbir. L-oġġettiv tal-istrateġija baġitarja spjegata fil-Programm ta' Stabbiltà huwa li sal-2013 id-defiċit eċċessiv jiġi kkoreġut, filwaqt li sal-2016 jintlaħaq l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju (OTM). Il-Programm ta' Stabbiltà biddel l-OTM mill-mira ta' baġit ibbilanċjat fi żmien iċ-ċiklu kummerċjali għal defiċit strutturali ta' 0,45 % tal-PDG. Dan jirrefletti b'mod xieraq ir-riżultati tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-korrezzjoni prevista tad-defiċit eċċessiv hija konformi mal-iskadenza stabbiltà mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li nħarġet fil-kuntest tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv ("PDE") f'Diċembru tal-2009. Madanakollu, abbażi tal-bilanċ baġitarju strutturali (rikalkulat) ⁽¹⁾, l-isforz fiskali annwali medju, li huwa ppjanat li jkun ta' 0,5 % tal-PDG għall-perijodu bejn l-2011 u l-2013, huwa iżgħar miż-0,75 % tal-PDG li ġie rakkomandat mill-Kunsill. Il-progress strutturali previst lejn l-OTM fl-2015 huwa suffiċjenti għalkemm anqas mill-punt ta' riferiment ta' 0,5 % tal-PDG kull sena tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2014 u fl-2016. Madanakollu, bejn l-2014 u l-2015 ir-rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-Gvern li hija projjettata, b'kunsiderazzjoni tal-miżuri tad-dħul diskrezzjonarji, tirrispetta l-punt ta' riferiment tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madanakollu, il-miri fiskali fuq in-naħa tad-dħul u l-infiq iġibu magħhom ċerti riskji. Pereżempju, l-effett baġitarju ta' xi miżuri ma tantx jistgħu jiġu kkwantifikati minħabba d-dipendenza tagħhom fuq l-introduzzjoni individwali tagħhom. Billi għadha m'hemmx ftehim dwar il-leġiżlazzjoni, id-dettalji tat-tranżazzjoni finanzjarja għadhom mhumieq magħrufa. Il-qtugħ min-nefqa li huwa previst li jsir fil-livell subnazzjonali għadu ma ġiex identifikat. Il-Programm ta' Stabbiltà jbossar li l-proporzjon bejn id-dejn u l-PDG, li fi tmiem l-2011 kien ilaħħaq it-72,2 %, fl-2013 ser jilħaq il-livell ta' 75,3 % qabel ma jonqos gradwalment għal 70,6 % fl-2016. Fit-termini tal-punt ta' riferiment tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, bejn l-2014 u l-2016 l-Awstrija ser tkun f'perijodu tranżizzjonali u l-pjanijiet li tressqu fil-Programm ta' Stabbiltà jiżguraw progress biżżejjed lejn il-konformità mal-punt ta' riferiment fir-rigward tat-tnaqqis tad-dejn. Madanakollu, hemm xi riskji b'rabta ma' din il-projezzjoni minħabba li d-dejn ta' kumpaniji tal-istat u li huma kklassifikati 'l barra mis-settur tal-gvern ġenerali qiegħed jiżdied kif ukoll b'riżultat taż-żieda potenzjali tal-piż marbut mal-appoġġ tal-gvern lis-settur bankarju.
- (11) Bl-adozzjoni tal-aħħar pakkett ta' konsolidazzjoni fiskali, l-Awstrija qabdet it-triq ta' finanza pubbliċi aktar sostenibbli. Madanakollu, il-miżuri inklużi fil-pakkett ma jinkludux is-simplifikazzjoni tar-relazzjonijiet fiskali bejn il-gvernijiet federali, regionali u lokali, li hija meqjusa minn bosta bnadi bħala l-għajn ewlenija ta' ffrankar potenzjali. Fil-prinċipju ntlaħaq ftehim bejn il-gvernijiet federali u regionali dwar iċ-ċentralizzazzjoni tal-finanzjament tal-kura tas-saħħa, iżda d-dettalji għadhom ma ġewx innegożjati.
- (12) Sabiex tgħolli l-età effettiva tal-irtirar, l-Awstrija daħħlet fis-seħħ riformi li l-għan ewlieni tagħhom huwa li jllimitaw l-aċċess għall-iskema tal-pensjoni tal-invalidità. It-tressiq 'il quddiem tal-armonizzazzjoni tal-età statutorja tal-irtirar bejn in-nisa u l-irġiel, li bħalissa hija mbassra għal bejn l-2024 u l-2033, għadha ma ġietx indirizzata. Il-kulturi tal-impjegabbiltà tal-ħaddiema aktar anzjani u ta' tixjiħ attiv iridu jissaħħu aktar fil-kumpaniji. Jista' jkun li l-miżuri proposti ma jkunux biżżejjed biex l-età effettiva tal-irtirar tiżdied sostanzjalment.

⁽¹⁾ Bilanċ nett ta' miżuri ta' darba u temporanji aġġustat fuq bażi ċiklika, rikalkulat mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Programm, permezz ta' metodoloġija komunement miftiehma.

- (13) Il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-Awstrija kienet tajba ħafna, kif turi l-aktar rata baxxa tal-qgħad fl-Unjoni fl-2010 u l-2011. Madanakollu, il-potenzjal tal-forza tax-xogħol tal-Awstrija mistenni jonqos mill-2020 'il quddiem. Għaldaqstant, l-Awstrija ser ikollha tħabrek biex tuża l-potenzjal kollu tal-popolazzjoni bl-età li taħdem billi tindirizza l-problemi tar-rata baxxa tal-impjiegi fost il-ħaddiema aktar anzjani u l-użu mifruż ta' rtirar kmieni u tal-iskemi ta' pensjoni tal-invalidità, il-piż kbir tat-taxxi u tas-sigurtà soċjali fuq l-introjtu tal-ħaddiema, u l-livell relattivament għoli ta' konċentrazzjoni tan-nisa fi mpjiegi b'pagi baxxi u part-time. Aktar minn hekk, il-potenzjal tal-persuni bi sfond migratorju mhuxwiegħ qiegħed jintuża bis-sħiħ minħabba livelli tal-edukazzjoni baxxi jew minħabba diffikultajiet fir-rigward tar-rikonossiment tal-ħiliet miksuba f'pajjiżi oħrajn. L-eżiti tal-edukazzjoni kif inhuma riflessi fir-riżultati tal-Programm tal-OECD ta' Valutazzjoni Internazzjonali ta' Studenti ("PISA") huma aktar baxxi mill-medja tal-UE u l-influwenza tal-isfond soċjoekonomiku fuq il-kisbiet edukattivi hija partikolarment għolja. L-għadd dejjem jikber ta' studenti, minħabba mobbiltà għolja ("mass university"), u r-rati għolja ta' ħruġ mill-edukazzjoni (madwar 40 %) għadhom l-aktar sfidi ewlenin flimkien ma' lakuna konsiderevoli fil-finanzjament.
- (14) L-Awstrija tibbenefika minn pożizzjoni favorevoli fir-rigward tal-kompetittività u l-produttività. Madanakollu, hija qiegħda tħabbat wiċċha ma' dgħufijiet strutturali f'diversi oqsma li jistgħu jolqtu t-tkabbir potenzjali fit-tul b'mod negattiv. Il-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi ma kinitx ta' wisq għajjnuna għad-domanda domestika. Il-kwistjonijiet tal-prezzijiet għolja b'rabta mal-aċċess għal networks u l-imġiba ta' distorsjoni ta' ċerti ditti li għandhom id-dmir li jagħmlu dan (it-tfixkil fuq id-dħul fis-suq, fuq il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni) għadhom ma ġewx indirizzati. Għad fadal restrizzjonijiet mhux iġġustifikati fil-professjonijiet liberali: l-għadd ta' professjonijiet irregolati nnotifikati mill-Awstrija lill-Kummissjoni huwa ħafna ogħla mill-medja tal-UE. Hemm il-bżonn li ssir valutazzjoni tal-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità tar-regolamentazzjoni ta' dawn il-professjonijiet. L-Awstrija ma kisbet l-ebda progress tanġibbli fir-rigward tal-impenn tagħha li ssaħħa l-awtorità federali tal-kompetizzjoni. Fl-aħħar, id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern⁽¹⁾ ("Direttiva dwar is-Servizzi") ġiet implimentata permezz tal-adozzjoni ta' liġi "orizzontali" u permezz ta' tibdil fil-leġiżlazzjoni fil-livell ta' provinċja, kif kien ġie rakkomandat mill-Kunsill fl-2011.
- (15) Is-settur finanzjarju Awstrijak qiegħed iħabbat wiċċu ma' sfidi partikolari relatati mal-espożizzjoni għolja tal-banek Awstrijaki għall-pajjiżi taċ-Ċentru, tal-Lvant u tax-Xlokk tal-Ewropa, hekk kif diversi minn dawn l-ekonomiji jista' jkun li għadhom milquta mid-deterjorament tal-kwalità tal-assi. Jeħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' politika b'impatt transfruntier jiġu ppreċeduti minn skambju ta' informazzjoni u koordinazzjoni minn kontrolluri tal-pajjiż ospitanti. L-awtoritajiet jeħtieġilhom ukoll li jissuktaw b'monitoraġġ mill-qrib u bir-ristrutturar tal-banek li bbenefikaw minn appoġġ mis-settur pubbliku, speċjalment l-istituzzjonijiet ta' kreditu li ġew nazzjonalizzati.
- (16) L-Awstrija daħlet għal għadd ta' impenji bħala parti mill-Patt Euro Plus. Dawn l-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, jirrigwardaw it-trawwim tal-impjiegi, it-titjib tal-kompetittività, u t-titjib tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus. Ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni qiesu dawn ir-rakkomandazzjonijiet.
- (17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Awstrija. Hija vvalutat il-programm ta' stabbiltà u l-programm nazzjonali ta' riforma. Hija mhux biss qieset ir-relevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Awstrija, iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali tal-gejjenji. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (7) aktar 'l isfel.
- (18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu⁽²⁾ hija riflessa partikolarment fir-rakkomandazzjoni (1) aktar 'l isfel,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Awstrija tieħu azzjoni fil-perijodu 2012-2013 biex:

1. Timplimenta l-baġit tal-2012 kif previst filwaqt li ssaħħa u timplimenta l-istrategġija baġitarja għas-sena 2013 u s-snin ta' wara b'mod rigoruż; tispeċifika biżżejjed il-miżuri (partikolarment fil-livell subnazzjonali) biex tiżgura korrezzjoni f'waqtha tad-defiċit eċċessiv u l-ksib tal-isforz għal aġġustament strutturali annwali medju li huwa speċifikat fir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-PDE. Wara li jsir dan, tiżgura sforz għal aġġustament strutturali adegwat biex tagħmel biżżejjed progress lejn l-OTM, anke billi tilħaq il-punt ta' riferiment b'rabta man-nefqa.
2. Tieħu passi ulterjuri biex issaħħa il-qafas baġitarju nazzjonali billi tikkonverġi r-responsabbiltajiet fil-livelli federali, regionali u lokali tal-gvern, partikolarment permezz tal-implimentazzjoni ta' riformi konkreti bil-għan tat-titjib tal-organizzazzjoni, il-finanzjament u l-effiċjenza tal-kura tas-saħħa u tal-edukazzjoni.

(1) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

(2) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

3. Tmexxi 'l quddiem l-armonizzazzjoni tal-età statutorja tal-irtirar bejn in-nisa u l-irġiel; issaħħaħ l-impjegabbiltà tal-ħaddiema l-aktar anzjani fl-età u twettaq monitoraġġ mill-qrib tar-riformi reċenti li jllimitaw l-aċċess għal possibbiltajiet ta' ħruġ bikri biex tiżgura li l-età tal-irtirar effettiv tiżdied anke permezz ta' rabta li ssir bejn l-età statutorja tal-irtirar u l-istennija tal-għomor.
4. Tieħu passi biex tnaqqas il-piż soċjali u tat-taxxa effettiv fuq ix-xogħol speċjalment għall-ħaddiema b'pagi baxxi bil-għan li żżid ir-rati ta' nies impjegati fir-rigward tan-nisa u l-irġiel aktar avvanzati fl-età. Dan fid-dawl tal-fatt li jeħtieġ li jiġi bbilanċjat l-impatt tat-tibdil demografiku fuq il-popolazzjoni li taħdem. Iċċaqlaq il-piż tat-taxxa b'mod li ma jkollu ebda konsegwenza fuq il-baġit, lejn taxxi fuq il-proprjeta immobbli u taxxi ambjentali. Tnaqqas id-distakk kbir bejn il-pagi tan-nisa u dawk tal-irġiel u ttejjeb l-opportunitajiet ta' xogħol full-time għan-nisa, partikolarment permezz tal-għoti ta' servizzi addizzjonali għall-indukrar ta' persuni dipendenti.
5. Tkompli timplimenta miżuri biex ittejjeb l-eżiti tal-edukazzjoni, speċjalment għaż-żgħażagħ żvantaġġjati. Tieħu miżuri biex tnaqqas l-għadd ta' persuni li ma jkomplux l-edukazzjoni għolja tagħhom.
6. Tieħu passi ulterjuri biex trawwem il-kompetizzjoni, fis-settur tas-servizzi, billi tneħħi l-ostakli fuq id-dħul fis-swieq tal-komunikazzjonijiet, tat-trasport u tal-konsum tal-enerġija. Fejn ikun hemm restrizzjonijiet mhux iġġustifikati fuq l-aċċess għall-professjonijiet liberi, dawn għandhom jitneħħew. Issaħħaħ is-setgħat tal-awtorità federali tal-kompetizzjoni u tħaffef l-implimentazzjoni tar-riforma tal-liġi tal-kompetizzjoni.
7. Tkompli bir-ristrutturazzjoni u tkompli tissorvelja dawk il-banek li bbenefikaw mill-appoġġ pubbliku, filwaqt li tevita *deleveraging* eċċessiv. Tkompli ttejjeb il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' politika nazzjonali ma' kontrolluri tas-settur finanzjarju f'pajjiżi oħrajn.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Belġju u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Belġju 2012-2015

(2012/C 219/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

(3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Belġju għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Belġju għall-perijodu 2011-2014.

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

(4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' politika, imsejjes fuq l-istrategġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, fejn identifika il-Belġju bħala wieħed mill-Istati Membri li fil-konfront tagħhom kienet ser issir analiżi fil-fond.

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni taid-defiċiti makroekonomiċi⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

(5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li appellaw lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar azzjonijiet irrikmandati fiċ-ċiklu politiku Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tvarja strategġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn jeħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(6) Il-Parlament Ewropew ġie involut kif suppost fis-Semestru Ewropew, skont ir-Regolament (KE) 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjeg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-linji gwida integrati. L-Istati Membri ġew

(7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għall-iżgurar ta' stabbiltà finanzjarja, konsolidazzjoni fiskali u azzjoni biex jitravwem it-tkabbir. Huwa enfażizza l-ħtieġa li tingħata prijorità lill-konsolidazzjoni fiskali li tkun favorevoli għat-tkabbir, biex jitreggħu lura l-kundizzjonijiet normali ta' self lill-ekonomija, għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività, għall-indirizzar tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għall-linji politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽⁴⁾ ĠU C 209, 15.7.2011, p. 1.

- (8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin sabiex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.
- (9) Fit-30 ta' April 2012, il-Belġju ressaq il-Programm ta' Stabbiltà tiegħu li jkopri l-perijodu 2012-2015 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tiegħu għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll jekk il-Belġju hux milqut minn żbilanċi makroekonomiċi. Dan sar permezz ta' analiżi fid-dettall f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Il-Kummissjoni kkonkludiet fl-analiżi fil-fond tagħha li l-Belġju qed jesperjenza żbilanċ estern, għalkemm mhux wieħed eċċessiv.
- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji f'dak il-Programm huwa plawżibbli għas-snin 2012 u 2013 u ottimist għas-snin 2014 u 2015 peress li jipprevedi tkabbir tal-PDG li jkun sostanzjalment oġhla minn l-aħħar stimuli ta' tkabbir potenzjali kif jidher mit-tbassir tar-rebbiegħa tal-2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni. L-għan tal-istrateġija tal-baġit deskritta fil-Programm ta' Stabbiltà hija biex id-defiċit jitniżżel taħt it-3 % tal-PDG fl-2012 (sa 2,8 % tal-PDG, minn 3,7 % tal-PDG fl-2011) u għal zero fl-2015. Il-programm jikkonferma l-għan baġitarju għall-medda taż-żmien medja (MTO) ta' bilanċ favorevoli ta' 0,5 % tal-PDG f'termini strutturali, li jirrifletti adegwament ir-reqwiziti tal-Patt tal-Istabbiltà u t-Tkabbir. Id-defiċit nominali ppjanat tal-2012 jikkonforma mal-iskadenza stabbilita mill-Kunsill għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv u l-isforz fiskali huwa konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv ta' sforz annwali minimu ta' ¾ % tal-PDG f'termini strutturali. Ir-rata tat-tkabbir ipplanata tal-infiq tal-gvern, b'kunsiderazzjoni ta' miżuri tad-dħul diskrezzjonali, hija konformi mal-punt ta' riferiment tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fil-perijodu 2013-2015, iżda mhux fl-2012. Abbażi tal-bilanċ strutturali tal-baġit (rikalkulat)⁽¹⁾, il-Programm ta' Stabbiltà jipprojetta li l-bilanċ strutturali jitjeb b'1,1 punti perċentwali tal-PDG fl-2012 u b'madwar 0,8 % tal-PDG bħala medja matul il-perijodu 2013-2015.
- (1) Bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tat-tagħrif ipprovdut f'dan il-programm, permezz tal-użu tal-metodoloġija komunament maqbulha.
- Madankollu, hemm riskji li joħorġu mill-fatt li l-miżuri addizzjonali li għandhom jittieħdu mill-2013 'l quddiem għandhom ma ġewx speċifikati u li x-xenarju makroekonomiku mill-2014 'il quddiem huwa wisq ottimist. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, d-dejn tal-gvern, li fil-livell ta' 98,0 % tal-PDG fl-2011 huwa ferm oġhla mil-limitu ta' 60 %, huwa mistenni li jstabbilizza u mbagħad li jonqos għal 92,3 % fl-2015, li jimplika li jkun sar progress suffiċjenti biex jintlaħaq il-punt ta' riferiment għat-tnaqqis tad-dejn kif stabbilit fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- Barra minn hekk, ir-responsabbiltajiet impliċiti li jirriżultaw mill-garanziji mogħtija lis-settur finanzjarju huma partikolarment kbar. Il-qafas multiannwali għall-amministrazzjoni pubblika bbażat fuq regoli, partikolarment fir-rigward tal-infiq, jibbenefika minn mekkaniżmi ta' infurzar u/jew ta' impenji mir-reġjuni u l-komunitajiet tal-Belġju, kif ukoll mil-livell lokali, sabiex dawn jilhqqu l-miri tad-defiċit allokati tagħhom.
- (11) Il-kosti assoċjati max-xjuħija għandhom jiġu indirizzati u għandu jinkiseb tnaqqis strutturat fid-defiċit biex jitnaqqas id-dejn pubbliku għoli. F'Diċembru 2011 il-gvern federali l-ġdid qabel dwar riforma tas-sistema tas-sigurtà soċjali Belġjana għall-anzjani. Issa meħtieġa l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ b'mod effettiv tar-riformi staturorji inizjali, bil-għan li tizzied l-età effettiva tal-irtirar. Huwa kruċjali li r-riforma tas-sigurtà soċjali għax-xjuħija tintrifed b'miżuri li jstimulaw xjuħija attiva u ħajja tax-xogħol itwal, filwaqt li aktar riformi, bħal pereżempju r-rabta bejn l-età staturorja tal-irtirar mal-istennija tal-għomor, jgħinu wkoll biex jinkiseb dan il-għan.
- (12) Is-sistema finanzjarja Belġjana għadha qed tħabbatha ma' sfidi konsiderevoli. Ir-ristrutturar tal-banek Belġjani għadu għaddej, u l-għajjuna mill-Istat mogħtija fl-2008/2009 bħala reazzjoni għall-kriżi finanzjarja għadha ma ġietx rimborżata kompletament. Barra minn hekk, minħabba l-livell għoli ta' garanziji, ir-riskji li qed jiffaċċjaw is-settur bankarju u ta' dak pubbliku huma relatati bejniethom.
- (13) Is-sitwazzjoni tal-kont kurrenti qiegħda ftit ftit tiddeterjora maż-żmien. It-titjib tal-bilanċ tas-servizzi ma jikkompensax għad-deterjorazzjoni fil-bilanċ kummerċjali għall-oġġetti. L-esportazzjoni mill-Belġju tal-prodotti ddgħajfet mhux biss f'relazzjoni mal-espansjoni fil-kummerċ dinji, iżda wkoll fir-rigward ta' Stati Membri oħra taż-żona tal-euro u mal-medja taż-żona tal-euro, ħaġa li tagħti ħjiel ta' żviluppi negattivi fejn jidħlu l-kosti domestiċi għal kull unità lavorattiva meta mqabbla mal-imsieħba kummerċjali ewlenin tal-Belġju (il-Pajjiżi l-Baxxi, Franza, il-Ġermanja) u maż-żona tal-euro fit-totalita tagħha. Minħabba l-eżistenza ta' sistema awtomatika ta' indiċjar tal-pagi, l-isforzi tal-Gvern biex jillimita ż-żidiet reali fil-pagi għal mhux aktar minn 0,3 % fil-perijodu

- 2011-2012 setgħu ma waqqfux it-tkabbir nominali fil-pagi li jkun ogħla minn dak tal-pajjiżi ġirien. Għalkemm il-livelli tal-produttività huma għoljin, it-tkabbir tal-Belġju huwa dgħajef u anki l-ispejjeż ta' fatturi intermedjarji, l-aktar fosthom l-enerġija, huma għolja. Il-prezzijiet għall-bejgħ bl-imnut tal-gass u l-elettriku ġew iffriżati sabiex titrażżan l-inflazzjoni, iżda ma ttieħdu l-ebda miżuri konkreti rigward ir-riforma tas-sistema nfisha ta' negozjar tal-pagi u tal-indiċjar tal-pagi. L-intensità tar-Riċerka u l-Iżvilupp (R&Ż) tas-settur privat staġnat fis-snin riċenti u n-nuqqas ta' professjonisti kwalifikati, partikolarment fix-xjenzi u fl-inġinerija, jista' jsir ostakolu ewlieni fejn jidħlu l-kundizzjonijiet għal aktar titjibi tal-prestazzjoni tal-ekonomija Belġjana fejn tidħol l-innovazzjoni.
- (14) Ittieħdu xi miżuri strutturali biex tingħata spinta lill-impjegi ta' ħaddiema iżgħar u dawk aktar mdaħħla fiż-żmien u biex jiddaħħlu aktar qiegħda fid-dinja tax-xogħol. Il-Belġju kien involut friforma wiesgħa tas-sistema tagħha ta' benefiċċju għall-qgħad. Madankollu għad hemm problemi strutturali fis-suq tax-xogħol u jista' jsir iktar sabiex dawn jingħelbu. Iż-żieda fir-rata ta' parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja, u t-tkomplija tar-riformi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) huma kruċjali biex tittejjeb l-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMP), b'mod partikolari għal ħaddiema akbar fl-età u għal gruppi żvantaġġati, bħal ma huma persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Ma sar l-ebda progress sinifikanti dwar it-tnaqqis tal-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol. F'Ġunju 2011 iddaħħal kreditu ġdid tat-taxxa għall-pagi l-aktar baxxi iżda ma kienx biżżejjed biex itaffi s-sitwazzjoni ta' gruppi sinifikanti maqbuda fil-qgħad fil-parti ta' isfel tal-iskala tal-pagi. Ma sar l-ebda sforz biex il-piż tat-taxxi jthaffef minn fuq ix-xogħol u jinxteħet aktar għal fuq il-konsum u/jew it-taxxi ambjentali.
- (15) Il-prezzijiet għal ħafna oġġetti u servizzi huma ġeneralment ogħla minn Stati Membri oħra, u jirriflettu pressjonijiet kompetittivi dgħajfa — speċjalment fis-settur tal-konsumaturi u l-industriji li jużaw netwerk — u qafas superviżorju dgħajef. Fis-settur tal-bejgħ bl-imnut, ix-xkiel u r-restrizzjonijiet operattivi għadhom għoljin. Partikolarment, ir-regolamenti dwar ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni għadhom jirrestrinġu l-ħinjiet tal-ftuħ, jipproteġu lil dawk stabbiliti minn dħul ġdid u jipprojbixxu t-tixrid ta' mudelli ta' negozju u ta' teknoloġiji ġodda. Problema komuni tal-kompetizzjoni fis-setturi li jużaw netwerk fil-Belġju hija l-pożizzjoni qawwija tal-kumpaniji stabbiliti u x-xkiel kbir għad-dħul meta mqabbla ma' Stati Membri oħrajn, li jfisser li min qabel kellu monopolju f'dawn is-setturi għadu jista' jitlob prezzijiet ogħla milli ikun possibbli fsuq kompetittiv. L-awtorità tal-kompetizzjoni Belġjana qed tiġi riformata iżda għadu mhux ċar jekk l-awtorità riformata hix se tkun indipendenti biżżejjed u jekk hux se jkollha riżorsi adegwati.
- (16) Filwaqt li l-Belġju jnsab miexi fit-triq it-tajba sabiex jilħaq il-mira li jiżdied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fl-ekonomija, il-progress lejn il-kisba tal-mira ta' tnaqqis ta' 15 % għall-gass b'effett ta' serra fis-setturi li mhumiex fi ħdan l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) ⁽¹⁾ huwa mbassar li jibqa' insuffiċjenti. Il-Belġju ma adottax miżuri jew inizjattivi ta' politika biżżejjed fl-2011 biex jindirizza din is-sitwazzjoni.
- (17) Il-Belġju daħal għal għadd ta' impenji skont il-Patt Euro Plus. Dawn l-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, jikkonċernaw titjib fil-kompetittività, titjib fir-rata tal-impjegi, tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, u tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja. Il-Kummissjoni evalwat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus. Ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni ġew ikkunsidrati fir-rakkomandazzjonijiet.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Belġju. Hija vvalutat kemm il-Programm ta' Stabbiltà kif ukoll il-Programm Nazzjonali ta' Riforma, u ppreżentat analiżi fid-dettall. Hija mhux biss qieset ir-relevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Belġju, iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċizzjonijiet nazzjonali tal-ġejjieni. Ir-rakkomandazzjoni tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (7) aktar 'l isfel.
- (19) Fid-dawl ta' din l-evalwazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-Belġju, u l-opinjoni tiegħu ⁽²⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (20) Fid-dawl tar-riżultati tal-analiżi fid-dettall tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-Belġju u l-Programm ta' Stabbiltà tal-Belġju. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessa fir-rakkomandazzjonijiet (1), (4), (5) u (6) aktar 'l isfel,

⁽¹⁾ Fil-Belġju 37,9 % biss tal-emissjonijiet ġejjin minn setturi inklużi fl-iskema tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-UE (ETS). Minn fost l-aktar setturi importanti mhux tal-ETS, it-trasport fuq it-triq (21,5 %) u l-użu tal-enerġija (38,9 %) huma l-aktar sorsi importanti ta' emissjonijiet tal-gass b'effett serra fil-pajjiż.

⁽²⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

JIRRAKKOMANDA li l-Belġju jieħu azzjoni matul il-perijodu 2012-2013 sabiex:

1. Jimplimenta l-baġit għas-sena 2012 biex jiġi żgurat li d-defiċit eċċessiv jissewwa sal-2012. Barra minn hekk, jispeċifika l-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-istrateġija baġitarja għas-sena 2013 u lil hinn, u b'hekk jiżgura li d-defiċit eċċessiv jiġi korrett b'mod dewwiemi u li jsir progress suffiċjenti lejn il-MTO, inkluż li jilħaq il-punt ta' riferiment fejn tidħol in-nefqa, u jiżgura li jsir progress lejn konformita mal-punt ta' riferiment tat-tnaqqis tad-dejn. Jaġġusta l-qafas fiskali biex jiġi żgurat li l-miri baġitarji jkunu vinkolanti fuq livelli federali u sottofederali, u jżid it-trasparenza tal-qsim tal-piżijiet u tal-kontabilità madwar is-saffi ta' amministrazzjoni tal-gvern.
2. Ikompli jtejjeb is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi billi jrażżan l-infiq relatat mal-età, inkluż l-ispiża għas-saħħa. B'mod partikolari, jimplimenta r-riforma tal-iskemi ta' qabel l-irtirar u dawk tal-pensjonijiet u jieħu aktar passi biex jiżgura li tiżdied l-età effettiva tal-irtirar, inkluż permezz ta' rabta bejn l-età statutorja tal-irtirar u l-istennija tal-għomor.
3. Jistimola ż-żieda fil-kapital tal-aktar banek dgħajfa biex tintrifed is-saħħa tas-settur bankarju sabiex ikun jista' jaqdi r-rwol normali tiegħu li jislef lill-ekonomija.
4. Biex jagħti spinta lill-ħolqien tal-impjiegi u lill-kompetittività, jieħu passi għar-riforma, f'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali u bi qbil mal-prattika nazzjonali, is-sistema ta' negozjar tal-pagi u dik tal-indiċjar u tal-pagi. Bħala l-ewwel pass, jiżgura li t-tkabbir fil-pagi jkun jirrifletti aħjar l-iżviluppi fil-produttività tax-xogħol u fil-kompetittività, billi (i) jiżgura l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' korrezzjoni *ex post* previsti fin-'norma tal-pagi' u l-promozzjoni ta' ftehimiet li jinkludu kollox biex itejjeb il-kost-kompetittività u (ii) jiffaċilita l-użu ta' klawżoli opt-out minn ftehimiet kollettivi settorjali biex l-iżviluppi fit-tkabbir tal-pagi u fil-produttività tax-xogħol jiġu allineati aħjar fil-livell lokali.
5. Jittrasferixxi b'mod sinifikanti t-taxxi minn fuq ix-xogħol lejn taxxi li jagħmlu anqas ħsara lit-tkabbir, pereżempju bl-inklużjoni ta' taxxi ambjentali. Ikompli r-riforma li nbdiet tas-sistema tal-benefiċċji għall-qgħad biex jitnaqqsu d-dizincitivi għax-xogħol u tissaħħaħ l-enfasi tal-appoġġ għall-impjiegi u l-politiki ta' attivazzjoni fost il-ħaddiema aktar anzjani fl-età u gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Jieħu vantaġġ mir-reġjonalizzazzjoni ulterjuri li hemm ipplanata fil-kompetenzi dwar is-suq tax-xogħol biex tingħata spinta lill-mobilità interreġjonali tal-ħaddiema u sabiex tissaħħaħ il-koerenza bejn l-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja, it-taħriġ vokazzjonali u l-politiki dwar l-impjiegi. Jestendi l-isforzi eżistenti ta' attivazzjoni fost il-gruppi tal-etajiet kollha.
6. Ikompli jsaħħaħ il-kompetizzjoni fis-settur tal-bejgħ bl-innut billi jnaqqas l-ostakoli u jnaqqas ir-restrizzjonijiet operattivi. Jintroduċi miżuri għat-tisħiħ tal-kompetizzjoni fl-industriji tan-netwerks permezz ta' revizzjoni tal-ostakoli regolatorji u t-tisħiħ tal-arranġamenti istituzzjonali għall-infurzar effettiv tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-istat.
7. Jieħu aktar miżuri biex isaħħaħ il-progress biex jintlaħqu l-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra minn attivitajiet li mhumiex fl-ETS, partikolarment billi jiġi żgurat kontribut sinifikanti lejn dan il-għan mis-settur tat-trasport.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 tal-Bulgarija u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Bulgarija, 2012-2015

(2012/C 219/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi varata strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa ta' politika ekonomika, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hija mehtëġa azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għal-linji politiċi dwar l-ekonomija tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-linji ta' politika nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.

(3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-

Bulgarija għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Bulgarija għall-perjodu bejn l-2011 u l-2014.

(4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' linji politiċi, li huwa msejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, fejn identifikat lill-Bulgarija bħala wieħed mill-Istati Membri li fil-konfront tagħhom issir revizzjoni fil-fond.

(5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu tal-politika tal-Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

(6) Il-Parlament Ewropew kien debitament involut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istharrġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istharrġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li trawwem it-tkabbir (f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2011 u b'żieda mal-Istharrġ Annwali tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir 2012). Huwa enfasizza l-hteġa li ssir konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tkun favorevoli għat-tkabbir, biex jiġu rkuprati l-kondizzjonijiet normali ta' self lill-ekonomija, għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività, għall-indirizzar tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika.

(8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipanti fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽⁴⁾ ĠU C 209, 15.7.2011, p. 5.

- (9) Fit-12 ta' April 2012, il-Bulgarija ressqet il-Programm ta' Konverġenza tagħha li jkopri l-perijodu bejn l-2012 u l-2015 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll, permezz ta' reviżjoni fil-fond taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, jekk il-Bulgarija hijiex milquta minn żbilanċi makroekonomiċi. Il-Kummissjoni kkonkludiet fir-reviżjoni fil-fond tagħha li l-Bulgarija għandha żbilanċ makroekonomiku intern, għalkemm mhux wieħed eċċessiv.
- (10) Skont l-ewwel notifika li bagħtet il-Bulgarija fl-2012 rigward iċ-ċifri tad-defiċit u tad-dejn għas-snin bejn l-2008 u l-2011 għall-applikazzjoni tal-proċedura dwar żbilanċ eċċessiv (il-PŻE), fl-2011 id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika kien taħt it-3 % tal-valur referenzjali tal-PDG li jagħti t-Trattat. Barra minn hekk, it-tbassir li l-Kummissjoni għamlet fir-Rebbiegħa 2012 jipprevedi li d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika se jibqa' taħt il-valur referenzjarju tat-Trattat u li se jibqa' jiċkien matul il-perijodu mbassar. Kaġun ta' dan, u skont id-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, fit-30 ta' Mejju 2012 il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill li tirrevoka d-deċiżjoni⁽¹⁾ dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv skont l-Artikolu 126(12) tat-Trattat.
- (11) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza tal-2012 skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-fehma li b'paragun mal-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2012, ix-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Konverġenza huwa ottimist għall-perijodu 2012-2013. F'dak il-perijodu, it-tkabbir annwali huwa mistenni jilħaq il-1,4 % fl-2012 u t-2,5 % fl-2013. Il-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2012 tippredvi tkabbir ta' 0,5 % fil-PDG fl-2012 u ta' 1,9 % fl-2013. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fl-2011, l-oġettiv tal-istrateġija baġetarja li huwa deskritt fil-programm huwa li sa tmiem il-perijodu tal-programm il-pajjiż jasal għal pożizzjoni baġetarja li tkun qrib il-bilanċ, f'termini kemm tal-bilanċ tal-baġit strutturali kif ukoll nominali. L-oġettiv baġitarju tat-terminu medju (OTM), kif definit f'termini strutturali, ġie rivedut b'mod marġinali minn defiċit ta' 0,6 % tal-PDG għal defiċit ta' 0,5 % tal-PDG. L-OTM il-ġdid jirrifletti b'mod adegwat ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fuq il-bażi tal-bilanċ baġitarju strutturali (rikalkulat)⁽²⁾, il-Bulgarija tippjana li tilħaq l-OTM tagħha matul il-perijodu tal-Programm ta' Konverġenza.

Fil-perijodu bejn l-2012 u l-2014, ir-rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-gvern, meta wieħed iqis il-miżuri diskrezzjonali b'rabta mad-dħul, tkun tirrispetta l-valur referenzjarju li jagħti l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fir-rigward tan-nefqa, iżda ma jikkonformax miegħu fl-2015. Il-konsolidazzjoni fiskali pplanata tiffaċċa għadd ta' riskji minħabba (i) inqas

dħul fl-isfond tax-xenarju makroekonomiku ottimist kif ukoll tal-istruttura sottostanti għat-tkabbir ekonomiku li qed tiġġenera inqas dħul mit-taxxi u (ii) l-inefficijenzi fis-settur pubbliku, partikolarment fir-rigward tal-arretrati fis-servizzi tas-saħħa, li jistgħu jwasslu għal pressjonijiet konsiderevoli fuq in-nefqa. Il-proporzjon tad-dejn huwa taħt is-60 % tal-PDG u, skont il-Programm ta' Konverġenza, huwa mistenni jilħaq l-ogħla punt ta' kważi 20 % tal-PDG fl-2012, u mbagħad jiċkien matul il-perijodu tal-programm. Hemm spazju konsiderevoli għal titjib fl-infurzar tat-taxxa u jekk isir titjib f'dan il-qasam il-Bulgarija tkun tiffaħ tagħti aktar sostenn għal infiq li jixpruna t-tkabbir. Ġie adottat rekwiżit li d-defiċit tal-baġit jinżamm taħt it-2 % u li n-nefqa tal-gvern ma taqbix l-40 % tal-PDG fil-forma ta' modifika għal-Liġi Baġitarja Organika, u b'hekk issaħħet in-natura vinkolanti tal-qafas fiskali u tjebet il-prevedibbiltà tal-ippjanar baġitarju. Madanakollu, għad baqa' diversi sfidi fir-rigward tat-titjib ulterjuri tal-kontenuti tal-qafas baġitarju fuq terminu medju u t-tisħiħ tar-rappurtar fuq il-bażi tad-dovuti anke permezz tat-titjib tal-kwalità u l-puntwalità tar-rappurtar minn intrapriżi li huma proprjetà tal-Istat u gvernijiet subnazzjonali.

- (12) Il-Gvern għamel progress konsiderevoli fir-rigward ta' xi wħud mill-miżuri għar-riforma tal-pensjonijiet inklużi dawk dwar l-età tal-pensjoni kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa u dwar it-tul tas-servizz għall-impjegati tall-armata u tas-settur tal-pulizija. Madanakollu, għad hemm l-isfida importanti li jiġu indirizzati, fuq medda medja ta' żmien, in-nuqqasijiet fl-adeqgatezza tal-għoti tal-pensjonijiet. Il-bidliet ma jipprevedux passi biex l-età statutarja tal-irtirar issir l-istess għall-irġiel u għan-nisa. Lanqas ma jnaqqsu b'mod effikaċi l-possibbiltajiet tal-impjegati biex jirtiraw kmieni. Sfida ewlenija tibqa' l-inklużjoni ta' dawk li ma jħallsux kontribuzzjonijiet, kif ukoll l-issikkar tal-kontrolli u tal-kriterji għall-allokkazzjoni tal-pensjonijiet tal-invalidità.
- (13) Il-Bulgarija għandha l-ogħla rata fl-Unjoni ta' nies li jinsabu fir-riskju ta' privazzjoni materjali serja, u l-aktar li huma milqutin huma x-xjuħ u t-tfal. Jeħtieġ li jittieħdu miżuri komprensivi. Il-prijorità għandha tingħata lill-ħidma biex it-trasferimenti soċjali jsiru aktar effettivi. Mir-Roma kollha li huma attivi ekonomikament, nofshom biss għandhom xogħol. L-Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma, li ġiet adottata dan l-aħħar, għandha l-għan li tkisser diversi barrieri iżda biex tkun tista' titħaddem fil-perijodu bejn l-2012 u l-2020 għad trid tiġi sostnuta minn pjan iddetaljat ta' azzjoni.
- (14) Il-kriżi kellha impatt partikolarment qawwi fuq il-ħaddiema bi ffit kompetenzi (li jirrappreżentaw l-akbar grupp fost dawk qiegħda) u għolliet b'mod sinifikanti l-qgħad fost iż-żgħażaġħ. Barra minn hekk, mill-2009 l-hawn, iż-żieda fil-qgħad fit-tul kienet sinifikattivament iktar mgħaġġla minn dik tal-bqija tal-Unjoni u dan jirrifletti prinċipalment żieda fin-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet u tal-ġeografija, minħabba li t-tnaqqis tal-postijiet tax-xogħol kien ikkonċentrat fis-segment ta' dawk bi ffit kompetenzi. Jeħtieġ li ssir reviżjoni tas-sistema li tiffissal-livelli minimi għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, sabiex jitnaqqas ix-xogħol bla ktieb u jiġi żgurat

(1) Bħala riżultat, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/370/UE ġiet adottata fit-22 ta' Ġunju 2012 (ĠU L 179, 11.7.2012, p. 19).

(2) Bilanċ nett ta' miżuri ta' darba u temporanji aġġustat fuq bażi ċiklika, rikalkulat mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Programm, permezz ta' metodoloġija komunement miftiehma.

li dawk bi ftit kompetenzi ma jiġux esklużi mis-suq tax-xogħol. Il-miżuri li ħa l-Gvern biex jiffriża n-nefqa tal-paġi tas-settur pubbliku għall-perijodu bejn l-2010 u l-2012 kienu rispons rilevanti u adegwat, li jikkontribwixxu wkoll biex l-ispejjeż tax-xogħol jinġiebu eqreb lejn il-livelli tal-produttività. Ġiet varata inizjattiva nazzjonalibixx l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol tiġi indirizzata b'mod komprensiv. Is-servizzi pubbliċi tax-xogħol għad għandhom kwalità pjuttost baxxa u jeħtieġ li t-taħriġ tal-membri tal-persunal jiġi intensifikat, b'mod partikolari fir-rigward tal-"medjaturi tar-Roma". Jeħtieġ li jittieħdu miżuri oħrajn sabiex jitjiebu s-servizzi li għandhom x'jaqsmu mal-attivazzjoni, mat-ftittix għax-xogħol, mat-tlaqqiġ, mat-taħriġ mill-ġdid u mas-servizzi individwalizzati għal dawk li għandhom ftit kompetenzi.

- (15) Il-Bulgarija għandha l-ogħla proporzjon fl-Unjoni ta' studenti b'kapaċità baxxa għall-qari u għall-matematika u x-xjenza (skont il-Programm għall-Evalwazzjoni Internazzjonali ta' Studenti tal-OECD ("PISA") 2009), u dan jindika l-eżistenza ta' xkiel strutturali konsiderevoli għall-iżgurur ta' edukazzjoni ta' kwalità. Ir-riżultati edukattivi baxxi huma marbutin mal-livelli baxxi ta' aċċess għall-edukazzjoni li għandhom il-gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari l-popolazzjoni tar-Roma, mal-fatt li l-iskejjel m'għandhomx biżżejjed awtonomija, man-nuqqas ta' inċentivi biex l-individwu jikseb riżultati aqwa, mal-inadegwatezza tas-sistema nazzjonali tal-valutazzjoni, u mal-fatt li mhemmx biżżejjed responsabbilizzazzjoni. Fl-edukazzjoni superjuri, il-progress għadu limitat ħafna, anki jekk dan l-aħħar saru xi sforzi li jippromettu. Jeħtieġ li l-modifiki li huma pjanati għal-Att dwar l-Edukazzjoni Superjuri jiġu implimentati bħala prijorità ewlenija għat-tkabbir ekonomiku u li magħhom ikun hemm ukoll governanza adegwata, investment u determinazzjoni politika.
- (16) Il-Bulgarija għandha livell baxx ta' investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I). Jeħtieġ li jiżdied l-investment fir-R&I sabiex tintlaħaq il-mira nazzjonali ta' 1,5 % tal-PDG sal-2020 u għandha tiġi elaborata strateġija adegwata għall-innovazzjoni. L-amministrazzjoni tar-riċerka u tal-innovazzjoni fil-Bulgarija hija fframmentata. Jeħtieġ li l-Bulgarija ssaħħaħ lill-universitajiet tagħha u tiżviluppa strateġija sabiex tinvolvi lill-istituzzjonijiet edukattivi superjuri fattivitajiet favur l-innovazzjoni. Għad iridu jiġu żviluppati oqfsa li jinkoraġġixxu l-kollaborazzjoni bejn l-universitajiet u s-settur privat, u jeħtieġ li l-finanzjament jiġi allokat b'manjera kompetittiva, imsejsa fuq il-merti u trasparenti. Għad hemm xi ostakoli għall-kumpanniji li għandhom jibdew u għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) innovattivi li qegħdin ifittxu finanzjament. L-istrumenti u l-garanziji finanzjarji pubbliċi għall-impriżi ġodda u innovattivi qegħdin fi stadju bikri ta' implimentazzjoni u wieħed għad irid jara l-effett tagħhom.
- (17) Attwalment, il-kapaċità amministrattiva tal-Bulgarija mhijiex biżżejjed biex jiġu ġestiti u mantnuti adegwatament proġetti infrastrutturali tat-toroq, tal-ferrovija u tal-ilm. Ir-riforma amministrattiva ffukat l-aktar fuq it-tnaqqis tal-persunal tas-settur pubbliku, u saru biss tentattivi limitati biex jitwarrbu għejun oħrajn ta' ineffiċjenza. L-użu ta' fondi tal-UE għadu baxx minkejja li fl-aħħar sentejn sar progress konsistenti. Ir-raġunijiet ewlenin huma l-eżistenza ta' proċeduri amministrattivi kkomplicati u d-diffikultà li jsibu l-impriżi biex jiksibu l-kofinanzjament. Għad fadal ukoll sfidi sinifikanti għal dak li għandu x'jaqsmu ma' aktar titjib tal-ambjent tan-negozju u ta' dak regolatorju u mat-twettiq ta' progress fil-ħidma biex tiżdied il-kapaċità amministrattiva tas-settur pubbliku. L-implimentazzjoni tal-gvern elettroniku ġiet ittardjata għal diversi drabi. Is-sistema tat-taxxi fil-Bulgarija hija kkaratterizzata minn evażjoni sinifikanti tat-taxxa u minn effiċjenza amministrattiva baxxa. Il-kost amministrattiv għall-ġbir tat-taxxa huwa kbir, kif huwa kbir il-kost f'termini ta' ħin li jiffaċċjaw in-negozji biex iħallu t-taxxi.
- (18) Il-leġislazzjoni l-ġdida dwar l-akkwist pubbliku hija pass importanti 'l quddiem lejn sistema aħjar għall-moniterraġġ, il-prevenzjoni u s-sanzjonament tal-irregolaritajiet. Jeħtieġ li dawn l-isforzi jiġu sostnuti minn żewġ aspetti: (i) jeħtieġ li s-sanzjonijiet previsti jiġu applikati b'mod effettiv u (ii) jeħtieġ li jingħataw setgħat ex officio lill-Aġenzija tal-Akkwist Pubbliku.
- (19) Minkejja li ngħata bidu għal riformi, il-Bulgarija għad għandha xi restrizzjonijiet għad-dħul f'setturi ta' netwerks bħat-trasport bil-ferrovija, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija. Il-funzjonament tas-swieq tal-enerġija, kemm tal-operaturi kif ukoll tal-konsumaturi, għadu problematiku. Fost l-oqfsa li jqajmu tħassib partikolari u li jeħtieġu titjib hemm in-nuqqas ta' skambji tal-elettriku u tal-gass u ta' suq kumpensatorju li jiffunzjona, kif ukoll in-nuqqas ta' regolamentazzjoni tal-prezzijiet għall-konsumaturi. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-Bulgarija tiggarrantixxi l-indipendenza regolatorja għas-sistema tat-trażmissjoni. Il-Bulgarija hija dipendenti bil-kbir fuq rotta waħda tal-enerġija u s-suq somestiku tagħha għall-enerġija ma jiffunzjonax sew. Dan jesponi lill-pajjiż għal riskji ta' xokkijiet sinifikanti fil-provvista. Jeħtieġ li l-miżuri li jeżistu biex jindirizzaw il-kwistjoni tad-dipendenza għall-enerġija jitjiebu. S'issa, il-bini ta' infrastruttura ġdida għall-gass imxiet b'pass kajman wisq. Għalkemm ġew adottati formalment xi riformi mixtiqin u l-proporzjon ta' enerġija rinnovabbli żdied fl-2011, l-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi għadha mhix sodisfaċenti minħabba s-sistema tal-akkwist, minħabba li l-linji politiċi pubbliċi huma ostaġġi tal-interessi privati u minħabba l-ġestjoni ħażina tal-kumpanniji tal-enerġija li huma fidejn l-Istat.
- (20) Il-Bulgarija daħlet għal għadd ta' impenji fil-patt Euro Plus. Dawn l-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, jikkonċernaw it-titjib tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, l-inkoraġġiment tal-ħolqien tax-xogħol, l-għoti ta' spinta lill-kompetittività tas-settur pubbliku u r-rinfurzar tal-istabbiltà finanzjarja. Il-Kummissjoni evalwat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-patt Euro Plus. Ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni ġew ikkunsidrati fir-rakkomandazzjonijiet.

- (21) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-linja politika tal-Bulgarija dwar l-ekonomija. Hija vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma, u ppreżentat reviżjoni fil-fond. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom biex fil-Bulgarija jkun hemm linja politika fiskali u soċjo-ekonomika sostenibbli, imma wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjoni tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (7) aktar 'l isfel.
- (22) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,
- (23) Fid-dawl tar-reviżjoni fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Riforma Nazzjonali u l-Programm ta' Konverġenza. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet (3) u (5) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Bulgarija tieħu azzjoni fil-perijodu 2012-2013 sabiex:

1. Tkompli b'linji politiki fiskali sodi bil-għan li tilħaq l-OTM sal-2012. Għal dan il-fini, timplimenta l-istrateġija baġetarja kif maħsub, b'mod li tiżgura konformità mal-valur referenzjarju tan-nefqa, u tkun għal-lest biex tieħu miżuri addizzjonali f'każ li jseħħu r-riskji li jeżistu għax-xenarju baġitarju. Issaħħaħ l-isforzi biex titjieb il-kwalità tal-infiq pubbliku, partikolarment fl-oqsma tal-edukazzjoni u tas-saħħa, u timplimenta strateġija komprensiva biex jiġu rrispettati l-obbligi tal-ħlas tat-taxxa sabiex ikompli jżied id-dħul mit-taxxi, u tindirizza l-ekonomija moħbija. Tkompli ttejjeb il-kontenuti tal-qafas baġitarju ta' terminu medju u l-kwalità tas-sistema tar-rappurtar.
2. Tieħu passi ulterjuri biex tnaqqas ir-riskji li jeżistu għas-sostenibbiltà u biex ittejjeb l-adegwatezza tas-sistema tal-pensjonijiet billi l-età statutarja tal-irtirar tagħmilha indaq għall-irġiel u għan-nisa li ħallsu l-kontribuzzjonijiet matul il-karriera kollha tagħhom. Tintroduċi kriterji u kontrolli aktar stretti għall-allokazzjoni tal-pensjonijiet tal-invalidità.
3. Taċċelera l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva tax-Xogħol għaż-Żgħażaġħ nazzjonali. Tiżgura li l-livelli minimi għall-kontri-

buzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ma jiskoraġġixxux ix-xogħol iddikjarat. Tikkonsolida l-isforzi biex is-servizzi pubbliċi tax-xogħol jagħtu riżultati aħjar. Bil-għan li tittaffa l-problema tal-faqar, ittejjeb l-effettività tat-trasferimenti soċjali u l-aċċess għal servizzi soċjali ta' kwalità għat-tfal u għax-xjuħ u timplimenta l-Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma.

4. Taċċelera ir-ritmu tar-riforma tal-atti legali rilevanti dwar l-iskejjel u dwar l-edukazzjoni superjuri u tal-miżuri li jmorru magħhom billi tiffoka fuq il-modernizzazzjoni tal-kurrikuli, ittejjeb it-taħriġ tal-għalliema u tiżgura, għall-gruppi żvantaġġati, aċċess effettiv għall-edukazzjoni. Ittejjeb l-aċċess tal-impriżi li għadhom jibdew u tal-impriżi żgħar u medji, b'mod partikolari dawk involuti f'attivitajiet innovattivi, għall-finanzjament.
5. Tintensifika l-isforzi biex titjieb il-kapaċità amministrattiva u r-riformi billi jitnaqqsu l-burokrazija u l-prezz li wieħed irid iħallas biex jirrispetta l-obbligi tat-taxxi u l-kostijiet biex jinġabru, u ttejjeb l-assorbiment tal-fondi tal-UE, b'mod partikolari fit-trasport bit-triq u bil-ferrovija u fil-ġestjoni tal-ilma. Ittejjeb il-kwalità u l-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja u tgħaġġel l-introduzzjoni tal-gvern elettroniku. Issaħħaħ il-kapaċità tal-amministrazzjoni pubblika fl-oqsma ewlenin tat-trasport u fl-awtoritajiet regolatorji.
6. Tiżgura implimentazzjoni tajba tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku. Issaħħaħ il-prevenzjoni tal-irregolaritajiet u tapplika b'mod effettiv is-sanzjonijiet previsti mil-liġi dwar l-akkwist pubbliku u dawk tal-Liġi dwar il-Kunflitt ta' Interess.
7. Tieħu miżuri biex tneħħi l-barrieri fis-swieq, l-arranġamenti ta' qligħ garantit u l-kontrolli tal-prezzijiet. Tiżgura l-indipendenza tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni; tlesti kompletament it-tfassil tas-suq, b'mod partikolari għall-iskambji tal-enerġija u għas-swieq kumpensatorji. Ittejjeb il-komunikazzjonijiet tal-elettriku u tal-gass, tagħti spinta lill-effiċjenza enerġetika u ssaħħaħ il-kapaċità ta' rimedju għall-interruzzjonijiet fis-servizz.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

⁽¹⁾ Taħt l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 ta' Ċipru u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Ċipru, 2012-2015

(2012/C 219/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

fil-linji ta' politika nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi varata strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa ta' politika ekonomika, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hija meħteġa azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għal-linji politiċi dwar l-ekonomija tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati

(3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2011 ta' Ċipru u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat ta' Ċipru għal bejn l-2011 u l-2014 (ir-"Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011").

(4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u ex ante ta' linji politiċi, li huwa msejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, fejn identifika lil Ċipru bħala wieħed mill-Istati Membri li fil-konfront tagħhom issir analiżi fil-fond.

(5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu tal-politika tal-Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

(6) Il-Parlament Ewropew kien debitament involut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjegj fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li trawwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-hteġa li ssir konsolidazzjoni fiskali differenzjata li tkun favorevoli għat-tkabbir, biex jiġu rkuprati l-kundizzjonijiet normali ta' self lill-ekonomija, għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività, għall-indirizzar tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽⁴⁾ ĠU C 210, 16.7.2011, p. 12.

- (8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipanti fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.
- (9) Fis-7 ta' Mejju 2012, Ċipru ressaq il-Programm ta' Stabbiltà tiegħu li jkopri l-perijodu bejn l-2012 u l-2015 u fl-10 ta' Mejju 2012 ressaq il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tiegħu għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivalutati fl-istess waqt. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll, permezz ta' reviżjoni fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, jekk Ċipru huwiex affettwat minn żbilanċi makroekonomiċi. Fir-reviżjoni fil-fond tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li Ċipru għandu żbilanċ intern minħabba s-settur bankarju tiegħu u d-dejn tas-settur korporattiv u għandu żbilanċ estern u intern fuq id-dinamiċi fiskali u l-kompetittività tiegħu, għalkemm mhux eċċessivi.
- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2012 skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill jaħseb li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm jidher ottimistiku fil-perijodu 2012 - 2014. Għalkemm jinkorpora revizjoni¹ li isfel kbira tal-previżjoni għat-tkabbir, ix-xenarju makroekonomiku li fuqu ssejsu l-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà jibqa' soġġett għar-riskji ta' telf ta' valur, marbuta b'mod partikolari mal-evoluzzjoni tad-domanda domestika bejn l-2012 u l-2013. L-oġġettiv tal-istrateġija baġitarja spjegat fil-Programm ta' Stabbiltà huwa li jiġi kkorreġut id-defiċit eċċessiv sal-2012 u li jintlaħaq l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju (OTM) sal-2014, u li jibqa' fl-OTM fl-2015. Il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-OTM preċedenti ta' baġit ibbalanċjat f'termini strutturali, li jirrifletti b'mod adegwat ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-korrezzjoni ppjanata tad-defiċit eċċessiv hija f'konformità mal-iska-denza stabbilita bir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li nħarġet fil-kuntest tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv fit-13 ta' Lulju 2010. Abbażi tal-bilanċ baġitarju strutturali (rikalkolat)⁽¹⁾, l-isforz fiskali annwali medju ppjanat li jkun 1,5 % tal-PDG għall-perijodu 2011-2012 huwa ekwivalenti għall-isforz rakkomandat mill-Kunsill. Il-progress previst lejn l-OTM fl-2013 huwa biżżejjed għaliex huwa oġġla mill-0,5 % tal-valur referenzjarju tal-PDG tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, kemm skont il-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2012 u kemm skont il-Programm ta' Stabbiltà.

Ir-rata ta' tkabbir tan-nefqa tal-gvern, b'kunsiderazzjoni tal-miżuri diskrezzjonali tad-dħul, hija f'konformità mal-valur referenzjarju tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fil-perijodu 2013-2014, iżda mhux fl-2015. Il-miri baġitarji tal-Programm ta' Stabbiltà u l-isforz ipplanat ta' konsolidazzjoni fl-2013, li jserraħ parzjalment fuq miżuri li mhumiex kompletament speċifikati,

(¹) Bilanċ nett ta' miżuri ta' darba u temporanji aġġustat fuq bażi ċiklika, rikalkulat mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Programm, permezz ta' metodoloġija komunement miftiehma.

jiġu magħhom riskji marbuta max-xenarju makroekonomiku li jidher ottimistiku fil-perijodu 2012-2014. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG, li kien jammonta għal 71,6 % fl-2011, se jżied għal 72,1 % fl-2012 sa meta b'mod gradwali jinżel għal 65,4 % fl-2015. F'termini tal-valur referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, Ċipru se jkun f'perijodu tranżizzjonali fis-snin bejn l-2013 u l-2015 u l-pjanijiet li ġew ippreżentati fil-Programm ta' Stabbiltà se jiżguraw biżżejjed progress lejn il-konformità mal-valur referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn. Madankollu, din il-projezzjoni għib magħha riskji marbuta mal-possibbiltà ta' operazzjonijiet ta' salvataġġ ta' korporazzjonijiet finanzjarji.

- (11) Jeħtieġ li jsir titjib konsiderevoli fl-effiċjenza tal-amministrazzjoni tat-taxxa billi l-ispejjeż amministrattivi marbuta mal-għbir tad-dħul f'Ċipru huma ferm għolja. Il-għbir tat-taxxa huwa relattivament baxx. B'mod partikolari, in-nefqa tal-amministrazzjoni tat-taxxa bħala sehem mill-PDG u l-ispejjeż amministrattivi relattivament għall-għbir tad-dħul nett huma għolja u qegħdin dejjem jogħlew. Hemm bżonn ta' miżuri li jiskoraġġixxu x-xogħol informali/mhux dikjarat u li jindirizzaw l-evazzjoni tat-taxxa. Barra minn hekk, għandhom jiġi rinfurzati inizjattivi li jwasslu għal għbir tat-taxxa aktar effiċjenti.
- (12) Minħabba l-espożizzjoni kbira tal-istituzzjonijiet bankarji ta' Ċipru għall-ekonomija Griega, il-prestazzjoni tal-assi, il-profitabbiltà, il-kapital u r-riżervi tal-likwidità tal-banek kienu affettwati ħażin mir-ristrutturazzjoni tad-dejn tal-gvern Grieg, u ż-żieda fis-self mhux produttiv (non-performing loans, NLPs) mogħti lil imsellfin Griegi. L-espożizzjoni totali tas-settur bankarju kkonsolidat ta' Ċipru għall-Greċja hija għolja ferm. Fl-14 ta' Diċembru 2011, il-Parlament ta' Ċipru adotta żewġ liġijiet biex isaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema kontra l-kriżijiet bankarji. Madankollu, il-progress permezz tat-tisħiħ tas-supervizzjoni ta' soċjetajiet kooperattivi ta' kreditu, li għandhom madwar 40 % tad-depożiti domestiċi kollha, sa issa ma kienux sodisfaċenti.
- (13) Ċipru qed iħabbat wiċċu ma' sfidi biex jiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari fil-qasam tal-pensjonijiet. Ċipru implimenta żewġ miżuri strutturali importanti biex jirrifirma s-sistema tal-pensjonijiet tiegħu. Madankollu, għalkemm il-miżuri adottati huma rilevanti u kredibbli, ir-rispons min-naħa ta' Ċipru mhumiex ambizzjuż biżżejjed biex jiżgura s-sostenibbiltà u l-adegwatezza, u biex itejjeb il-ġustizzja tas-sistema fit-tul. Għad hemm bżonn ta' miżuri biex tinżamm l-impjegabbiltà tal-ħaddiema fi ħdan l-impriżi u tiġi sostnuta ż-żieda fl-età effettiva tal-irtirar. F'termini ta' faqar fost l-anzjani, Ċipru indirizza r-riskju għoli ta' faqar tagħhom b'mod parzjali biss. Il-miżuri adottati mhumiex biżżejjed biex tittejjeb l-adegwatezza fil-medda qasira taż-żmien tal-introjtu għall-pensjonanti li huma friskju ta' faqar.

- (14) L-inugwaljanzi u l-ineffċjenzi fis-settur tal-kura tas-saħħa ma ġewx indirizzati b'mod sinifikattiv. Minkejja r-rakkomandazzjoni (3) tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011, sa issa għadha ma ġietx ippreżentata skeda ċara biex titkompla s-Sistema Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa. Dan iġib miegħu riskji għall-kontroll u s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi u għall-kwalità tal-kura tas-saħħa pprovduta.
- (15) Il-Gvern ħa xi passi biex jirrispondi għar-rakkomandazzjoni tal-2011 dwar l-indiċizzar tal-pagi (il-kumpens għall-għoli tal-ħajja – COLA), b'mod partikolari billi ffriża l-pagi għal sentejn fis-settur pubbliku aktar wiesa'. Il-Gvern u s-sħab soċjali qablu wkoll li jibdedw jiddjalogaw bl-għan li jirriveđu s-sistema COLA sal-aħħar ta' Ġunju tal-2012. Għandha ssir riforma komprensiva tas-sistema, b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u f'konformità mal-prattiċi nazzjonali, bil-għan li tissaħħaħ ir-rabta bejn il-pagi reali u l-iżviluppi fil-produttività u biex is-sistema ssir aktar ġusta. Dan mhux biss jappoġġa l-kompetittività ta' Ċipru, iżda jwassal ukoll għall-allokazzjoni aktar effiċjenti tal-ħaddiema. Filwaqt li dawn l-iżviluppi huma l-ewwel passi fid-direzzjoni t-tajba, ir-rilevanza u l-kredibbiltà tagħhom jiddipendu b'mod kruċjali fuq il-livell ta' ambizzjoni u infurzar tar-riżultat finali tad-djalogo soċjali, li għaddej bħalissa, fir-rigward tar-riforma tas-sistema tal-indiċizzar tal-pagi.
- (16) Id-deterjorazzjoni tax-xenarju makroekonomiku laqat ħażin is-suq tax-xogħol ta' Ċipru, żied ir-rata tal-qgħad u kkawża żieda kbira fil-qgħad fost iż-żgħażaġh. Ċipru ħa numri ta' passi pożittivi biex jindirizza din l-isfida. Dawn il-miżuri huma rilevanti iżda mhumiex ambizzjużi biżżejjed, b'mod partikolari fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fejn l-implimentazzjoni għandha ssir aktar malajr. Hemm bżonn ta' aktar sforzi biex tinstab soluzzjoni għall-qgħad fost iż-żgħażaġh kif ukoll biex il-forza tax-xogħol tiġi mħarrġa mill-ġdid u tissaħħaħ fil-ħiliet, sabiex jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet meħtieġa fis-suq tax-xogħol, b'attenzjoni partikolari lejn dawk il-gruppi b'parteċipazzjoni baxxa f'attivitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja bħall-ħaddiema bi f'it ħiliet u dawk ta' età aktar avvanzata.
- (17) Fir-rigward tas-settur tas-servizzi, Ċipru ttraspona d-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern⁽¹⁾ (id-"Direttiva dwar is-servizzi") permezz ta' liġi orizzontali flimkien ma' liġijiet u regolamenti ta' emenda li huma speċifiċi għas-settur. Madankollu, f'ċerti setturi (pereżempju fin-negozju bl-imnut, fit-turiżmu, u fis-servizzi tal-bini) l-adozzjoni ta' leġislazzjoni speċifika għas-settur għadha pendenti. Għalkemm Ċipru qiegħda f'pożizzjoni favorevoli fir-rigward tal-medja tal-UE għar-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali u, mid-90
- professjoni regolati f'Ċipru, erbgħa biss minnhom huma fis-servizzi tan-negozju, hemm għadd żgħir ta' servizzi professjonali regolati fejn għad jeżistu tariffi fissi jew minimi, bħal fil-każ tal-avukati u l-arkitetti.
- (18) Abbażi tal-analiżi tar-reviżjoni fil-fond, jista' jiġi konkluż li Ċipru huwa milqut minn żbilanċi. B'mod partikolari, l-iżviluppi makroekonomiċi fis-settur tal-kontijiet kurrenti, tal-finanzi pubbliċi u tal-finanzi jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib u attenzjoni politika ekonomika urġenti sabiex jevitaw kull effett negattiv fuq il-funzjonament tal-ekonomija u tal-unjoni ekonomika u monetarja. B'mod aktar speċifiku, l-ekonomija Ċiprijotta kellha defiċits persistenti u sostanzjali fil-kontijiet kurrenti, minħabba defiċits fil-volum tal-kummerċ ikkawżati minn telf gradwali fil-kompetittività fir-rigward tal-prezzijiet/kostijiet, żbilanċi fil-finanzi tal-gvern li żviluppaw f'defiċits annwali li komplew jikkawżaw minkejja li l-ekonomija rpiljat mir-riċessjoni, u żiedu d-dejn privat. B'mod partikolari, il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji huma ferm vulnerabbli minħabba d-dejn għoli li għandhom flimkien mal-profitabbiltà baxxa tagħhom, li wasslu għal żieda sinifikanti fis-selb mhux produttiv f'dan is-settur. Barra minn hekk, l-espożizzjoni għolja tas-settur bankarju għall-bonds sovrani Griegi u l-ekonomija Griega hija riskjuża ferm. Addizzjonalment, il-prospetti ta' tkabbir ma tantx huma sbieħ u dan iżomm lura l-eliminazzjoni relattivament bil-mod tal-iżbilanċi.
- (19) Ċipru ħa għadd ta' impenji taħt il-Patt Euro Plus. Dawn l-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, jikkonċernaw it-titjib fil-kompetittività, it-titjib tar-rata tal-impjieg, is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u t-tisħiħ tas-sostenibbiltà finanzjarja. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus. Ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni ġew ikkunsidrati fir-rakkomandazzjonijiet.
- (20) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Ċipru. Hija vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma, u ppreżentat revizzjoni fil-fond. Qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli f'Ċipru, imma anki kemm dawn josservaw ir-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċizzjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha taħt is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (7) hawn taħt.
- (21) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu⁽²⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

(1) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

(2) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(22) Fid-dawl tar-riżultati li ħarġu mir-reviżjoni fil-fond tal-Kummissjoni u minn din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjoni tagħha taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet (1), (2) u (7) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Ċipru jieħu azzjoni fil-perijodu 2012-2013 sabiex:

1. Jieħu miżuri addizzjonali biex jikseb korrezzjoni dejjiema tad-defiċit eċċessiv fl-2012. Jimplimenta b'mod rigoruż l-istrateġija baġitarja, b'appoġġ ta' miżuri speċifiċi biżżejjed għas-sena 2013 u lil hinn, sabiex jiżgura li jinkisbu l-OTM sal-2014 u l-konformità mal-valur referenzjarju għan-nefqa u jiżgura biżżejjed progress fir-rigward tal-valur referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn. Jaċċelera l-introduzzjoni ta' qafas baġitarju multiannwali inforzabbli msejjes fuq bażi statutorja vinkolanti u mekkaniżmu korrettiv. Jieħu miżuri biex iżomm kontroll strett fuq in-nefqa u jimplimenta baġit ibbażat fuq programmar u prestazzjoni mill-aktar fis possibbli. Itejjeb il-konformità mat-taxxa u jiġġieled kontra l-evażjoni tat-taxxa.
2. Ikompli jarmonizza l-qafas superviżorju u regolatorju għas-soċjetajiet kooperattivi ta' kreditu f'konformità mal-istandards applikati għall-banek kummerċjali. Isaħħaħ id-dispożizzjonijiet regolatorji għar-rikapitalizzazzjoni effiċjenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jillimita l-espożizzjoni tas-settur finanzjarju għal impatti mill-estern.
3. Ikompli jtejjeb is-sostenibbiltà u l-adeqwatezza fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet u jindirizza r-rata għolja ta' anzjani li qegħdin f'riskju ta' faqar. Jiżgura li tiżdied l-età tal-irtirar effettiv, anke permezz tal-allinjament tal-età statutorja tal-irtirar maż-żieda fl-aspettativa tal-għomor.
4. Jistabilixxi u jimplementa sistema tal-kura tas-saħħa nazzjonali mingħajr dewmien, abbażi ta' pian direzzjonali, li għandu jiżgura s-sostenibbiltà finanzjarja tagħha filwaqt li jipprovdi kopertura universali.
5. Itejjeb il-ħiliet tal-ħaddiema biex jirrinforza l-mobbiltà okkupazzjonali tagħhom lejn attivitajiet ta' tkabbir għoli u ta' valur miżjud għoli. Jieħu aktar miżuri biex jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażaġh, b'enfasi fuq allokkazzjonijiet f'postijiet tax-xogħol f'kumpaniji u fuq il-promozzjoni ta' xogħol minn nies li jaħdmu għal rashom. Jieħu miżuri politiċi adegwati relattivament għan-naħa tad-domanda biex jistimola l-innovazzjoni fil-kummerċ.
6. Ineħħi ostakli mhux ġustifikati fis-swieq tas-servizzi, b'mod partikolari billi jtejjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi fis-setturi tas-servizzi li għandhom l-akbar potenzjal ta' tkabbir (inkluż it-turiżmu) u billi jnaqqas ir-restrizzjonijiet fuq l-għoti tas-servizzi professjonali.
7. Itejjeb il-kompetittività, anki permezz ta' riforma tas-sistema tal-indiċizzar tal-pagi, b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u b'konformità mal-prattiki nazzjonali sabiex jirrifletti aħjar l-iżviluppi fil-produttività. Jieħu passi biex joħloq diversifikazzjoni fl-istruttura tal-ekonomija. Jirrimedja l-bilanċ fiskali billi jrażżan l-infiq.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 tar-Repubblika Ċeka u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Repubblika Ċeka, 2012-2015

(2012/C 219/05)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi varata strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa ta' politika ekonomika, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għal-linji politiċi dwar l-ekonomija tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-linji ta' politika nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.

(3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-

2011 tar-Repubblika Ċeka għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tar-Repubblika Ċeka għall-perijodu 2011-2014.

(4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u ex ante ta' linji politiċi, li huwa msejjes fuq l-strateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lir-Repubblika Ċeka bħala wieħed mill-Istati Membri li fil-konfront tagħhom issir reviżjoni fil-fond.

(5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu tal-politika tal-Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

(6) Il-Parlament Ewropew kien debitament involut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjegj fl-Istharrġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istharrġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li trawwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li ssir konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tkun favorevoli għat-tkabbir, biex jiġu rkuprati l-kundizzjonijiet normali ta' self lill-ekonomija, għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività, għall-indirizzar tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽³⁾ ĠU C 212, 19.7.2011, p. 5.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

(8) Fil-25 ta' April 2012, ir-Repubblika Ċeka ppreżentat il-Programm ta' Konverġenza tagħha, li jkopri l-perijodu 2012-2015, u fit-13 ta' April 2012 ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2012. Sabiex jittqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

(9) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill jaħseb li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm huwa plawsibbli. Skont il-Programm ta' Konverġenza, it-tkabbir tal-PDG huwa mistenni li jilħaq 0,2 % u 1,3 % fl-2012 u l-2013 rispettivament, imqabbel ma' 0 % u 1,5 % fl-2012 u 2013 rispettivament fil-previżjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2012. L-objettiv tal-istrateġija tal-baġit deskritta fil-Programm ta' Konverġenza huwa li jintlaħaq baġit bilanċjat fl-2016. Il-mira ġenerali għad-defiċit tal-gvern ta' 2,9 % tal-PDG fl-2013 hija konformi mal-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv stabbilita fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009. L-isforz fiskali annwali medju ta' 0,9 % tal-PDG matul il-perijodu 2010-2013, ibbażat fuq il-bilanċ tal-baġit strutturali (rikalkulat)⁽¹⁾, huwa kemmxejn taħt l-isforz ta' 1 % tal-PDG irrakkomandat mill-Kunsill. Il-Programm ta' Konverġenza jikkonferma l-objettiv ta' terminu medju (OTM) baġitarju preċedenti, ta' defiċit ta' 1 % tal-PDG, li jirrifletti adegwament ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li għandhom jintlaħqu fl-2015. Il-progress lejn l-OTM huwa ta' 0,8 % u ta' 0,7 % tal-PDG fl-2014 u fl-2015 rispettivament, abbażi ta' bilanċ baġitarju strutturali (rikalkulat) u tar-rata tat-tkabbir tal-infiq tal-gvern, jikkonforma mal-punt ta' riferiment għan-nefqa fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Il-projezzjonijiet baġitarji tal-Programm ta' Konverġenza huma soġġetti għal diversi riskji. Il-liġi dwar kumpens finanzjarju lill-knejjes, fil-present diskussa fil-Parlament, iżżid id-defiċit tal-gvern b'1,5 % tal-PDG darba fis-sena li fiha tidħol fis-seħħ. B'mod aktar ġenerali, in-natura u l-firxa tal-miżuri previsti ta' konsolidament kemm fuq id-dħul kif ukoll fuq l-infiq jinvolti riskju konsiderevoli għas-sostenibilità tal-aġġustament fiskali lil hinn mill-perijodu tal-programm. L-aġġustament baġitarju sa issa serraħ l-aktar fuq tnaqqis ġenerali, li jaffettwa wkoll in-nefqa li ssir biex iżżid it-tkabbir. Għall-perijodu 2013-2015 huwa ppjanat tfaddil addizzjonali fl-infiq għall-amministrazzjoni pubblika li jammonta għal kważi 1 % tal-PDG, iżda d-dettalji mhumiex speċifikati biżżejjed fil-programm. Finalment, il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' dħul ipplanati huma miżuri ta' natura temporanja u għandhom jiskadu fl-2015. Skont il-Programm ta' Konver-

ġenza, il-proporzjon tad-dejn mal-PDG huwa mistenni li jilħaq il-quċċata ta' 45,1 % tal-PDG fl-2013 u sussegwentement jonqos gradwalment, l-aktar minħabba t-titjib kontinwu pprojetat fil-bilanċ primarju.

(10) Fl-2011, l-awtoritajiet Ċeki approvaw żieda fir-rata mnaqsa tal-VAT u fid-dazji tas-sisa fuq it-tabakk; huma wkoll approvaw riforma ewlenija fit-taxxa li taffettwa t-tassazzjoni fuq ix-xogħol li għandha tidħol fis-seħħ fl-2014. F'April 2012 ġew miftiehma fil-livell ta' gvern bidliet ulterjuri fis-sistema tat-taxxa. Xi wħud minn dawk il-bidliet jikkonċernaw it-tassazzjoni ambjentali u dik tal-akkomondazzjoni, li bħalissa qegħdin taħt il-medja tal-UE. In-natura temporanja proposta tad-dispożizzjonijiet fejn tidħol it-tassazzjoni fuq ix-xogħol toħloq spejjeż addizzjonali ta' konformità u tnaqqas il-prevedibilità għall-kontribwenti. Barra minn hekk, il-proposti l-ġodda jindirizzaw biss parzjalment it-tassazzjoni effettiva ta' livell baxx għal min jaħdem għal rasu, imqabbla ma' dik għal min hu impjegat, minħabba l-użu estensiv ta' ammonti li jitħallsu f'daqqa u ta' tnaqqis mit-taxxa. Finalment, il-gvern adotta miżuri biex jiġġieled il-frodi fil-qasam tal-VAT u tat-taxxi fuq il-fjuwil u għamel l-ewwel passi biex jintroduċi punt tal-ġbir uniku. Madankollu, il-konformità mat-taxxa għadha problematika u s-sistema ta' ġbir tat-taxxa ta' bħalissa mhix ibbażata fuq strateġija artikulata u komprensiva ta' konformità mat-taxxa.

(11) Il-Gvern approva, u parzjalment implimenta, riforma fis-sistema tal-pensjonijiet, immirata lejn ir-restawr tas-sostenibilità fiskali u ż-żieda fl-iffrankar għall-irtirar. Madankollu, minħabba li ż-żieda gradwali fl-ispiża relatata mal-pensjonijiet hi mistennija iżżid fil-pass mill-2030 'il quddiem, l-iżbilanċi fiskali mbassra fis-sistema tal-pensjonijiet għadhom għoljin meta mqabbla mal-medja tal-UE. Ir-riforma ssaħħaħ ir-rabta bejn l-età statutorja tal-irtirar u l-istennija tal-għomor iżda ma tinkludix mekkaniżmu li jiżgura reazzjoni mingħajr dewmien għal bidliet futuri. Il-kapaċità tal-pilastru ffinanzjat ġdid biex jikkontribwixxi għal pensjonijiet medji ogħla fil-futur tiddependi fuq il-proporzjon ta' ħaddiema, speċjalment dawk iżgħar fl-età, li jipparteċipaw fih u fuq ir-rata ta' redditu mistennija fit-tul. Madankollu, ma tħabbru l-ebda miżuri sabiex jistimulaw il-parteċipazzjoni effettiva f'dan il-pilastru u jkun xieraq li tingħata aktar gwida għal dawk li potenzjalment jistgħu jieħdu sehem fih. Barra minn hekk, l-iskema l-ġdida tal-irtirar bikri prevista mill-gvern bi qbil mal-imsieħba soċjali tirrappreżenta riskju konsiderevoli għall-kredibilità u l-ambizzjoni tar-riformi biex tinkiseb kemm żieda effettiva fl-età tal-irtirar kif ukoll biex ikun hemm pensjonijiet adegwati.

(1) Bilanċ nett ta' miżuri ta' darba u temporanji aġġustati fuq bażi ċiklika, rikalkulat mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Programm, permezz ta' metodoloġija komunement miftiehma.

- (12) Ir-rata ġenerali tal-qgħad hija taħt il-medja tal-UE iżda n-nisa bit-tfal u gruppi vulnerabbli oħrajn ibatu biex jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom fis-suq tax-xogħol. Ritorn aktar kmieni mil-leave tal-ġenituri, ħaġa li żżomm milli jintilfu l-ħiliet, jiddependi fuq disponibbiltà akbar ta' faċilitajiet għall-ħarsien tat-tfal, speċjalment għal tfal taħt it-tliet snin. F'dan ir-rigward, il-gvern irrilassal-obbligi tekniċi għat-twaqqif ta' kindergartens ibbażati f'kumpaniji u qed jipprevedi li jagħti inċentivi tat-taxxa għal użu akbar ta' sistemi privati ta' kura tat-tfal, biex b'hekk irakkomandazzjonijiet jiġu implimentati parzjalment. Madankollu, billi huma biss 3 % tat-tfal taħt it-tliet snin li jattendu l-ħarsien tat-tfal fuq bażi formali (imqabbel ma' 24 % fl-UE-27, 2009), huma meħtieġa aktar miżuri bil-ħsieb li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ġenituri bi tfal żgħar.
- (13) Ġew adottati diversi miżuri biex tittejjeb il-prestazzjoni tas-servizz għall-impjegati pubbliċi (PES). L-uffiċċji tax-xogħol reġjonali tpoġġew taħt ir-responsabbiltà ta' uffiċċju ċentrali ġdid tax-xogħol, u bħala parti minn riforma usa' tal-benefiċċji soċjali, ir-responsabbiltà għall-ħlas ta' benefiċċji soċjali mhux marbuta ma' assigurazzjoni ġiet trasferita mill-muniċipalitajiet lejn l-uffiċċji tax-xogħol. Madankollu, iż-żieda fl-ammont ta' xogħol li dan għab miegħu se tpoġġi aktar pressjoni fuq il-persunal tal-PES, li n-numru tagħhom naqas bi 12 % fl-2011. Biex jittejjbu s-servizzi ta' allokkazzjoni ta' impjegati, iddaħħlet sistema ta' esternalizzazzjoni lejn aġenziji privati. Parti kbira mill-miżati għandha titħallas bil-quddiem, u dan irid jiġi rieżaminat fil-futur sabiex jiġi żgurat li l-inċentivi jiġu allinjati mal-eżiti tas-suq tax-xogħol. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi żgurat li jkun hemm kwalità u effiċakċja aħjar fejn jidħol it-taħriġ, l-ghajjnuna għat-tiftix tal-impjeg, u tas-servizzi individwalizzati. Jeħtieġ li jiġu pprovduti l-mezzi u l-inċentivi meħtieġa. Għandha tiddaħħal sistema ta' valutazzjoni tal-effiċjenza biex jittejjeb l-immirar jekk l-interventi u l-iffinanzjar ta' programmi ta' attivazzjoni ikollhom jintrabtu mal-prestazzjoni.
- (14) Għad hemm skop biżżejjed għal titjib fl-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika, minkejja t-titjib riċenti fxi oqsma, bħal ma huma s-servizzi tal-Gvern-e u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-impriżi. Attwalment, hemm strateġija anti-korruzzjoni għall-2011-2012 fis-seħħ. Bħalissa qed titħejja strateġija ġdida għall-perijodu lil hinn mill-2012 u din ser tiġi adottata matul l-2012. L-adozzjoni tal-Att il-ġdid dwar l-Akkwist Pubbliku, li ilu fis-seħħ minn April 2012, kienet il-kisba ewlenija tal-istrateġija attwali. Madankollu, l-infurzar u l-implimentazzjoni xierqa se jkun kruċjali għall-kredibilità u l-effettività tiegħu. Il-kwistjoni ta' azzjonisti anonimi għadha ma ġiex indirizzata. L-Att dwar l-impjegati pubbliċi għadu qed jitħejja iżda jeħtieġ li jiġi adottat mingħajr dewmien sabiex jagħti l-istabbiltà meħtieġa lill-amministrazzjoni. Barra minn hekk, l-irregolaritajiet fl-akkwist pubbliku u t-tħaddim flivell anqas minn ottimali tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-amministrazzjoni pubblika kienu sorsi sinifikanti ta' problemi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE.
- (15) Huwa meħtieġ li l-ekonomija Ċeka timmobilizza fatturi li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn it-tkabbir ibbażat fuq l-innovazzjoni, valur miżjud oġhla u l-kapital uman billi l-opportunitajiet għal iktar konverġenza reali bbażati fuq tkabbir kapital intensiv jidhru pjuttost limitati. Bħalissa qed tiġi diskussa riforma fl-edukazzjoni terzjarja. Għalkemm din tinkludi riforma radikali tal-proċess preżenti tal-akkreditazzjoni, mhijiex biżżejjed preċiża fejn tidħol il-kwistjoni kruċjali tal-istandards ta' evalwazzjoni tal-kwalità u, minħabba n-nuqqas ta' għbir sistematiku ta' dejta u ta' analiżi, tbatu minn nuqqas ta' appoġġ mill-komunità akkademika. Fid-dawl tal-fatt li r-riżultati li qed iġibu l-istudenti Ċeki sejrjn lura, il-Gvern ħa passi biex jassigura livell minimu ta' riżultati tat-tagħlim u qabad strateġija ta' ttestjar fuq il-kompjuter li qed isir madwar il-pajjiż kollu. Madankollu, l-ambitu ta' dawn il-miżuri huwa dejjaq wisq biex effettivament huma jżidu l-kwalità u l-ekwità tal-edukazzjoni obbligatorja.
- (16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Repubblika Ċeka. Hija vvalutat il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fir-Repubblika Ċeka iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni billi jiġi pprovdut kontribut flivell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali tal-ġejjieni. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (6) aktar 'l isfel.
- (17) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

(1) Taħt l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Repubblika Ċeka tieħu azzjoni fil-perijodu 2012-2013 biex:

1. Tiżgura progress ipplanat lejn il-korrezzjoni f'waqtha tad-defiċit eċċessiv. Għal dan il-għan, timplimenta bis-sħiħ il-baġit tal-2012 u tispeċifika miżuri ta' natura durabbli meħtieġa għas-sena 2013 sabiex tikseb l-aġġustament strutturali annwali medju speċifikat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Sussegwentement, tiżgura sforz adegwat ta' aġġustament strutturali biex tagħmel progress suffiċjenti lejn l-OTM, anke billi jintlaħaq il-punt ta' riferiment fejn tidħol in-nefqa. F'dan il-kuntest, tevita tnaqqis ġenerali, tissalvagwardja l-infiq li jstimula t-tkabbir u żżid l-isforzi biex titjeb l-effiċjenza tal-infiq pubbliku. Tisfrutta l-ispazju disponibbli għal żidiet fit-taxxi li jkunu l-inqas ta' ħsara għat-tkabbir. Iċċaqlaq il-livell għoli ta' tassazzjoni minn fuq ix-xogħol lejn it-tassazzjoni fuq l-akkomodazzjoni u t-tassazzjoni ambjentali. Tnaqqas id-diskrepanzi fit-trattament tat-taxxa bejn min hu impjegat u min jaħdem għal rasu. Tieħu miżuri biex ittejjeb il-ġbir tat-taxxa, tnaqqas l-evalazzjoni tat-taxxa u ttejjeb il-konformità mat-taxxi, anke bl-implimentazzjoni tal-Punt Uniku ta' Ġbir għat-taxxi kollha.
2. Tintroduċi aktar bidliet fl-iskema tal-pensjoni pubblika sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħha fit-tul. Terġa' tqis il-pjanijiet li jippermettu ħruġ kmieni mis-suq tax-xogħol u torbot iż-żieda fl-età tal-irtirar mal-istennija tal-għomor. Tippromwovi parteċipazzjoni effettiva ta' ħaddiema iżgħar fl-età fl-iskema finanzjata prevista biex ittejjeb l-adegwatezza tal-pensjonijiet.
3. Tieħu miżuri addizzjonali sabiex iżżid b'mod sinjifikanti d-disponibbiltà ta' faċilitajiet, li jkunu bi prezz raġjonevoli u ta' kwalità, għall-ħarsien tat-tfal ta' qabel l-età tal-iskola.
4. Issaħħaħ il-PES billi żżid il-kwalità u l-effettività tat-taħriġ, tal-ġhajjnuna għat-tiftix ta' impjeġi u tas-servizzi individwalizzati, inkluż ta' servizzi esternalizzati.
5. Tadotta u timplimenta bħala kwistjoni ta' urġenza l-Att dwar l-Impjegati Pubbliċi biex tippromwovi l-istabbiltà u l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika biex jiġu evitati l-irregolaritajiet. Tiżgura l-implimentazzjoni adegwata tal-Att il-ġdid dwar l-Akkwist Pubbliku. Tindirizza l-kwistjoni ta' azzjonisti anonimi. Tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-Fondi tal-UE u tintensifika l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.
6. Tadotta l-leġislazzjoni meħtieġa biex tistabbilixxi sistema trasparenti u definita ċar għall-evalwazzjoni tal-kwalità tal-edukazzjoni għolja u tal-istituzzjonijiet tar-riċerka. Tiżgura li l-finanzjament ikun sostenibbli u marbut mal-eżitu tal-valutazzjoni tal-kwalità. Tistabbilixxi qafas ta' evalwazzjoni orjentat lejn it-titjeb fejn tidħol l-edukazzjoni obligatorja.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tad-Danimarka għall-2012 u li twassal opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Konverġenza tad-Danimarka 2012-2015

(2012/C 219/06)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi u li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni biex tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (mill-2010 sal-2014), u fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqsu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2012 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għall-linji politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

(3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tad-Danimarka għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza Aġġornat tad-Danimarka għall-perjodu 2011-2015.

(4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifika id-Danimarka bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħra, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu tal-politika Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

(6) Il-Parlament Ewropew ġie involut kif suppost fis-Semestru Ewropew, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adottat riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex jiggarrantixxi l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li tħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

(8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin sabiex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

⁽⁴⁾ ĠU C 213, 20.7.2011, p. 1.

(9) Fit-30 ta' April 2012, id-Danimarka ppreżentat il-Programm ta' Konverġenza tagħha li jkopri l-perjodu 2012-2015 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt. Fl-analiżi dettaljata tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, id-Danimarka qed tesperjenza żbilanċ intern u estern, għalkemm mhux eċċessivi.

(10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-programm huma plawsibbli. Ix-xenarju li jipprojetta tkabbir tal-PDG ta' 1,2 u 1,5 % fl-2012 u l-2013 huwa konformi sew mat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' 1,1 u 1,4 %. Għaldaqstant, id-defiċits tal-gvern huma kemxejn iżgħar fil-Programm ta' Konverġenza (4,0 u 1,8 % tal-PDG fl-2012 u fl-2013 rispettivament, meta mqabbla ma' 4,1 u 2,0 % tal-PDG fit-tbassir tar-rebbiegħa tal-2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni). L-objettiv tal-istrateġija baġitarja deskritta fil-Programm ta' Konverġenza hu li jkun korrett id-defiċit eċċessiv sal-2013 u li jinkiseb l-objettiv baġitarju ta' terminu medju (OTM) ta' defiċit strutturali ta' mhux aktar minn 0,5 % tal-PDG. L-objettiv tal-Gvern huwa wkoll li jintlaħaq tal-inqas baġit ibbilanċjat strutturalment fl-2020.

Il-Programm ta' Konverġenza b'hekk jikkonferma l-OTM preċedenti, li jirrifletti adegwament ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Id-defiċit nominali ppjanat fl-2013 huwa konsistenti ma' korrezzjoni f'waqtha tad-defiċit eċċessiv tal-gvern u, abbażi tal-bilanċ strutturali tal-baġit ⁽¹⁾ (ikkalkulat mill-ġdid), l-isforz fiskali ppjanat fl-2013 jikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill maħruġa skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv f'Lulju 2010. Miżuri diskrezzjonali netti, kif ippreżentati fil-Programm ta' Konverġenza, huma stmati li jwasslu għal konsolidazzjoni ġeneralment konformi mar-rakkomandazzjoni maħruġa taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Il-proċess tal-konsolidazzjoni huwa kkonċentrat aktar fl-aħħar tal-perjodu milli kien ippjanat u fl-2013 jeħtieġ li jkun hemm sforz imdaqas biex ikun żgurat l-aġġustament strutturali meħtieġ. Ir-riskji li ma jintlaħaqx il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG fl-2013 huma limitati; it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni juri d-defiċit tal-gvern bħala 2,0 % tal-PDG. Id-Danimarka hija mistennija li tilħaq l-OTM tagħha fl-2013. Madankollu, abbażi tal-bilanċ tal-baġit

strutturali (ikkalkulat mill-ġdid), dan mhuwiex il-każ mill-2013 'il quddiem, u t-titjib baġitarju stmat fil-bilanċ tal-baġit strutturali ma jilħaqx il-0,5 % tal-PDG meħtieġ mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fl-istess żmien, ir-rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-gvern, meta jitqiesu l-miżuri diskrezzjonali relatati mad-dħul, mistennija li tikkonforma mal-parametru referenzjarju tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Parti mid-defiċits baġitarji se jkunu ffinanzjati billi jitnaqqas il-kont tal-Gvern man-Nationalbank tad-Danimarka. Id-dejn pubbliku gross tad-Danimarka huwa projjettat li jinżel minn 46,5 % tal-PDG fl-2011 għal 42,1 % fl-2015, ħafna inqas mis-60 % tal-PDG.

(11) Iż-żieda fil-provvista ta' ħaddiema hija prijorità ewlenija għad-Danimarka sabiex ikunu żgurati l-benesseri u s-sostenibbiltà fiskali futuri. Fl-2011, id-Danimarka kkonkludiet riforma ambizzjuża tal-iskema tal-pensjonijiet ta' rtirar bikri volontarju u mexxiet 'il quddiem iż-żieda preċedentament ppjanata fl-età statutorja tal-irtirar u r-rabta tagħha mal-istennija tal-għomor. Issa jeħtieġ li l-iffukar jiċċaqlaq għal fuq ir-riforma tal-pensjoni ta' diżabilità u l-iskemi ta' impjegi sussidjati (is-sistema "flessimpieg"). Il-Gvern ressaq proposta għal riforma f'dan il-qasam, li għandha tkun implimentata mingħajr dewmien. Id-distakk dejjem akbar fl-eżiti tal-impjegi bejn in-nies bi sfond ta' migrazzjoni u l-bqija tal-popolazzjoni lavorativa jeħtieġ ukoll li jkun indirizzat.

(12) It-tkabbir tal-produttività tax-xogħol fid-Danimarka naqqas il-pass tiegħu matul l-aħħar deċenji; waħda mill-kawżi hi l-prestazzjoni relattivament dgħajfa fl-edukazzjoni. Minkejja livell għoli ta' nfiq fuq l-edukazzjoni, il-kwalità tal-edukazzjoni fl-iskejjel Daniżi — kif imkejla mill-Programm għall-Evalwazzjoni Internazzjonali tal-Istudjanti (PISA) tal-OECD — hija biss ta' livell medju. Barra minn hekk, l-istudenti ġeneralment jispiċċaw l-istudji tagħhom f'età ikbar minn dawk ta' Stati Membri oħra u r-rati ta' tluq bikri mill-istituzzjonijiet edukattivi vokazzjonali huma relattivament għolja. Sabiex jirreaġixxi għall-isfidi f'dan il-qasam, il-Gvern ħabbar għadd ta' miżuri ġodda kemm għall-edukazzjoni obbligatorja u kif ukoll għal dik sekondarja. Il-baġit tal-2012 jappoġġja wkoll l-introduzzjoni tal-klawsoli soċjali fis-sejthiet ta' akkwist pubbliku u tal-miżuri li jagħmluha finanzjarjament vijabbli għall-kumpaniji privati li joffru apprentistati, sabiex jiżied l-għadd ta' postijiet disponibbli. Iż-żieda fil-provvista ta' apprentistati se tkun indirizzata wkoll fin-negozjati bejn it-Tliet Partijiet u fil-ħidma tal-kumitat inter-ministerjali.

⁽¹⁾ Bilanċ aġġustat ċiklikament, nett mill-miżuri ta' darba jew temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta fil-programm, bl-użu tal-metodoloġija komunament maqbulha.

(13) Raġuni potenzjali oħra għal tkabbir kajman tal-produttività huwa l-grad relattivament dgħajef tal-kompetizzjoni fid-Danimarka. Fl-2011, kien adottat pakkett għall-kompetizzjoni, li prinċipalment kien jiffoka fuq is-settur tal-konstruzzjoni, is-settur tal-bejgħ bl-imnut, u s-servizzi tas-saħħa u tas-settur pubbliku. Qed ikunu investigati l-kompetizzjoni għat-taxis u għas-servizzi tat-trasport kif ukoll il-liberalizzazzjoni tal-farmaciji, fid-dawl ta' miżuri ġodda possibbli. Il-kwistjoni taż-żieda tal-akkwist pubbliku fil-muniċipalitajiet u r-reġjuni qed tiġi attwalment neqozjata mal-gvernijiet reġjonali u lokali. F'dan il-kuntest, kumitat governattiv riċentement ikkonkluda li l-liġi Daniża tal-kompetizzjoni teħtieġ li tiġi msaħħa, u li s-sanzjonijiet għall-ksur huma attwalment baxxi wisq biex jaġixxu bħala deterrent. Minħabba li ttieħed għadd limitat biss ta' inizjattivi konkreti f'dan il-qasam matul l-aħħar sena, jeħtieġ li jittieħdu passi ulterjuri biex din l-isfida tkun indirizzata adegwatament.

(14) Kif ikkonfermat fl-analiżi dettaljata skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, waqt li d-dejn gross għoli tal-unitajiet domestiċi sa ċertu punt huwa karatteristika strutturali tal-ekonomija Daniża, fejn l-assi tal-unitajiet domestiċi jaqbżu konsiderevolment l-obbligazzjonijiet, ifiġġ tħassib dwar id-dejn tal-unitajiet domestiċi hekk kif jidher li żviluppi fis-suq tad-djar wasslu biex id-dejn imur lil hinn mil-livelli spjegabbli mill-fatturi strutturali bħas-suq tad-djar u l-assi tal-pensjonijiet.

Barra minn hekk, il-kompożizzjoni tas-self ipotekarju nbidlet mill-2003 'l hemm, hekk kif is-self mingħajr pagamenti skedati u b'rati varjabbli beda jikseb il-popolarità flok is-self b'rati fissi u bi skeda ta' pagamenti. Għal livell ta' dejn partikolari, l-unitajiet domestiċi huma għal-hekk attwalment iktar sensitivi għal żidiet fir-rati tal-imgħax u għal flutwazzjonijiet fil-prezzijiet tal-proprietà milli kienu għaxar snin ilu. Dan joħloq riskji potenzjali ikbar f'termini ta' stabbiltà finanzjarja u ekonomika. Fid-Danimarka ttieħdu miżuri rilevanti biex jindirizaw il-vulnerabbiltajiet fis-sistema tal-ipoteki. Il-Ministeru għan-Negożju u t-Tkabbir attwalment qed janalizza l-istruttura tas-self ipotekarju madwar l-unitajiet domestiċi fid-dawl tad-dħul, l-istorja tas-suq tax-xogħol u elementi varjabbli soċjoekonomiċi oħra. L-għan huwa li tiġi ddeterminata l-vulnerabbiltà potenzjali tal-unitajiet domestiċi f'każ ta' xokkijiet ekonomiċi inklużi flutwazzjonijiet fir-rati tal-imgħax. Madankollu, għandhom jitqiesu wkoll miżuri biex jipprevjenu żviluppi proċikliċi fis-suq tad-djar fuq terminu medju, preferibbilment billi tkun allinjata mill-ġdid it-taxxa fuq il-valur tal-proprietà mal-valuri reali tas-suq. It-tneħħija tal-limitu massimu taż-żieda annwali tat-taxxa muniċipali fuq il-valur tal-art tista' wkoll tipprevjeni effetti proċikliċi futuri. Tali miżuri għandhom ikunu

introdotti gradwalment, waqt li titqies il-ħtieġa attwali għall-istabbilizzazzjoni fis-suq tad-djar.

(15) Id-Danimarka ħadet għadd ta' impenji bħala parti mill-Patt Euro Plus. Dawn l-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji preżentati fl-2011 huma relatati mat-trawwim tal-impjegi, it-titjib tal-kompetittività, it-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u r-rinfurzar tal-istabbiltà finanzjarja. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus. Fir-rakkomandazzjonijiet t'hawn taħt ġew ikkunsidrati r-riżultati ta' din il-valutazzjoni.

(16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tad-Danimarka. Hija vvalutat il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazżjonali ta' Riforma, u ppreżentat analiżi dettaljata. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fid-Danimarka imma qieset ukoll il-konformità mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċizzjonijiet nazżjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) hawn taħt.

(17) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tad-Danimarka, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

(18) Fid-dawl tar-riżultati tal-analiżi dettaljata tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazżjonali ta' Riforma tad-Danimarka għall-2012 u l-Programm ta' Konverġenza tad-Danimarka. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi partikolarment fir-rakkomandazzjonijiet (3), (4) u (5) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li d-Danimarka għandha tieħu azzjoni matul il-perjodu 2012-2013 biex:

1. Timplimenta l-istrateġija baġitarja kif maħsuba, biex tiżgura l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-2013 u tikseb l-isforz ta' aġġustament strutturali medju annwali speċifikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Minn hemm 'l hemm tiżgura sforz adegwat ta' aġġustament strutturali biex tagħmel progress suffiċjenti lejn l-OTM, inkluż li tilħaq il-parametru referenzjarju tan-nefqa.

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

2. Tieħu passi ulterjuri biex ittejjeb il-provvista tal-ħaddiema fuq terminu twil billi tirriforma l-pensjonijiet ta' diżabbiltà, u billi tiffoka aktar l-iskemi ta' impjegi sussidjati (is-sistema tal-"flessimpieg") fuq persuni b'kapaċitajiet imnaqqsa għax-xogħol, u ttejjeb l-impjegabbiltà tal-persuni bi sfond ta' migrant.
3. Timplimenta l-miżuri mħabbra mingħajr dewmien, biex ittejjeb il-kosteffikaċja tas-sistema edukattiva, tnaqqas ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola, partikolarment fl-edukazzjoni vokazzjonali, u żżid l-għadd ta' apprentistati.
4. Tkompli bl-isforzi tagħha biex telimina l-ostakoli għall-kompetizzjoni, partikolarment fis-servizzi lokali, fis-settur tal-bejgħ bl-imnut u tal-kostruzzjoni, anki billi l-akkwist tas-servizzi muniċipali u reġjonali jinfetaħ ulterjorment għall-kompetizzjoni u billi jkun żgurat li s-sanzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni huma deterrent suffiċjenti.
5. Tikkunsidra miżuri preventivi ulterjuri biex issaħħaħ l-istabbiltà tas-suq tad-djar u tas-sistema finanzjarja fuq terminu medju, inkluż billi tqis ir-riżultati tal-istudju tal-Ministeru għan-Negożju u t-Tkabbir li għaddej bħalissa dwar id-distri-buzzjoni tal-assi u d-dovuti madwar l-unitajiet domestiċi, u billi tirrevedi s-sistema ta' tassazzjoni tal-valur tal-proprjetà u s-sistema tat-taxxa muniċipali fuq il-valur tal-art.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 tal-Estonja u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Estonja, 2012-2015

(2012/C 219/07)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi varata strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa ta' politika ekonomika, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għal-linji politiċi dwar l-ekonomija tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-linji ta' politika nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.
- (3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Estonja għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Estonja għall-perijodu 2011-2015.
- (4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni

semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u ex ante ta' linji politiċi, li huwa msejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fiha hija ma identifikatx lill-Awstrija bħala wieħed mill-Istati Membri li fil-konfront tagħhom issir reviżjoni fil-fond.

- (5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu tal-politika tal-Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.
- (6) Il-Parlament Ewropew kien debitament involut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.
- (7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li trawwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li ssir konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tkun favorevoli għat-tkabbir, biex jiġu rkuprati l-kundizzjonijiet normali ta' self lill-ekonomija, għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività, għall-indirizzar tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika. Stieden lill-Istati Membri jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill speċifiċi għal kull pajjiż għall-2011 u biex isarrfu dawn il-prijoritajiet f'miżuri konkreti li jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.
- (8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipanti fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽³⁾ ĠU C 213, 20.7.2011, p. 5.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

(9) Fis-26 ta' April 2012, l-Estonja ppreżentat il-Programm ta' Stabbiltà tagħha li jkopri l-perijodu 2012-2015 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2012 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew iwwalutati fl-istess waqt.

(10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill jaħseb li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-projettazzjonijiet baġitarji fil-programm huwa plawsiabbli fl-2012-13, meta t-tkabbir tal-PDG mistenni jkun medja ta' madwar 2,4 %. Il-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2012 tippredvi tkabbir tal-PDG ta' 3,8 % fl-2013. L-oġġettiv tal-istrategġija baġitarja deskritt fil-Programm ta' Stabbiltà hu li jiżgura politika fiskali sostenibbli li ssostni tkabbir bilanċjat, billi jinkiseb surplus strutturali waqt li jkun żgurat bafer fiskali suffiċjenti u jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol. L-istrategġija timmira wkoll fl-ilħuq tar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Programm ta' Stabbiltà jimmira li jisboq l-oġġettiv baġitarju fuq terminu medju (OTM) tas-surplus strutturali mill-2013.

L-OTM jirrifletti adegwament ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Abbażi tal-bilanċ baġitarju strutturali (rikalkulat) ⁽¹⁾, ir-rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-gvern, meta jitqiesu l-miżuri diskrezzjonali tad-dħul, ser tilħaq il-valur referenzjarju tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir sal-2015. B'mod parallel, il-Programm ta' Stabbiltà għandu l-għan li jilħaq surpluses nominali sa mill-2014. Il-proporzjon tad-dejn huwa sew taħt is-60 % tal-PDG u, skont il-programm, x'aktarx jonqos wara l-2013 għal madwar 10 % fl-2015.

(11) L-Estonja kisbet surplus baġitarju mdaqqas fl-2011. Ir-rata mistennija tat-tkabbir ekonomiku għall-2012 fil-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2012 jidher ħafna iktar dgħajef minn dak tal-2011, u jinżel minn 7,6 % għal 1,6 %, u għalhekk kontroll ulterjuri tal-effiċjenza tal-infiq huwa neċessarju. L-Estonja qed tippjana biex tintroduċi regola għall-baġit strutturali fl-2012 biex tgħin sabiex tkun ikkontrollata n-nefqa. Ir-regola għandha tkun ikkomplimentata bit-tisħiħ tan-natura vinkolanti tal-miri tan-nefqa multiannwali hekk kif ir-regola baġitarja tidħol fis-seħħ. Għaldaqstant, l-Estonja implimentat parzjalment ir-rakkomandazzjonijiet tal-2011 f'dan il-qasam.

(12) Fir-rigward tas-suq tax-xogħol, ittieħdu għadd ta' passi fil-qasam tat-tassazzjoni tax-xogħol. Madankollu, l-inċentivi għax-xogħol jistgħu jitjiebu billi jkun indirizzat il-bixra tat-teħid tal-benefiċċji għad-diżabbiltà u l-inkapaċità għax-xogħol u billi x-xogħol isir vijabbli għall-persuni

b'introjtu baxx, jew għoli, li jirċievu benefiċċji tal-qgħad u dawk parentali. Waqt li saru sforzi promettenti biex titnaqqas ir-rata għolja ta' qgħad, il-qgħad għal perijodu fit-tul u dak fost iż-żagħżagħ għadu għoli. B'riżultat ta' dan, ir-riskju ta' faqar fost it-tfal f'unitajiet domestiċi mingħajr xogħol qed jikber u jeħtieġ li jkun indirizzat permezz ta' servizzi soċjali effikaċji, inkluż servizzi għall-familji. L-appoġġ għall-familji innifsu jista' jsir iktar effiċjenti b'mod li jkollu impatt newtru fuq il-baġit billi tkun immirat l-allokazzjoni parentali u l-benefiċċji għall-familja u billi jitneħħew eżenzjonijiet ineffiċċjenti tat-taxxa fuq l-inrojtu relatati mat-tfal.

(13) Il-miżuri fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika mhumieq biżżejjed minħabba l-bidla modali attwali lil hinn mit-trasport pubbliku. Il-flotta ta' karożżi ġodda fl-Estonja hija l-iktar waħda intensiva fl-użu tal-enerġija fl-UE. Dazzji tas-sisa fuq il-fjuwil huma insuffiċjenti biex ibiddu l-attitudni tal-konsumatur. It-traspożizzjoni ta' bosta Direttivi tal-UE relatati mal-enerġija għadha ma tlestietx kompletament. L-Estonja għad jeħtieġilha tiddiversifika l-provvista tagħha tal-enerġija. L-infrastruttura tal-elettriku tista' tkun aġġornata biex tintegra l-ammonti dejjem jikbru tal-enerġija mir-riħ.

(14) Il-kwalità u d-disponibbiltà tal-edukazzjoni vokazzjonali tjebet konsiderevolment u iktar miżuri ta' modernizzazzjoni huma pplanati għall-2012-13. Madankollu, it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni ġenerali għal dik vokazzjonali jeħtieġ li ttejjeb, u ġeneralizzazzjoni ta' skemi iktar ibbażati fuq ix-xogħol tista' tkun ikkunsidrata. Il-parteciċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja qed tittejjeb, iżda hemm iffukar insuffiċjenti fuq il-ħaddiema bi ftit kompetenzi. Hemm problemi kontinwi biex ikunu mqabbli l-eżiti tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Hemm ukoll bżonn li l-edukazzjoni sekondarja għolja tkun urġentament riformata u li jkun hemm titjib ulterjuri fil-provvediment tas-servizzi edukattivi mill-awtoritajiet lokali. Barra minn dan, il-koperazzjoni bejn is-settur tan-negozju u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għadha dgħajfa, waqt li l-parti intensiva fl-għarfien tas-settur privat għandha tkun żviluppata ulterjorment.

(15) Biex tirrifletti l-bixra demografika li qed tonqos u tiżgura żvilupp reġjonali bbilanċjat u kompetittiv, hemm ħtieġa li fuq medda itwal taż-żmien tkun żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tal-gvernijiet lokali kif ukoll li jkun żgurat forniment aħjar tas-servizzi pubbliċi fuq livell lokali u jkun ottimizat l-użu ta' riżorsi relattivament imferxin. Minħabba d-daqs limitat, il-maġġoranza tal-gvernijiet lokali għandhom diffikultajiet biex jipprovdnu b'mod universali s-servizzi soċjali, tas-saħħa, tas-suq tax-xogħol, tat-trasport u dawk edukattivi neċessarji.

⁽¹⁾ Bilanċ nett ta' miżuri ta' darba u temporanji aġġustat fuq bażi ċiklika, rikalkulat mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Programm, permezz ta' metodoloġija komunement miftiehma.

- (16) L-Estonja ħadet għadd ta' impenji fil-Patt Euro Plus. Dawn l-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011 huma relatati mat-trawwim tal-impjiegi, it-titjib tal-kompetittività u t-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus. Fir-rakkomandazzjonijiet ġew ikkunsidrati r-riżultati ta' din il-valutazzjoni.
- (17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Estonja. Hija vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika sostenibbli fiskali u soċjo-ekonomika fl-Estonja imma wkoll lejn kemm jikkonformaw mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) hawn taħt.
- (18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-Estonja, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Estonja tieħu azzjoni fil-perijodu 2012-2013 biex:

1. Iżżomm pożizzjoni fiskali soda billi timplimenta pjanijiet baġitarji kif maħsuba, tiżgura l-kisba tal-oġettiv baġitjarju fuq terminu medju (OTM) mhux aktar tard mill-2013, u tikkonforma mal-limitu referenzjarju tan-nefqa. Tikkomplementa r-regola baġitarja pplanata tal-baġit b'regoli iktar vinkolanti dwar in-nefqa multiannwali fil-qafas baġitarju ta' terminu medju, tkompli ttejjeb l-effiċjenza tal-infiq pubbliku u timplimenta miżuri għat-titjib tal-konformità mat-taxxa.
2. Ittejjeb l-inċentivi għax-xogħol billi tissimplifika l-benefiċċji soċjali u żżid il-flessibbiltà fl-allokazzjoni tal-benefiċċji għad-

diżabbiltà, tal-qgħad u dawk parentali, waqt li tiżgura protezzjoni soċjali adegwata. Ittejjeb il-forniment tas-servizzi soċjali, waqt li tiffoka aħjar fuq il-benefiċċji għall-familji u dawk parentali u tneħħi eżenzjonijiet distortivi tat-taxxa fuq l-introjtu relatati mat-tfal. Iżżid il-parteċipazzjoni taż-żgħażgħ u dawk qiegħda għal perijodu fit-tul fis-suq tax-xogħol.

3. Torbot it-taħriġ u l-edukazzjoni b'iktar effikaċja mal-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol, u ttejjeb il-koperazzjoni bejn in-negozju u l-akkademja. Iżżid l-oportunitajiet għall-ħaddiema bi fuit kompetenzi biex ittejjeb l-aċċess tagħhom għat-tagħlim tul il-ħajja. Trawwem il-prijoritizzazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni tas-sistemi tar-riċerka u tal-innovazzjoni.
4. Ittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, partikolarment fil-bini u t-trasport, u ssaħħaħ l-inċentivi ambjentali li jirigwardaw il-vetturi u l-iskart, anki billi tikkunsidra inċentivi bħat-tassazzjoni tal-vetturi. Trawwem l-użu tal-enerġija rinnovabbli, anki billi ttejjeb l-infrastruttura u l-leġiżlazzjoni. Tkompli bl-iżvilupp ta' konnessjonijiet transkonfinali biex ittemm l-iżolament relattiv tas-suq.
5. Issaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali tal-muniċipalitajiet waqt li ttejjeb l-effiċjenza tal-gvernijiet lokali u tiżgura l-forniment ta' sevizz effikaċji, notevolment permezz ta' inċentivi iktar b'saħħithom għall-fużjoni jew koperazzjoni miżjuda bejn muniċipalitajiet. Għandhom jidħlu fis-seħħ proposti rilevanti ta' riforma fi żmien raġonevoli.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

V. SHIARLY

⁽¹⁾ Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Finlandja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Finlandja, 2012-2015

(2012/C 219/08)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi u li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.
- (3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Finlandja għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Program

ramm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Finlandja għall-perjodu 2011-2014.

- (4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u ex ante ta' politika, imsejjes fuq l-Istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lill-Finlandja bħala wieħed mill-Istati Membri li dvaru kellha titwettag analiżi fil-fond.
- (5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jistiednu lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu tal-politika tal-Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.
- (6) Il-Parlament Ewropew ġie involut kif suppost fis-Semestru Ewropew, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.
- (7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għall-iżgurar ta' stabbiltà finanzjarja, konsolidazzjoni fiskali u azzjoni biex jitravwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin sabiex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.
- (9) Fid-19 ta' April 2012, il-Finlandja sottomettiet il-Programm ta' Stabbiltà tagħha li jkopri l-perjodu 2012-2015 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew iwwalutati fl-istess waqt. Il-Kummissjoni vwalutat ukoll, f'analiżi fid-dettal f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, jekk il-Finlandja hiji affettwata mill-iżbilanċi makroekonomiċi. Il-Kummissjoni kkonkludiet fl-analiżi dettaljata tagħha li l-Finlandja għaddeja minn iżbilanċ, għalkemm dan mhuwiex wieħed eċċessiv.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2012 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽⁴⁾ ĠU C 216, 22.7.2011, p. 3.

- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-ambjent makroekonomiku li jirfed il-proġezzjonijiet baġitarji f'dak il-programm huwa plawżibbli għall-perjodu 2012-2013, it-tkabbir tal-PDG mistenni f'dak il-Programm huwa konformi mat-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni. Il-proġezzjonijiet huma wkoll realistiki għas-snin 2014 u 2015 minħabba li jipprevedu li t-tkabbir tal-PDG se jkun sostanzjalment iktar baxx minn dak ta' qabel il-kriżi u inqas minn dak tas-snin ta' rkupru 2010-2011.

L-għan baġitarju ewlieni tal-Programm ta' Stabbiltà tal-Finlandja huwa li jitnaqqas id-defiċit tal-gvern ċentrali billi jiġu limitati n-nefċiet u jżied id-dħul. Minħabba li l-baġit tal-gvern ċentrali huwa s-sors ewlieni tad-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika, it-titjib tal-pożizzjoni tiegħu għandha tikkontribwixxi għall-bilanċ tal-baġit tal-amministrazzjoni pubblika. L-għan baġitarju fuq terminu medju (OTM) ta' attiv ta' 0,5 % tal-PDG f'termini strutturali jirrifletti b'mod adegwat il-ħtiġijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Abbażi tal-bilanċ tal-baġit strutturali (rikalkolat) ⁽¹⁾, il-Finlandja laqgħet l-OTM fl-2011 iżda se tiddevja marġinalment minnu tul l-2012-2015. Ir-rata ta' tkabbir tan-nefqa tal-gvern, li tiegħu kont tal-miżuri diskrezzjonali ta' dħul, hija konformi mal-punt ta' riferiment tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fis-snin kollha ħlief l-2015. Il-Programm ta' Stabbiltà għandu l-għan li jibbilanċja l-baġit tal-amministrazzjoni pubblika sal-2015 u jilħaq surplus mill-2016. Il-proporzjoni tad-dejn huwa sew inqas minn 60 % tal-PDG u skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-livell tad-dejn se jilħaq l-ogħla punt tiegħu fl-2014 viċin il-52 % tal-PDG u imbagħad jibda jonqos. Lakuna ta' sostenibbiltà notevoli għadha teżisti fil-finanzi pubbliċi tal-Finlandja, li tirriżulta l-iktar minn proporzjoni ta' dipendenza li qed jiddeterjora malajr minħabba tixjeh demografiku. Il-lakuna fis-sostenibbiltà fil-finanzi pubbliċi teħtieġ tiġi monitorjata kontinwament u l-miżuri għandhom jiġu adattati skont il-bżonn. Il-qafas fiskali tal-Finlandja huwa marbut mal-limiti ta' nefqa multiannwali, iżda dawn bħalissa ma japplikawx għas-settur municiपालi.

- (11) Il-produttività tas-servizzi pubbliċi ilha tonqos matul dan l-aħħar deċennju. L-awtoritajiet Finlandiżi diġà implimentaw bosta riformi biex jindirizzaw din il-kwistjoni, iżda l-implimentazzjoni tagħhom kienet bil-mod, speċjalment fil-livell tal-gvern lokali. Barra minn hekk, għaddejja riforma municiपालi madwar il-pajjiż kollu kif ukoll programm ta' produttività għall-gvern ċentrali. Aktar gwadanji fil-produttività u ffrankar fuq l-ispejjeż jistgħu jinkisbu billi tiġi inkoraġġita aktar kompetizzjoni f'setturi ta' servizzi privati u pubbliċi protetti, permezz ta' deregulazzjoni ta' prodotti u tas-suq tax-xogħol.
- (12) Matul l-aħħar sena, il-Gvern Finlandiż introduċa miżuri ġodda biex inaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh u għal

dawk li ilhom qegħda fit-tul. Dawn il-miżuri inkludew programm pilota biex inaqqas il-qgħad fit-tul u l-introduzzjoni ta' garanzija soċjali għaż-żgħażaġh. Il-miżuri introdotti huma ambizzjużi u relevanti, iżda issa jeħtieġu jiġu implimentati b'attenzjoni ċara fuq it-titjeb tal-livelli tal-ħila u l-pożizzjoni tas-suq tax-xogħol ta' gruppi mmirati. Fid-dawl ta' tibdil demografiku, żieda fir-rata tal-impjeg tal-ħaddiema ikbar fl-età huwa importanti biex jiġu żgurati finanzi pubbliċi sostenibbli u biex tintlaħaq id-domanda għall-impjeg fil-ġejjieni. Iż-żieda fl-istennija tal-ħajja kienet iktar mgħaġġla milli kien previst matul ir-riforma tal-pensjonijiet fl-2005, u għalhekk, aktar ma jgħaddi żmien, il-firxa tal-età statutorja ta' rtirar tista' tirriżulta baxxa wisq. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu, il-Gvern impenja ruħu li jżid l-eta ta' rtirar effettiva għal 62,4 sena sal-2025. F'Marzu 2012, l-imsieħba soċjali qablu dwar bosta miżuri għal żieda fit-tul ta' żmien tal-karriera ta' ħidma. Il-Gvern impenja ruħu biex iwettaq riforma tal-pensjoni mhux iktar tard minn l-1 ta' Jannar 2017. Issa jeħtieġ li l-attenzjoni tiġi ffokata fuq l-implimentazzjoni tal-linja ta' azzjoni miftieħma fuq it-terminu qasir.

- (13) Ostakli regolatorji fis-settur tas-servizzi fil-Finlandja għadhom restrittivi u l-konċentrazzjoni fis-suq hija għolja mhux biss fil-kummerċ bl-imnut, iżda anke f'oqsma ta' produzzjoni. Fis-suq bl-imnut tal-ikel, il-Finlandja għandha l-ogħla grad ta' konċentrazzjoni fis-suq filwaqt li l-prezzijiet tal-ikel huma fost l-ogħla fl-Ewropa. Il-multi tal-liġi tal-kompetizzjoni fil-Finlandja kienu tradizzjonalment baxxi, li jqajjem mistoqsijiet dwar x'effett deterrenti għandhom. Kien hemm xi żviluppi ta' politika dwar il-kompetizzjoni, bħall-Att tal-Kompetizzjoni nazzjonali ġdid u liġi ġdida dwar l-użu tal-art fir-rigward tal-ippjanar u l-konstruzzjoni. Il-Gvern huwa impenjat ukoll li jniedi programm ġdid dwar il-promozzjoni tal-kompetizzjoni. Dan għandu jitressaq mingħajr dewmien bil-għan li jissaħħaħ iktar il-qafas tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-prodotti u s-servizzi.
- (14) It-tkabbir tal-produttività fil-Finlandja qed tistaġna u s-sehem tas-suq tal-kumpaniji ta' esportazzjoni Finlandiżi fis-swieq barranin naqas tul is-snin reċenti. Il-kosti għal kull unità lavorattiva żdiedu, għalkemm mhux fis-settur tal-manifattura. It-tkabbir f'ċerti industrij li bħalissa huma dominanti, b'mod speċjali fil-qasam tal-elettronika u dak tal-karti, jidher li laħaq il-quċċata tiegħu u, b'mod ġenerali, is-sehem tal-manifattura fil-PDG qed jonqos. Il-Finlandja qed tesporta oġġetti intermedji u ta' investiment l-aktar lil ekonomiji maturi, li bil-mod il-mod qed jikbru u l-prodotti tagħha għandhom preżenza limitat fl-ekonomiji li qed jiżviluppaw. L-ekonomija Finlandiża teħtieġ issir aktar diversifikata kemm fir-rigward ta' kumpaniji kif ukoll fir-rigward ta' swieq ta' esportazzjoni sabiex tiżviluppa esportaturi multipli b'saħħithom fil-ġejjieni. Minkejja l-prestazzjoni b'saħħitha Finlandiża fir-Riċerka u l-Iżvilupp (R&Ż) u fl-innovazzjoni, mingħajr żieda sinifikanti fl-għadd ta' ditti innovattivi bi tkabbir għoli, il-klassifika tal-Finlandja bħala innovatur mexxej tal-UE tinsab friskju li tonqos. Dan jeħtieġ l-iffaċilitar tal-innovazzjoni, li jippermetti t-trasformazzjoni minn R&D għal prodotti li jistgħu jinbiegħu fis-swieq, u t-tħeġġiġ għall-penetrazzjoni ta' swieq ta' esportazzjoni li jikbru malajr.

⁽¹⁾ Bilanċ nett aġġustat ċiklikament minn miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tat-tagħrif provdut f'dan il-Programm, permezz tal-użu tal-metodoloġija komunament maqbulha.

Fit-terminu qasir, se jkun importanti ħafna wkoll li jiġi sfruttat u mxxerred l-għarfien wiesa' fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) anke f'industriji oħra fil-Finlandja, inkluż is-settur pubbliku. Fir-rigward tat-tkabbir fil-pagi, il-ftehim tripartitiku dwar il-pagi tal-2011 iwitti t-triq għal żidiet modesti fil-pagi fl-2012 u l-2013, li għandhom itejbu l-pożizzjoni relativa tal-Finlandja fir-rigward tal-imsieħba kummerċjali ewlenin.

- (15) Il-Finlandja daħlet għal għadd ta' impenji bħala parti mill-Patt Euro Plus. Dawn l-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, huma relatati mat-titjib fil-kompetittività, ir-rata tal-impjeg u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, it-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja u l-iżgurar tal-koordinazzjoni fit-taxxa. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus. Fir-rakkomandazzjonijiet t'hawn taħt ġew ikkunsidrati r-riżultati ta' din il-valutazzjoni.
- (16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Finlandja. Hija vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazżjonali ta' Riforma, u ppreżentat analiżi fid-dettall. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Finlandja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazżjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) hawn taħt.
- (17) Fid-dawl ta' din l-evalwazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (18) Fid-dawl tar-riżultati tal-analiżi fid-dettall tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Riforma Nazżjonali u l-Programm ta' Konverġenza. Ir-rakkomandazzjoni tagħha skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (5) aktar 'l isfel,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Finlandja għandha tiegħu azzjoni fil-perjodu 2012-2013 biex:

1. Tippreserva pożizzjoni fiskali soda fl-2012 u lil hinn billi tikkoreġi kwalunkwe tluq mill-OTM li jiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-terminu twil. B'dan il-għan, issaħħaħ u

timplimenta rigorużament l-istrategġija baġitarja, mirfuda minn miżuri suffiċjentement speċifikati, għas-sena 2013 u lil'hinn, inkluż l-ilhieq tal-punt ta' riferiment tan-nefqa. Tkompli twettaq valutazzjonijiet annwali tad-daqs tal-lakuna tas-sostenibbiltà relatata mat-tixxjeh tal-popolazzjoni u taġusta d-dħul u l-infiq pubbliku skont l-għanijiet u l-ħtiġijiet fuq terminu twil. Tintegra aħjar is-settur tal-gvern lokali fis-sistema ta' qafas fiskali pluriennali inkluż permezz ta' miżuri għall-kontroll tal-infiq.

2. Tiegħu aktar miżuri biex tikseb żidiet fil-produttività u tnaqqis fl-ispejjeż fil-proviżjoni tas-settur pubbliku, inkluż bidliet strutturali u riformi amministrattivi territorjali li jtejjbu l-effiċjenza, ukoll bil-għan li jwieġbu għall-isfidi emerġenti mit-tixxjeh tal-popolazzjoni.
3. Timplimenta l-miżuri li għaddejjin biex ittejjeb il-pożizzjoni fis-suq tax-xogħol ta' zġhażagh u dawk li huma qiegħda fit-tul, b'attenzjoni partikolari fuq l-iżvilupp tal-ħiliet. Tiegħu aktar passi biex ittejjeb ir-rata ta' impjeg ta' ħaddiem ikbar fl-età, inkluż billi tnaqqas il-mogħdijiet ta' ħruġ kmieni. Tiegħu miżuri biex iżżid l-età effettiva tal-irtirar li tiegħu kont tat-titjib fl-istennija tal-għomor.
4. Tkompli ssaħħaħ il-kompetizzjoni fis-swieq tal-prodotti u s-servizzi, speċjalment fis-settur tal-immnut, billi tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Att dwar il-Kompetizzjoni l-ġdid u l-programm il-ġdid dwar il-promozzjoni ta' kompetizzjoni b'saħħitha. Tkompli tiegħu miżuri biex iżżid l-effiċjenza fil-provvista ta' servizzi municipli, inkluż, fejn adatt, iż-żieda fis-sehem ta' servizzi li jkunu soġġetti għal offerti kompetittivi, u li tiżgura newtralità fil-kompetizzjoni bejn l-impriżi privati u pubbliċi. Tiegħu iktar passi biex tiżgura li l-multi fil-liġi tal-kompetizzjoni jkollhom effett suffiċjenti ta' deterrent.
5. Sabiex issaħħaħ it-tkabbir fil-produttività u l-kompetittività esterna, tkompli l-isforzi għad-diversifikazzjoni tal-istruttura tan-negozju, b'mod partikolari billi tħaffef l-introduzzjoni ta' miżuri ppjanati biex iwessgħu l-bażi ta' innovazzjoni filwaqt li jkomplu jallinjaw l-iżvilupp fil-pagi u l-produttività fir-rispett sħiħ tar-rwol tal-imsieħba soċjali u f'konformità mal-prattiki nazżjonali.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 ta' Franza u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Franza, 2012-2016

(2012/C 219/09)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi varata strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa ta' politika ekonomika, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għal-linji politiċi dwar l-ekonomija tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-linji ta' politika nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.

(3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Franza għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat ta' Franza għall-perijodu 2011-2014.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽⁴⁾ ĠU C 213, 20.7.2011, p. 8.

(4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' linji politiċi, li huwa msejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, fejn identifikat lil Franza bħala wieheđ mill-Istati Membri li fil-konfront tagħhom issir analiżi fil-fond.

(5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu tal-politika tal-Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

(6) Il-Parlament Ewropew kien debitament involut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta rizzoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2012 u rizzoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li trawwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li ssir konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tkun favorevoli għat-tkabbir, biex jiġu rkuprati l-kondizzjonijiet normali ta' self lill-ekonomija, għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività, għall-indirizzar tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika.

(8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipanti fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

(9) Fl-4 ta' Mejju 2012 Franza ressqet il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tagħha, li jkopri l-perijodu bejn l-2012 u l-2016, u fit-13 ta' April 2012 hija ressqet il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll permezz ta' analiżi fil-fond taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, jekk Franza hijiex milquta minn żbilanċi makroekonomiċi. Il-Kummissjoni kkonkludiet li Franza qiegħda jkollha żbilanċi, għalkemm dawn m'humix eċċessivi.

(10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati l-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm huwa ottimist. Il-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2012 kienet li t-tkabbir tal-PDG se jilħaq 0,5 % fl-2012 u 1,3 % fl-2013, kontra 0,7 % u 1,75 %, rispettivament, skont il-Programm ta' Stabbiltà. Wara li r-riżultat tad-defiċit kien aħjar milli mistenni b'5,2 % tal-PDG fl-2011, il-Programm ta' Stabbiltà jippjana li jnaqsu għal 3 % tal-PDG fl-2013, li hija d-data ta' skadenza stabbilita mill-Kunsill għall-korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv, u li jkompli l-konsolidazzjoni sussegwentement, b'baġit ibbilanċjat li għandu jintlaħaq sal-2016. L-objettiv baġitarju ta' terminu medju (OTM) għal baġit ibbilanċjat f'termini strutturali huwa mistenni li jintlaħaq matul il-perijodu tal-Programm ta' Stabbiltà. L-OTM jirrifletti adegwament ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fuq il-bażi tal-bilanċ baġitarju strutturali (rikalkulat) ⁽¹⁾, l-isforz fiskali annwali medju ppjanat għall-perijodu 2010-2013 huwa konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009. Huwa mbassar li fl-2014-16 se jsir progress annwali f'termini strutturali ekwivalenti għal 0,7 % oħra tal-PDG sabiex jintlaħaq l-OTM. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, ir-rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-gvern, meta jitqiesu l-miżuri diskrezzjonali ta' dhuġ, hija konformi mal-valur referenzjarju tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-pjan ta' aġġustament ippreżentat fil-Programm ta' Stabbiltà huwa soġġett għar-riskji. Ix-xenarju makroekonomiku jista' jirriżulta li jkun inqas favorevoli kif indikat mill-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2012.

Il-miżuri mhumiex biżżejjed speċifikati sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-miri mill-2013 'il quddiem u sabiex jitwettaq l-isforz fiskali annwali medju rakkomandat. Barra minn hekk, Franza għandha rekord li mhuwiex kollu pożittiv meta tiġi biex tilħaq il-miri tal-infiq. Għalhekk, ma jistax jiġi żgurat li l-iżbilanċ eċċessiv se jkun ikkoreġut sal-2013 sakemm il-miżuri ppjanati ma jkunux speċifikati biżżejjed u oħrajn addizzjonali ma jkunux implimentati kif meħtieġ. Il-proporzjon tad-dejn, li se jibda minn 85,8 % tal-PDG fl-2011, huwa mistenni li jilħaq 89,2 % fl-2013, u li jinżel għal 83,2 % fl-2016. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-valur referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn ser jintlaħaq fi tmiem il-perijodu tranżizzjonali (2016).

(11) Għalkemm ġew adottati miżuri addizzjonali ta' konsolidazzjoni fit-tieni nofs tal-2011 u fi Frar 2012, l-implimentazzjoni tal-konsolidazzjoni fiskali għadha tippreżenta sfida ewlenija. Huwa vitali li jkun evitati eċċessi fl-infiq permezz ta' sforz fiskali msaħħaħ, ibbażat fuq miżuri totalment speċifiċi sabiex tiġi ristabbilita pożizzjoni fiskali sostenibbli. Barra minn hekk, ikun xieraq għal Franza li taħtaf l-oportunitajiet li jaċċeleraw t-tnaqqis tad-defiċit, sabiex tiġi ffaċilitata l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv kif ipplanat. Fir-rigward tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi u tal-adegwatezza tal-pensjonijiet fil-ġejjieni, ir-riforma tal-2010 tal-pensjonijiet qed tiġi

applikata gradwalment. Madankollu, mhuwiex ċert jekk is-sistema hix se tilħaq tkun ibbilanċjata sal-2018 kif ipplanat, jekk l-impjeggi u t-tkabbir jirriżultaw anqas milli previst, u huaw probabbli li s-sistema taqa' f'defiċit wara l-2020. Barra minn hekk, il-kumitat tat-tmexxija li għadu kemm twaqqaf, u li ġie inkarigat bil-kompitu li jagħti opinjoni annwali dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tad-diversi skemi ta' pensjonijiet u dwar il-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu żgurati kontinwament ibbilanċjati sal-2018, ma tax tali opinjoni fl-2011, u dan għamel diffiċli l-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet.

(12) Il-funzjonament tas-suq tax-xogħol Franċiż jista' jkun imtejjeb billi titnaqqas aktar is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Il-kuntratt tas-sigurtà professjonali (CSP), li kien introdott mil-liġi ta' Lulju 2011 u li amalgama żewġ kuntratti diġà eżistenti, jitfa' l-piż tal-konsulenza fil-każ tas-sensji ekonomiċi fuq is-servizz pubbliku tal-impjeggi (*Pôle emploi*). Dan huwa pass pożittiv iżda huwa limitat. Ittieħdu wkoll diversi miżuri jew għadhom qed jiġu diskussi sabiex jipprovdu arranġamenti flessibbli ta' xogħol għal kumpaniji li qed jiffaċċjaw diffikultajiet temporanji. Madankollu, dawn ma jindirizzawx speċifikament is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, l-analiżi tal-leġiżlazzjoni għall-protezzjoni tal-impjeggi turi li l-proċedura għat-tkeċċija mix-xogħol ta' individwi għadha tinvolvi incertezzu u spejjeż potenzjalment kbar għal min iħaddem. Fl-aħħarnett, huwa importanti li jiġi żgurat li kull żvilupp fil-paga minima jkun favur l-impjeg, speċjalment ta' ħaddiema b'ħiliet limitati u mingħajr esperjenza.

(13) Wara r-riforma fil-pensjonijiet, il-miżuri meħuda biex iħeġġu l-impjeg ta' ħaddiema akbar fl-età, inkluż ir-rekwiżit għall-kumpaniji li jimplementaw il-ġestjoni attiva tal-età, huma passi fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, il-pjanijiet ta' azzjoni relatati ġeneralment mhumiex ambizzjużi u ma jinkludux miżuri bħal tnaqqis fil-ħin tax-xogħol jew bħall-offerta ta' pożizzjonijiet offriti li jkun speċifikament adattati għal ħaddiema akbar fl-età. Barra minn hekk, xi aspetti tas-sistema tal-benefiċċju tal-qgħad għall-ħaddiema akbar fl-età (it-tul taż-żmien) jistgħu jipprovduhom inċentivi limitati biex jaħdmu. Fl-aħħar nett, hija meħtieġa strateġija aktar ambizzjuża fil-qasam tat-tagħlim għall-adulti sabiex tiżdied l-impjegabbiltà tal-forza tax-xogħol adulta.

(14) L-awtoritajiet Franċiżi, biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażaġħ, impenjaw rwieħhom li jżidu n-numru tal-apprentistati minn 600 000 għal 800 000 sal-2015. Diversi miżuri ġew introdotti fl-2011 u fl-2012 sabiex tiżdied il-kwota ta' apprentisti fil-kumpaniji u sabiex jissaħħu l-penali kontra l-kumpaniji li jonqsu milli jikkonformaw. Minkejja dawn il-miżuri, in-numru totali

⁽¹⁾ Bilanċ nett ta' miżuri ta' darba u temporanji aġġustat fuq bażi ċiklika, rikalkulat mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Programm, permezz ta' metodoloġija komunement miftiehma.

ta' apprentistati għadu ferm 'il bogħod mill-objettiv. Jidher li jeħtieġ li jiġi rinfurzati l-allinjament bejn il-ħtiġijiet taż-żgħażaġh u dawk tal-kumpanniji. Għalhekk, il-linji politiċi li jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażaġh jistgħu jibbenefikaw minn iktar konsistenza bejn il-ħiliet mgħallma fis-sistema edukattiva u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

- (15) L-amalgamazzjoni f'corp wieħed (*Pôle emploi*) tas-servizzi għal dawk li jkunu qed ifittxu impjeg tas-suq (ANPE) u tal-aġenzija għall-benefiċċju tal-qgħad (UNEDIC) s'issa ma tatx ir-riżultati mistennija f'termini ta' effikaċja u ta' kwalità tas-servizzi. Il-ftehim multiannwali ġdid ffirmat mit-tliet partijiet (bejn gvern, sħab soċjali u *Pôle emploi*) f'jannar 2012 dwar il-funzjonament u s-servizzi tal-*Pôle emploi* għall-2012-2014 huwa pass fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu għad iridu jiġu f'fissati għadd ta' miri/objettivi, u f'dan l-istadju, dan irendi diffiċli l-valutazzjoni tal-ambizzjoni tar-riforma. Il-kredibbiltà tar-riforma hija ostakolata wkoll minn restrizzjonijiet ta' baġit u ta' riżorsi umani fis-servizz pubbliku tal-impjegi.
- (16) Fi Frar 2012, Franza adottat żieda ta' 1,6 punti perċentwali fil-VAT għal 21,2 % u żieda ta' 2 punti perċentwali fil-kontribuzzjonijiet soċjali fuq dħul u qligħ kapitali għal 15,5 %, sabiex jikkumpensaw għat-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet soċjali minn min iħaddem. Il-gvern il-ġdid ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jirriedi din il-miżura u li jadotta riforma fiskali matul l-2012. Din hija miżura xierqa li tintroduċi sistema ta' tassazzjoni iktar ibbilanċjata li tisposta l-piż tat-taxxa lil hinn mix-xogħol. Kif ġie nnutat fl-analiżi fil-fond dwar l-iżbilanċi makroekonomiċi li saret mis-servizzi tal-Kummissjoni, hija tista' tikkontribwixxi biex ittejjeb il-kompetittività fir-rigward ta' kost tal-esportazzjonijiet Franċiżi, b'impatti potenzjalment pożittivi fuq il-profittabbiltà tad-ditti u, fuq terminu itwal, fuq l-investiment u fuq il-kompetittività li mhijiex ibbażata fuq il-prezzijiet. Madankollu, il-mira tar-riforma hija limitata wisq. Barra minn hekk, filwaqt li saru sforzi sabiex jitnaqqas l-infiq fir-rigward ta' taxxa, dan tal-aħħar kien akkumpanjat ukoll minn żidiet fir-rati li għandhom itendenza li jżidu l-piż tat-taxxa diġà għoli fuq ix-xogħol. Bħala dħul mit-taxxa, Franza għandha t-tieni l-inqas sehem ta' tassazzjoni fuq l-ambjent fl-UE, li jindika li hemm lok suffiċjenti biex jiżiedu dawn it-taxxi. Fl-aħħarnett, waqt li fl-2011 Franza vvalutat l-effiċjenza ta' diversi nefqiet fir-rigward ta' taxxa fil-kisba tal-għanijiet tagħhom ta' impjegi jew soċjali, għad partikolarment trid issir revizzjoni ta' xi rati mnaqqsa ta' VAT.
- (17) Filwaqt li ġew adottati għadd ta' riformi biex jissimplifikaw l-ambjent tan-negozju u biex ineħħu r-restrizzjonijiet fuq xi snajja' u professjonijiet regolati, dawn ma jindirizzawx l-ostakoli għad-dħul u l-kondizzjonijiet restrittivi ta' kondotta f'bosta oħrajn (eż. tal-veterinarji, tat-taxis, fil-qasam tas-saħħa, tal-professjonijiet legali inklużi n-nutara). Bħala riżultat, hemm il-ħtieġa ta' approċċ aktar orizzontali u ta' revizzjoni sistematika tar-restrizzjonijiet li jifdal fid-dħul u fil-kondotta tal-professjonijiet regolati sabiex tiġi evalwata l-ħtieġa u l-proporzjonalità tagħhom. Fir-rigward tas-settur tal-bejgħ fil-livell tal-konsumaturi, id-distributuri għandhom jitħallew jistabbilixxu l-prezzijiet u termini kummerċjali oħra tagħhom b'mod liberu, sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jgawdu minn prezzijiet orħos. Il-konsumaturi jistgħu jibbenefikaw ukoll minn miżuri oħra li jsaħħu l-kompetizzjoni f'dan is-settur ikkonċentrat ħafna, bħat-neħħija jew ir-reviżjoni ta' restrizzjonijiet tal-ġestjoni tat-territorju u s-simplifikazzjoni ta' proċeduri għall-ħolqien ta' postijiet ta' bejgħ ġodda għad-distribuzzjoni.
- (18) L-intensità tal-kompetizzjoni f'numru ta' industrij li jużaw netwerk (fil-provvista wholesale tal-elettriku, fis-settur ferrovjarju) għandha tiġi rinfurzata billi r-riformi li saru s'issa f'dawn is-setturi taw biss riżultati parzjali. Il-grad ta' konċentrazzjoni fis-suq tal-elettriku jibqa' wieħed mill-ogħla fl-Unjoni. Filwaqt li l-Liġi dwar l-Organizzazzjoni l-Ġdida tas-Swieq tal-Elettriku (il-liġi NOME) kellha impatt pożittiv fuq il-kompetizzjoni, jeħtieġ jittieħdu passi ulterjuri sabiex jittejjeb l-aċċess ta' operaturi alternattivi għall-ġenerazzjoni tal-kapaċità fi Franza, bħall-ġenerazzjoni tal-elettriku b'sistema idro. Fit-trasport bil-ferrovija, id-dħul ta' kumpaniji ġodda għadu limitat kemm fil-qasam tat-trasport tal-merkanzija kif ukoll fit-trasport internazzjonali tal-passiġġieri; fit-trasport tal-merkanzija, għad fadal ostakli tekniċi għall-aċċess nondiskriminatorju.
- (19) Is-sehem is-suq Franċiż tal-esportazzjoni naqas b'19,4 % bejn l-2005 u l-2010, li huwa wieħed mill-akbar tnaqqis fost l-Istati Membri, u ħafna aktar mil-livell limitu msemmi fir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija adottat mill-Kummissjoni fl-14 ta' Frar 2012. Is-servizzi tal-Kummissjoni, fir-reviżjoni ddetaljata tagħhom għal Franza, ikkonkludew li t-telf f'ishma tas-suq tal-esportazzjoni jiġi minn deterjorament kemm fil-kompetittività fir-rigward ta' kost kif ukoll fil-kompetittività li mhijiex ibbażata fuq il-prezzijiet, speċjalment din tal-aħħar. B'mod partikolari, iż-żieda fil-kost tal-unitajiet tax-xogħol qiegħdet taħt pressjoni il-profittabbiltà tal-kumpanniji Franċiżi u llimitat il-kapaċità tagħhom biex jikbru, biex jagħmlu l-investimenti meħtieġa biex itejbu r-rendiment tagħhom u biex ikunu innovattivi. Il-linji politiċi attwati biex irawmu l-innovazzjoni fis-settur privat għandhom ikunu mmonitorjati u kkomplementati b'miżuri li jirkupraw il-profittabbiltà tal-kumpaniji Franċiżi.
- (20) Franza ħadet għadd ta' impenji taħt il-Patt Euro Plus. Dawn l-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, jirrigwardaw it-trawwim tal-impjegi, it-titjib tal-kompetittività u t-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Il-Kummissjoni evalwat l-implimentazzjoni tal-impenji taħt il-Patt Euro Plus. Ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni ġew ikkunsidrati fir-rakkomandazzjonijiet.

- (21) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Franza. Hija vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazżjonali ta' Riforma, u ppreżentat analiżi fil-fond. Hija qieset mhux biss ir-relevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fi Franza, iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazżjonali tal-ġejjieni. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha taħt is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) hawn taħt.
- (22) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (23) Fid-dawl tar-riżultati tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazżjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet (2), (4) u (5) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Franza tieħu azzjoni fil-perijodu 2012-2013 biex:

1. Issaħħaħ u timplimenta l-istrategġija baġitarja, appoġġata minn miżuri speċifikati biżżejjed, partikolarment fir-rigward tal-infiq, għas-sena 2012 u għas-snin ta' wara, biex tiżgura korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-2013 u biex twettaq l-isforz ta' aġġustament strutturali speċifikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill taħt il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv. Sussegwentement, tassigura sforz adegwat ta' aġġustament strutturali sabiex tagħmel progress suffiċjenti lejn l-OTM, anke li tilħaq il-valur referenzjarju tan-nefqa, u tiżgura progress suffiċjenti biex tkun konformi mal-valur referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn. Tkompli tirrivedi s-sostenibbiltà u l-adeqgatezza tas-sistema tal-pensjonijiet u tieħu miżuri addizzjonali jekk ikun meħtieġ.
2. Tintroduċi riformi ulterjuri biex tiġġieled is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol billi tirrivedi aspetti magħżula tal-leġiż-

lazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjieg, b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali konformement mal-prattika nazżjonali, b'mod partikolari dawk relatati mas-sensji; tkompli tiżgura li kull żvilupp fil-paga minima jappoġġa l-ħolqien tal-impjieg u l-kompetittività; tieħu azzjonijiet biex iżżid il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja.

3. Tadotta miżuri fis-suq tax-xogħol biex tiżgura li ħaddiema akbar fl-età jibqgħu fl-impjieg għal żmien itwal; ittejjeb l-impjegabbiltà fost iż-żgħażaġħ speċjalment għal dawk l-aktar fir-riskju tal-qgħad, pereżempju billi tipprovidi aktar skemi ta' apprentistat li jkunu aħjar u li jindirizzaw il-bżonnijiet tagħhom b'mod effikaċi; issaħħaħ il-lini politiċi attivi fis-suq tax-xogħol u tiżgura li s-servizzi pubbliċi għall-impjieg jkunu aktar effikaċi fl-għoti ta' appoġġ personalizzat.
4. Tieħu passi ulterjuri biex tintroduċi sistema ta' taxxa aktar sempliċi u bbilanċjata, billi tisposta l-piż tat-taxxa mix-xogħol għal forom oħra ta' tassazzjoni li għandhom inqas piż fuq it-ktabbir u l-kompetittività esterna, b'mod partikolari t-taxxi fuq l-ambjent u l-konsum; tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas u tissimplifika l-infiq fir-rigward ta' taxxa (b'mod speċjali dak li jagħti inċentiv għad-dejn); tirrivedi l-effikaċja tar-rati attwali mnaqqsa tal-VAT favur it-ktabbir u l-ħolqien tal-impjieg.
5. Tkompli bl-isforzi biex tneħħi restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq is-snaġġa u l-professjonijiet regolati, b'mod partikolari fis-servizzi u fis-settur tal-livell tal-konsumaturi; tieħu passi ulterjuri biex tilliberalizza l-industriji li jużaw netwerk, b'mod partikolari fis-suq wholesale tal-elettriku, tiżviluppa l-kapaċità ta' interkonnessjoni tal-enerġija u tiffaċilita d-dħul ta' operaturi ġodda fis-setturi tat-trasport ferrovarjarju tal-merkanzija u tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

V. SHIARLY

⁽¹⁾ Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma 2012 tal-Ġermanja u li twassal l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Ġermanja, 2012-2016

(2012/C 219/10)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija għda għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazżjonali tagħhom.
- (3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-Ġermanja għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Ġermanja għall-perjodu 2011-2014.
- (4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni ta' politika integ-

rata u *ex ante*, imsejja fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx il-Ġermanja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kella titwettaq analiżi fil-fond.

- (5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li sejjħu lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, sabiex jippreżenta l-pożizzjonijiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fi ħdan il-ċiklu tal-politika Ewropa 2020. Dawn il-pożizzjonijiet jiffurmaw parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.
- (6) Il-Parlament Ewropew ġie involut kif suppost fis-Simestru Ewropew, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjeg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.
- (7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex jiggarrantixxi l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li tħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfasizza l-hteġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impjenji tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazżjonali ta' Riforma tagħhom.
- (9) Fit-18 ta' April 2012, il-Ġermanja ressqet il-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-perjodu 2012-2016 u, fit-12 ta' April 2012, il-Programm Nazżjonali ta' Riforma 2012 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew valutati fl-istess waqt.
- (10) Skont l-ewwel notifika tal-2012 tad-defiċit u ċ-ċifri tad-dejn mill-Ġermanja għas-snin 2008-2011 għall-applikazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fl-2011 kien taħt il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG. Barra minn hekk, it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni jipprojetta li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2012 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għall-linji politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽³⁾ ĠU C 212, 19.7.2011, p. 9.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

se jibqa' taħt il-valur referenzjarju tat-Trattat u jonqos ulterjorment matul il-perjodu ta' tbassir. B'riżultat ta' dan, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, fit-30 ta' Mejju, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill li tħassar d-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv skont l-Artikolu 126(12) tat-Trattat⁽¹⁾.

- (11) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji f'dak il-Programm huwa plawsibbli. Il-projezzjonijiet tal-Programm ta' Stabbiltà għall-2012-13 huma konformi mat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni fir-rigward tar-ritmu u l-bixra tat-tkabbir ekonomiku kif ukoll l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol. Il-projezzjonijiet tal-Programm ta' Stabbiltà għat-tkabbir ekonomiku fis-snin imbiegħda huma konformi sew mal-estimu tal-Kummissjoni tar-rata tat-tkabbir fuq terminu medju tal-Ġermanja. L-Objettiv tal-istrateġija baġitarja deskritt fil-Programm ta' Stabbiltà hu li jintlaħaq l-objettiv baġitarju ta' terminu medju (OTM) diġà fl-2012 u li jinkisbu baġits nominali Prattikament bilanċjati sa mill-2014, billi jibdeu b'defiċit nominali ta' 1,0 % tal-PDG fl-2011, b'hekk taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tat-Trattat, sinifikament qabel l-iskadenza tal-2013. Il-Programm ta' Stabbiltà jispeċifika l-OTM preċedenti ta' defiċit strutturali ta' ½ % tal-PDG, (interpretat bħala firxa żgħira madwar 0,5 % tal-PDG), li adegwament tirrifletti r-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, biex jimplika defiċit li ma jaqbiżx 0,5 % tal-PDG. Riskji għall-miri tad-defiċit u tad-dejn jistgħu jinħolqu b'mod partikolari jekk jirriżulta li jkun meħtieġa miżuri biex jistabbilizzaw is-settur finanzjarju. Abbażi tad-bilanċ tal-baġit strutturali (ikkalkulat mill-ġdid)⁽²⁾, il-Ġermanja qed tippjana li tirrispetta l-OTM tagħha matul il-perjodu tal-Programm ta' Stabbiltà, li għandu jkun ukoll il-każ meta titqies il-valutazzjoni tar-riskju. Skont l-informazzjoni providuta fil-Programm ta' Stabbiltà kif ukoll waqt li titqies il-valutazzjoni tar-riskju, ir-rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-gvern, meta jitqiesu l-miżuri għad-dħul diskrezzjonali, jeċċedu l-limitu referenzjarju tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà tal-2012, waqt li jirrispettawh fl-2013.

Id-dejn gross huwa mistenni jiżded sa 0,8 punti perċentwali għal 82,0 % tal-PDG fl-2012, qabel ma jaqa' għal 80 % tal-PDG fl-2013 u jibqa fit-triq tan-niżla minn hemm 'il quddiem. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, il-Ġermanja qiegħda f'perjodu ta' tranżizzjoni u, skont il-pjanijiet, qed tagħmel progress suffiċjenti lejn konformità mal-limitu referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/369/UE li rriżultat ġiet adottata fit-22 ta' Ġunju 2012 (ĠU L 179, 11.7.2012, p. 17).

(2) Bilanċ aġġustat ċiklikament nett mill-miżuri ta' darba jew temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta fil-Programm, bl-użu tal-metodoloġija komunament maqbulha.

- (12) Il-Gvern Federali ħa miżuri biex itejjeb l-effiċjenza tal-infiq pubbliku fuq il-kura tas-saħħa u ppropona riforma ta' kura fit-tul. Sforzi addizzjonali sabiex titjeb l-effiċjenza fil-kura tas-saħħa huma meħtieġa biex irażżnu żidiet ulterjuri fin-nefqa mistennija. Ir-riforma proposta tal-kura fuq terminu twil hi wkoll insuffiċjenti biex tlaħħaq maż-żidiet mistennija fil-kostijiet futuri. Hemm skop għat-titjeb tal-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa. Il-Gvern Federali qiegħed fit-triq it-tajba biex jilħaq l-impenn tiegħu li jżid l-infiq li jsaħħaħ it-tkabbir fuq l-edukazzjoni u r-riċerka. Madanakollu, jibqa' wkoll importanti li anki l-*Länder* u l-muniċipalitajiet, li huma responsabbli għall-biċċa l-kbira tan-nefqa fuq l-edukazzjoni u r-riċerka, jiżguraw infiq adegwat u effiċjenti f'dawk l-oqsma. L-introduzzjoni ta' trażżin tad-dejn kostituzzjonali ġdid kompliet issaħħaħ il-qafas fiskali Ġermaniż. Madanakollu, ma kien hemm l-ebda progress sinifikanti fil-implimentazzjoni tar-regola baġitarja fil-livell ta' *Länder*.

- (13) Sostenn pubbliku sostanzjali għas-settur finanzjarju, flimkien mal-isforzi proprji ta' aġġustament tas-settur u l-effetti benefiċjali tal-irkupru tal-ekonomija Ġermaniża, stabilizzaw is-settur globalment. Minkejja l-eżistenza ta' settur finanzjarju relattivament stabbli b'mod ġenerali, u n-nuqqas ta' kriżi ta' kreditu (credit crunch) għad hemm nuqqasijiet, partikolarment, il-problemi strutturali għal xi *Landesbanken*, b'mod partikolari n-nuqqas ta' mudell kummerċjali vijabbli, strutturi dgħajfa ta' governanza u vulnerabbiltajiet minħabba grad għoli ta' dipendenza fuq il-finanzjament fil-livell tal-operaturi.

- (14) Il-prestazzjoni tajba tas-suq tax-xogħol Ġermaniż, bl-għadd ta' impjegji li qed jiżded u b'qgħad moderat, ma kienitx ta' benefiċċju għall-parteċipanti kollha bl-istess mod u l-pagi mhux dejjem żdiedu skont il-produttività. Diżinċentivi fiskali li jirriżultaw mill-feles ta' taxxa għoli, partikolarment minħabba l-kontribuzzjonijiet għolja tas-sigurtà soċjali, ikomplu jxekklju b'mod partikolari l-integrazzjoni ta' dawk li jaqilgħu pagi baxxi fis-suq tax-xogħol. L-użu estensiv ta' mini-jobs iwassal għal akkwizzizzjoni baxxa tad-drittijiet tal-pensjoni. Għaldaqstant, hemm bżonn li tittejjeb it-trażizzjoni minn mini-jobs għal forum iktar stabbli ta' kuntratti. Ir-riforma riċenti tal-istrumenti tas-suq tax-xogħol għandha tappoġa l-oppurtunitajiet għall-impjeg għal kulħadd. Li tiżded l-effikaċja tas-sistema edukattiva, u l-kisba edukattiva ta' gruppi żvantaġġati, hija sfida ewlenija għall-Ġermanja. Fuq t-terminu medju sa dak twil, l-iżgurar tad-disponibilità ta' ħaddiema kkwalifikati se jkun kruċjali biex ittaffi l-effetti negattivi tal-bidla demografika fuq tkabbir potenzjali. Il-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa fil-forza tax-xogħol hija ta' tħassib. Diżinċentivi fiskali għat-tieni sors tad-dħul u n-nuqqas ta' faċilitajiet full-time għall-indukrara tat-tfal u skejjel għall-matul il-jum jostakolaw il-parteċipazzjoni femminili fis-suq tax-xogħol.

- (15) Il-Ġermanja għaddejja b'riforma ewlenija tas-sistema tal-enerġija. Il-kostijiet ekonomiċi ġenerali għat-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija għandhom ikunu minimizzati billi tkun aċċelerata l-espansjoni nazzjonali u transkonfinali tan-netwerk, billi kontinwament tiżdied il-kost-effikaċċja tal-politika ta' klima u l-enerġija rinnovabbli, jittieħdu passi deċiżivi biex titrawwem aktar l-effiċjenza fl-enerġija, u t-tkattir tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-enerġija. Minħabba l-pożizzjoni ġeografika ċentrali tal-Ġermanja, is-sistema ferrovjarja Ġermaniż, għandu impatt sinifikanti fuq is-sistema ferrovjarja Ewropea globali. Il-kompetizzjoni fis-swieq ferrovjarju għall-passiġġieri u tal-merkanzija għadha baxxa ħafna, l-aktar minħabba nuqqas ta' separazzjoni effettiva bejn il-ġestitur tal-infrastruttura u l-impriża tal-ferrovija. Minkejja l-progress li sar matul dawn l-aħħar snin, fost affarijiet oħra permezz tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern ⁽¹⁾ (id-"Direttiva tas-Servizzi"), hemm lok għal stimulu ulterjuri tal-kompetizzjoni u tat-tkabbir fil-produttività f'xi setturi tas-servizzi.
- (16) Il-Ġermanja daħlet għal għadd ta' impenji fil-Patt Euro Plus. L-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji preżentati fl-2011, huma relatati mat-tkattir tal-impjiegi, it-titjib tal-kompetittività, it-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u r-rinfurzar tal-istabbiltà finanzjarja. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus. Fir-rakkomandazzjonijiet t'hawn taħt ġew ikkunsidrati r-riżultati ta' din il-valutazzjoni.
- (17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Ġermanja. Hija vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Ġermanja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet (1) sa (4) hawn taħt.
- (18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina il-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni ⁽²⁾ tiegħu hija riflessa b'mod partikolari fir-Rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ġermanja tieħu azzjoni fil-perjodu bejn l-2012 u l-2013 sabiex:

1. Tkompli b'politiki fiskali sodi biex tikseb l-OTM sal-2012. Għal dan il-għan, timplimenta l-istrateġija baġitarja kif maħsuba, waqt li tiżgura konformità mal-limitu referenzjarju tan-nefqa u kif ukoll progress suffiċjenti lejn konformità mal-limitu referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn. Tkompli l-kors ta' konsolidazzjoni li jiffavorixxi t-tkabbir permezz ta' sforzi addizzjonali biex ittejjeb l-effiċjenza tal-infiq pubbliku fuq il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, u bl-użu mhux utilizzat tal-potenzjal biex ittejjeb l-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa; tuża l-ambitu disponibbli għal infiq li jsaħħaħ it-tkabbir miżjud u iktar effiċjenti fuq l-edukazzjoni u r-riċerka fil-livelli kollha tal-gvern. Tlesti l-implimentazzjoni tat-trażżin tad-dejn b'mod konsistenti madwar il-*Länder* kollha waqt li tiżgura proċeduri ta' monitoraġġ f'waqthom u rilevanti u mekkaniżmi ta' korrezzjoni
2. Tindirizza d-dgħufijiet strutturali li baqa' fis-settur finanzjarju, *inter alia* billi tirristruttura ulterjorment dawk il-*Landesbanken* li għandhom b'żonn ta' mudell vijabbli ta' negozju li jkun iffianzjat b'mod adegwat billi tevita diżingranar eċċes-siv.
3. Tnaqqas il-feles għoli tat-taxxa b'mod li ma jaffettwax il-baġit, partikolarment għal dawk bi dħul baxx, u żżomm miżuri xierqa ta' attivazzjoni u integrazzjoni, b'mod partikolari għall-dawk qiegħda għat-tul. Toħloq kundizzjonijiet biex il-pagi jkbr skont il-produttività. Tieħu miżuri biex tgħolli r-riżultati edukattivi ta' gruppi żvantaġġati, partikolarment billi tiżgura opportunitajiet indaqs għall-edukazzjoni u s-sistema tat-taħriġ. Tneħħi gradwalment id-dizincenċivi fiskali għat-tieni sors ta' dħul, u żżid id-disponibbiltà ta' faċilitajiet fulltime għall-indukrar tat-tfal u skejjel għal matul il-jum.
4. Tkompli l-isforzi biex iżżomm il-kostijiet ġenerali ekonomiċi għat-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija baxxi kemm jista' jkun, anki billi taċċellera l-espansjoni tan-netwerks nazzjonali u transkonfinali tal-gass u tal-elettriku. Tiżgura li l-istruttura istituzzjonali tiggarrantixxi kompetizzjoni effettiva fis-swieq ferrovjarji. Tieħu miżuri biex tistimula ulterjorment il-kompetizzjoni fis-setturi tas-servizzi, inkluż is-servizzi professjonali u ċertu artiġjanat, b'mod partikolari fis-settur tal-kostruzzjoni.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

⁽¹⁾ ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

⁽²⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 tal-Greċja

(2012/C 219/11)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi varata strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa ta' politika ekonomika, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għal-linji politiċi dwar l-ekonomija tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-linji ta' politika nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.
- (3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Greċja għall-2011.

(4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u ex ante ta' linji politiċi, li huwa msejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020.

(5) Il-Parlament Ewropew kien debitament involut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

(6) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li trawwem it-tkabbir. Huwa enfażizza l-ħtieġa li ssir konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tkun favorevoli għat-tkabbir, biex jiġu rkuprati l-kondizzjonijiet normali ta' self lill-ekonomija, għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività, għall-indirizzar tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipanti fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

(8) Fit-12 ta' April 2012, il-Greċja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2012 u informazzjoni mhux sħiħa dwar il-pjanijiet baġitarji tagħha minħabba l-proċess li għaddej biex tiġi aġġornata l-Istrateġija Fiskali għat-Terminu Medju (MTFS), mistennija li tiġi ffinalizzata dalwaqt. L-awtoritajiet Griegi huma mistiedna jippreżentaw is-sensiela sħiħa ta' tabelli standard meħtieġa skont il-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ladarba l-aġġornament tal-MTFS jitlestha.

(9) Fil-21 ta' Frar 2012, il-Grupp tal-Euro qabel dwar it-tieni programm ta' aġġustament ekonomiku għall-Greċja. L-implimentazzjoni tal-linji politiċi dwar l-ekonomija spjegati b'mod ġenerali fil-Memorandum ta' Qbil dwar Kondizzjonalità Specifica ta' Politika Ekonomika se tikkontribwixxi biex id-dejn pubbliku Grieg jitnaqqas għal 117 % tal-PDG sal-2020. Il-Grupp tal-Euro ftiehem ukoll li l-finanzjament tas-settur uffiċjali tal-programm jammonta għal EUR 130 biljun sal-2014, minbarra l-ammonti impenjati fl-ewwel programm ta' finanzjament.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽³⁾ ĠU C 213, 20.7.2011, p. 12.

- (10) Ir-rilaxx tas-segmenti huwa bbażat fuq il-konformità mal-kriterji kwantitattivi ta' prestazzjoni u mal-evalwazzjoni pożittiva tal-progress li sar fir-rigward tal-kriterji ta' politika stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/734/UE tat-12 ta' Lulju 2011 indirizzata lill-Greċja bl-għan li ssaħħa u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqis tad-defiċit, liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv⁽¹⁾ (kif emendata fit-8 ta' Novembru 2011⁽²⁾ u fit-13 ta' Marzu 2012⁽³⁾) u fil-Memorandum ta' Qbil dwar Kondizzjonalità Speċifika ta' Politika Ekonomika, li kien iffirmat fl-14 ta' Marzu 2012.
- (11) Fid-19 ta' Marzu 2012, l-ewwel pagament (EUR 5,9 biljun) tal-ewwel segment (EUR 14,5 biljun) tal-programm ta' finanzjament il-ġdid kien imħallas mill-Faċilità Ewropea għall-Istabbiltà Finanzjarja (FESF) lill-Greċja. Il-Greċja rċeviet ukoll EUR 1,6 biljun mill-Fond Monetariju Internazzjonali (FMI). Sa Mejju 2012, il-Greċja kienet irċeviet EUR 147,5 biljun minn finanzjamenti uffiċjali skont l-ewwel u t-tieni programmi.
- (12) Fl-2010 u fl-2011, il-Greċja għamlet progress parzjali lejn l-għanijiet ambizzjużi tal-programm ta' aġġustament. Diversi fatturi fixxlu l-implimentazzjoni: l-instabbiltà politika, it-taqlib soċjali u l-kwistjonijiet ta' kapaċità amministrattiva u, aktar fundamentalment, reċessjoni li kienet ħafna aktar profonda milli kemm kienet prevista qabel. Ma ntlaħqux miri fiskali importanti, u dan wassal għall-adozzjoni ta' miżuri addizzjonali ta' konsolidazzjoni matul l-2010 u l-2011. Madankollu, il-Greċja rnexxielha tnaqqas sostanzjalment id-defiċit ġenerali tal-gvern: minn 15,8 % tal-PDG fl-2009 għal 9,1 % fl-2011.
- (13) Fit-18 ta' April 2012, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar 'It-Tkabbir għall-Greċja' li tenfasizza l-impatt pożittiv li jista' jkollha l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-programm ta' aġġustament ekonomiku, billi tħejji s-sisien għat-tkabbir, għall-investiment u għat-tiġdid soċjali. Din il-Komunikazzjoni tfakkar li l-Greċja tista' ggħib is-saħħa u l-appoġġ konkret mis-sħubija tagħha fl-Unjoni u miż-żona tal-euro. Hija tisħaq li r-riformi stipulati fit-tieni programm ta' aġġustament ekonomiku huma mfassla sabiex jerġa jiġi f'tiegħu il-potenzjal tat-tkabbir u tal-ħolqien tax-xogħol tal-ekonomija Griega u sabiex tinholq soċjetà aktar ekwa. Hija tiddekrivi l-appoġġ finanzjarju estensiv li qed jingħata lill-Greċja u tenfasizza l-volontà tas-sħab tal-Greċja, u b'mod partikolari tal-
- Kummissjoni, biex jidentifikaw modi li jimmassimizzaw l-impatt tal-ewwel riżultati permezz ta' azzjonijiet rapidi u tal-appoġġ tal-UE.
- (14) Il-kriżi ekonomika u l-miżuri sussegwenti ta' konsolidazzjoni fiskali kellhom impatt fuq il-kapaċità tal-Greċja biex tilħaq il-miri tal-Ewropa 2020, speċjalment dawk b'orjentazzjoni soċjali. Madankollu, ir-riformi strutturali, partikolarment dawk fis-suq tax-xogħol, il-liberalizzazzjoni ta' diversi setturi u għadd ta' miżuri għat-titjib fl-ambjent tan-negozju, se jgħinu biex jipprovmovu l-kompetizzjoni, jixprunaw il-produttività, jżidu l-impjiegi u jnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni, u b'hekk jikkontribwixxu għal żieda fl-impjiegi, u jillimitaw l-faqar u l-esklużjoni soċjali fit-terminu medju. Minkejja l-kriżi ekonomika, il-Greċja kompliet taħdem biex tilħaq l-għanijiet ambjentali tal-Ewropa 2020.
- (15) Qiegħed isir programmar strateġiku mill-ġdid tal-Fondi Strutturali, li jiffoka fuq l-appoġġ għall-impjiegi taż-żgħażaġh u għall-kompetittività (b'mod partikolari l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)). Il-miżuri l-ġodda jsaħħu l-azzjonijiet fl-oqsma tal-passaport għall-impjiegi, tat-taħriġ u tal-kwalifiki professjonali, u tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs.
- (16) Il-Greċja ħadet għadd ta' impenji fil-Patt Euro Plus. L-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, huma relattivi għall-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-kompetittività, it-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, u t-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Greċja:

Timplimenta l-miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/734/UE kif emendata fit-8 ta' Novembru 2011 u fit-13 ta' Marzu 2012, u l-Memorandum ta' Qbil dwar Kondizzjonalità Speċifika ta' Politika Ekonomika, li kien iffirmat fl-14 ta' Marzu 2012.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHARLY

⁽¹⁾ ĠU L 296, 15.11.2011, p. 38.

⁽²⁾ ĠU L 320, 3.12.2011, p. 28.

⁽³⁾ ĠU L 113, 25.4.2011, p. 8.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 tal-Ungerija u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija, 2012-2015

(2012/C 219/12)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi varata strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa ta' politika ekonomika, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għal-linji politiċi dwar l-ekonomija tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-linji ta' politika nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.
- (3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-

2011 tal-Ungerija u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Ungerija għall-perjodu 2011-2014.

- (4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' linji politiċi, li huwa msejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, fejn identifikat l-Ungerija bħala wieħed mill-Istati Membri li fil-konfront tagħhom issir reviżjoni fil-fond.

- (5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu tal-politika tal-Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

- (6) Il-Parlament Ewropew kien debitament involut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjeg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

- (7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li trawwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li ssir konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tkun favorevoli għat-tkabbir, biex jiġu rkuprati l-kundizzjonijiet normali ta' self lill-ekonomija, għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività, għall-indirizzar tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika.

- (8) Fid-29 ta' Frar 2012, il-Parlament Ewropew u l-Ungerija skambjaw fehmiet f'konformità mal-Artikolu 2-ab(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

- (9) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipanti fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽⁴⁾ ĠU C 209, 15.7.2011, p. 10.

- (10) Fit-23 ta' April 2012, l-Ungerija ressqet il-Programm ta' Konverġenza tagħha li jkopri l-perijodu bejn l-2012 u l-2015 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew iwwalutati fl-istess waqt. Il-Kummissjoni vwalutat ukoll, permezz ta' reviżjoni fil-fond taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, jekk l-Ungerija hiji milquta minn żbilanċi makroekonomiċi. Il-Kummissjoni kkonkludiet fir-reviżjoni fil-fond tagħha li l-Ungerija qiegħda jkollha żbilanċi esterni u interni, għalkemm dawn mhumiex eċċessivi.
- (11) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill jaħseb li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm huwa wieħed xi ftit ottimist. Il-projezzjonijiet ta' tkabbir tal-awtoritajiet Ungeriżi għall-2012 u l-2013 huma madwar nofs punt perċentwali ogħla meta mqabbla mal-previżjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-rebbieġha tal-2012 minħabba s-suppożizzjonijiet uffiċjali aktar ottimisti fir-rigward tad-domanda domestika, partikolarment fl-2013. L-għan tal-istrateġija baġitarja spjegata fil-Programm ta' Konverġenza huwa li tkun żgurata l-korrezzjoni sostenibbli tad-defiċit eċċessiv sal-iskadenza tal-2012 li ġiet stabbilita mill-Kunsill f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv tat-13 ta' Marzu 2012. Il-miri uffiċjali tad-defiċit u l-isforzi fiskali ppjanati huma konformi ma' dik ir-Rakkomandazzjoni. Il-Programm ta' Konverġenza jikkonferma l-oġettiv baġitarju preċedenti tat-terminu medju (OTM) ta' 1,5 % tal-PDG, li jippjana li jilħaq sal-2013. L-OTM jirrifletti b'mod xieraq ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fuq il-bażi tal-bilanċ baġitarju strutturali (rikalkulat)⁽¹⁾, ma jidherx li se jkun adegwat il-progress lejn l-OTM fl-2013 meta mqabbel mal-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-rebbieġha tal-2012, li tqis r-riskji fl-implimentazzjoni relatati ma' miżuri magħżula b'rabta mal-iffrankar u ma' xenarju makroekonomiku anqas pożittiv.
- Ir-rata ta' tkabbir tal-infiq tal-gvern, b'kunsiderazzjoni ta' miżuri diskrezzjonarji ta' dħul, hija konformi mal-punt ta' riferiment tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2013, iżda mhux fl-2014 u l-2015. Skont il-pjani tal-gvern, fl-2015 id-dejn pubbliku ser jitnaqqas b'mod kontinwu matul il-perijodu tal-Programm għal anqas minn 73 % tal-PDG, iżda ser jibqa' ogħla minn 60 % tal-valur referenzjarju tal-PDG. Fir-rigward tal-punt ta' riferiment tat-tnaqqis tad-dejn, bejn l-2013 u l-2014 l-Ungerija ser tkun f'perijodu tranżizzjonali u l-Programm ta' Konverġenza jkun jiżgura biżżejjed progress lejn konformità mal-punt ta' riferiment. Skont il-Programm
- ta' Konverġenza, il-punt ta' riferiment tat-tnaqqis tad-dejn jintlaħaq fi tmiem il-perijodu tranżizzjonali, fl-2015, u għaldaqstant għandu jgħin fit-tnaqqis tad-dejn estern u intern akkumulat.
- (12) Ġew adottati regolamenti ġodda għall-implimentazzjoni tal-qafas kostituzzjonali tal-governanza fiskali, iżda wħud mill-fatturi tiegħu għadhom dgħajfa. L-ippjanar baġitarju fuq perijodu medju huwa biss wieħed indikattiv, ir-riżorsi tal-Kunsill Fiskali mhumiex proporzjonati mas-setgħa qawwija ta' veto li għadu kemm ingħata, u d-disponibbiltà ta' informazzjoni baġitarja għadha insuffiċjenti. It-tisħiħ tad-dimensjoni ta' ppjanar baġitarju fuq perijodu medju u t-twessigħ tal-mandat analitiku tal-Kunsill Fiskali jgħinu biex jiżguraw li l-qafas kostituzzjonali ġdid tal-governanza fiskali jkun jista' jwettaq ir-rwol tiegħu.
- (13) Ir-reazzjonijiet ta' politika għall-indirizzar tal-impatt tar-riforma tat-taxxa fuq il-ħaddiema b'paga baxxi (żieda fil-paga minima, skema ta' sussidju tal-paga) ma kkontribwixxewx sabiex iżidu l-impjiegi, filwaqt li l-miżuri li jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol huma pass ċkejken fid-direzzjoni t-tajba. Jekk it-tassazzjoni tax-xogħol issir waħda aktar favorevoli għall-impjiegi u jekk jittieħdu miżuri aktar b'saħħithom favur il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, partikolarment permezz ta' faċilitajiet għall-ħarsien tat-tfal u faċilitajiet ta' edukazzjoni pre-primarja, tkun qed tingħata għajjnuna biex tittejjeb ir-rata tal-impjiegi.
- (14) Is-servizz tal-impjiegi pubbliċi ġie riorganizzat u dan ir-riżultat fi tnaqqis strutturali ġenerali, fatt li jmur kontra dak li kien ġie rakkomandat fl-2011. Fil-qasam ta' linji politiċi attivi tas-suq tax-xogħol, ċerti miżuri bil-għan li jipprovdur servizzi mfassla speċifikament għal gruppi żvantaġġati, pereżempju, fi ħdan il-programmi tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), jidher li huma kredibbli u relevanti. Madanakollu, miżuri oħrajn mmirati għal gruppi żvantaġġati (eż. xogħlijiet pubbliċi) x'aktarx li ma jkollomx effett bħala titjib tal-allokkazzjoni tal-parteċipanti fis-suq miftuħ tax-xogħol. Għandhom jittieħdu passi serji u mingħajr dewmien għat-tisħiħ tal-kapaċità tas-servizz pubbliku tal-impjiegi, waqt li għandu jinżamm l-aħjar bilanċ bejn xogħlijiet pubbliċi u linji politiċi attivi oħrajn tas-suq tax-xogħol, sabiex jiġi megħjun il-funzjonament tas-suq tax-xogħol u tiżdied ir-rata ta' parteċipazzjoni. Iż-żieda fil-potenzjal tat-tkabbir permezz ta' riformi strutturali fis-suq tax-xogħol tkun importanti wkoll għal tnaqqis sostnut tal-vulnerabbiltajiet li joħorġu mill-istokk kbir ta' dejn estern u intern. Barra minn hekk, l-Istrateġija Nazzjonali tal-Inklużjoni Soċjali (tar-Roma) ma ġietx inkluzja fl-inji politiċi oħrajn.

(1) Bilanċ nett ta' miżuri ta' darba u temporanji aġġustat fuq bażi ċiklika, rikalkulat mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Programm, permezz ta' metodoloġija komunement miftiehma.

- (15) Fil-parti l-kbira tagħhom, il-miżuri għat-titjib tal-ambjent kummerċjali mixjin fid-direzzjoni t-tajba, iżda għadu jista' jsir progress sinifikanti. L-isforzi għat-titjib tal-aċċess għall-finanzjament mhux bankarju wkoll mixjin fid-direzzjoni t-tajba, iżda għadha nieqsa valutazzjoni komprensiva tal-linji politiċi dwar l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). L-Ungerija tikklassifika fil-baxx ħafna fir-rigward ta' bosta indikaturi li jkejlu t-trasparenza u l-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika, fejn il-progress f'dawn l-oqsma jgħin biex tittejjeb l-istabbiltà tal-ambjent istituzzjonali u ta' politika. Min-naħa tiegħu, dan jista' jtejjeb il-kundizzjonijiet għal investiment dirett barrani u jgħin fit-tnaqqis tal-iżbilanċi sinifikanti fil-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali nett: b'mod partikolari, fl-2009 u fl-2010 l-proporzjon ta' profitti riinvestiti naqas b'mod drammatiku parzjalment minħabba l-kriżi iżda wkoll minħabba għadd ta' bidliet kontroversjali u imprevedibbli fl-ambjent fiskali u tal-politika u fis-sistema legali u istituzzjonali. Ix-xejra reċenti fil-finanzjament pubbliku tar-riċerka u l-innovazzjoni (minn nofs l-2010) mhijiex konformi mal-prijorità tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir tal-2012 fir-rigward ta' konsolidazzjoni fiskali differenzjata li tkun favorevoli għat-tkabir.
- (16) Il-Gvern wettaq riforma tal-edukazzjoni għolja li introduċiet tibdil fil-istruttura u l-finanzjament tal-edukazzjoni għolja. Barra minn hekk, hemm ir-riskju li ċerti elementi tal-leġiżlazzjoni ġdida dwar l-edukazzjoni fl-iskejjel iwasslu għal żieda fl-għadd ta' persuni li joħorġu mis-sistema edukattiva kmieni u fis-segregazzjoni tas-sistema tal-iskejjel Ungeriża. Il-kwistjoni, li hija tant importanti wkoll, tat-tagħlim tul il-ħajja mhijiex indirizzata biżżejjed. It-titjib tal-edukazzjoni fil-livelli kollha ser tkun importanti biex tiżied il-kompetittività tal-forza tax-xogħol tal-Ungerija.
- (17) In-nuqqas ta' progress fir-ristrutturar tat-trasport pubbliku kien raġuni importanti għaliex f'dawn l-aħħar snin ma ntlaħqux il-miri baġitarji. Il-parti l-kbira tat-tagħmir ferrovjarju tat-trasport pubbliku laħaq il-limiti tal-utilità tiegħu. Żieda fil-kapaċità transfruntiera tan-netwerk tal-elettriku tista' tiffaċilita żieda potenzjali fil-kummerċ mal-pajjiżi ġirien. Ir-regolatur nazzjonali tal-enerġija ma għandux is-setgħa li jorganizza l-istrutturi tiegħu b'mod awtonomu u tonqsu l-kompetenza esklużiva li jistabbilixxi tariffi tan-netwerk fosthom il-qliegħ bħala rata ta' redditu li l-operaturi tan-netwerk jitħallew jagħmlu. Il-prezzijiet regolati għandhom japplikaw biss għal konsumaturi vulnerabbli.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Ungerija. Hija vvalutat li l-programm ta' konverġenza u l-programm nazzjonali ta' riforma, u ppreżentat revizzjoni fil-fond. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Ungerija, iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċizzjonijiet nazzjonali tal-gejji. Ir-rakkomandazzjoni tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (7) aktar 'l isfel.
- (19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.
- (20) Fid-dawl tar-riżultati tar-reviżjoni fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Riforma Nazzjonali u l-Programm ta' Konverġenza. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet (1), (3), (4) u (5) aktar 'l isfel.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ungerija tieħu azzjoni fil-perijodu 2012-2013 sabiex:

1. Sal-2012 tikkorreġi b'mod deġġiem id-defiċit eċċessiv billi timplimenta l-baġit tal-2012 u l-miżuri ta' konsolidazzjoni approvati sussegwentement, filwaqt li tnaqqas id-dipendenza fuq miżuri ta' darba. Minn hemm 'il quddiem, tispeċifika l-miżuri strutturali kollha meħtieġa biex tiżgura korrezzjoni deġġima tad-defiċit eċċessiv u tagħmel progress suffiċjenti lejn l-OTM, anke billi tilħaq il-punt ta' riferiment tan-nefqa, u tiżgura li jsir biżżejjed progress lejn il-konformità mal-punt ta' riferiment tat-tnaqqis tad-dejn. Sabiex tgħin ukoll fil-mitigazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi akkumulati, hija għandha tibda t-tnaqqis progressiv tal-proporzjon tad-dejn pubbliku.
2. Tirrivedi l-liġi kardinali dwar l-istabbiltà ekonomika billi tpoġġi r-regoli numeriċi l-ġodda f'qafas baġitarju fuq perijodu medju li jkun vinkolanti. Tkompli bit-twessigħ tal-mandat analitiku tal-Kunsill Fiskali, bil-għan li żżid it-trasparenza tal-finanzi pubbliċi.
3. Tagħmel it-tassazzjoni tax-xogħol aktar favorevoli għall-impjegi billi ttaffi l-impatt tat-tibdil fit-taxxa fuq ħaddiema b'paga baxxa li sar fl-2011 u fl-2012 b'mod sostenibbli u newtrali fir-rigward tal-baġit, pereżempju billi titfa' parti mill-piż fiskali fuq taxxi fuq l-enerġija u taxxi rikorrenti fuq il-proprietà. Issaħħaħ il-miżuri biex tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, partikolarment billi tespandi l-faċilitajiet tal-ħarsien tat-tfal u dawk tal-edukazzjoni pre-primarja.
4. Issaħħaħ il-kapaċità tas-Servizz Pubbliku tal-Impjegi biex iżżid il-kwalità u l-efkaccja tat-taħriġ, l-assistenza fit-ftitxija għax-xogħol u s-servizzi individwalizzati, b'mod partikolari fir-rigward ta' gruppi żvantaġġati. Issaħħaħ l-element ta' attivazzjoni fl-iskema tax-xogħol pubbliku permezz ta' taħriġ effettiv u assistenza fit-ftitxija għax-xogħol. Timplimenta l-Istrateġija Nazzjonali tal-Inklużjoni Soċjali (tar-Roma), filwaqt li tinkludiha fl-inji politiċi oħrajn.

(1) Taħt l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

5. Timplimenta miżuri previsti li jnaqqsu l-piż amministrattiv. Tiżgura li l-akkwist pubbliku u l-proċess leġiżlattiv jappoġġaw il-kompetizzjoni fis-suq u jiżguraw ambjent regolatorju li jkun stabbli u favorevoli għan-negozju għall-impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji, fosthom l-investituri barranin diretti. Tnaqqas il-kosti tal-konformità mat-taxxa u tistabbli l-legali u bla ebda distorsjoni fir-rigward tat-tassazzjoni korporattiva. Tneħħi restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq it-twaqqif ta' stabbilimenti ta' skala kbira ta' negozju bl-immnut. Tipprovdi skemi inċentivati speċifiċi u mmirati sew bħala appoġġ għal SMEs innovattivi fl-istrateġija l-ġdida dwar l-innovazzjoni.
6. Tħejji u timplimenta strateġija nazzjonali dwar it-tluq bikri mill-iskola billi tiżgura finanzjament adegwat. Tiżgura li l-implimentazzjoni tar-riforma tal-edukazzjoni għolja ttejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni għal gruppi żvantaġġati.
7. Tirriforma s-sistema tat-trasport pubbliku u tagħmilha aktar effikaċi fir-rigward tal-kost. Iżżid il-kapaċitajiet transfruntieri tan-netwerk tal-elettriku, tiżgura l-indipendenza tar-regolatur tal-enerġija u gradwalment tabolixxi l-prezzijiet regolati tal-enerġija.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 tal-Irlanda u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Irlanda, 2012-2015

(2012/C 219/13)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi varata strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa ta' politika ekonomika, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għal-linji politiċi dwar l-ekonomija tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-linji ta' politika nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.
- (3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-Irlanda għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Irlanda għall-perijodu 2011-2015.

- (4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' linji politiċi, li huwa msejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020.

- (5) Il-Parlament Ewropew kien debitament involut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjeg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

- (6) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li trawwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-hteġa li ssir konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tkun favorevoli għat-tkabbir, biex jiġu rkuprati l-kundizzjonijiet normali ta' self lill-ekonomija, għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività, għall-indirizzar tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika.

- (7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipanti fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

- (8) Fis-27 ta' April 2012, l-Irlanda ressqet il-Programm ta' Stabbiltà tagħha, li jkopri l-perijodu 2012-2015 u l-Programm ta' Riforma Nazzjonali tagħha għall-2012.

- (9) Fis-7 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE ⁽⁴⁾ li tagħti għajjnuna finanzjarja lill-Irlanda sa tmiem l-2013 b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jstabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja ⁽⁵⁾. Il-Memorandum ta' Qbil relatat iffirmat fis-16 ta' Diċembru 2010 u s-supplimenti suċċessivi tiegħu jstabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' politika ekonomika li fuq il-bażi tagħha joħorġu l-flus tal-għajjnuna finanzjarja.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽³⁾ ĠU C 215, 21.7.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34.

⁽⁵⁾ ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

- (10) B'mod ġenerali, l-Irlanda implimentat il-kundizzjonijiet tal-programm ta' għajnuna finanzjarja speċifikat fil-Memorandum ta' Qbil. B'mod partikolari, il-mira tad-defiċit fiskali għall-2011 (10,6 %) inkisbet b'marġni sinifikanti u l-baġit għall-2012 qiegħed jimmira lejn defiċit fiskali ta' 8,6 % tal-PDG, b'konformità mal-limitu massimu tal-programm ta' għajnuna finanzjarja. Il-pjanijiet ta' konsolidazzjoni fiskali għat-terminu medju huma konsistenti mal-limiti massimi għad-defiċit fil-programm ta' għajnuna finanzjarja u ma' defiċit iktar baxx minn 3 % tal-PDG sal-2015. Ir-rikapitalizzazzjoni tal-banek domestiċi prevista mir-Reviżjoni tal-2011 tal-Valutazzjoni tal-Kapital Prudenzjali tal-Bank Ċentrali tal-Irlanda sostanzjalment tlestiet u d-deleveraging tal-banek domestiċi kumplessivament qabeż il-miri tal-programm ta' għajnuna finanzjarja għall-2011. Ir-riformi strutturali għat-tisħiħ tal-kompetittività u li għandhom joħlqu aktar opportunitajiet ta' xogħol jinsabu fi stadju avvanzat sew.
- (11) L-ekonomija tal-Irlanda reġa' qed ikollha tkabbir modest ta' 0,7 % fl-2011, kif kien mistenni bejn wieħed ieħor fil-programm ta' għajnuna finanzjarja. It-tkabbir kien ġej l-iktar mill-esportazzjonijiet li bbenefikaw minn titjib fil-kompetittività u domanda esterna solida. L-esportazzjonijiet netti kkontribwew 4,7 punti perċentwali għat-tkabbir tal-PDG, filwaqt li d-domanda domestika kompliet tonqos minħabba l-konsolidazzjoni fiskali, telf ta' impjegi u tranġar tal-bilanċi tal-familji. Fl-2012, it-tkabbir huwa mistenni li jimmodera ruħu għal madwar 0,5 %, minħabba l-ambjent estern avvers u l-aġġustament kontinwu għad-domanda domestika. L-itranġar tal-bilanċi korporattivi u tal-familji se jkompli jkun ta' piż fuq il-konsum u l-investiment fit-terminu medju. It-tkabbir li jiġi mill-esportazzjonijiet huwa mistenni li jiżdied għal 1,9 % fl-2013 u għal 2,8 % sal-2015 bis-saħħa tad-demografija tajba tal-Irlanda u suq tax-xogħol flessibbli kif ukoll kapacià żejda konsiderevoli fl-ekonomija.
- (12) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makro-ekonomiku li fuqu huma bbażati l-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm huwa plawżibbli. Il-projezzjonijiet tat-tkabbir ekonomiku fil-Programm ta' Stabbiltà huma simili għall-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2012. L-għan tal-istrateġija baġitarja tal-Programm ta' Stabbiltà huwa li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika jonqos għal taħt il-limitu ta' 3 % tal-

PDG sa tmiem l-2015, li huwa konformi mal-iskadenza stabbilita mill-Kunsill għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv. Il-Programm ta' Stabbiltà attwalment jipproġetta defiċit ta' 8,3 % tal-PDG (taħt il-mira tal-programm ta' 8,6 % tal-PDG) fl-2012, 7,5 % tal-PDG fl-2013, 4,8 % tal-PDG fl-2014 u 2,8 % tal-PDG sa tmiem il-perjodu tal-programm fl-2015. Dan il-perkors huwa bbażat fuq miżuri ta' konsolidazzjoni ta' 2,7 % tal-PDG implimentati fil-baġit għall-2012, u miżuri ta' konsolidazzjoni usa' ta' 3,9 % tal-PDG fl-2013-2014 u sforz ta' konsolidazzjoni ulterjuri speċifikat parzjalment ta' 1,1 % tal-PDG fl-2015. Il-Programm ta' Stabbiltà jirriafferma l-objettiv tat-terminu medju (OTM) ta' defiċit strutturali tal-amministrazzjoni pubblika ta' 0,5 % tal-PDG, li ma jintlaħaqx matul il-perjodu tal-programm. L-OTM jirrifletti adegwament ir-rekwiżit tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa iktar minn 60 % tal-PDG u huwa mistenni li jiżdied minn 108 % tal-PDG fl-2011 għal 120 % fl-2013 qabel ma jibda jonqos. Għall-perjodu tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv sal-2015 u fit-tliet snin ta' wara, l-Irlanda se tkun f'perjodu ta' tranżizzjoni u l-pjanijiet baġitarji għandhom jiżguraw biżżejjed progress lejn il-konformità mal-valur referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

- (13) L-Irlanda ħadet għadd ta' impenji taħt il-Patt Euro Plus. Dawn l-impenji jikkonċernaw il-promozzjoni tal-kompetittività, il-promozzjoni tal-impjegi, it-titjib tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u t-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Irlanda tieħu azzjoni matul il-perjodu 2012-2013 sabiex:

Timplimenta l-miżuri stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE u speċifikati ulterjorment fil-Memorandum ta' Qbil tas-16 ta' Diċembru 2010 u s-supplimenti sussegwenti tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Italja u t-twassil ta' Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà għall-Italja, 2012-2015

(2012/C 219/14)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tvara strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn jeħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2012 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għall-linji politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

- (3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-programm nazzjonali ta' riforma tal-Italja għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-programm aġġornat ta' stabbiltà tal-Italja għal 2011-2014.

- (4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu tat-Twissija, fejn identifikat lill-Italja bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih se titwettaq revizzjoni ddetaljata.

- (5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu tal-politika tal-Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

- (6) Il-Parlament Ewropew ġie involut kif suppost fis-Semestru Ewropew, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

- (7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għall-iżgurar tal-istabbiltà finanzjarja, tal-konsolidazzjoni fiskali u ta' azzjoni li tinkoraġġixxi t-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titkompla il-konsolidazzjoni fiskali differenzjata li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u sabiex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

- (8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin sabiex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

⁽⁴⁾ ĠU C 215, 21.7.2011, p. 4.

- (9) Fit-30 ta' April 2012, l-Italja ressqet il-Programm ta' Stabbiltà tagħha li jkopri l-perjodu 2012-2015 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt. Il-Kummissjoni ivvalutat ukoll reviżjoni ddettaljata, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, jekk l-Italja hijiex affettwata minn żbilanċi makroekonomiċi. Il-Kummissjoni kkonkludiet fl-analiżi ddettaljata tagħha, li l-Italja hija affettwata minn żbilanċi, għalkemm mhux minn dawk eċċessivi. B'mod partikolari, filwaqt li d-dejn pubbliku diġà qiegħed taħt skrutinju mill-qrib fil-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir, l-iżviluppi makroekonomiċi fil-qasam tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni jistħoqqilhom l-attenzjoni sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-effetti ħżiena fuq il-funzjonament tal-ekonomija.
- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għal dak il-programm huwa plawsibbli, dejjem jekk il-kundizzjonijiet finanzjarji tas-suq ma jmorrux aktar għall-agħar. F'konformità mal-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2012, huwa mistenni li l-PDG reali jonqos drastikament din is-sena u jirkupra gradwalment fl-2013. F'konformità mal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (EDP, l-għan tal-istrateġija baġitarja mfissra fil-programm hija li d-defiċit ġenerali tal-gvern jitniżżel għal taħt il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG sal-2012, abbażi ta' aktar tnaqqis fl-infiq u dħul addizzjonali. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-objettiv ta' terminu medju (OTM) dwar pożizzjoni baġitarja bbilanċjata f'termini strutturali, li adegwatament tirrifletti l-ħtiġijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-Italja tippjana li tilħqu fl-2013, jiġifieri sena qabel milli mmirat fil-Programm ta' Stabbiltà preċedenti, permezz tal-miżuri diġà adottati fl-2010-2011. Ibbażat il-bilanċ tal-baġit strutturali (ikkalkulat mill-ġdid)⁽¹⁾, l-isforz fiskali annwali medju ppjanat fuq il-perjodu 2010-2012 huwa '1 fuq sew mill-0,5 % tal-PDG irrakkomandat mill-Kunsill skont l-EDP. Il-pass ta' aġġustament previst f'termini strutturali fl-2013 jippermetti li l-Italja tikseb l-OTM matul dik is-sena kif ukoll ir-rata ppjanata tat-tkabbir tal-infiq pubbliku, u li jittieħed kont tal-miżuri tad-dħul diskrezzjonali huwa konformi mal-parametru referenzjarju tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- Il-Programm ta' Stabbiltà jipproġetta li l-proporzjon tad-dejn pubbliku se jilħaq il-quċċata fl-2012 u mbagħad jibda jonqos b'rata dejjem iktar mgħaġġla hekk kif il-bilanċ pożittiv jikber. Fl-2013-2014 l-Italja se tkun f'perjodu ta' tranżizzjoni u l-pjanijiet baġitarji tagħha se jiżguraw progress suffiċjenti li jilħaq il-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn, kif ikkonfermat wkoll fil-
- previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-Rebbiegħa tal-2012. Skont il-pjanijiet tal-Italja, il-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn se jintleħaq fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni (2015). Sabiex jintleħaq l-eżiti tad-defiċit u tad-dejn t'hawn fuq hija meħtieġa l-implimentazzjoni baġitarja stretta u sħiħa tal-miżuri korrettivi adottati fl-2010-2011.
- (11) Rigward il-qafas fiskali, il-Parlament Taljan approva liġi li tintroduċi regola dwar baġit ibbilanċjat fil-Kostituzzjoni Taljana. Hija meħtieġa leġislazzjoni ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika il-karatteristiċi ewlenin tar-regola, jiġifieri l-arranġamenti dettaljati għall-applikazzjoniu l-mekkaniżmi ta' korrezzjoni u l-klawsoli ta' ħruġ xierqa kif ukoll il-koordinazzjoni meħtieġa bejn il-livelli differenti pubbliċi. Il-Gvern impenja ruħu li jsegwi titjib fl-effiċjenza u l-kwalità tan-nefqa pubblika li jżomm fit-tul, permezz ta' analiżi ddettaljata tal-infiq fil-livelli kollha pubbliċi. L-analiżi għandha ukoll tippermetti ordni ta' prijorità fil-partiti tan-nefqa favur it-tkabbir. Bl-istess għan, l-orjentazzjoni mill-ġdid tal-użu tal-Fondi Strutturali għaddejjja permezz ta' miżuri meħuda f'Marzu 2011 u bil-Pjan ta' Azzjoni għall-Koeżjoni ta' Novembru 2011, li jimmira wkoll li jithaff l-assorbiment tal-fondi strutturali. Madankollu, nuqqasijiet importanti f'termini ta' kapaċità amministrattiva, partikolarment fir-reġjuni ta' konverġenza, għadhom ifixklu l-assorbiment tal-fondi.
- (12) L-istruttura tas-sistema tat-taxxa u l-livell għoli ta' evażjoni tat-taxxa u x-xogħol mhux iddikjarat affettwaw ħażin il-prestazzjoni ekonomika tal-pajjiż. Il-konformità fit-taxxa u fil-governanza huma affettwati wkoll mill-infiq fuq firxa wiesgħa tat-taxxi u minn proċeduri amministrattivi kumplessi u problematiċi. L-ispustar parzjali tal-piż tat-taxxa lil hinn mill-fatturi tal-produzzjoni għal fuq il-konsum u l-proprietà, f'riformi leġislattivi diġà mibdija, huwa l-ewwel pass importanti biex l-istruttura tat-taxxa tkun aktar favorevoli għat-tkabbir, iżda spustar ulterjuri huwa ġustifikat, filwaqt li għandu jkompli jittieħed kont tal-effett tad-distribuzzjoni.
- (13) Il-ftehim tal-imsieħba soċjali ta' Ġunju 2011 għar-riforma tal-qafas għan-negozjar tas-salarji ġie formalizzat fil-leġislazzjoni. Għandu jippermetti użu aktar estensiv ta' kuntratti fil-livell ta' impriżi, filwaqt li jitqiesu aħjar il-ħtiġijiet tal-attivajiet speċifiċi tal-produzzjoni, u dan għandu jiġi sorveljat. Madankollu, sabiex tiġi indirizzata b'mod sħiħ il-kwistjoni tal-ispejjeż tax-xogħol unitarji nominali b'mod aktar dinamiku fir-rigward tal-imsieħba kummeċjali, li hija fattur għat-telf tal-kompetittività tal-Italja, is-sistema ta' negozjar tas-salarji tista' tiġi riformata ulterjuri billi tippermetti arranġamenti aktar flessibbli anki fuq livell settorjali nazzjonali. F'April 2012, il-Gvern

(1) Bilanċ aġġustat ċiklikament nett minn miżuri ta' darba u dawk temporanji, ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tat-tagħrif provdut f'dan il-programm, permezz tal-użu tal-metodoloġija komunament maqbulha

ippropona riforma ambizzjuża fis-suq tax-xogħol li tindirizza l-isfidi li ilhom eżistenti fis-suq tax-xogħol Taljan inkluż is-segmentazzjoni tiegħu. Din ir-riforma jeħtieġ li tiġi adottata bħala kwistjoni urġenti, u jkun żgurat li l-objettiv u l-livell ta' ambizzjoni tagħha jibqgħu fi proporzjon mal-isfida tas-suq tax-xogħol Taljan. L-iskala u l-effettività tal-liberalizzazzjoni tas-sistema ta' servizzi tal-impjeg għandhom ikunu mgħassa mill-viċin.

- (14) Minkejja l-isforzi li saru biex titjieb l-impjegabbiltà tan-nisa, prinċipalment permezz ta' inċentivi fiskali mmirati, ir-rata ta' impjeg tan-nisa Taljani hija aktar baxxa b'mod sinifikanti (46,5 % fl-2011) mill-medja tal-UE 27 (58,5 % fl-2011). Hija meħtieġa aktar azzjoni dwar faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal u tal-anzjani. L-isfida hija partikolarment qawwija għall-ħaddiem nisa t'età akbar fis-settur privat, għax l-età tal-pensjoni għan-nisa se tiżdied b'ħames snin bejn l-2012 u l-2018.
- (15) Il-qgħad taż-żgħażaġh fl-Italja laħaq il-medja ta' 29,1 % fl-2011 u kompli jkber fl-ewwel xhur tal-2012. B'mod partikolari, ir-rata tal-qgħad fost il-gradwati tal-edukazzjoni terzjarja hija għolja u hemm diskrepanza bejn il-ħiliet miksuba u dawk li huma meħtieġa fis-suq tax-xogħol. Il-promozzjoni tal-apprendistat bħala l-port prinċipali għad-dħul fis-suq tax-xogħol hija apprezzata, iżda għadha teħtieġ l-infurzar tal-istrumenti xierqa, bħal sistema ġdida ta' standards tax-xogħol u tat-taħriġ kif ukoll skemi għaċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet. Il-Kummissjoni stabbiliet grupp ta' azzjoni biex jipprogramma mill-ġdid il-fondi ta' koeżjoni lejn miżuri li jappoġġjaw l-impjeg taż-żgħażaġh u l-iżvilupp tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).
- (16) Ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola ta' 18,8 % fil-livell nazzjonali, b'varjazzjonijiet regionali qawwija, għandha effetti negattivi fuq il-qgħad fost iż-żgħażaġh. Azzjoni aktar immirata u kkoordinata biex tindirizza l-isfida tat-tluq bikri mill-iskola għandha tittieħed billi tgħaqqad miżuri ta' prevenzjoni, ta' intervent u ta' kumpens. Il-prestazzjoni baxxa tas-sistema edukattiva terzjarja għandha tkun indirizzata anki permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tar-riforma universitarja tal-2010, u rabta aktar qawwija bejn il-prestazzjoni tal-universitajiet u l-allokkazzjoni tal-finanzjament pubbliku.
- (17) L-Italja adottat miżuri importanti biex tilliberalizza s-servizzi, b'mod partikolari s-servizzi professjonali, u biex ittejjeb il-kompetizzjoni fl-industriji tan-netwerks. Madankollu, għad hemm sfidi multipli fis-setturi tal-enerġija u tat-trasport, b'mod partikolari f'dak tal-ferroviji u tal-portijiet, fejn l-ostakli fl-infrastruttura u fis-suq għadhom sinifikanti.
- (18) Għalkemm xi miżuri diġà ġew adottati biex tkun imħeġġa s-simplifikazzjoni amministrattiva, l-ambjent tan-negozju fl-Italja jibqa' kumpless. B'mod partikolari, is-sistema ġudizzjarja tbat minn għadd ta' ineffiċenzi f'termini ta' użu tar-riżorsi, proċeduri u organizzazzjoni tal-istituzzjonijiet, li huma riflessi fil-prestazzjoni baxxa tas-sistema tal-ġustizzja ċivili Taljana, partikolarment fir-rigward tat-trattament tal-każijiet ta' tul eċċessiv u l-ammont ta' xogħol b'lura.
- (19) L-aċċess għal finanzjament minn SMEs huwa diffiċli u l-intensità tal-kapital ta'riskju hija dgħajfa. Benefiċċju għall-Ekwità Korporattiva ġdida (ACE) kien introdott f'Diċembru 2011 li jippermetti lill-kumpaniji li jeskludu il-qligħ fittizju fuq injezzjonijiet ġodda ta' kapital ta' ekwità mid-dħul taxxabli. Dan huwa mistenni li jiffaċilita żieda fid-daqs tad-ditti tal-SMEs u l-investment fl-innovazzjoni. Filwaqt li ttieħdu xi miżuri sabiex jiffavorixxu r-riċerka u l-iżvilupp privati (R&D), b'mod partikolari l-finanzjament mill-ġdid għal kreditu ta' taxa għall-investment kummerċjali fir-riċerka, l-intensità għadha baxxa u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' natura innovattiva hija dgħajfa.
- (20) L-Italja ħadet għadd ta' impenji taħt il-Patt Euro Plus. Dawn l-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, għandhom x'jaqsmu mat-tkabbir fl-impjegi, mat-titjib fil-kompetittività, mat-titjib fis-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u t-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus. Ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni ġew ikkunsidrati fir-rakkomandazzjonijiet t'hawn taħt.
- (21) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Italja. Hija vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma, u ppreżentat analiżi fil-fond. Hija mlhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika sostenibbli fiskali u soċjoekonomika fl-Italja, imma wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (6) hawn taħt.
- (22) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu (1) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

(1) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(23) Fid-dawl tar-riżultati tal-analiżi dettaljata tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakomandazzjonijiet (1), (4), (5) u (6) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Italja tiegħu azzjoni fil-perjodu 2012-2013 sabiex:

1. Timplimenta l-istrateġija baġitarja kif ipplanata, u tiżgura li d-defiċit eċċessiv jiġi kkoreġut fl-2012. Tiżgura l-bilanċi favorevoli primarji strutturali fil-pjan sabiex tnaqqas il-proporzjon tad-dejn mal-PDG sal-2013. Tiżgura progress xieraq lejn l-OTM, filwaqt li tilħaq il-parametru referenzjarju tan-nefqa u tagħmel progress suffiċjenti biex tkun konformi mal-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn.
2. Tiżgura li l-ispeċifikazzjoni fil-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni tal-fatturi ewlenin tar-regola ta' baġit ibbilanċjat stabbilita fil-Kostituzzjoni, inkluż il-koordinazzjoni xierqa fil-livell pubbliku, hija konsistenti mal-qafas tal-UE. Twettaq titjib, li jżomm fit-tul, fl-effiċjenza u l-kwalità tan-nefqa pubblika permezz ta' analiżi ipplanata dwar l-infiq u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Koeżjoni tal-2011, li jwasslu għall-assorbiment u l-ġestjoni tal-fondi tal-UE, b'mod partikolari fin-Nofsinhar tal-Italja.
3. Tiegħu aktar azzjoni biex tindirizza l-qgħad taż-żgħażaġh, anki billi ttejjeb ir-rilevanza tal-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol u tiffaċilita t-tranżizzjoni għax-xogħol, anki permezz ta' inċentivi għan-negozji ġodda li għadhom jibdew u għall-ingaġġar tal-impjegati. Tinforza r-rikonossiment nazzjonali tal-ħiliet u l-kwalifiki biex tippromwovi l-mobbiltà tax-xogħol. Tiegħu miżuri biex jitnaqqsu r-rati ta' dawk li jieqfu waqt l-edukazzjoni terzjarja u tiġġieled it-tluq bikri mill-iskola.
4. Tadotta r-riforma tas-suq tax-xogħol bħala prijorità biex tindirizza s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u tistabbilixxi skema integrata tal-benefiċċju tal-qgħad. Tiegħu azzjoni ulterjuri biex tinentivizza l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari permezz tal-provvediment ta' kura għat-tfal u għall-anzjani. Tissorvelja, u jekk ikun meħtieġ, tirrinforza l-implimentazzjoni tal-qafas ġdid ta' stabbiliment tal-pagi sabiex tikkontribwixxi għall-allinjament tat-tkabbir fil-pagi u l-produttività fil-livell tas-setturi u l-kumpanniji.
5. Tkompli l-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa. Issus wara l-ekonomija moħbija u x-xogħol mhux iddikjarat, per eżempju billi ssaħħaħ l-iċċekkjar u l-kontrolli. Tiegħu miżuri biex tnaqqas l-ambitu tal-eżenzjonijiet mit-taxxa, tal-benefiċċji u tar-rati mnaqqsa tal-VAT, kif ukoll tiġi ssimplifikata l-kodiċi tat-taxxa. Tiegħu azzjoni ulterjuri biex tisposta l-piż tat-taxxa lil hinn mill-kapital u x-xogħol għal fuq il-proprietà u l-konsum kif ukoll l-ambjent.
6. Timplimenta l-miżuri ta' liberalizzazzjoni u ta' simplifikazzjoni adottati fis-settur tas-servizzi. Tiegħu aktar miżuri biex ittejjeb l-aċċess għas-suq fl-industriji tan-netwerks, kif ukoll fil-kapaċità u fl-interkonnessjonijiet tal-infrastruttura. Tissimplifika aktar il-qafas regolatorju għan-negozji u ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva. Ittejjeb l-aċċess għal strumenti finanzjarji, b'mod partikolari l-ekwità, biex tiffinanzja n-negozji li qed jikbru u l-innovazzjoni. Timplimenta r-riorganizzazzjoni ipplanata tas-sistema ġudizzjarja ċivili u tinkoraġġixxi l-użu ta' mekkaniżmu alternattiv għas-soluzzjoni tat-tilwim.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Latvja u li tagħti l-Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Latvja, 2012-2015

(2012/C 219/15)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri ⁽²⁾ dwar l-impjiegi, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-linji ta' politika nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.
- (3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Latvja għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Latvja għall-perijodu 2011-2014.

- (4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fil-hija ma identifika il-Latvja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

- (5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jitolbu lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu ta' politika Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

- (6) Fl-2011, il-Latvja kienet issodisfat ħafna mill-kundizzjonijiet relatati mal-Programm ta' Assistenza Finanzjarja fuq Terminu Medju taħt id-Deċiżjoni 2009/290/KE ⁽⁵⁾. Il-Kummissjoni temmet il-ħames u l-aħħar analiżi skont il-programm tal-bilanċ tal-pagamenti tal-Latvja fil-21 ta' Diċembru 2011 b'valutazzjoni ġenerali pożittiva dwar il-progress tal-Gvern fir-riformi baġitarji, finanzjarji u strutturali. Il-Programm ta' Assistenza Finanzjarja fuq Terminu Medju skada f'Janjar tal-2012. Wara li l-skada dak il-Programm, il-Latvja ġiet sottomessa għal sorveljanza ta' wara l-programm. Din is-sorveljanza tiffirma parti integrali mill-proċeduri eżistenti u mill-mekkaniżmi ta' sorveljanza u timmira lejn monitoraġġ mill-qrib tar-riskji li jistgħu jipperikolaw l-istabbiltà makroekonomika u li għaldaqstant jolqtu l-kapaċità ta' rimborż. Is-sorveljanza ta' wara l-programm se tkompli sakemm isir ir-rimborż ta' parti kbira (madwar 70 %) mis-self.

- (7) Il-Parlament Ewropew ġie involut kif suppost fis-Semestru Ewropew, skont ir-Regolament 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjeg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2012 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽³⁾ ĠU C 215, 21.7.2011, p. 8.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽⁵⁾ ĠU L 79, 25.3.2009, p. 39.

- (8) Fir-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex jiġu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li trawwem it-tkabbir. Huwa enfasisza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (9) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin sabiex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazżjonali ta' Riforma tagħhom.
- (10) Fit-30 ta' April 2012, il-Latvja ressqet il-Programm ta' Konverġenza tagħha li jkopri l-perijodu 2012-2015 u l-Programm Nazżjonali ta' Riforma tagħha għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew invaluatati fl-istess waqt.
- (11) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku fil-bażi tal-projezzjonijiet baġitarji huwa kawt għall-2012, meta titqies l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli, u huwa plawsibbli għall-2013. Filwaqt li l-projezzjonijiet makroekonomiċi għall-2012 fix-xenarju tal-Programm ta' Konverġenza iqarrbu ħafna għal dawk fil-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni (bi projezzjonijiet ta' tkabbir tal-PDG ta' 2,0 % u 2,2 % rispettivament), id-dejta ekonomika reċenti tindika li l-eżitu jista' jkun oġhla. L-objettiv tal-istrateġija baġitarja deskritt b'mod ġenerali fil-Programm ta' Konverġenza huwa li sal-2012 jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv u li sal-aħħar tal-perijodu kopert mill-programm jitqarreb l-objettiv baġitarju ta' terminu medju (OTM). Il-Programm ta' Konverġenza 2012-2015 bidel l-OTM minn 1,0 % għal -0,5 % tal-PDG; l-OTM il-ġdid jirrifletti kif xieraq ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Id-defiċit nominali ppjanat fl-2012 jikkonforma mal-iskadenza tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv stabbilita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009. Għall-2013, il-Programm ta' Konverġenza jimmira lejn defiċit nominali ta' 1,4 % tal-PDG, minkejja li t-tnaqqis min-nefqa ppjanat għadu mhux appoġġjat kompletament mill-miżuri. Abbażi tal-bilanċ tal-baġit strutturali (ikkalkulat mill-ġdid) ⁽¹⁾, il-Latvja se tqarreb l-OTM tagħha sal-aħħar tal-perijodu tal-Programm ta' Konverġenza fl-2015. Filwaqt li l-informazzjoni kkalkulata mill-ġdid tindika li l-progress lejn l-OTM huwa inqas minn 0,5 % tal-PDG f'termini strutturali fis-snin aħħarin tal-Programm ta' Konverġenza, ir-restrizzjoni tan-nefqa prevista tkun tiżgura li r-rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-Gvern, meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-miżuri diskrezzjonali fir-rigward tad-dħul, tkun konformi mal-valur referenzjarju tan-nefqa stabbilit fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (12) Il-Latvja għandha ssegwi l-istrateġija li tnaqqas it-tassazzjoni minn fuq ix-xogħol biex titrasferixxiha fuq il-konsum, il-proprjetà u l-użu ta' riżorsi naturali u ta' riżorsi oħrajn, filwaqt li ttejjeb il-bilanċ strutturali. Il-piż tat-taxxa relattivament għoli fuq dawk li jaqilgħu pagi baxxi u l-livell għoli ta' xogħol mhux iddikjarat jindikaw li jeħtieġ li jkun hemm politiki xierqa fis-suq tax-xogħol, li ssir reviżjoni tas-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji u li jiżiedu l-isforzi biex tiġi indirizzata l-ekonomija klandestina. It-taxxi ambjentali jibqgħu relattivament sottożviluppati u huma profondament iddominati minn tassazzjoni fuq il-fjuwil tal-magni, filwaqt li t-tassazzjoni fuq sorsi oħra ta' enerġija, fuq it-tniġġis u fuq l-użu tar-riżorsi naturali hija inqas mill-medja tal-UE. L-estensjoni ulterjuri tal-bażi għat-taxxa għal sorsi oħra ta' tassazzjoni ambjentali, partikolarment it-tniġġis, u t-tassazzjoni li tkopri firxa usa' ta' sorsi ta' enerġija, jistgħu jikkontribwixxu biex jinkisbu l-għanijiet ambjentali, filwaqt li jkun hemm il-possibbiltà li titnaqqas it-tassazzjoni fuq ix-xogħol.
- (13) Fil-proċess tar-riforma tal-governanza fiskali li għaddejjha bħalissa, il-Latvja hija mistiedna li tiżgura l-adozzjoni tal-Liġi tad-Dixxiplina Fiskali mill-Parlament u li tiżviluppa Liġi ta' Qafas Baġitarju fit-terminu medju li tappoġġja s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. L-adozzjoni tal-Liġi tad-Dixxiplina Fiskali se tkun konformi mal-impenji meħuda mill-Gvern taħt il-programm tal-bilanċ tal-pagamenti; l-abbozz ta' liġi adottat mill-Gvern ifittex ukoll li jimplementa fil-leġislazzjoni Latvjana, l-acquis tal-UE li qed jevolvi fil-qasam tal-governanza fiskali. Ladarba tkun adottata u implimentata, il-liġi l-ġdida se ssaħħaħ konsiderevolment il-qafas fiskali fil-Latvja, li bħalissa huwa nieqes minn mekkaniżmu effettiv li jillimita ż-żieda fin-nefqa fi żminijiet ekonomiċi tajbin.
- (14) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tar-riforma fil-pensjonijiet, fl-2013 il-Latvja għandha tistabbilixxi mill-ġdid għal 6 % tal-pagi gross, il-kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-iskema ta' pensjonijiet iffinanzjati b'mod privat, li l-livell tagħhom bħalissa huwa mnaqqas għal 2 % mill-pagi gross.

(1) Il-bilanċ aġġustat ċiklikament, mingħajr il-miżuri ta' darba u l-miżuri temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fil-programm, permezz ta' metodoloġija maqbulha b'mod komuni.

- (15) Jeħtieġ li l-Latvja ssaħħa u tirriforma s-sistema tal-assistenza soċjali u tindirizza waħda mill-ogħla rati ta' qgħad li hemm fl-Unjoni. L-isfida kkaġunata mill-qgħad fost iż-żgħażaġh saret partikolarment evidenti matul il-kriżi, u hija żvelat ukoll spariġġi kbar tal-ħiliet. Ġew imfassla u implimentati politiki attivi speċjali tas-suq tax-xogħol immirati lejn iż-żgħażaġh, inkluż it-taħriġ vokazzjonali, il-volontarjat u s-sussidji fuq il-pagi għaż-żgħażaġh. Madankollu, minħabba l-kobor tal-problema, l-impatt li jħallu dawn l-attivitajiet limitati huwa relattivament żgħir.
- (16) Fl-2011, 40 % tal-popolazzjoni Latvjana qed jiffaċċjaw ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, u dan il-fatt għandu riperkussjonijiet fuq l-impjegabbiltà tal-forza tax-xogħol u fuq il-prospetti ta' tkabbir fil-ġejjieni. Il-Latvja adottat Strateġija li tirrigwarda Sistema ta' Protezzjoni Soċjali ta' Emerġenza. Il-politiki tal-Gvern biex inaqqsu l-faqar huma kkonċentri fuq it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-introjt, fuq inqas piż tat-taxxa għal familji li jaħdmu u fuq aċċess akbar għas-suq tax-xogħol. Madankollu, il-Latvja tonfoq relattivament ftit fuq il-protezzjoni soċjali, u t-trasferimenti soċjali għandhom biss impatt baxx fuq it-tnaqqis tal-faqar, billi sehem kbir tat-trasferimenti soċjali jitqassam lura mill-ġdid lil dawk li jaqilgħu paga medja jew għolja. In-nefqa fuq il-benefiċċji bbażati fuq il-mezzi hija baxxa, filwaqt li l-impjegati pubbliċi temporanji b'pagi baxxi jissodisfaw parzjalment ir-rwol tas-sistema ta' protezzjoni soċjali. It-tfassil tal-benefiċċji ta' assistenza soċjali jinkludi wkoll nases ta' faqar u qgħad, apparti l-fatt li jsir abbuż mis-sistema. Minn gvern lokali għall-ieħor, teżisti inugwaljanza kbira fl-aċċess għall-assistenza soċjali u n-nuqqas ta' trasparenza jikkomplika l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jibbaża fuq il-provi. L-isfidi tal-qgħad għal żmien twil u tal-qgħad fost iż-żgħażaġh saru partikolarment evidenti matul il-kriżi. Ħafna miż-żgħażaġh li jinsabu qiegħda, m'għandhomx kwalifiki professjonali. L-għadd ta' żgħażaġh li jinsabu barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEET), huwa relattivament għoli. Għandhom jittieħdu miżuri, f'konformità mas-sejbiet tal-grupp ta' azzjoni konġunta bejn il-Latvja u l-Kummissjoni, fir-rigward tal-qgħad fost iż-żgħażaġh.
- (17) Il-Latvja għandha ttejjeb ulterjorment l-effiċjenza fl-enerġija u tippromwovi l-kompetizzjoni f'networks ewlenin tal-enerġija filwaqt li ttejjeb il-konnettività tan-networks tal-enerġija tal-UE. Is-sistema tat-taxxa ma tipprovdix biżżejjed inċentivi biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija u biex il-konsum u l-investment jiffavorixxu prodotti li jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti (il-vetturi tat-trasport, l-iżolament tal-bini, is-sistemi tat-tisħin). Is-swieq tal-enerġija fil-Latvja għandhom iddominati mill-monopolji. Għal raġunijiet storiċi, is-swieq tal-gass u tal-elettriku huma miftuma sew minn dawk ta' Stati Membri oħra.
- (18) L-ineffiċjenzi fis-sistema tal-ġustizzja ċivili għandhom impatt negattiv fuq in-negozji u fuq l-ambjent ekonomiku, minħabba li jiżiedu r-riskji u l-ispejjeż biex isir negozju. Hemm ħafna xogħol b'lura b'rabta ma' proċedimenti f'każijiet ċivili u kummerċjali fil-qrati tal-ewwel u tat-tieni istanza, speċjalment fir-rigward tal-obbligi kuntrattwali u tal-insolvenzi. Il-prestazzjoni professjonali tal-imħallfin għandha tiġi evalwata. Titjib ulterjuri fis-sistema ta' liġi dwar l-insolvenza huwa ġustifikat.
- (19) Minkejja l-kisbiet edukattivi relattivament kbar, parti sinifikanti mill-forza tax-xogħol m'għandhiex kwalifiki professjonali u l-aċċess tagħha għall-edukazzjoni superjuri huwa limitat. L-universitajiet jiksibu riżultati baxxi fil-klassifikazzjonijiet dinjija u huma kkaratterizzati minn dgħufija fil-kompetittività internazzjonali u fil-governanza tagħhom. In-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-universitajiet, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u n-negozji jaffettwa l-prestazzjoni fil-qasam tal-innovazzjoni li hija baxxa ħafna. Hemm nuqqas ta' strateġija sistematika u effettiva fil-qasam tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Barra minn hekk, in-nefqa fl-iżvilupp u r-riċerka (Ż&R) tan-negozji Latvjani hija l-aktar waħda baxxa fl-Unjoni.
- (20) Il-Latvja daħlet għal għadd ta' impenji bħala parti mill-Patt Euro Plus. Dawn l-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, jikkonċernaw it-trawwim tal-impjegati, it-titjib tal-kompetittività, it-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u t-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus. Fir-rakkomandazzjonijiet t'hawn taħt ġew ikkunsidrati r-riżultati ta' din il-valutazzjoni.
- (21) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Latvja. Hija vvalutat il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Latvja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħa il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet (1) sa (7) hawn taħt..
- (22) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-Latvja, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Latvja tieħu azzjoni fil-perijodu 2012-2013 biex:

1. Tiżgura progress ipplanat lejn il-korrezzjoni f'waqtha tad-defiċit eċċessiv. Għal din il-fini, timplimenta l-baġit għas-sena 2012 kif previst u tasal għall-isforz fiskali speċifikat fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. B'segwitu għal dan, timplimenta strateġija baġitarja, appoġġjata minn miżuri strutturali speċifikati biżżejjed, għas-sena 2013 u għas-snin ta' wara, bil-għan li tagħmel progress sodisfaċenti lejn l-OTM, u li tirrispetta l-valur referenzjarju tan-nefqa. Tuża d-dħul ċikliku li jkun akbar milli previst biex jitnaqqas id-dejn tal-Gvern.

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

2. Timplimenta miżuri li jnaqqsu t-tassazzjoni minn fuq ix-xogħol biex jittrasferixxu fuq il-konsum, il-proprietà u l-użu ta' riżorsi naturali u ta' riżorsi oħrajn, filwaqt li ttejjeb il-bilanċ strutturali; tiżgura l-adozzjoni tal-Liġi tad-Dixxiplina Fiskali u tiżviluppa Liġi ta' Qafas Baġitarju fit-terminu medju li tappoġġja s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi; mis-sena 2013 tistabbilixxi mill-ġdid għal 6 % tal-pagi gross, il-kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-iskema ta' pensjonijiet iffinanzjati b'mod privat.
3. Tiegħu miżuri li jnaqqsu l-qgħad fit-tul u l-qgħad fost iż-żgħażaġħ billi tiġġieled kontra t-tluq bikri mill-iskola, tippromwovi edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali aktar effettivi u l-komponent tal-apprendistati tagħha, li jkunu aktar effiċjenti, issaħħaħ il-kwalità, il-firxa u l-effettività tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol u tal-komponent tat-taħriġ tagħha, u permezz ta' skema effettiva ta' sussidju tal-pagi.
4. Tindirizza r-rati għoljin ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali billi tirrifirma s-sistema tal-assistenza soċjali sabiex tagħmilha aktar effiċjenti, filwaqt li toffri protezzjoni aħjar lil foqra. Tiżgura immirar aħjar u żżid l-inċentivi għax-xogħol.
5. Tħeġġeġ ulterjorment l-effiċjenza enerġetika billi timplimenta miżuri u tipprovdi inċentivi għat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-enerġija u billi torjenta l-konsum lejn prodotti li jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti, inklużi vetturi, binjiet u sistemi ta' tisħin.

Tippromwovi l-kompetizzjoni fin-netwerks ewlenin tal-enerġija u ttejjeb il-konnettività man-netwerks tal-enerġija tal-UE.

6. Tiegħu miżuri biex ittejjeb il-ġestjoni u l-effiċjenza tas-sistema ġuridika, b'mod partikolari biex tnaqqas ix-xogħol b'lura u tqassar it-tul ta' żmien tal-proċeduri. Tiegħu passi biex ittejjeb is-sistema tal-insolvenza u l-liġijiet dwar il-medjazzjoni.
7. Tkompli bir-riformi fl-edukazzjoni superjuri billi, fost l-oħrajn, timplimenta mudell ġdid tal-iffinanzjar li jippremja l-kwalità, li jsaħħaħ ir-rabtiet mal-bżonnijiet tas-suq u mal-istituzzjonijiet tar-riċerka, u li jevita l-frammentazzjoni tar-riżorsi tal-baġit. Tfassal u timplimenta politika effettiva dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni li tinkoraġġixxi lill-kumpaniji biex jagħmlu xi innovazzjonijiet, inkluż permezz ta' inċentivi ta' taxxa, ta' titjib fl-infrastruttura u ta' razzjonalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tar-riċerka.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

V. SHARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Litwanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Litwanja, 2012-2015

(2012/C 219/16)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċizzjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.
- (3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Litwanja għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Litwanja għall-perjodu 2011-2014.

- (4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u ex ante ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih ma identifikatx lil-Litwanja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

- (5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jitolbu lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu ta' politika Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

- (6) Il-Parlament Ewropew ġie involut kif suppost fis-Semestru Ewropew, skont ir-Regolament 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjeg fl-Istharrġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istharrġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

- (7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex jiggarrantixxi l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li tħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfażizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-selb, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika. Huwa stieden lill-Istati Membri biex jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill speċifiċi għall-pajjiżi għall-2011 u biex isarrfu dawn il-prijoritajiet f'miżuri konkreti li għandhom jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma.

- (8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin sabiex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2012 bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽³⁾ ĠU C 210, 16.7.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

- (9) Fis-27 ta' April 2012, il-Litwanja ppreżentat il-Programm ta' Konverġenza tagħha li jkopri l-perijodu 2012-2015 u, fit-30 ta' April 2012, ippreżentat il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tagħha għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.
- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill hu tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku sottostanti tal-projettazzjonijiet baġitarji f'dak il-Programm hu plaw-sibbli. B'mod ġenerali huwa konformi mal-previżjoni tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni għall-2012 u l-2013. L-objettiv tal-istrateġija baġitarja deskritt fil-Programm ta' Konverġenza hu li jkun ikkorreġut id-defiċit eċċessiv sal-2012 kif irrakkomandat mill-Kunsill u li wara dan isir progress lejn l-objettiv fuq terminu medju (OTM). Il-Programm ta' Konverġenza jikkonferma l-OTM ta' qabel, jiġifieri surplus strutturali tal-amministrazzjoni pubblika ta' 0,5 % tal-PDG, li jirrifletti b'mod adegwat ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u jiddeskrivi konsolidazzjoni ta' mill-anqas punt ta' persentaġġ wieħed kull sena, filwaqt li jippjana baġit ibbilanċjat sal-2015. Filwaqt li l-pjanijiet baġitarji huma f'konformità ma' korrezzjoni f'waqtha tad-defiċit eċċessiv, l-isforz fiskali annwali medju fil-perijodu 2010-2012, abbażi tal-bilanċ tal-baġit strutturali (ikkalkulat mill-ġdid) ⁽¹⁾, hu mistenni li jkun anqas mill-2,25 % tal-PDG meħtieġ mill-Kunsill fir-rakkomandazzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2010. Il-progress annwali ppjanat lejn l-OTM fis-snin ta' wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv hu kemxejn ogħla minn 0,5 % tal-PDG f'termini strutturali, jiġifieri, il-valur referenzjarju tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Ir-rata ppjanata tat-tkabbir fin-nefqa tal-
- gvern, filwaqt li jitqiesu l-miżuri diskrezzjonali ta' dħul, se tkun konformi man-nefqa referenzjarja tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2013 u fl-2014, iżda mhux fl-2015. Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2012 tal-Kummissjoni, id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika hu previst li jibqa' taħt is-60 % tal-PDG matul il-perijodu tal-Programm ta' Konverġenza, u li jiżdied għal kważi 41 % tal-PDG fl-2013, skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni, filwaqt li l-Programm ta' Konverġenza jimmira tnaqqis fid-dejn għal madwar 35 % sal-2015. Ir-riforma fl-ippjanar u fl-eżekuzzjoni tal-baġit qed turi progress iżda l-Gvern għad irid japprova l-lijijiet proposti. Dawn il-lijijiet kieku jtejbu r-responsabbiltà fi ħdan il-qafas fiskali, billi jistabbilixxu korp indipendenti, u jirrestrinġu r-regoli dwar ir-riżervi tat-teżor.
- (11) Abbażi ta' strateġija komprensiva ta' konformità mat-taxxa, fl-2011 ġew implimentati miżuri li komplew isaħħu l-konformità mat-taxxa u ġabu dħul addizzjonali. Madanakollu, hu meħtieġ li titkompla l-implimentazzjoni biex isir avvanz sinifikanti kontra l-evazzjoni tat-taxxa.
- (12) L-iżviluppi demografiċi jifgħu dubji serji fuq is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. Għalkemm il-Litwanja adottat żieda gradwali fl-età tal-pensjoni li se tilħaq il-65 sena sal-2026, din weħida mhux se tassigura dħul tal-irtirar sostenibbli u xieraq fil-futur u jeħtieġ li tiġi kkumplementata b'miżuri addizzjonali. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu li jsir irbit tal-età tal-irtirar statutorja u tal-benefiċċji futuri mal-fatturi demografiċi; li jiġu stabbiliti regoli ċari għall-indiċjar; li tiġi introdotta rabta eqreb bejn il-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji, u li jiġu eliminati l-inċentivi għall-irtirar kmieni. Il-Litwanja tista' wkoll tagħmel użu aħjar mill-provvista tal-pensjonijiet volontarji supplimentari. Tfaddil supplimentari għall-irtirar permezz ta' skemi privati tal-pensjoni individwali ffinanzjati minn qabel u/jew l-istabbiliment ta' skemi tal-pensjoni marbuta max-xogħol jistgħu jtaffu l-piż tas-sistema tas-sigurtà soċjali u fl-istess ħin itejbu l-adekwatezza tad-dħul tal-pensjoni fil-futur. Tneħħew diżinċentivi biex wieħed ikompli jaħdem aktar fit-tul.
- (13) Il-Liġi dwar l-Aġenziji tal-Impjieġ Temporanju, imfassla biex tiffaċilita l-impjieġ fuq perijodu qasir, daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2011. Madanakollu, jista' jkun li l-impatt tagħha ma jkunx sinifikanti, peress li l-aġenziji tax-xogħol temporanju kienu diġà joperaw fil-Litwanja qabel dak il-mument. Reviżjoni komprensiva tal-liġi tax-xogħol tkun tista' tidentifika r-restrizzjonijiet bla bżonn u l-ostakli amministrattivi li jimpedixxu milli jsiru ftehimiet kuntrattwali flessibbli, dispożizzjonijiet dwar it-tkeċċija u arranġamenti għall-ħin tax-xogħol flessibbli. Hemm bżonn ta' miżuri addizzjonali li jsaħħu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment għaż-żgħażaġh, il-persuni mingħajr kwalifiki u l-ħaddiema ta' età akbar, u li jtejbu l-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol.
- (14) L-isfida tal-qgħad fost iż-żgħażaġh (aktar minn 30 %) u tal-qgħad fost dawk mingħajr kwalifiki, minħabba l-ispariġġi sostanzjali fil-ħiliet, saret evidenti b'mod speċjali matul il-kriżi. Il-Gvern qed jimplementa għadd ta' miżuri li jippromwovu l-impjieġ taż-żgħażaġh, bħas-sussidji għall-ewwel impjieġ u t-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Madanakollu, ir-rati ta' attivazzjoni għadhom baxxi wisq u l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jistgħu jintużaw b'mod aktar effettiv billi x-xogħlijiet pubbliċi jkunu mmirati għal dawk l-aktar vulnerabbli. Sabiex tittejjeb it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol, ikun utli kieku l-apprentistati u t-taħriġ intern isiru aktar attraenti kif ukoll kieku ssir sistema li tbassar iddomanda ta' kwalifiki. Il-miżuri għandhom ikunu konformi mas-sejbiet tal-grupp ta' azzjoni konġunt ta' bejn il-Litwanja u l-Kummissjoni dwar il-qgħad fost iż-żgħażaġh.
- (15) Madwar terz tal-popolazzjoni tal-Litwanja qiegħed jiffaċċja r-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni fit-tul. Din hi r-raba' l-ogħla ċifra fl-Unjoni. Fl-2011, il-Litwanja emendat il-Liġi dwar l-Assistenza Soċjali fi Fluss Kontanti biex minn Jannar 2012, tirriforma s-sistema tal-appoġġ soċjali. Nhediet mudell pilota tad-distribuzzjoni tal-appoġġ soċjali, biddlet il-metodu għall-ikkalkular tal-ammont, introduċiet ċerti inċentivi għax-xogħol u żiedet il-kopertura. Ir-riforma tal-assistenza soċjali hi pass 'il quddiem lejn it-tnaqqis tad-diżinċentivi għax-xogħol. Hu meħtieġ li tiġi stabbilita sistema ta' monitoraġġ li tevalwa

(1) Bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkolat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta fil-programm, permezz tal-metodoloġija maqbulha b'mod komuni.

l-effiċjenza tagħha u l-impatt tagħha fuq it-tnaqqs tal-faqar. Ir-riforma għandha wkoll tkun marbuta ma' miżuri ta' attivazzjoni li jtejbju l-parteċipazzjoni, partikolarment għall-benefiċjarji tal-assistenza soċjali fit-tul.

- (16) Mill-2010, il-Gvern ilu għaddej b'riforma ambizzjuża tal-impriżi tal-istat, bil-għan li jirristruttura l-governanza korporattiva, iżid it-trasparenza u jissepara l-funzjonijiet tas-sjeda u dawk regolatorji, u jżid il-kompetizzjoni u l-effiċjenza. Ir-riforma hi rilevanti, u tinvolvi bidliet legi-lattivi kif ukoll organizzattivi. Sar progress kbir fir-rigward tat-trasparenza u l-kontabbiltà billi issa qed jiġu ppubblikati rapporti kull tliet xhur u kull sena. Ġew stabbiliti objettivi tal-impriżi ċari. Madanakollu, il-Gvern ippospona xi partijiet tar-riforma, b'mod partikolari s-separazzjoni tal-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi tal-istat minn ma' dawk mhux kummerċjali, u biħsiebu jimplementahom fl-2012.
- (17) Il-Litwanja għamlet xi progress fit-titjib fl-effiċjenza tal-enerġija tal-bini. F'Diċembru 2011, il-Gvern adotta Programm għall-Immodernizzar tal-Binjiet tal-Appartamenti, iżda dan qed jiddgħajef minħabba d-disponibbiltà ta' sussidji li jmorru kontra l-faqar oħra tal-politika li jnaqqsu l-inċentivi għar-residenti tal-bini residenzjali biex itejbu l-effiċjenza tal-enerġija. Hemm b'żonn ta' aktar sforzi sostanzjali u mgħaġġla aktar biex titjeb l-effiċjenza fl-enerġija tal-bini.
- (18) Hemm skop għat-trasferiment tat-taxxa lejn l-użu tal-enerġija peress li d-dħul mit-taxxi ambjentali huwa t-tielet fost l-inqas fl-Unjoni, filwaqt li t-taxxi tat-trasport huma l-aktar baxxi fl-Unjoni. Ir-rata impliċita tat-taxxa fuq il-konsum tal-enerġija kienet is-seba' minn tal-aħħar fl-Unjoni fl-2010 filwaqt li t-taxxi fuq l-enerġija f'termini tal-PDG huma kemmxen taħt il-medja tal-UE.
- (19) L-infrastruttura tas-sistema tal-enerġija fil-pajjiż ma għandhiex biżżejjed kompetizzjoni u interkonnessionijiet u dan hu fattur li jxekkel it-tkabbir. In-nuqqas ta' interkonnessionijiet ixekkel il-ħolqien tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-enerġija. Il-konċentrazzjoni għadha għolja, (il fuq minn 90 %) kemm fis-suq tal-gass u kemm f'dak tal-elett-riku.
- (20) Il-Litwanja ħadet għadd ta' impenji fil-Patt Euro Plus. L-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, jikkonċernaw it-titjib fil-kompetittività u fl-impjeggi, it-titjib tas-sostenibbiltà finanzjarja u t-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus. Fir-rakkomandazzjonijiet t'hawn taħt ġew ikkunsidrati r-riżultati ta' din il-valutazzjoni.
- (21) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Litwanja. Hi vvalutat il-Programm ta' Konverġenza u l-

Programm Nazzjonali ta' Riforma. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Litwanja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet (1) sa (6) hawn taħt.

- (22) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu (1) qed tiġi riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Litwanja tieħu azzjoni fil-perijodu 2012-2013 biex:

1. Tiżgura l-progress ippjanat lejn il-korrezzjoni f'waqtha tad-defiċit eċċessiv. Għal dan il-għan, timplimenta bis-sħiħ il-baġit għas-sena 2012 u tikseb l-isforz ta' aġġustament strutturali speċifikat fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Wara dan, tispeċifika miżuri neċessarji biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-istrateġija baġitarja għas-sena 2013 u għas-snin ta' wara kif previst, tiżgura sforz għall-aġġustament strutturali adegwat biex tagħmel progress suffiċjenti lejn l-OTM, kif ukoll tilħaq il-valur referenzjarju tan-nefqa, filwaqt li timminimizza t-tnaqqs fin-nefqa li ssaħħaħ it-tkabbir. F'dak ir-rigward, tirrieżamina u tikkunsidra żieda ta' dawk it-taxxi li jagħmlu l-inqas ħsara possibbli għat-tkabbir, bħat-taxxi fuq l-akkomodazzjoni u dawk ambjentali, inkluż l-introduzzjoni ta' taxxa fuq il-karozzi, filwaqt li ssaħħaħ il-konformità mat-taxxa. Issaħħaħ il-qafas fiskali, partikolarment bl-introduzzjoni ta' limiti massimi ta' nefqa li jistgħu jiġu infurzati u li jkunu vinkolanti fil-qafas baġitarju ta' terminu medju.
2. Tadotta l-legi-slawzzjoni dwar ir-riforma komprensiva tas-sistema tal-pensjonijiet. Tallinja l-età statutarja tal-irtirar mal-istennija tal-għomor, tistabbilixxi regoli ċari għall-indiċjar tal-pensjonijiet, u ttejjeb l-iskemi ta' tfaddil komplementari. Tappoġġja r-riforma tal-pensjonijiet permezz ta' miżuri dwar it-tixjiħ attiv.
3. Tindirizza r-rati għoljin ta' qgħad, partikolarment fost iż-żgħażaġh, u fost dawk mingħajr kwalifiki u dawk li jkunu ilhom qiegħda, billi tiffoka r-riżorsi fuq il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol filwaqt li ttejjeb l-effiċjenza tagħhom. Issaħħaħ l-effettività tal-iskemi ta' apprendistat. Temenda l-legi-slawzzjoni dwar ix-xogħol fir-rigward tal-ftehimiet kuntrattwali flessibbli, id-dispożizzjonijiet dwar it-tkeċċija u l-arranġamenti għall-ħin tax-xogħol flessibbli.
4. Iżżid l-inċentivi għax-xogħol u ssaħħaħ ir-rabtiet bejn ir-riforma tal-assistenza soċjali u l-miżuri ta' attivazzjoni, b'mod partikolari għal dawk il-persuni l-aktar vulnerabbli, biex tnaqqas il-faqar u l-esklużjoni soċjali.

(1) Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

5. Timplimenta l-aspetti kollha tal-pakkett ta' riforma tal-impriżi tal-istat u tiżgura b'mod partikolari s-separazzjoni tas-sjieda mill-funzjonijiet regulatorji u s-separazzjoni tal-attivitajiet kummerċjali minn dawk mhux kummerċjali. Tinstalla l-għodod xierqa għall-monitoraġġ biex tivvaluta l-effettività tar-riformi u biex tiżgura l-konformità tal-impriżi tal-istat kollha mar-rekwiżiti tar-riforma.

6. Tħaffef il-miżuri biex ittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-binjiet, inkluż permezz tat-tneħħija tad-diżinċentivi u tal-implimentazzjoni f'qasir żmien tal-fond tal-ishma. Tippromwovi l-kompetizzjoni fin-netwerks tal-enerġija billi ttejjeb l-inter-

konnettività mal-Istati Membri kemm għall-elettriku kif ukoll għall-gass.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

V. SHARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Lussemburgu u li twassal opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Lussemburgu, 2012-2015

(2012/C 219/17)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.

(3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Lussemburgu għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Lussemburgu għall-perijodu 2011-2014.

(4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni

Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u ex ante ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx il-Lussemburgu bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu ta' politika tal-Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

(6) Il-Parlament Ewropew kien involut kif dovut fis-Semestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjeg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet li jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li trawwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

(8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

(9) Fis-27 ta' April 2012, il-Lussemburgu ressaq il-Programm ta' Stabbiltà tiegħu li jkopri l-perijodu 2012-2015 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tiegħu għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivalutati fl-istess waqt.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽³⁾ ĠU C 210, 16.7.2011, p. 5.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill hu tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà huwa plawsibbli. B'mod partikolari, ix-xenarju għall-2012 u l-2013 li hemm fil-Programm ta' Stabbiltà iqarreb ħafna il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni. Il-projezzjonijiet tad-defiċit fit-terminu medju ġew ibbażati fuq xenarju ta' tkabbir li huwa kemxejn ottimist u li jeċċedi t-tkabbir potenzjali, minkejja li xorta waħda għadu ferm inqas mir-rati medji storiċi. L-objettiv tal-istrateġija baġitarja deskritta b'mod ġenerali fil-Programm ta' Stabbiltà huwa li d-defiċit ta' 1,5 % fl-2012 jitnaqqas għal 0,9 % fl-2014 permezz ta' pakkett ta' miżuri ta' konsolidazzjoni ta' madwar 1,2 % tal-PDG u li jipprovi possibbiltà akbar għal manuvri f'każ ta' xokkijiet negattivi. Il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-objettiv baġitarju ta' terminu medju (OTM) preċedenti ta' surplus strutturali ta' 0,5 %. Madankollu, skont id-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dan l-OTM ma jistax jitqies bħala adegwat minħabba li, abbażi tal-politiki u tal-projezzjonijiet kurrenti, ma jidherx li dan l-OTM jikkunsidra biżżejjed l-obligazzjonijiet impliċiti relatati mat-tixjijih, minkejja li d-dejn qiegħed taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat. Barra minn hekk, abbażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni kif ukoll abbażi tal-bilanċ tal-baġit strutturali (ikkalkulat mill-ġdid) fil-Programm ta' Stabbiltà, il-Lussemburgu se jgħid b'mod sinifikanti mill-OTM tiegħu stess mill-2012 'l hemm. Ir-rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-Gvern, netta mill-miżuri diskrezzjonali f'dak li jirrigwarda d-dħul, hija mistennija li taqbeż b'mod sinifikanti l-valur referenzjarju tan-nefqa kif definit fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Id-dejn gross tal-gvern, li jammonta għal 20 % tal-PDG, huwa inqas mill-valur ta' referenza tat-Trattat.
- (11) Fl-20 ta' Jannar 2012, il-Gvern adotta abbozz ta' liġi li tirrifirma s-sistema tal-pensjonijiet kemm għas-settur pubbliku kif ukoll għal dak privat. Ir-riforma se tkun tinkludi xi mekkaniżmi korrettivi f'każ ta' evoluzzjoni negattiva tal-qagħda finanzjarja tal-iskema u fiha addattamenti għall-metodu ġeneruż ħafna tal-kalkolu tal-benefiċċji. Madankollu, il-metodu l-ġdid tal-kalkolu se jiġi introdott gradwalment fuq medda ta' żmien twil ħafna ta' 40 sena. Barra minn hekk, il-possibbiltajiet għal irtirar bikri baqgħu fil-biċċa l-kbira tagħhom l-istess u ma ġew proposti l-ebda miżuri li jorbtu l-età statutorja tal-irtirar mal-istennija tal-għomor. B'mod ġenerali, il-Lussemburgu miexi fid-direzzjoni t-tajba, iżda jidher li r-riforma proposta ma tikkostitwix garanzija suffiċjenti għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi.
- (12) F'Jannar 2012, il-Parlament adotta liġi biex jillimita l-applikazzjoni tal-indiċjar awtomatiku tal-pagi bejn l-2012 u l-2014 bil-għan li tiżdied il-kompetittività tal-ekonomija tal-Lussemburgu. Madankollu, apparti l-possibbiltà li l-indiċi ta' referenza jiġi mmodifikat, il-Gvern ma ħabbar l-ebda pjanijiet ulterjuri għal reviżjoni permanenti tas-sistema tal-iffissar tal-pagi. Filwaqt illi r-rata tal-produttività fil-Lussemburgu bħalissa hija għolja ħafna, l-opportunità li jinbidlu l-pjanijiet f'termini ta' żieda fil-produttività qed tonqos dejjem aktar. Jeħtieġ li ssir reviżjoni permanenti tas-sistema tal-iffissar tal-pagi, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u f'konformità mal-prassi nazzjonali, sabiex tiġi ppreservata l-kompetittività tal-ekonomija tal-Lussemburgu fuq perijodu ta' żmien itwal.
- (13) Il-Lussemburgu ħa xi passi rilevanti u kredibbli 'l quddiem biex jindirizza r-rata relattivament għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh. Madankollu, sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, tenħtieġ strateġija koerenti li, *inter alia*, issaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn il-muniċipalitajiet u ttejjeb l-effikaċja tas-servizzi tal-impjiegi. Iż-żgħażaġh li qegħdin ifittxu x-xogħol, u partikolarment dawk b'livell iktar baxx ta' edukazzjoni, jibbenefikaw ukoll minn investment ulterjuri fit-taħriġ u fl-edukazzjoni.
- (14) Hu mistenni li l-Lussemburgu se jiffaċċja xi diffikultajiet biex jilħaq il-mira tiegħu għall-2020 li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG). Skont l-aħħar previżjonijiet għall-2020, ibbażati fuq il-miżuri eżistenti, huwa mistenni li l-Lussemburgu se jżid l-emissjonijiet tiegħu b'6 % f'setturi li mhumiex koperti mill-ETS (setturi ta' negozjar ta' emissjonijiet) bejn l-2005 u l-2020, u dan f'paragun mal-mira ta' tnaqqis ta' 20 %. Is-settur stradali jirrappreżenta l-aktar sors sinifikanti tal-emissjonijiet u għandu potenzjal kbir ta' tnaqqis tal-emissjonijiet. Il-prezz tal-fjuwils għat-trasport jibqa' wieħed mill-iktar baxxi fl-UE, u dan il-fattur jinkoraġġixxi "t-turiżmu tal-fjuwil" u jwassal għal konsegwenzi negattivi f'termini ta' tniġġis u konġestjoni. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet GHG, jeħtieġ li jkun hemm politiki addizzjonali, inkella se jkollhom jintużaw mekkaniżmi ta' flessibbiltà li jqumu ħafna flus.
- (15) Il-Lussemburgu daħal għal għadd ta' impenji bħala parti mill-Patt Euro Plus. L-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, jikkonċernaw it-titjib fil-kompetittività, it-titjib fl-impjiegi u t-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus. Fir-rakkomandazzjonijiet ġew ikkunsidrati r-riżultati ta' din il-valutazzjoni.
- (16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Lussemburgu. Hija vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Lussemburgu imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) hawn taħt.
- (17) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

(1) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Lussemburgu jieħu azzjoni fil-perijodu 2012-2013 biex:

1. Jippreserva pożizzjoni fiskali soda billi jikkoreġi kwalunkwe tbeġhid mill-OTM li jiggarrantixxi s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari billi jikkunsidra l-obbligazzjonijiet impliċiti relatati mat-tixjiħ. Għal din il-fini, isaħħaħ u jimplimenta b'mod rigoruż l-istrateġija baġitarja, appoġġjata minn miżuri suffiċjentement speċifikati, għas-sena 2013 u għas-snin ta' wara, inkluż billi jilħaq il-valur referenzjarju tan-nefqa.
2. Isaħħaħ ir-riforma proposta dwar il-pensjonijiet billi jieħu miżuri addizzjonali bil-għan li jżid ir-rata tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema kbar fl-età, b'mod partikolari billi jipprevjeni l-irtirar bikri, u billi jieħu aktar passi biex iżid l-età effettiva tal-irtirar, inkluż billi jorbot mal-età statutorja tal-irtirar mal-istennija tal-ħajja, sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet.
3. Jieħu miżuri ulterjuri biex jirrifirma, f'konsultazzjoni mas-sahb soċjali u f'konformità mal-prassi nazzjonali, is-sistema tan-negozjar tal-pagi u tal-indiċjar tal-pagi, bil-ħsieb li jippreserva l-kompetittività tal-ekonomija tal-Lussemburgu fuq perijodu ta' żmien itwal, għall-ewwel billi jżomm l-intervall

attwali ta' sena bejn kull indiċjar anke għal wara l-2014 u billi jnaqqas l-impatt tal-enerġija u ta' elementi volatili oħra fuq l-indiċi ta' referenza.

4. Ikompli bl-isforzi tiegħu biex inaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġħ billi jkattar l-involvement tal-partijiet interessati u jsaħħaħ il-miżuri tat-taħriġ u tal-edukazzjoni, b'mod partikolari għal dawk b'livell baxx ta' edukazzjoni, bil-għan li l-ħiliet u l-kwalifiki taż-żgħażaġħ jiġu mqabbla aħjar mad-domanda tax-xogħol.
5. Jiżgura li jintlaħqu l-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn attivitajiet li mhumiex koperti mill-ETS (is-Sistema għan-Negozjar ta' Emissjonijiet), b'mod partikolari permezz taż-żieda tat-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 ta' Malta u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Malta, 2012-2015

(2012/C 219/18)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ramm ta' Stabbiltà aġġornat ta' Malta għall-perijodu 2011-2014.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tinħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċizzjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi, u dawk dwar l-impjiegi nazzjonali tagħhom.

(3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Malta għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Prog-

(4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lil Malta bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu ta' politika tal-Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

(6) Il-Parlament Ewropew kien involut kif dovut fis-Simestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex jiggarrantixxi l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li tħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li tkun segwita konsolidazzjoni fiskali differenzjata, li tiffavorixxi t-tkabbir, li l-ekonomija jerġa' jkollha kondizzjonijiet normali għas-self, li jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, li jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u li tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

(8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin sabiex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2012 bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽³⁾ ĠU C 215, 21.7.2011, p. 10.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

- (9) Fit-30 ta' April 2012, Malta ressqet il-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-2012 li jkopri l-perijodu bejn l-2012 u l-2015 u, fit-23 ta' April 2012, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.
- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill jaħseb li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-projezzjonijiet baġitarji huwa ottimistiku, speċjalment lejn l-aħħar snin tal-perijodu tal-programm meta mqabbel mat-tkabbir potenzjali kif stmat mill-Kummissjoni. L-objettiv tal-istrateġija baġitarja spjegata fil-Programm ta' Stabbiltà, huwa li d-defiċit gradwalment jitnaqqas għal 0,3 % tal-PDG fl-2015, wara l-korrezzjoni pjanata tad-defiċit eċċessiv fl-2011. Il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-objettiv ta' terminu medju (OTM) baġitarju preċedenti ta' pożizzjoni bbilanċjata f'termini strutturali, li għandha tintlaħaġ lil hinn mill-perijodu tal-programm. L-OTM jirrifletti b'mod xieraq ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Hemm riskji li r-riżultati tad-defiċit ikunu agħar minn dawk previsti, minħabba: (i) dħul iktar baxx minħabba x-xenarju makroekonomiku kemxejn ottimistiku; (ii) infiq żejjed possibbli fin-nefqa primarja attwali; u (iii) ir-ristrutturar li għaddej bħalissa tal-linja nazzjonali tal-ajru (Air Malta) u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-fornitur tal-enerġija (Enemalta). Abbażi tal-bilanċ baġitarju strutturali (ikkalkolat mill-ġdid) ⁽¹⁾, il-progress annwali lejn l-OTM huwa pjanat li jkun f'konformità mal-valur referenzjarju ta' 0,5 % tal-PDG fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Bl-użu tal-identifikazzjoni mill-Kummissjoni tal-miżuri ta' darba inklużi fil-miri baġitarji, il-progress medju lejn l-OTM huwa kemxejn ogħla (¾ % tal-PDG) iżda mifrux b'mod tassew mhux uniformi, bl-ebda progress fl-2012 segwit minn sforz ta' 1¼ % fl-2013. Skont l-informazzjoni mogħtija fil-Programm ta' Stabbiltà, ir-rata ta' tkabbir tan-nefqa tal-gvern, meta jitqiesu l-miżuri diskrezzjonali tad-dħul, tkun konformi mal-valur referenzjarju għan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tul il-perijodu tal-programm. Ir-riskji għall-miri baġitarji jimplikaw, madankollu, li l-aġġustament medju lejn l-OTM jista' jsir iktar bil-mod milli jkun meħtieġ. Wara massimu ta' 72 % tal-PDG fl-2011, fil-Programm ta' Stabbiltà huwa pjanat li l-proporzjon tad-dejn gross tal-gvern ġenerali se jibda jonqos u li se jilħaq 65,3 % tal-PDG fl-2015 (jibqa' 'l fuq mill-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 60 % tal-PDG).

Skont il-pjanijiet fil-Programm ta' Stabbiltà, Malta qed tagħmel progress suffiċjenti biex tilħaq il-valur referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-aħħar tal-perijodu ta' tranżizzjoni (2015), iżda din il-valutazzjoni hija suġġetta għal riskji minħabba li l-proporzjon tad-dejn jista' jkun ogħla minn dak previsti,

⁽¹⁾ Il-bilanċ nett tal-miżuri ta' darba u dawk temporanji aġġustati b'mod ċikliku, ikkalkulat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni mogħtija fil-programm, bl-użu ta' metodoloġija li dwarha ntlaħaq ftehim komuni.

fid-dawl tal-possibbiltà li jkun hemm defiċits ogħla u iktar aġġustamenti bejn il-fondi u l-flussi. Il-qafas baġitarju ta' terminu medju ta' Malta għadu mhux vinkolanti u dan jimplika orizzont ta' pjanar fiskali relattivament qasir. Il-Programm ta' Stabbiltà iħabbar li l-Gvern qed jikkunsidra li jirrifirma l-proċedura baġitarja annwali, inklużi l-kalendarji, u li jintroduċi regola fiskali li tkun inkorporata fil-Konstituzzjoni, inklużi mekkaniżmi korrettivi u dawk ta' monitoraġġ, b'konformità mal-bidliet reċenti fil-qafas ta' governanza taż-żona tal-euro.

- (11) Fir-rigward tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, Malta hija proġettata li jkollha żieda fit-tul fl-infiq relatat mal-età li hija konsiderevolment ogħla mill-medja tal-UE. Rata baxxa ħafna ta' attività għall-ħaddiema iktar avvanzati fl-età, inklużi n-nisa iktar avvanzati fl-età; età ta' waqfien mix-xogħol relattivament baxxa; u l-użu ta' skemi ta' rtirar kmieni jżidu mal-ambitu tal-isfida. Grupp indipendenti ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet ressaq proposti għal riforma ulterjuri fil-pensjonijiet f'Diċembru 2010, inkluża rabta bejn ir-rata ta' rtirar u t-tul mistenni tal-għomor, kif ukoll l-introduzzjoni ta' pilastri addizzjonali għas-sistema tal-pensjonijiet. Dan kien is-suġġett ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati imma l-Gvern għadu ma ħabbarx il-pożizzjoni tiegħu. Barra minn hekk, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ma jipponix strateġija komprensiva ta' tixjeh attiv. Filwaqt li jiġu nnutati l-miżuri introdotti minn Malta biex jiġi miġġieled ix-xogħol mhux dikjarat, il-fatt li dan għadu jsir ukoll joħloq riskju li jkun hemm pressjoni mhux dovuta fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

- (12) Ir-ristrutturazzjoni tal-ekonomija ta' Malta ħolqot nuqqas ta' qbil bejn id-domanda u l-provvista tal-ħiliet, li hija intensifikata minn rata baxxa ta' parteċipazzjoni b'suċċess fl-edukazzjoni terzjarja u rata għolja ta' nies li jħallu l-iskola kmieni. Jeħtieġ li jinżammu l-isforzi biex jitejbu r-rabtiet bejn is-sistema edukattiva u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol biex jiġi żgurat li jinkisbu riżultati li jdumu. Huwa mistenni li Malta tippreżenta strateġija li tindirizza t-tluq kmieni mill-iskola sal-aħħar tal-2012. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda sistema komprensiva għall-għbir u l-analiżi tal-informazzjoni dwar dan il-fenomeni.

- (13) Malta għad għandha rata baxxa ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tagħha għan-nisa u l-ħaddiema iktar avvanzati fl-età. Malta qed tieħu passi biex terġa' ddaħħal lin-nisa fil-forza tax-xogħol filwaqt li tagħraf id-diffikultajiet marbuta ma' nisa iktar avvanzati fl-età. Madankollu, id-distakk bejn is-sessi fl-impjiegi huwa partikolarment negattiv għan-nisa, l-iktar minħabba n-nuqqas ta' provvediment suffiċjenti ta' kura tat-tfal affordabbli u faċilitajiet aċċessibbli għal wara l-iskola, flimkien ma' nuqqas ta' interess għat-tehdid ta' miżuri tajbin għall-familja bħall-ħin tax-xogħol flessibbli u t-telxoġhol.

(14) Malta għadha waħda mill-ftit Stati Membri b'sistema ġeneralizzata ta' indiċjar tal-pagi. Filwaqt li l-mekkaniżmu fiha fatturi li potenzjalment itaffu l-impatt tiegħu, huwa jinkludi riskju ta' spirali tal-pagi mal-prezzijiet, partikolarment minħabba li l-prezzijiet importati mhumiex esklużi mill-indiċi u dan jista' jkun ta' xkiel għall-kompetittività, speċjalment f'setturi b'ħafna ħaddiema. L-awtoritajiet wettqu proċess ta' reviżjoni, iżda r-riżultati għadhom mhumiex disponibbli, u d-dibattitu dwar proposti konkreti għal riforma għadu jrid jinbeda.

(15) Il-provvista tal-enerġija f'Malta għadha dipendenti kważi kompletament miż-żejt importat, filwaqt li l-kontribut tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għadu marġinali. Tariffi għolja tal-elettriku jistgħu jxekklu l-kompetittività tal-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju f'Malta. L-indirizzar tan-nuqqasijiet fl-effiċjenza tal-enerġija jista' jirriżulta fil-vantaġġ doppju li tittiejeb il-kompetittività filwaqt li jinkisbu l-miri tal-enerġija u tal-klima. F'dawn l-oqsma ttieħdu għadd ta' inizjattivi bħall-inkoraġġiment tal-ġenerazzjoni tal-enerġija fotovoltajka u l-iżvilupp ta' parkijiet eoliċi, l-iżvilupp ta' konnessjoni tal-elettriku ma' Sqallija u l-promozzjoni tal-użu ta' karozzi effiċjenti fil-fjuwil. Madankollu, għadu kmieni wisq biex wieħed jara l-impatt eventwali ta' dawn l-inizjattivi, għalhekk l-implimentazzjoni tagħhom għandha tkun sorveljata mill-qrib.

(16) Is-sistema bankarja f'Malta hija kbira ħafna meta tqab-bilha mad-daqs tal-ekonomija, bl-assi totali jammontaw għal madwar 800 % tal-PDG. Id-daqs innifsu tas-settur jimplika li xkiel għall-istabbiltà finanzjarja jista' jħalli impatt sproporzjonat fuq l-ekonomija domestika. It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku globali ġab miegħu żieda fis-self problematiku, li madankollu ma kienx akkumpanjat minn żieda fil-provvediment għalih. B'mod partikolari l-esponiment qawwi għas-suq immobiljari, li huwa responsabbli għal nofs is-self kollu għar-residenti domestiċi, huwa sors ta' vulnerabbiltà speċjalment peress li ma tistax tiġi eskluża korrezzjoni oħra 'l isfel fil-prezzijiet tal-proprietà, filwaqt li jista' jkun hemm provvista żejda ta' unitajiet tad-djar.

(17) Malta ħadet għadd ta' impenji skont il-Patt Euro Plus. L-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, jikkonċernaw it-titjib fil-kompetittività, it-tkabbir fl-impjiegi u t-trawwim tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus. Fir-rakkomandazzjonijiet ittieħed kont tar-riżultati ta' din il-valutazzjoni.

(18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta'

Malta. Hija vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Hija mhux biss ħadet kont tar-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli f'Malta iżda wkoll tal-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħa il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha fil-qafas tas-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (6) hawn taħt.

(19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Malta tieħu azzjoni fil-perijodu 2012-2013 sabiex:

1. Issaħħa l-istrateġija baġitarja fl-2012 permezz ta' miżuri addizzjonali permanenti, sabiex tiżgura li jkun hemm progress adegwat lejn l-OTM u li żżomm id-defiċit taħt it-3 % tal-PDG mingħajr rikors lejn miżuri ta' darba. Tkompli l-konsolidazzjoni fiskali b'pass xieraq, wara li jseħħ dan, sabiex tagħmel progress suffiċjenti lejn l-OTM, inkluż li tilħaq il-valur referenzjarju għan-nefqa, kif ukoll lejn konformità mal-valur referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn, billi tispeċifika il-miżuri konkreti bħala sostenn għall-miri tad-defiċit mill-2013, filwaqt li tkun lesta li tieħu miżuri addizzjonali f'każ ta' telf. Timplimenta, sa tmiem l-2012, qafas fiskali multiannwali bbażat fuq ir-regoli u vinkolanti. Iżżid il-konformità fiskali u tiġġieled l-evazzjoni tat-taxxa, u tnaqqas l-inċentivi fir-rigward tal-livelli tad-dejn fit-tassazzjoni korporattiva.
2. Tieħu azzjoni, mingħajr iktar dewmien, biex tiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, inkluż b'żieda fl-età effettiva tal-irtirar, inkluż permezz ta' aċċellerazzjoni sinifikanti taż-żieda progressiva fl-età statutorja tal-irtirar meta mqabbla mal-leġislazzjoni preżenti u permezz ta' rabta ċara bejn l-età statutorja tal-irtirar u l-istennija tal-għomor, u miżuri li jħeġġu t-tfaddil għal pensjoni privata. Tieħu miżuri sabiex iżżid il-parteċipazzjoni ta' ħaddiema iktar avvanzati fl-età fil-forza tax-xogħol u tiskoraġġixxi l-użu ta' skemi ta' rtirar kmieni.
3. Tieħu passi sabiex tnaqqas ir-rata għolja ta' tluq kmieni mill-iskola. Iżżomm l-isforzi politiċi fis-sistema edukattiva biex tqabbel il-ħiliet mitluba mis-suq tax-xogħol. Ittejjeb il-provvista u l-affordabilità ta' ċentri tal-kura tat-tfal u ta' barra mill-iskola, bl-għan li jitnaqqas id-distakk bejn is-sessi fl-impjiegi.

(1) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

4. Tiegħu l-passi neċessarji ulterjuri biex tirriforma, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u f'konformità mal-prattiki nazzjonali, is-sistema ta' negozjar tal-pagi u l-indiċjar tal-pagi, sabiex dawn jirriflettu aħjar l-iżviluppi fil-produttività tal-ħaddiema, u tnaqqas l-impatt tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet fuq l-indiċi.
5. Sabiex titnaqqas id-dipendenza ta' Malta fuq iż-żejt impurtat, iżżid l-isforzi biex tippromwovi l-użu effiċjenti tal-enerġija u żżid il-proporzjon tal-enerġija ġġenerata minn sorsi rinnovabbli, billi timmonitorja bir-reqqa l-mekkaniżmi eżistenti ta' inċentivi u tipprijoritizza t-tkomplija tal-iżvilupp tal-infrasuttura, inkluż billi tinbena konnessjoni tal-elettriku ma' Sqallija.
6. Biex issaħħaħ is-settur bankarju, għandha tiegħu miżuri biex tnaqqas ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-esponiment kbir għas-suq immobiljari. Tiegħu miżuri biex tkompli ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet f'każ ta' telf minn indeboliment.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Polonja u li twassal Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Polonja, 2012-2015

(2012/C 219/19)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqsu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.
- (3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Polonja għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Polonja għall-perjodu bejn l-2011 u l-2014.
- (4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għat-tieni semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u ex ante tal-politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru

1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fiha ma identifika lill-Polonja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

- (5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu tal-politika tal-Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.
- (6) Il-Parlament Ewropew kien involut kif dovut fis-Simestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.
- (7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet biex jiġu ggarantiti l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni biex li thegħeġ it-tkabbir ekonomiku. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin għall-inklużjoni fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.
- (9) Fil-25 ta' April 2012, il-Polonja ppreżentat il-Programm ta' Konverġenza tagħha li jkopri l-perjodu bejn l-2012 u l-2015 u, fis-27 ta' April 2012, ippreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2012 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47). tas-26 ta' April 2012.

⁽³⁾ ĠU C 217, 23.7.2011, p. 5.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza, li twettqet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-fehma li x-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm huwa plawsibbli u konformi mat-tbassir tar-rebbiegħa tas-Servizzi tal-Kummissjoni tal-2012. L-objettiv tal-istrateġija baġitarja ppreżentata fil-Programm ta' Konverġenza huwa li sal-2012 jissewwa d-defiċit eċċessiv u li sal-2015 jintlaħaq l-objettiv baġitarju ta' terminu medju (OTM). Il-Programm ta' Konverġenza jikkonferma l-OTM ta' defiċit ta' 1 % tal-PDG, li jirrifletti b'mod adegwat ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-korrezzjoni ppjanata tad-defiċit tirrispetta d-data ta' skadenza ffixxat mill-Kunsill u l-isforz fiskali ppjanat jikkonforma mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li saret bħala parti mill-proċedura ta' defiċit eċċessiv (PDE). Abbażi tal-bilanċ strutturali (ikkalkulat mill-ġdid)⁽¹⁾, il-progress annwali li hu ppjanat li jseħħ biex jintlaħaq l-OTM huwa ogħla minn 0,5 % tal-PDG (ftermini strutturali). Ir-rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-gvern, meta wieħed iqis il-miżuri diskrezzjonarji rigward id-dħul, hija konformi mal-valur referenzjarju tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir matul il-perijodu kollu kopert mill-programm, iżda fl-2013 jaqbeż kemm kemm il-valur referenzjarju tan-nefqa, skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2012 tas-Servizzi tal-Kummissjoni. Biex isir biżżejjed progress lejn l-ilħuq tal-OTM, jista' jkun hemm bżonn li jsiru aktar sforzi minħabba li l-objettiv iserraħ bil-kbir fuq qtugħ imdaqas min-nefqa pubblika fuq l-investment u mhux sostnut biżżejjed permezz ta' miżuri ddetalġati fis-snin aħħarin tal-Programm ta' Konverġenza. Huwa pprojetat li d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika fil-Polonja jibqa' taħt is-60 % tal-PDG matul il-perijodu kopert mill-programm. L-awtoritajiet nazzjonali jwassru li dan id-dejn għandu jonqos gradwalment minn 56,3 % tal-PDG fl-2011 għal 49,7 % tal-PDG fl-2015 waqt li l-Kummissjoni waqt li tikkunsidra r-riskji possibbli fir-rigward tal-pjanijiet ta' konsolidazzjoni, qed tistma li t-titjib se jseħħ aktar bil-mod.
- (11) Il-Gvern għadu ma ħax azzjoni biex jimplementa regola permanenti dwar in-nefqa sal-2013. Il-ħidma fuq ir-regola permanenti għadha fil-fażi tat-tħejjija u s'issa ma ġew rilaxxati l-ebda dettalji. Barra minn hekk, ma sar l-ebda progress fir-rigward tal-aġġustament tal-klassifikazzjoni tal-kontijiet nazzjonali għas-sistema Ewropea tal-kontijiet (l-istandards tas-ESA95) u tat-titjib tal-koordinazzjoni bejn il-livelli differenti tal-gvern fejn għandu x'jaqsam il-proċess baġitarju.
- (12) Il-qgħad fost iż-żgħażaġh qabeż il-medja tal-UE u, fil-biċċa l-kbira tiegħu, huwa kkaġunat minn nuqqas ta' tlaqqiġ ta' hiliel tal-ħaddiema man-neċessitajiet tas-suq tax-xogħol u mil-livell baxx ta' aċċess għall-apprentistati u għat-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol. Hemm maħsubin miżuri biex jiġi ffaċilitat id-dħul taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol. Jidher li l-abbuż parzjali ta' kuntratti ta' impjieg individwali ta' dritt ċivili li mhumiex irregolati mil-Liġi tax-Xogħol huma kawża tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u tal-faqar fost dawkl li għandhom xogħol, li l-livell tagħha huwa fost l-ogħla fl-Unjoni. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu riveduti l-ambitu u l-adeqwatezza tal-benefiċċji ta' sostenn għal min għandu xogħol b'paga baxxa.
- (13) Fit-tieni nofs tal-2011 il-Polonja bdiet timplementa riforma ambizzjuża fl-edukazzjoni superjuri. Din ir-riforma hija maħsuba biex issaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-impriżi u biex taffronta l-problema tan-nuqqas ta' hiliel li qed ifittxu dawkl li joffru x-xogħol. Ir-riforma hija maħsuba wkoll biex il-korsijiet isiru aktar flessibbli u jirrispondu aħjar għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, tinkuraġġixxi lin-nies jaħdmu għal rashom. Minkejja dan, jibqa' l-ħtieġa li jitjiebu r-rilevanza u l-kwalità tal-għoti tat-tagħlim, b'enfasi partikulari fuq l-istituzzjonijiet privati li joffru edukazzjoni terzjarja.
- (14) Jeħtieġ li l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol jikber billi titjeb is-sistema tal-indukrar tat-tfal. Bħalissal-Polonja għandha l-iktar rata baxxa fl-Ewropa ta' edukazzjoni qabel il-primarja. Dan huwa dovut għannuqqas ta' postijiet u n-nuqqas ta' infrastruttura adegwata. Id-dikjarazzjoni tal-Gvern li se jiġġenera aktar fondi biex joħloq istituzzjonijiet ta' indukrar tat-tfal ta' qabel il-primarja (minn 3 snin sa 5) mhix riflessa fil-Liġi tal-Baġit għall-2012. Dan wassal biex xi muniċipalitajiet għalqu l-iskejjel u l-kindergartens.
- (15) Sabiex tindirizza l-parteċipazzjoni baxxa ta' ħaddiema ta' età ikbar fis-suq tax-xogħol, il-Polonja adottat riforma ġenerali tal-pensjonijiet. L-età statutarja tal-irtirar se togħla gradwalment mill-2013 'il quddiem biex tilħaq is-67 sena (attwalment 65) għall-irġiel fl-2020 u għannisa (attwalment 60) fl-2040. Il-Polonja ssoktat bl-isforzi tagħha biex tillimita l-kundizzjonijiet favorevoli għall-irtirar fil-każ tas-servizzi bl-uniformi. Fl-2011, il-Polonja introduċiet xi tibdiliel fil-fond tas-sigurta soċjali tal-bdiewa (il-KRUS). Madanakollu, ir-riforma hija temporanja u mhix biżżejjed meta wieħed jaraha mil-lenti tas-suq tax-xogħol. Il-minaturi għandhom igawdu minn skema speċjali tal-pensjoni.
- (16) Riformi li saru dan l-aħħar biex jitjeb l-ambjent tar-riċerka għandhom l-għan li jikkonċentraw finanzjament imfassal skont il-ħtiġijiet fuq l-istituzzjonijiet li jiksbu l-aħjar riżultati. Il-Programm Nazzjonali ta' Riċerka, li ġie adottat f'Awwissu 2011, huwa pass importanti f'din id-direzzjoni. Madanakollu, għadu mhux ċar kif il-prijoritajiet imniżżlin f'dak il-Programm huma marbutin mal-linja politika dwar l-innovazzjoni u l-industrija u kif din il-linja politika se tmexxihom 'il quddiem.

(1) Bilanċ aġġustat ċiklikament nett minn miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fil-programm, bl-użu tal-metodoloġija li dwarha ntlaħaq qbil komuni.

- (17) Ir-restrizzjonijiet eżistenti fuq l-għoti ta' servizzi professjonali huma xkiel ewlieni għal aktar tkabbir ekonomiku, b'mod partikulari fl-oqsma tal-bini, tat-trasport u tas-saħħa. Il-Gvern ħabbar pjan biex inaqqas b'50 % r-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali, kemm rigward ir-rekwiżiti edukattivi u l-liċenzjar. Minkejja l-isforzi riċenti, il-piż amministrattiv fuq in-negozji għadu kbir, u l-amministrazzjoni pubblika għadha mhix tiffunzjona b'effiċjenza. L-oqsma ewlenin li jqaqlu tħassib jinkludu kostijiet għoljin ta' konformità, leġiżlazzjoni kumplessa u instabbli dwar it-taxxi, infurzar dgħajfef tal-kuntratti, proċeduri twal u ta' piż għal-liċenzjar u l-ħruġ tal-permessi, kif ukoll il-leġiżlazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-proprjetà u dwar it-taqsim tal-artijiet f'żoni. Il-proċeduri ġudizzjarji u azzjonijiet legali oħrajn idumu ħafna għaddejjin u hemm għadd relattivament kbir ta' kawżi pendenti.
- (18) It-tkabbir u l-kompetizzjoni fil-qasam tal-enerġija huma mxekklin mid-dewmien fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, b'mod partikulari fejn għandhom x'jaqsmu t-Tieni u t-Tielet Pakketti tal-Enerġija u d-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ⁽¹⁾ (id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli), kif ukoll mill-proċeduri pendenti ta' ksur. Filwaqt li n-netwerk tal-awtostradi u tas-superstradi qed jiġi żviluppat b'mod estensiv bis-sostenn ta' fondi mill-UE, il-ħtieġa għal investiment fin-netwerk tal-ferrovija hija saħansitra aktar urġenti, meta wieħed iqis l-istat ħażin ħafna tal-infrastruttura. Il-Polonja mhix tagħmel użu sħiħ mir-riżorsi tal-fond ta' koeżjoni li huma disponibbli għal dan l-iskop. Għad hemm fatturi li qed jostakolaw il-funzjonament effiċjenti tas-suq tal-ferrovija.
- (19) Il-Polonja daħlet għal għadd ta' impenji bħala parti mill-Patt Euro Plus. L-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, jikkonċernaw l-inkuraġġiment tal-ħolqien tax-xogħol, it-titjib fil-kompetittività, it-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u r-rinfurzar tal-istabbiltà finanzjarja. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-impenji li saru bħala parti mill-Patt Euro Plus. Ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni ġew ikkunsidrati fir-rakkomandazzjonijiet.
- (20) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Polonja. Hija vvalutat il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għal-politiki fiskali u soċjoekonomiċi sostenibbli, imma wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni billi jingħata
- kontribut fil-livell tal-UE għad-deċizzjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflissi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (6) hawn taħt.
- (21) Fid-dawl tal-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽²⁾ hija riflissa b'mod partikulari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Polonja tieħu azzjoni fil-perijodu bejn l-2012 u l-2013 sabiex:

1. Tiżgura l-progress ippjanat lejn il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv. Għal dan il-għan, timplimenta bis-sħiħ il-baġit għas-sena 2012 u tikseb l-isforz tal-aġġustament strutturali speċifikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-PDE. Minn hemm 'il quddiem, tispeċifika l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-istrateġija baġitarja għas-sena 2013 u lil hinn minnha kif previst, b'hekk tiżgura sforz adegwat għal aġġustament strutturali biex tagħmel biżżejjed progress biex tilħaq l-OTM, inkluż li jintlaħaq il-valur referenzjarju tan-nefqa. Timminimizza qtugħ fin-nefqa li tiffavorixxi t-tkabbir fil-ġejjieni u ttejjeb ir-rispett għall-obbligi tat-taxxa.
2. Tħaffef ir-riforma tal-qafas fiskali billi tadotta leġiżlazzjoni bl-għan li tiġi introdotta regola għan-nefqa permanenti sal-2013. Din ir-regola għandha tkun konsistenti mal-ESA. Tieħu miżuri biex issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni fost il-livelli differenti tal-gvern fuq perijodu ta' żmien medju u l-proċessi annwali baġitarji.
3. Biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh, iżżid id-disponibilità ta' apprentistati u tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, ittejjeb il-kwalità tat-taħriġ vokazzjonali u tadotta l-istrateġija proposta tat-tagħlim tul il-ħajja. Tqabbel aħjar l-eżitu tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u ttejjeb il-kwalità tat-tagħlim. Biex tikkumbatti s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-faqar fost dawk li jaħdmu, tillimita l-użu eċċessiv ta' kuntratti tad-dritt ċivili u ttawwal il-perijodu ta' prova għall-kuntratti permanenti.
4. Issaħħaħ l-isforzi biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u tgħolli r-rati tar-reġistrazzjoni tat-tfal għas-servizz ta' indukrar bikri tat-tfal u l-edukazzjoni qabel il-primarja, billi tiżgura finanzjament stabbli u investiment fl-infrastruttura pubblika, il-provvediment ta' persunal ikkwalfikat u aċċess għall-bwiet ta' kulħadd. Tindirizza l-prattiki stabbiliti ta' rtirar bikri biex jiżdiedu l-etajiet tal-ħruġ mis-suq tax-xogħol. Gradwalment ittemm l-iskema speċjali tal-pensjonijiet għall-minaturi bil-għan li dawn jintegraw ruħhom fl-iskema ġenerali. Tagħmel passi aktar ambizzjużi u permanenti għar-riforma tal-KRUS biex jirriflettu aħjar l-introjtju individwali.

⁽¹⁾ ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

⁽²⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

5. Tiegħu miżuri addizzjonali biex tiżgura ambjent tan-negozju favur l-innovazzjoni, billi tiżgura konnessjonijiet aħjar bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-industrija, u billi tistabbilixxi l-oqsma u l-istrumenti prijoritarji komuni li jappoġġjaw iċ-ċiklu kollu tal-innovazzjoni; ittejjeb l-aċċess għal finanzi għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni permezz ta' garanziji u bridge financing.
6. Iżżid l-isforzi biex jittejjbu l-inċentivi għall-investment fil-kapaċità fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika fil-katina enerġetika kollha, tħaffef l-iżvilupp tal-grid tal-elettriku, inklużi l-interkonnessjonijiet transkonfinali, telimina l-ostakoli fl-iskambju transkonfinali tal-elettriku, u ssaħħaħ il-kompetizzjoni fis-settur tal-gass bit-tneħħija gradwali ta' prezzijiet irregolati u bil-ħolqien ta' pjattaforma tan-negozjar

tal-gass. Issaħħaħ ir-rwol u r-riżorsi tar-regolatur tas-suq ferrovarju u tiżgura l-implimentazzjoni efikaċji u rapida tal-proġetti ta' investment ferrovarju. Tnaqqas ir-restrizzjonijiet fuq is-servizzi professjonali u tissimplifika l-infurzar tal-kuntratti u r-rekwiżiti għall-permessi tal-kostruzzjoni.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Portugall u li twassal l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Portugall, 2012-2016

(2012/C 219/20)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.

(3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Portugall għall-2011.

(4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020.

(5) Il-Parlament Ewropew ġie involut kif suppost fis-Semestru Ewropew, skont ir-Regolament 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adottat riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

(6) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet biex tkun żgurata l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li trawwem it-tkabbir. Huwa enfażizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin għall-inklużjoni fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

(8) Fit-2 ta' Mejju 2012, il-Portugall ressaq il-Programm ta' Stabbiltà tiegħu li jkopri l-perijodu 2012-2016 u fis-7 ta' Mejju 2012, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tiegħu.

(9) Fis-17 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE ⁽⁴⁾ sabiex l-assistenza finanzjarja għal terminu medju tkun disponibbli għall-Portugall għall-perijodu ta' tliet snin mill-2011 sal-2014, skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja ⁽⁵⁾. Il-Memorandum ta' Qbil li jakkumpanja, iffirmat ukoll fis-17 ta' Mejju 2011, u s-supplimenti suċċessivi tiegħu, jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' politika ekonomika li abbażi tagħhom tiġi mogħtija l-assistenza finanzjarja.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2012 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽³⁾ ĠU C 216, 22.7.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88.

⁽⁵⁾ ĠU L 118, 12.5.2012, p. 1.

- (10) Il-Portugall għamel progress tajjeb fuq għadd ta' kwistjonijiet, iżda għad hemm sfidi sinifikanti. Il-kisba tal-miri fiskali għandha tibqa' essenzjali jekk il-Gvern irid jerġa' jikseb l-aċċess sħiħ tas-suq waqt it-tul tal-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku. Sabiex ikunu limitati r-riskji tal-miri fiskali tal-2012, l-implimentazzjoni rapida u determinata ta' miżuri fiskali strutturali tal-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku hija tal-akbar importanza. Fl-istess ħin, jeħtieġ li l-Gvern jipproċedi bir-riformi li jindirizzaw l-isfidi tal-kompetittività tal-Portugall. Il-baġit tal-2012 ma jsegwix il-pjanijiet preċedenti ta' "żvalutazzjoni fiskali". Dan jagħmel l-adozzjoni rapida ta' riformi strutturali oħra dejjem iktar importanti fis-swieq tax-xogħol u tal-prodotti, bil-ħsieb li jitnaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol unitarju, tiżdied il-flessibilità u jitnaqqsu l-ostakli għad-dħul. Min-naħa tal-Gvern huma meħtieġa perseveranza u determinazzjoni sabiex jiġu meġhluha l-interessi qawwjin involuti li jostakolaw t-triq tar-riforma.
- (11) Kollox ma' kollox, it-tielet analiżi tal-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku ikkonkludiet li l-kundizzjonalità implimentata mill-Portugall stipulata fil-Memorandum ta' Qbil tas-17 ta' Mejju 2011 għadha fit-triq it-tajba. B'mod partikolari, il-mira tad-defiċit fiskali għall-2011 (5,9 % tal-PDG) ġiet maqbuża billi seħħ it-trasferiment tal-fondi tal-pensjonijiet mill-banek għall-Istat li jammonta għal 3½ % tal-PDG. Minkejja din l-operazzjoni ta' darba, il-konsolidazzjoni strutturali fl-2011 kienet kbira u ammontat għal 3½ % tal-PDG. Il-banek jinsabu mexjin kif suppost biex jilhqnu r-reqwiziti kapitali tal-Programm ta' Aġġustament Finanzjarju sa tmiem l-2012, iżda l-pożizzjonijiet tal-kapital iridu jitjiebu aktar fl-2012, skont ir-reqwiziti ta' dak il-Programm kif ukoll bħala riżultat tar-reqwizit tal-Awtorità Bankarja Ewropea biex jipprovdu għall-espożizzjonijiet sovrani, għall-programm speċjali ta' spezzjoni fuq il-post, u għat-trasferiment ipplanat tal-pjanijiet tal-banek dwar il-pensjonijiet privati. Kmieni f' Ġunju l-Gvern ħabbar li ser jipprovdi fondi pubbliċi lil tliet banek ewlenin li jippermettu li r-reqwiziti tal-kapital taħt il-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku jintlaħqu. Ir-Raba' Analiżi fil-livell tal-persunal, li ġiet konkluża kmieni f'Ġunju, ikkonfermat ir-riżultati tat-Tielet Analiżi li l-programm għadu fit-triq it-tajba.
- (12) It-tnaqqis tal-PDG fl-2011 kien inqas sostanzjali mit-tbasir, għax l-esportazzjoni u l-konsum kienu aħjar milli previst. Madankollu, ir-raba' kwart tas-sena 2011 u l-bidu tal-2012 urew domanda domestika dgħajfa, żieda qawwija fil-qgħad u nuqqas ta' kunfidenza fin-negozju. Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-prospett għall-2012 iddeterjora u l-PDG issa huwa mbassar li ser jonqos bi 3,3 %. It-tkabbir ekonomiku fl-2013 se jkun aktar limitat milli kien mistenni oriġinarjament. Filwaqt li l-aġġustament estern s'issa kien rimarkabilment rapidu, bl-esportazzjonijiet
- Portugiżi ikabbru s-sehem tas-suq tagħhom barra mill-UE, u bl-importazzjonijiet li jaqgħu konsiderevolment, il-persistenza tiegħu għadha inċerta. Minħabba d-dejn estern kbir li l-Portugall akkumula, huwa meħtieġ aġġustament ulterjuri sostanzjali kbir ta' natura strutturali.
- (13) Il-Baġit tal-2012 għandu fil-mira defiċit tal-gvern ta' 4,5 % tal-PDG, li huwa konformi mal-reqwiziti tal-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku u mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Portugall skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Il-pjanijiet ta' konsolidazzjoni fiskali fuq perijodu medju ppreżenatati fil-Programm ta' Stabbiltà huma konsistenti mal-miri ewleni fil-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku, u huwa mistenni li l-proporzjon ta' bejn id-defiċit u l-PDG ikun ta' 3 % tal-PDG sal-2013. Il-baġit tal-2012 jinkludi miżuri ta' konsolidazzjoni li jammontaw għal aktar minn 5 % tal-PDG, li huma magħmulin minn miżuri strutturali permanenti. Żewġ terzi tal-miżuri għandhom x'jaqsmu mal-infiq u jinkludu tnaqqis sinifikanti fis-salarji tas-settur pubbliku u l-pensjonijiet, tnaqqis fin-numru ta' impjegati tal-gvern bi 2 % (ekwivalenti għal full time) u r-razzjonalizzazzjoni tal-intrapriżi tal-istat. Fuq in-naħa tad-dħul, il-baġit jaħseb għal tnaqqis fl-eżenzjonijiet tat-taxxi, żieda fin-numru ta' prodotti u servizzi li jiġu intaxxati bir-rata tal-VAT standard, taxa tad-dħul personali u korporattiva ogħla, żieda fit-taxxi tas-sisa u sforz akbar sabiex jiġu miġġielda l-evazzjoni tat-taxxa u l-frodi. Id-defiċit huwa mistenni li jonqos aktar, għal 1,8 % tal-PDG fl-2014 u għal 1 % tal-PDG fl-2015. Ir-riskji prinċipali għall-miri baġitarji huma prinċipalment relatati mas-settur tal-impriżi tal-istat u mal-awtoritajiet lokali u reġjonali. F'termini ta' bilanċ strutturali, l-aġġustament fiskali strutturali huwa mistenni li jkun aktar minn 7 punti perċentwali tal-PDG fl-2011-2012. L-objettiv baġitarju ta' terminu medju ta' -0,5 % tal-PDG jirrifletti adegwatament ir-reqwiziti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Dwar id-dejn pubbliku, huwa mistenni li jilħaq il-punt massimu ta' 115,7 % tal-PDG fl-2013, u jinżel gradwalment wara. Ir-Raba' Analiżi fil-livell tal-persunal ikkonfermat li l-mira għad-defiċit fiskali għall-2012 għadha tista' tintlaħaq, peress li l-eżekuzzjoni baġitarja fl-ewwel erba' xhur tas-sena kienet konsistenti mal-aspettattivi u r-riskji negattivi li rriżultaw minn żieda akbar u aktar rapida fil-qgħad u l-kompożizzjoni ta' tkabbir anqas favorevoli għat-taxxi meta mqabbla mal-previżjonijiet tal-baġit qed jiġu indirizzati minn tfaddil f'partijiet oħra tal-baġit.
- (14) Sar progress ċar sa issa u s-suċċess sħiħ tal-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku jiddependi kruċjalment fuq l-implimentazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' riformi strutturali li se jneħħu r-riġiditajiet u l-ostakli li huma l-bażi tal-istaġnar ekonomiku ta' dawn l-aħħar għaxar snin. L-aġenda ta' riforma, wiesgħa u ambizzjuża, hija fit-triq it-tajba fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-kura tas-saħħa, tal-akkomodazzjoni, tal-ġudikatura u tal-qafas regolatorju u tal-fallimenti, inkluża l-kompetizzjoni. Ukoll, il-privatizzazzjonijiet s'issa kellhom suċċess kbir.

Fl-industrija tan-netwerk, il-progress kien aktar imħallat. B'mod partikolari, fis-settur tal-enerġija ġiet ippreżentata strateġija komprensiva biex jiġi eliminat id-dejn li qed jiżdied tas-settur billi jiġu indirizzati l-kirjiet eċċessivi, u din ser ikollha tiġi implimentata fix-xhur li ġejjin.

- (15) Għaddej programmar mill-ġdid tal-Fondi Strutturali, b'enfasi fuq l-appoġġ għall-impjeg taż-żgħażaġh u l-kompetittività (b'mod partikolari l-impriżi żgħar u ta' daqs medju). Il-miżuri l-ġodda jsaħħu l-azzjonijiet fl-oqsma ta' ftuħ għall-impjeg, ta' taħriġ u kwalifiki professjonali u ta' aċċess għall-finanzjament għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju.
- (16) Il-Portugall daħal għal għadd ta' impenji fil-Patt Euro Plus. L-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, għandhom l-għan li jtejbu l-kompetittività, irrata tal-impjeg u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, filwaqt li jsaħħu s-sostenibbiltà finanzjarja,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Portugall jieħu azzjoni fil-perijodu 2012-2013 biex:

Jimplimenta l-miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE u li huma speċifikati aktar fil-Memorandum ta' Qbil tas-17 ta' Mejju 2011 u s-supplimenti sussegwenti tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tar-Rumanija u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Rumanija, 2012-2015

(2012/C 219/21)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tvara strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn jeħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.
- (3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tar-Rumanija għall-2011 u ta' l-opinjoni tiegħudwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tar-Rumanija għall-2011-2014.

(4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li huwa l-bidu tat-tieni semestru Ewropew ta' koordinazzjoni politika integrata u *ex ante*, li hija magħgħuna fl-istrateġija Ewropa 2020.

(5) Il-Parlament Ewropew ġie involut kif suppost fis-Semestru Ewropew, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

(6) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għall-iżgurar tal-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni biex jitravwem it-tkabbir. Huwa enfażizza l-ħtieġa li titkompla l-konsolidazzjoni fiskali differenzjata favur it-tkabbir, biex jinkisbu lura l-kundizzjonijiet normali tas-self għall-ekonomija, biex jinġiebu 'l quddiem it-tkabbir u l-kompetittività, jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u tkun immodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri li jieħdu sehem fil-Patt Euro Plus biex iressqu l-impenji tagħhom fil-ħin sabiex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza tagħhom u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

(8) Fit-23 ta' April 2012, ir-Rumanija ressqet il-programm tagħha ta' riforma nazzjonali tal-2012 u fil-11 ta' Mejju 2012, il-programm tagħha ta' konverġenza li jkopri l-perjodu 2012-2015.

(9) Fis-6 ta' Mejju 2009, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2009/459/KE ⁽⁴⁾ biex ikun hemm assistenza finanzjarja għad-dispożizzjoni tar-Rumanija fuq medda medja ta' żmien għal perjodu ta' tliet snin taħt l-Artikolu 143 tat-Trattat. Il-Memorandum ta' Qbil meħmuż magħha ffirmat fit-23 ta' Ġunju 2009 u s-supplimenti suċċessivi tiegħu jstipulaw il-kundizzjonijiet ta' politika ekonomika li abbażi tagħhom tħallset l-għajjnuna finanzjarja. Id-Deċiżjoni 2009/459/KE ġiet emendata fis-16 ta' Marzu 2010 permezz tad-Deċiżjoni 2010/183/UE ⁽⁵⁾. Wara li r-Rumanija implimentat il-Programm ta' Assistenza Finanzjarja fuq Terminu Medju b'suċċess, u minħabba aġġustament importanti iżda parzjali tal-kont kurrenti għar-raġuni li kien għad hemm dgħufijiet strutturali fis-swieġ

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽³⁾ ĠU C 216, 22.7.2011, p. 6.

⁽⁴⁾ ĠU L 150, 13.6.2009, p. 8.

⁽⁵⁾ ĠU L 83, 30.3.2010, p. 19.

tal-prodotti u tax-xogħol tar-Rumanija li jagħmlu lill-pajjiż sensitiv għat-tibdil f'daqqa fil-prezzijiet internazzjonali, fit-12 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/288/UE ⁽¹⁾ biex ikun hemm għad-dispożizzjoni tar-Rumanija assistenza finanzjarja ta' prekawzjoni fuq medda ta' żmien medju għal perjodu ta' tliet snin skont l-Artikolu 143 tat-Trattat. Il-Memorandum ta' Qbil meħmuż magħha ġie ffirmat fid-29 ta' Ġunju 2011 u l-ewwel suppliment għalih fis-27 ta' Diċembru 2011.

- (10) It-tieni reviżjoni formali tal-Programm ta' Assistenza Finanzjarja fuq Terminu Medju li seħħet lejn tmien April-bidu ta' Mejju 2012 stabbiliet li l-implimentazzjoni tal-programm tar-Rumanija għadha fit-triq it-tajba. Il-mira tad-defiċit fiskali tal-flus kontanti għall-2011 intlaħqet, filwaqt li l-mira tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA) setgħet tintlaħaq li kieku ma kienx hemm miżura ta' darba marbuta ma' deċiżjonijiet tal-qorti li tobbliga l-Gvern iħallas kumpens lil ċerti kategoriji ta' impjegati. Il-baġit 2012 għadu fit-triq it-tajba biex jinkiseb defiċit taħt it-3 % tal-PDG f'termini tal-ESA. Is-settur bankarju tar-Rumanija rkupra malajr minkejja t-tiżnin attwali fil-kwalità tal-assi, li baqa' jaffettwa b'mod negattiv il-profitabilità tas-settur bankarju. Il-kondizzjonalità stabbilita fil-Programm ta' Assistenza Finanzjarja fuq Terminu Medju għas-settur finanzjarju intlaħqet, minkejja xi dewmien f'ċerti każijiet. Il-progress f'ċerti oqsma ewlenin ta' riforma strutturali bħall-enerġija u t-transport u l-assorbiment ta' fondi tal-UE kienu irregolari.
- (11) Wara sentejn ta' deklin, il-PDG reali tar-Rumanija kiber fl-2011 bi 2½ %. Għall-2012 it-tkabbir huwa mistenni li jonqos fir-ritmu għal 1,4 %. Huwa mbassar li t-talba domestika se tkun il-mutur prinċipali tat-tkabbir. L-investiment pubbliku, bis-saħħa tat-titjib fl-assorbiment tal-fondi tal-UE, huwa mistenni li jkollu rwol ewlieni fl-2012.
- (12) Abbażi tal-istima tal-Programm ta' Konverġenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li jirfed il-previżjonijiet baġitarji f'dak il-Programm huwa plawżibbli. L-għan tal-istrategġija baġitarja deskritt fil-Programm ta' Konverġenza huwa li jintlaħaq defiċit baġitarju taħt it-3 % tal-PDG fl-2012, bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill mogħtija lir-Rumanija permezz tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Wara dan, għandha l-għan li tikseb objettiv

baġitarju fuq terminu medju (OTM) ddefinit bħala defiċit ta' 0,7 % tal-PDG f'termini strutturali. L-OTM jirrifletti b'mod xieraq ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir. Wara l-korrezzjoni pplanata tad-defiċit eċċessiv fl-2012, id-defiċit mistenni jkompli jonqos għal 2,2 % tal-PDG fl-2013, għal 1,2 % tal-PDG fl-2014 u 0,9 % tal-PDG fl-2015. Abbażi tal-bilanċ baġitarju strutturali (ikkalkolat mill-ġdid) ⁽²⁾, dan jimplika titjib fid-defiċit ta' 1,5 % fl-2012, 0,5 % fl-2013 u 0,7 % fl-2014, bi qbil maż-0,5 % tal-kriterju ta' tqabbil tal-PDG tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir. Ir-rata ta' tkabbir tan-nefqa tal-gvern hija konformi mal-kriterju ta' tqabbil tan-nefqa tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir matul il-perjodu 2012-2015. Il-Programm ta' konverġenza jipprevedi l-ksib tal-OTM fl-2014. Ir-riskji ewlenin għall-miri baġitarji huma l-arretrati tal-intrapriżi tal-gvern, kif ukoll l-akkumulazzjoni mill-ġdid potenzjali ta' arretrati fil-livell tal-gvern lokali u fis-settur tas-saħħa, anke jekk ċerti miżuri tteħdu fis-settur tas-saħħa. Għal dak li huwa dejn pubbliku, dan kien taħt l-34 % tal-PDG sa tmien l-2011 u b'hekk baqa' sostanzjalment taħt is-60 % tal-PDG.

- (13) Ir-Rumanija daħlet għal għadd ta' impenji bħala parti mill-Patt Euro Plus. Dawn l-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, huma marbuta mat-trawwim tal-kompetittività u l-impjegi, finanzi pubbliċi iktar sostenibbli u tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Rumanija tieħu azzjoni tul il-perjodu 2012-2013 biex:

Timplimenta l-miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/459/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2010/183/UE, kif ukoll il-miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/288/UE u speċifikati aktar fil-Memorandum ta' Qbil tat-23 ta' Ġunju 2009 u s-supplimenti sussegwenti tiegħu, u fil-Memorandum ta' Qbil tad-29 ta' Ġunju 2011 u s-supplimenti sussegwenti tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

V. SHIARLY

⁽¹⁾ ĠU L 132, 19.5.2011, p. 15.

⁽²⁾ Bilanċ aġġustat ċiklikament nett minn miżuri ta' darba u temporanji "ikkalkulat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta fil-Programm, bl-użu tal-metodoloġija li hemm ftehim komuni dwarha.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tas-Slovakkja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovakkja, 2012-2015

(2012/C 219/22)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.

(3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tas-Slovakkja għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tas-Slovakkja għall-perjodu 2011-2014.

(4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni

Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx is-Slovakkja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar azzjonijiet rakkomandati fi ħdan iċ-ċiklu ta' politika Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jiffurmaw parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

(6) Il-Parlament Ewropew kien involut kif dovut fis-Semestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għal l-iżgurar ta' stabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u azzjoni biex jitravwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

(8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

(9) Fit-30 ta' April 2012, is-Slovakkja sottomettiet il-Programm ta' Stabbiltà tagħha li jkopri l-perjodu 2012-2015 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽³⁾ ĠU C 272, 15.9.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

(10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li qed jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm huwa plawżibbli. Huwa ġeneralment konformi mat-tbassir tar-Rebbiegħa tal-2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni, għalkemm dan tal-aħħar jassumi tkabbir reali tal-PDG xi ffit oġhla fl-2012. L-għan dikjarat l-istrateġija tal-baġit spjegat fil-Programm ta' Stabbiltà huwa li tkun żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Il-passi intermedjarji definiti biex jintlaħaq dan huma implimentazzjoni rigoruża tal-baġit 2012 u tnaqqis tal-iżbilanċ bażilari inqas minn 3 % tal-PDG fl-2013, l-iskadenza għall-korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv stipulat mill-Kunsill. Il-kisba tal-mira tad-defiċit nominali fl-2013, madankollu, tista' ma tissodisfax il-pjanijiet. Il-Programm ta' Stabbiltà biddel l-għan baġitarju għall-medda taż-żmien medja (OTM) minn baġit kważi bbilanċjat għal defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG, li mhux mistenni jintlaħaq fil-perjodu tal-programm. L-OTM l-ġdid jirrifletti adegwament ir-reqwiziti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Abbażi tal-bilanċ tal-baġit strutturali (ikkalkulati mill-ġdid) ⁽¹⁾, l-isforz fiskali annwali medju fl-2010-2013 jammonta għal 1,3 % tal-PDG, ferm oġhla mill-valur meħtieġ rakkomandat mill-Kunsill, fejn l-isforz fiskali residwu huwa kemxejn pospost għall-2013. Il-mira għall-2013 hija soġġetta għal riskji, minħabba li miżuri ta' dħul suġġeriti jistgħu ma jilhqx l-għan; l-implimentazzjoni simultanja tal-miżuri kollha li huma fuq skala żgħira jista' jkun diffiċli li tiġi implimentata; u fid-dawl tar-reviżjonijiet li żiedu l-miri tad-defiċit li twettqu fl-imġhoddi.

Barra minn hekk, aktar infiq trasversali jista' jirriżulta bħala insostenibbli fit-terminu medju. Fl-2014 u l-2015, l-isforz fiskali medju jilħaq 0,3 % tal-PDG kull sena, li huwa taħt l-aġġustament meħtieġ ta' 0,5 % tal-PDG għal pajjiżi li għadhom ma lahqx l-OTM. Madankollu, skont il-Programm ta' Stabbiltà, ir-rata tat-tkabbir tannefqa tal-gvern, filwaqt li jitqiesu miżuri ta' dħul diskrezzjonali, hija konformi mal-punt ta' riferiment dwar innefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fis-snin lejn il-bidu u t-tmiem tal-Programm ta' Stabbiltà. Id-dejn tal-gvern ser jibqa ferm 'l isfel minn 60 % tal-PDG. Filwaqt li s-Slovakkja għaddiet leġislażzjoni li tistabbilixxi Kunsill Fiskali, s'issa għadha ma ġietx stabbilita u l-leġislażzjoni dwar il-limiti għan-nefqa għadha ma ġietx adottata.

(11) Minħabba l-iskop dejjem jonqos għal konsolidazzjoni ulterjuri bbażata fuq in-nefqa u l-ħtieġa li jappoġġaw konverġenza kontinwa permezz tal-infiq foqasma prinċipali bħall-edukazzjoni, l-innovazzjoni u l-infrastruttura tat-trasport, hemm skop għal miżuri mmirati biex iwessgħu l-bażi fiskali, jillimitaw l-evitar tat-taxxa u jtejbju l-konfomormità mat-taxxa, mingħajr ma jaffettwaw il-prospetti ta' tkabbir fit-terminu qasir. L-indirizzar ta'

waħda mill-akbar lakuni tal-VAT fl-UE tista' ġġib dħul addizzjonali sinifikanti. Hemm ukoll lok għal żieda fl-irċevuti mit-taxxi li huma l-inqas ta' ħsara għat-tkabbir, inkluż it-tassazzjoni fuq il-proprietà immobbli, u t-tassazzjoni ambjentali. Tassazzjoni effettiva tad-dħul mill-ħaddiema tvarja skont it-tipi differenti ta' impjeg. Dan jinkoraġġixxi bidla lejn arranġamenti ta' impjeg aktar flessibbli b'impatti negativi fuq perjodu qasir u fit-tul fuq il-kontijiet pubbliċi.

(12) Is-Slovakkja indirizzat biss parzjalment is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi tagħha, minħabba li ma implimentatx il-bidliet maħsuba fil-pilastru tal-iskema tal-pensjoni tagħha Ħallas Waqt Li Tkun Għaddej. Ittieħdu miżuri biex tittejjeb il-vijabbiltà tal-pilastru tal-pensjoni ffinanzjat bis-sħiħ. Madankollu, ambjent legali instabbli b'bidliet sinifikanti frekwenti fil-passat kien jinvolvi spejjeż ta' aġġustament mhux negliġibbli u introduċa inċertezza fil-pilastru ffinanzjat bis-sħiħ.

(13) Ma ttieħdu l-ebda miżuri sinifikanti biex tiġi indirizza l-problema tal-qgħad tas-Slovakkja. Għad hemm ħtieġa biex tittejjeb l-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-kapaċità tas-servizz pubbliku għall-impjegji. Hemm ukoll ħtieġa għal miżuri li jżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema ikbar fl-età u nisa, b'mod partikolari permezz tal-proviżjoni tal-kura tat-tfal. Il-porzjon tat-taxxa, inklużi l-pagamenti obbligatorji kollha, għadu relattivament għoli għal ħaddiema bi dħul baxx u proporzjon mhux negliġibbli ta' dawk li qed ifittxu x-xogħol ftit għandhom inċentiv biex jiċċaqalqu minn assistenza soċjali għal impjegji b'pagi baxxi.

(14) Ġew adottati biss miżuri limitati biex itejbu l-kwalità baxxa tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Sabiex jiġi indirizzat il-qgħad għoli tas-Slovakkja fost iż-żgħażaġh, il-pjan ta' azzjoni taż-żgħażaġh għandu jiġi adottat u implimentat mingħajr dewmien, skont ir-riżultat tal-grupp ta' azzjoni konġunta Slovakkja – Kummissjoni dwar il-qgħad fost iż-żgħażaġh, inkluż ir-riforma tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kif ukoll l-edukazzjoni oġhla. L-istrateġija aġġornata dwar it-tagħlim tul il-ħajja ġiet adottata. Madankollu, l-ebda inċentivi partikolari ma kienu introdotti sabiex jiżguraw rati oġhla ta' parteċipazzjoni.

(15) Komunitajiet emarġinati, inkluż ir-Romi, huma fil-parti l-kbira esklużi mis-suq tax-xogħol u s-sistema edukattiva prinċipali, li jirrappreżenta ammont sinifikanti ta' ħaddiema potenzjali mhux utilizzati biżżejjed fl-ekonomija Slovakka. Sabiex tindirizza din il-problema, is-Slovakkja għandha żżid l-isforzi biex ittejjeb ir-riżultati edukattivi ta' gruppi emarġinati u ssaħħaħ il-politiki ta' reintegrazzjoni għall-adulti.

⁽¹⁾ Bilanċ nett aġġustat ċiklikament minn miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tat-tagħrif provduti f'dan il-programm, permezz tal-użu tal-metodoloġija komunament maqbula.

- (16) Is-Slovakkja tejbet b'mod sostanzjali t-trasparenza tar-regoli tal-akkwisti pubbliċi u tal-ġudikatura, għalkemm il-proċedura ġudizzjarja għadha twila u għalja. Madankollu, il-kwalità ġenerali u l-kapaċità tal-istituzzjonijiet pubbliċi għadhom dgħajfa. L-amministrazzjoni pubblika hija nieqsa minn approċċ strateġiku, tbat minn ċaqliq qawwi ta' persunal u bini ta' kapaċità insuffiċjenti, li xxekkel l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-għoti ta' servizzi pubbliċi.
- (17) Is-Slovakkja daħlet għal għadd ta' impenji bħala parti mill-Patt Euro Plus. Dawn l-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, jirrigwardaw it-trawwim tal-impjiegi, it-titjib tal-kompetittività, u t-titjib tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u t-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus. Fir-rakkomandazzjonijiet ġew ikkunsidrati r-riżultati ta' din il-valutazzjoni.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tas-Slovakkja. Hija vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fis-Slovakkja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet (1) sa (7) hawn taħt.
- (19) Fid-dawl ta' din l-evalwazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,
- B'DAN JIRRAKKOMANDA li s-Slovakkja tiegħu azzjoni fil-perjodu 2012-2013 biex:
1. Tiegħu miżuri addizzjonali fl-2012 u tispeċifika l-miżuri meħtieġa fl-2013, biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv b'mod sostenibbli u tiżgura l-isforz tal-aġġustament strutturali speċifikati fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-proċedura tad-defiċit eċċessiv. Timplimenta tnaqqis fl-infiq immirat, filwaqt li tissalvagwardja l-infiq li jsaħħaħ it-tkabbir, u żżid l-isforzi biex titjeb l-effiċjenza tal-infiq pubbliku. Sussegwentement, tassiguraw sforz ta' aġġustament strutturali adegwat biex tagħmal progress suffiċjenti lejn l-OTM, inkluż lli jintlaħaq il-punt ta' riferiment dwar in-nefqa. Tħaffef it-twaqqif ta' Kunsill Fiskali u tadotta regoli dwar limiti ta' nfiq.
 2. Iżżid il-konformità fiskali, partikolarment billi ttejjeb l-effiċjenza tal-ġbir tal-VAT; tnaqqas id-distorsjonijiet fit-tassazzjoni tax-xogħol madwar it-tipi differenti ta' impjiegi, ukoll billi tillimita t-tnaqqis tat-taxxa; torbot it-tassazzjoni fuq il-proprjetà immobbli mal-valur tas-suq tal-proprjetà; tagħmel aktar użu mit-tassazzjoni ambjentali.
 3. Taġġusta aktar il-pilastru tal-pensjoni Ħallas Waqt Li Tkun Għaddej, prinċipalment billi tinbdel il-mekkaniżmu ta' indiċjar, tintroduċi rabta diretta bejn l-età statutorja tal-pensjoni u l-istennija tal-ħajja u tintroduċi fattur ta' sostenibbiltà fil-formula tal-kalkolu tal-pensjoni li jirrifletti l-bidla demografika. Tiżgura wkoll l-istabbiltà u l-vijabbiltà tal-pilastru ffinanzjat bis-sħiħ.
 4. Ittejjeb il-kapaċità amministrattiva tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi bil-għan li ttejjeb l-immirar, it-tfassil u l-evalwazzjoni tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol biex tiżgura servizzi ta' impjeg iktar individwalizzati għaż-żgħażaġh qiegħda, għal dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil, ħaddiema ikbar fl-età u nisa. Tiżgura l-proviżjoni tal-faċilitajiet għall-kura tat-tfal. Tnaqqas il-porzjoni tat-taxxi għal ħaddiema b'pagi baxxi u tadatta s-sistema tal-benefiċċji.
 5. Tadotta u timplimenta l-pjan ta' azzjoni taż-żgħażaġh, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità u r-rilevanza tas-suq tax-xogħol fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, inkluż permezz tal-introduzzjoni ta' skema ta' apprendistat. Ittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni ogħla permezz tat-tisħiħ tal-assigurazzjoni tal-kwalità u l-orjentazzjoni lejn ir-riżultat.
 6. Tiegħu miżuri attivi biex itejjeb l-aċċess għal u l-kwalità ta' tagħlim u edukazzjoni qabel l-iskola ta' gruppi vulnerabbli, inklużi r-Roma. Tiżgura r-reintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol għall-adulti permezz ta' miżuri ta' attivazzjoni u servizzi ta' impjeg immirati, edukazzjoni li tagħti ċans ieħor u taħriġ vokazzjonali ta' ċiklu qasir.
 7. Isaħħaħ il-kwalità tas-servizz pubbliku, inkluż billi ttejjeb il-ġestjoni tar-riżorsi umani u ssaħħaħ il-kapaċitajiet analitiċi. Tnaqqas iktar it-tul tal-proċedimenti ġudizzjarji u ssaħħaħ ir-rwol tal-uffiċċju tal-Akkwisti Pubbliċi bħala korp indipendenti.
- Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.
- Għall-Kunsill*
Il-President
V. SHIARLY

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tas-Slovenja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovenja, 2012-2015

(2012/C 219/23)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tinħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqsu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għall-linji politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

- (3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tas-Slovenja għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tas-Slovenja għall-perijodu bejn l-2011 u l-2014.

- (4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fiha hija identifikat lis-Slovenja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

- (5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu ta' politika tal-Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

- (6) Il-Parlament Ewropew kien involut kif dovut fis-Semestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

- (7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex jiggarrantixxi l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li tħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li tinżamm konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

- (8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

⁽⁴⁾ ĠU C 217, 23.7.2011, p. 1.

(9) Fis-26 ta' April 2012, is-Slovenja ressqet il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tagħha, li jkopri l-perijodu bejn l-2012 u l-2015, u fit-13 ta' April 2012 ressqet il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew iwalutati fl-istess waqt. Il-Kummissjoni vwalutat ukoll, permezz ta' reviżjoni bir-reqqa skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, jekk is-Slovenja hix affettwata mill-iżbilanċi makroekonomiċi. Fir-reviżjoni bir-reqqa tagħha l-Kummissjoni kkonkludiet li s-Slovenja qed tesperjenza żbilanċi interni li, notevolment, jaffettwaw il-karti tal-bilanċ tas-settur korporattiv u l-istabbiltà tal-banek. Dawn l-iżbilanċi interni u kull żbilanċ estern potenzjali għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib u jiġu inklużi fil-kunsiderazzjonijiet tal-politika ekonomika, biex b'hekk jitnaqqas ir-riskju li jkun hemm effetti negattivi fuq il-funzjonament tal-ekonomija. Ir-rikapitalizzazzjoni u l-bejgħ tal-ikbar bank u l-impenn sod lejn il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-iskadenza tal-2013, huma żewġ elementi importanti u rilevanti tar-rispons previst attwalment. Ir-riskju tal-iżbilanċi eċċessivi jista' jitnaqqas permezz ta' implimentazzjoni minnufih u bir-reqqa f'dawn l-oqsma.

(10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati l-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà, huwa ottimistiku meta mqabbel mal-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2012. L-oġġettiv tal-istrategġija baġitarja spjegata fil-Programm ta' Stabbiltà, huwa li d-defiċit ġenerali tal-gvern jitnaqqas għal taħt it-3 % tal-PDG fl-2013, li hija l-iskadenza stabbilita mill-Kunsill, u li wara li jsir dan ikompli jitnaqqas id-defiċit biex b'hekk sal-2015, b'mod ġenerali, jintlaħaq l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju (OTM) tas-Slovenja. L-OTM huwa definit bħala pożizzjoni bbilanċjata f'termini strutturali, mhux mibdula mill-Programm ta' Stabbiltà pprecedenti, iżda li ma jstax jitqies bħala adegwat skont id-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir billi, skont il-politiki u l-projezzjonijiet attwali, ma jiżgurax progress rapidu biżżejjed lejn is-sostenibbiltà għat-tul.

Hemm riskju li r-riżultati tad-defiċit ikunu agħar minn dawk previsti, minħabba (i) nuqqas ta' speċifikazzjoni tal-miżuri previsti, b'mod partikolari għall-perijodu 2014-2015; (ii) rekord ta' nfiq primarju żejjed kurrenti; (iii) dħul iktar baxx fid-dawl tax-xenarju makroekonomiku relattivament ottimistiku u l-inċertezza dwar l-impatt tal-miżuri tat-taxxa li ġew deċiżi reċentement; u (iv) operazzjonijiet possibbli ta' appoġġ permezz ta' kapital addizzjonali u t-talba għall-garanziji. Fuq bażi tal-bilanċ strutturali (ikkalkolat mill-ġdid) ⁽¹⁾, l-isforz fiskali medju annwali tul il-perijodu bejn l-2010 u l-2013, huwa ppjanat li jkun kważi 1 % tal-PDG, kemxejn iktar minn dak rakkomandat mill-Kunsill. Madankollu, il-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2012 timplika

li se jkollu jsir sforz addizzjonali fl-2013 biex jiġu rispettati r-rakkomandazzjonijiet tul il-perijodu ta' korrezzjoni kollu. Wara l-korrezzjoni ppjanata tad-defiċit eċċessiv, il-pass annwali tal-progress lejn l-OTM, skont il-Programm ta' Stabbiltà, huwa konformi mal-valur referenzjarju ta' 0,5 % stabbilit fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2015 iżda taħtu fl-2014, filwaqt li r-rata ta' tkabbir tan-nefqa tal-gvern, meta jitqiesu l-miżuri diskrezzjonali tad-dħul, hija konformi mal-valur referenzjarju għan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għal dawn is-sentejn, għalhekk b'mod ġenerali l-Programm ta' Stabbiltà jipprevedi pjan ta' aġġustament ġenerali adegwat lejn l-OTM. Meta jitqiesu r-riskji msemmija hawn fuq, il-progress lejn l-OTM jista' jkun iktar kajman milli mehtiegħ fis-sentejn li huma.

Id-dejn gross ġenerali tal-gvern huwa mistenni li, minn 48 % tal-PDG fl-2011, jiżdied għal massimu ta' 53 % sal-2013 (u b'hekk jibqa' taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 60 % tal-PDG) qabel jaqa' kemxejn sal-aħħar tal-perijodu tal-Programm ta' Stabbiltà. Il-projezzjonijiet tad-dejn huma suġġetti għal riskji 'l fuq mill-possibbiltà ta' defiċits ogħla msemmija hawn fuq u aġġustamenti ikbar bejn il-fondi u l-flussi. Il-qafas baġitarju u r-regola dwar in-nefqa tas-Slovenja għat-terminu medju għadhom mhumiex vinkolanti biżżejjed u mhumiex iffukati adegwatement fuq il-kisba tal-OTM u l-iżgurar ta' sostenibbiltà għat-tul.

(11) Il-Gvern sa issa ma kienx f'pożizzjoni li jaġmel tibdiliet sistemiċi fis-sistema tal-pensjonijiet, minħabba l-moratorju ta' 12-il xahar tal-leġiżlazzjoni wara r-referendum negattiv ta' Ġunju 2011 dwar riforma pprecedenti fil-pensjonijiet. Madankollu, il-miżuri ta' trażżin tal-ispejjeż ta' terminu qasir ġew estiżi u msaħħin f'Diċembru 2011 u Mejju 2012. Filwaqt li huma rilevanti u ta' benefiċċju fit-terminu l-qasir, jidher biċ-ċar li dawn il-miżuri temporanji mhumiex ambizzjużi biżżejjed biex jindirizzaw l-isfidi fit-tul. Il-Gvern jipprevedi riforma ġdida tal-pensjonijiet li għandha tiġi implimentata sal-aħħar tal-2013, b'din ir-riforma tkun ibbażata fuq sistema b'ħafna pilastru u żieda fl-età effettiva tal-irtirar. Filwaqt li ma jingħataw l-ebda dettalji oħra, il-livell ta' ambizzjoni ta' dawn il-pjanijiet jidher li hu modest. Minħabba d-daqs tal-isfida, hemm lok għal riforma komprensiva li tindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin: età statutorja baxxa tal-irtirar, differenzi fl-età statutorja tal-irtirar għan-nisa u għall-irġiel, possibbiltajiet differenti fir-rigward tal-irtirar kmieni u arranġamenti ta' indiċjar ġeneruż għall-pensjonijiet. Sa issa għadhom ma ġewx implimentati miżuri speċifiċi biex tiżdied ir-rata ta' impjieġ ta' ħaddiema akbar fl-età, għalkemm il-linji gwida għall-implimentazzjoni tal-miżuri poltiċi attivi tas-suq tax-xogħol għal bejn l-2012 u l-2015 u l-pjan tal-2012 għall-implimentazzjoni ta' miżuri poltiċi attivi dwar l-impjieġ, jindirizzaw lil persuni qiegħda li huma akbar fl-età bħala grupp fil-mira speċifiċu.

⁽¹⁾ Il-bilanċ nett aġġustat b'mod ċikliku tal-miżuri ta' darba u dawk temporanji, ikkalkolat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-baży tal-informazzjoni mogħtija fil-programm, bl-użu tal-metodoloġija li kien hemm qbil komuni dwarha.

- (12) Is-sitwazzjoni fis-settur bankarju tas-Slovenja attwalment toffri sfida akbar miż-żmien tal-valutazzjoni fl-2011. It-telf irreġistrat matul is-sena kollha fl-2011 kien sostanzjali u, ħarsa 'l quddiem turi li t-tnaqqis fl-ekonomija se jgħib aktar telf mis-self hekk kif aktar kumpaniji jissieltu mas-servizzi tad-dejn. Il-miżuri li ġew introdotti jew imħabbra sa issa, mhumiex suffiċjenti meta wieħed iqis id-daqs tal-isfida. It-tieni rikapitalizzazzjoni urġenti tal-ikbar bank (NLB) għadha soġġetta għal negozjati ma' investituri privati u internazzjonali. Il-Gvern il-ġdid indika l-intenzjoni tiegħu li jnaqqas il-parteċipazzjoni azzjonarja tiegħu fil-banek prinċipali għal minoranza li timblokka. Hemm bżonn ta' artikolazzjoni tar-relazzjoni bejn l-aspirazzjoni għat-tul u l-bżonn immedjat u urġenti għal kapital ġdid, fejn l-istat bħala sid b'maġġoranza, b'mod ċar iġorr il-piż tar-responsabbiltà fl-analiżi finali. Strateġija ċara ta' privatizzazzjoni, issudata bl-injezzjonijiet f'waqthom tal-kapital biex jiġi kopert it-telf, garanzija ta' governanza tajba u ġestjoni professjonali u depolitizzata, tista' tagħmel din il-politika u l-bejgħ eventwali ta' dawn il-banek iktar kredibbli.
- (13) Fis-sena li għaddiet ma ġewx preżentati proposti konkreti biex jitnaqqsu l-asimmetriji bejn il-protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema b'kuntratti permanenti u temporanji rispettivament. In-negozjati mas-sħab soċjali fir-rigward tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet tax-Xogħol tnedew fl-2011, iżda la ntlaħaq ftehim u lanqas ġew adotatti emendi. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma jindika xi miżuri biex tiżdied il-flessigurtà u tiġi indirizzata s-segmentazzjoni, iżda ma jstabbilixx skeda għall-adozzjoni tagħhom. L-Att dwar l-Ibbilanċjar tal-Finanzi Pubbliċi, li ġie adottat reċentement, jintroduċi imposti (miżati ta' konċessjoni) għax-"xogħol bħala student" biex titnaqqas l-attrattività ta' dan l-istejtus fis-suq tax-xogħol, iżda attwalment m'hemmx miżuri addizzjonali previsti.
- (14) Is-sensittività tas-sistema edukattiva u tat-taħriġ għall-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol għadha mhix adegwata, għalkemm attwalment qed jiġu introdotti servizzi ta' pariri dwar il-karriera fiċ-ċiklu kollu tal-edukazzjoni u qed isiru sforzi biex tingħata informazzjoni dwar karrieri futuri. Għadhom ma tteħdux passi konkreti sabiex titwaqqaf sistema li tippredvi d-domanda tas-suq tax-xogħol. Ġew immedija xi proġetti kofinanzjati mal-Fond Soċjali Ewropew biex jiġu promossi l-okkupazzjonijiet li għalihom hemm domanda għolja fis-suq tax-xogħol. Dawn il-miżuri huma rilevanti iżda fl-aħħar mill-aħħar jirrappreżentaw rispons inadegwat għall-isfida. Il-valutazzjoni esperta esterna tal-effettività ġenerali tas-servizz tal-impjeg pubbliku fis-Slovenja mhix disponibbli għal evalwazzjoni.
- (15) Minkejja t-tibdiliet leġiżlattivi f'April 2011 biex l-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni (CPO) jinbidel f'aġenzija indipendenti mill-1 ta' Jannar 2012, is-CPO għadu ma sarx indipendenti, minħabba li qabel kollox jeħtieġ li jintlaħqu diversi kondizzjonijiet proċedurali. Barra minn hekk, fl-2011 ir-riżorsi tas-CPO tnaqqsu. Dawn l-iżviluppi jaffettwaw l-abbiltà tiegħu li jespandi l-azzjonijiet ta' infurzar tiegħu u li jagħti piż istituzzjonali għall-isforzi biex ikun hemm riforma li tagħti spinta lill-kompetizzjoni. Għadu kemm tlesta studju dwar id-deregolazzjoni tal-professjonijiet, iżda azzjoni politika konkreta f'dan il-qasam għadha vaga. B'mod iktar ġenerali, ċerti aspetti tal-qafas legali għall-istabbiliment tal-fornituri tas-servizzi jistgħu jqajmu dubji rigward il-kompatibbiltà mad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern⁽¹⁾. L-ambjent tan-negozju ġenerali huwa karatterizzat minn nuqqasijiet li mhumiex attraenti għall-investituri domestiċi u barranin u li jxekklu t-tindif rapidu tal-karti tal-bilanċ tal-banek, bħall-involvement dirett jew indirett tal-istat fl-ekonomija u proċeduri tal-insolvenza favur id-debitur, li xi drabi jkunu problematiċi. Fl-aħħar nett, minħabba l-importanza li qed tiżdied tas-Slovenja bħala pajjiż ta' tranżitu għall-flussi tal-elettriku, in-netwerk nazzjonali ta' trażmissjoni qed jibda joħloq konġestjoni.
- (16) Wara żieda diskrezzjonali kbira f'Marzu 2010, il-paga minima bħala perċentwali tal-paga medja kienet l-ogħla fl-UE fl-2011, għalkemm il-paga minima tinsab eżattament taħt il-livell limitu tal-faqar. L-indiċjar fis-sentejn li ġejjin irriżulta f'żieda nominali addizzjonali ta' 4 %. Dawn l-iżviluppi jnaqqsu l-kompetittività tal-industriji li jimjegaw ħafna ħaddiema u jiggravaw il-qgħad strutturali.
- (17) Is-Slovenja ħadet għadd ta' impenji skont il-Patt Euro Plus. Dawn l-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, jikkonċernaw it-trawwim tal-impjegji, it-titjib fil-kompetittività, it-titjib tas-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi u t-tishiġ tal-istabbiltà finanzjarja. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus. Fir-rakkomandazzjonijiet ġew ikkunsidrati r-riżultati ta' din il-valutazzjoni.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tas-Slovenja. Hija vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma, u ppreżentat revizzjoni bir-reqqa. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fis-Slovenja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-hteġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (7) hawn taħt.
- (19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovenja, u l-opinjoni tiegħu⁽²⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

(1) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

(2) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(20) Fid-dawl tar-reviżjoni bir-reqqa tal-Kummissjoni u din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà għas-Slovenja. Ir-rakkomandazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet (3), (6) u (7) ta' hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li s-Slovenja tieħu azzjoni fil-perijodu bejn l-2012 u l-2013 biex:

1. Timplimenta l-baġit tal-2012, u ssaħħa l-istrategġja baġitarja għall-2013 b'miżuri strutturali speċifikati adegwament, filwaqt li tkun lesta li tieħu miżuri addizzjonali sabiex tiżgura korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'mod sostenibbli sal-2013 u li jintlaħaq l-isforz ta' aġġustament strutturali speċifikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Wara dan, tiżgura sforz ta' aġġustament strutturali adegwat biex isir biżżejjed progress lejn il-kisba tal-OTM għall-pożizzjoni baġitarja, inkluż li jintlaħaq il-valur referenzjarju għan-nefqa. Issaħħa il-qafas baġitarju ta' terminu medju, inkluż r-regola dwar in-nefqa, billi tagħmlu aktar vinkolanti u trasparenti.
2. Tieħu passi urġenti biex tiżgura sostenibbiltà għat-tul fir-rigward tas-sistema tal-pensjonijiet, filwaqt li żżomm l-adeqwatezza tal-pensjonijiet, billi: (i) tagħmel l-età statutorja tal-irtirar l-istess għall-irġiel u għan-nisa; (ii) tiżgura żieda fl-età effettiva tal-irtirar, inkluż permezz tal-assoċjazzjoni tal-età statutorja tal-irtirar mal-istennija tal-għomor; (iii) tnaqqas il-possibbiltajiet ta' rtirar kmieni; u (iv) tirrevedi s-sistema ta' indicijar għall-pensjonijiet. Iżżid ir-rata ta' impjieg ta' ħaddiema ikbar fl-età, anki billi tiżviluppa politiki attivi tas-suq tax-xogħol u miżuri għal tagħlim tul il-ħajja.
3. Tieħu l-passi meħtieġa biex tibni biżżejjed riżervi tal-kapitar fis-settur bankarju u tippromwovi b'determinazzjoni t-tindif tal-karti tal-bilanċ, biex b'hekk ikun jista' jerġa' jibda jsir is-self għall-attivitajiet produttivi. Tikseb verifika sħiħa tal-parti-

jiet terzi tal-istimi tal-istress tal-banek sistemikament importanti minħabba t-telf mis-self.

4. Taġġusta l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjegji fir-rigward tal-kuntratti permanenti sabiex tnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u f'konformità mal-prattiki nazzjonali. Tkompli tindirizza s-suq tax-xogħol parallel maħluq mix-xogħol li jsir mill-istudenti.
5. Ittejjeb it-tlaqqigħ tal-ħiliet mad-domanda tas-suq tax-xogħol, partikolarment ħaddiema bi fuit ħiliet u gradwati flivell terzjarju, u tkompli r-riformi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.
6. Tieħu iktar passi biex issaħħa il-ftuħ tas-swieq u tħaffef ir-riorganizzazzjoni tas-servizzi professjonali. Ittejjeb l-ambjent tan-negozju permezz ta': (i) implimentazzjoni tar-riforma tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni, (ii) tistabbilixxi qafas għall-impriżi tal-istat li jiggarantixxi ġestjoni indipendenti u standards għoljin ta' governanza korporattiva, u (iii) ittejjeb il-proċeduri ta' falliment, partikolarment fir-rigward tal-puntwalità u l-effiċjenza.
7. Wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali u f'konformità mal-prattika nazzjonali, tiżgura li t-tkabbir fil-pagi, inkluż l-adat-tazzjoni tal-pagi minimi, tkun tappoġġja l-kompetittività u l-ħolqien tal-impjegji.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 ta' Spanja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Spanja, 2012-2015

(2012/C 219/24)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

għew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali ekonomiċi u dwar l-impjiegi, tagħhom.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li għie kkonsultat il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tvarja strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn jeħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida mifruxa għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-linji politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ⁽³⁾, li flimkien jiffurmaw il-linji gwida integrati. L-Istati Membri

(3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Spanja għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat ta' Spanja għall-perjodu 2011-2014.

(4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifika lil Spanja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jappellaw lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħra, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu ta' politika Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

(6) Il-Parlament Ewropew kien involut kif dovut fis-Semestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għall-iżgurar ta' stabbiltà finanzjarja, konsolidazzjoni fiskali u azzjoni biex jitravwem it-tkabbir. Huwa enfażizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2012 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għall-linji politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽⁴⁾ ĠU C 212, 19.7.2011, p. 1.

- (8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jinkludu impenji ulterjuri dwar għadd żgħir ta' riformi essenzjali, f'waqthom u li jistgħu jitkejlu biex jinkisbu l-għanijiet tal-Patt.
- (9) Fit-30 ta' April 2012, Spanja sottomettiet il-Programm ta' Stabbiltà tagħha li jkopri l-perjodu 2012-2015 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnotazzjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll, l-analiżi fil-fond f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, jekk Spanja hijjex affettwata mill-iżbilanċi makroekonomiċi. Il-Kummissjoni kkonkludiet fl-analiżi fil-fond tagħha li Spanja qed tesperjenza żbilanċi, li mhumiex eċċessivi, iżda li jeħtieġ li jiġu indirizzati b'urġenza.
- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm huwa plawsibbli għas-snin 2012 u ottimist għas-snin ta' wara. It-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa tal-2012 ipprojetat tkabbir tal-PDG li jilħaq - 1,8 % fl-2012 u - 0,3 % fl-2013, meta mqabbel ma' - 1,7 % u 0,2 %, rispettivament, fil-Programm ta' Stabbiltà. B'konformità mal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (PDE), l-għan tal-istrategġija baġitarja spjegata fil-programm hu li d-defiċit tal-gvern ġenerali jinġieb inqas minn 3 % tal-valur ta' referenza tal-PDG sal-2013, prinċipalment permezz ta' restrizzjoni fin-nefqa, iżda wkoll permezz ta' miżuri li jżidu d-dħul. Abbażi tal-bilanċ strutturali tal-baġit (ikkalkulat mill-ġdid)⁽¹⁾, it-titjib medju annwali tal-bilanċ strutturali ppjanat fil-Programm ta' Stabbiltà huwa ta' 2,6 % tal-PDG għall-2011-2013, iktar mill-isforz fiskali ta' iktar minn 1,5 % tal-PDG fuq medja tul il-perjodu 2010-2013 li kien rakkomandat taħt il-PDE. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-objettiv baġitarju għal terminu medju (OTM) ta' pożizzjoni baġitarja bbilanċjata f'termini strutturali, li kważi jkun intlaħaq sal-2015 b'defiċit baġitarju strutturali ta' 0,2 % tal-PDG. L-OTM jirrifletti adegwatament ir-reqqizjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Ir-ritmu tal-aġġustament f'termini strutturali previst fl-2012-2013 jirrappreżenta progress suffiċjenti lejn l-MTO u r-rata ta' tkabbir tan-nefqa tal-gvern, li jqis il-miżuri diskrezzjonali ta' dħul, huwa konformi mal-valur referenzjarju tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(1) Bilanċ aġġustat ċiklikament, nett minn miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tat-tagħrif ipprovdut f'dan il-programm, permezz tal-użu tal-metodoloġija komunament maqbulha.

Il-Programm ta' Stabbiltà jipprojetta li l-proporzjoni tad-dejn tal-gvern se jilħaq l-ogħla punt tiegħu fl-2013 u imbagħad jibda jonqos wara. Fl-2014 u l-2015 Spanja se tkun f'perjodu tranżitorju u pjanijiet ippreżentati fil-Programm ta' Stabbiltà jiżguraw progress suffiċjenti lejn konformità mat-tnaqqis fil-valur referenzjarju tad-dejn tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-mogħdijiet ta' aġġustament ta' defiċit u dejn huma suġġetti għal riskji negattivi importanti.

L-iżviluppi makroekonomiċi jistgħu jirriżultaw inqas favorevoli milli mistennija. Barra minn hekk, il-miżuri mhumiex suffiċjentement spjegati mill-2013 'il quddiem. Konformità baġitarja minn gvernijiet reġjonali, meta titqies il-prestazzjoni dgħajfa tagħhom fil-passat reċenti, sensitività akbar ta' dħul għall-aġġustament strutturali li għaddej bħalissa, l-impatt inċert tal-amnestija fiskali fuq id-dħul u operazzjonijiet ta' salvataġġ finanzjarju ulterjuri potenzjali, ukoll jippreżentaw riskji għall-istrategġija baġitarja. Kull impatt ta' dawn l-operazzjonijiet ta' salvataġġ finanzjarju fuq id-defiċit ikunu ta' darba. Infurzar strett tal-Liġi tal-Istabbiltà Baġitarja u l-adozzjoni ta' miżuri fiskali b'saħħithom fil-livell reġjonali jistgħu jtaffu r-riskji ta' telf fil-livell reġjonali. Minħabba n-natura deċentralizzata tal-finanzi pubbliċi ta' Spanja, huwa essenzjali li jkun hemm qafas fiskali u istituzzjonali b'saħħtu. Il-Kunsill laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta, fil-ġimgħat li ġejjin, valutazzjoni bir-reqqa tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, filwaqt li tiegħu inkonsiderazzjoni l-baġit multiannwali għall-2013-2014.

- (11) Fl-2011, Spanja adottat riforma tal-pensjonijiet li huwa pass sinifikanti lejn it-tisħiħ tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Madankollu, id-deterjorament fil-prospetti ekonomiċi fi Spanja qed jillimita l-impatt tar-riforma fuq in-nefqa pubblika proiettata relatata mal-età. Barra minn hekk, ir-riforma għadha teħtieġ tiġi kkumplementata b'miżuri konkreti biex tirfed l-istrategġija Globali tal-Impjiegi għal Ħaddiema Ikbar fl-Età għall-2012-2014.

- (12) Filwaqt li l-proporzjon tat-taxxa għall-PDG fi Spanja huwa fost l-iktar baxxi fl-UE, l-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa tista' titjeb billi jiżdied is-sehem ta' taxxi indiretti li jiffavorixxu aktar it-tkabbir. B'mod partikolari, hemm lok għat-tkabbir tal-bażi għat-taxxa tal-VAT permezz ta' revizzjoni tal-applikazzjoni wiesgħa ta' eżenzjonijiet u ta' rati mnaqqsa. Is-sistema tat-taxxa Spanjola fiha wkoll tendenza favur min ikollu dejn u favur ix-xiri ta' residenzi meta mqabbla mal-kiri, u dan permezz tal-faċilità ta' tnaqqis tal-imgħaxijiet fuq l-ipoteki.

- (13) Spanja għamlet progress konsiderevoli fir-rigward tar-ristrutturar tas-settur finanzjarju tagħha. Jeħtieġ li r-ristrutturar ikompli biex jiġi żgurat li kwalunkwe bank mhux vijabbli jiġi xolt u li l-banek vijabbli jaslu jissodisfaw il-funzjoni tagħhom bħala provvedituri ta' kreditu għall-ekonomija reali, b'mod sostenibbli u mingħajr tfixkil bla hteġa għall-kompetizzjoni. Minħabba li ddgħajfu l-prospetti makroekonomiċi, jista' jkun meħtieġ aktar tisħiħ tal-bażi kapitali tal-banek.
- (14) Fi Frar 2012, il-Gvern adotta riforma komprensiva tas-sistema tal-protezzjoni tal-impjegji u ta' negozjar kollettiv sabiex jindirizza l-livell għoli ta' qgħad u s-segmentazzjoni qawwija fis-suq tax-xogħol. Jeħtieġ li jiġu segwiti l-effetti, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżviluppi tal-pagi u tat-tnaqqis tas-segmentazzjoni. Sabiex jiġu indirizzati bis-sħiħ l-isfidi, din ir-riforma teħtieġ tiġi kkumplementata b'reviżjoni iktar sostanzjali tal-politiki attivi fis-suq tax-xogħol għal titjib fl-impjegabbiltà u t-tqabbil tax-xogħlijiet.
- (15) Biex jiġi indirizzat il-livell għoli ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, il-pjan ta' azzjoni dwar iż-żgħażaġh għandu jiġi implimentat mingħajr dewmien, inkluż għal kuntratti ta' apprentistat u taħriġ. Għalkemm Spanja ħadet miżuri biex tiġġieled kontra t-tluq bikri mill-iskola, ir-rata għadha għolja u taħbi differenzi sinifikanti bejn ir-reġjuni.
- (16) Il-faqar żdied, b'1 miljun persuna li jinsabu fir-riskju fl-2010 u l-faqar fost it-tfal jinsab flivell għoli allarmanti ta' 26,2 %. Ir-rata tal-faqar fost il-persuni f'impjeg għall-ħaddiema temporanji hija iktar mid-doppju ta' dik għall-ħaddiema permanenti.
- (17) Is-servizzi professjonali fi Spanja għadhom protetti mill-kompetizzjoni. Ir-riforma tas-servizzi professjonali tista' żżid il-potenzjal tal-PDG minħabba li dawn jikkostitwixxu kontribut ewlieni għal setturi oħra tal-ekonomija. Attenzjoni partikolari għandha tingħata biex jiġu eliminati ostakli mhux ġustifikati u sproporzjonati għal xi professjonijiet regolati ħafna, (pereżempju, l-inġiniera, in-nutari, l-aġenti li jirreġistraw il-proprjetà, rappreżentanti legali). Barra minn hekk, fi Spanja hemm l-aktar dewmien fl-Unjoni biex wieħed jikseb liċenzja għan-negozju. Nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet lokali, reġjonali u nazzjonali pproduċa proliferazzjoni ta' regolamenti, kultant b'duplikazzjoni, u segmentazzjoni tas-suq intern ta' Spanja. L-aġġustament ta' żbilanċi esterni kbar jeħtieġ l-iffaċilitar ta' attivitajiet ta' esportazzjoni. Spanja qed tiffaċċja wkoll sfidi multipli u kumplessi fis-settur tal-enerġija li huma ta' impediment serju għall-funzjonament effettiv tas-swieq tal-prodotti u tas-servizzi.
- (18) Spanja ħadet għad ta' impenji fil-Patt Euro Plus. Dawn l-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, jirrigwardaw it-trawwim tal-impjegji, it-titjib tal-kompetittività, u t-titjib tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u t-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja. Il-Kummissjoni evalwat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus u l-qagħda ġenerali tal-implimentazzjoni hija parzjali. Fir-rakkomandazzjonijiet ġew ikkunsidrati r-riżultati ta' din il-valutazzjoni.
- (19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Spanja. Hija vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma, u ppreżentat analiżi fil-fond. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika sostenibbli fiskali u soċjoekonomika fi Spanja imma wkoll lejn kemm jikkonformaw mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-hteġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet (1) sa (8) hawn taħt.
- (20) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (21) Fid-dawl tar-riżultati tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1), (3), (4), (5) u (8) aktar 'l isfel,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Spanja tieħu azzjoni fil-perjodu 2012-2013 biex:

1. Twassal sforz fiskali strutturali annwali medju ta' aktar minn 1,5 % tal-PDG tul il-perjodu 2010-2013 kif meħtieġ mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-PDE permezz ta' implimentazzjoni tal-miżuri adottati fil-baġit 2012 u tal-adozzjoni ta' baġit multiannwali għall-2013-2014 sal-aħħar ta' Lulju 2012. Tadotta u timplimenta miżuri fil-livell reġjonali skont il-pjanijiet approvati ta' bbilanċjar mill-ġdid u tapplika b'mod strett id-dispożizzjonijiet ġodda tal-Liġi tal-Istabbiltà Baġitarja fir-rigward tat-trasparenza u l-kontroll tal-eżekuzzjoni tal-baġit u tkompli ttejjeb il-puntwalità u l-preċiżjoni ta' rappurtar baġitarju fil-livelli kollha tal-gvern. Tistabbilixxi istituzzjoni fiskali indipendenti biex tippovdi analiżi, pariri u tiġi mmonitorjata l-politika fiskali. Timplimenta riformi fis-settur pubbliku biex titjeb l-effiċjenza u l-kwalità tan-nefqa pubblika fil-livelli kollha tal-gvern.

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

2. Tiżgura li l-età tal-irtirar qed titla' skont l-istennija tal-għomor meta jiġi rregolat il-fattur ta' sostenibbiltà previst fir-riforma reċenti dwar il-pensjonijiet u tinfed l-Istrateġija Globali għall-Impjiegi għall-Ħaddiema Akbar fl-Età b'miżuri konkreti biex jiġi żviluppat ulterjorment it-tagħlim tul il-ħajja, jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-impjiegi u titrawwem l-inkorporazzjoni mill-ġdid ta' dan il-grupp fis-suq tal-impjiegi.
3. Tintroduċi sistema ta' tassazzjoni konsistenti mal-isforzi ta' konsolidazzjoni fiskali u tagħti sostenn ikbar għat-*tkabbir*, inkluż li torjenta t-tassazzjoni minn fuq ix-xogħol lejn il-konsum u l-ambjent. B'mod partikolari, tindirizza l-proporzjon baxx ta' dħul mill-VAT billi tkabbar il-bażi għat-taxxa għall-VAT. Tiżgura inqas tendenzi kkaġunati mit-taxxa lejn minn għandu d-dejn u min huwa sid tad-dar (minflok min jikri).
4. Timplimenta r-riforma tas-settur finanzjarju, b'mod partikolari tikkomplementa r-ristrutturar tas-settur bankarju li għaddej bħalissa billi tindirizza s-sitwazzjoni ta' istituzzjonijiet dgħajfa li għad fadal, u tressaq strateġija komprensiva biex tindirizza effettivament l-*assi* ta' legati fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek, u tiddefinixxi pożizzjoni ċara dwar il-finanzjament u l-użu ta' faċilitajiet ta' salvagwardja.
5. Timplimenta r-riformi fis-suq tal-impjiegi u tieħu miżuri addizzjonali biex iżżid l-effettività tal-politiki attivi fis-suq tax-xogħol billi ttejjeb l-immirar tagħhom, billi iżżid l-użu ta' servizzi ta' taħriġ, ta' pariri u ta' tqabbil ta' xogħlijiet, billi ssaħħaħ ir-rabtiet tagħhom ma' politiki passivi, u billi ssaħħaħ il-koordinazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi ta' impjeg nazzjonali u reġjonali, inkluż il-qsim ta' informazzjoni dwar postijiet vakanti ta' impjeg.
6. Tirrevedi l-prijoritajiet ta' nfiq u talloka mill-ġdid fondi biex tappoġġja aċċess għall-finanzi għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), ir-riċerka u l-innovazzjoni. Timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni għaż-*Żgħażagħ*, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità u tar-relevanza tat-taħriġ vokazzjonali u tal-edukazzjoni fis-suq tax-xogħol, u ssaħħaħ l-isforzi biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u iżżid il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni vokazzjonali u fit-taħriġ vokazzjonali permezz ta' miżuri ta' prevenzjoni, ta' intervent u ta' kumpens.
7. Ittejjeb l-impjegabbiltà tal-gruppi vulnerabbli, ikkombinati ma' servizzi effettivi ta' appoġġ għat-tfal u l-familji sabiex titjieb is-sitwazzjoni tal-persuni li jinsabu friskju tal-faqar u/jew tal-esklużjoni soċjali, u konsegwentement biex jinkiseb il-benessri tat-tfal.
8. Tieħu miżuri addizzjonali biex tiftaħ is-servizzi professjonali, inkluż il-professjonijiet regolati ħafna, tnaqqas id-dewmien fl-istennija għal ħruġ ta' liċenzi tan-negozju u telimina l-ostakli għan-negozju li jirriżultaw minn irduppar u regolmenti multipli minn livelli differenti tal-gvern. Tlesti l-interkonnessjonijiet tal-elettriku u tal-gass ma' pajjiżi ġirien u tindirizza d-defiċit fit-tariffi tal-elettriku b'mod komprensiv, b'mod partikolari billi ttejjeb l-effiċjenza fil-kosteffiċjenza tal-katina tal-provvista tal-elettriku.

Magħmul fi Brussell, l-10 Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Isvezja u li twassal Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Isvezja, 2012-2015

(2012/C 219/25)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2012 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għall-linji politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

(3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Isvezja għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Isvezja għall-perijodu 2011-2014.

(4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Isvezja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu tal-politika tal-Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

(6) Il-Parlament Ewropew kien involut kif dovut fis-Simestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex jiggarrantixxi l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li tħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

(8) Fl-20 ta' April 2012, l-Isvezja ressqet il-Programm ta' Konverġenza tagħha li jkopri l-perijodu 2012-2015 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew iwwalutati fl-istess waqt. Il-Kummissjoni vwalutat ukoll, f'analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, jekk l-Isvezja hix affettwata minn iżbilanċi makroekonomiċi. Il-Kummissjoni kkonkludiet fl-analiżi fil-fond tagħha li l-Isvezja qed tesperjenza iżbilanċi, għalkemm mhux eċċessivi.

⁽⁴⁾ ĠU C 217, 23.7.2011, p. 9.

- (9) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, l-opinjoni tal-Kunsill hi li x-xenarju makroekonomiku fil-bażi tal-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm hu plaw-sibbli għall-2012 u ottimist għall-perjodu 2013-2015, fejn it-tkabbir tal-PDG hu mistenni li jkun madwar medja ta' 3,5 %. Il-previżjoni tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni tipprevedi tkabbir tal-PDG ta' 2,1 % fl-2013. L-oġġettiv tal-istrateġija baġitarja deskritt fil-Programm ta' Konverġenza hu li tkun żgurata s-sostenibbiltà fit-tul billi jkunu rrispettati r-regoli tal-qafas fiskali Svediż, inkluż il-mira li jkun hemm surplus fis-selb nett tal-amministrazzjoni pubblika ta' 1 % tal-PDG fuq iċ-ċiklu. L-istrateġija timmira wkoll li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, partikolarment billi jkun irrispettat il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG. Il-Programm ta' Konverġenza biddel l-oġġettiv ta' terminu medju (OTM) tal-baġit minn surplus tal-amministrazzjoni pubblika ta' 1,0 % tal-PDG għal defiċit ta' 1,0 % tal-PDG. L-OTM l-ġdid jirrifletti adegwament ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Minħabba l-bidla, l-OTM, abbażi tal-bilanċ tal-baġit strutturali (kkalkulat mill-ġdid), aktarx li se jintlaħaq matul il-perjodu tal-programm, anke jekk titqies il-probabbiltà ta' aktar miżuri diskrezzjonarji ta' espansjoni fl-2013 jew fl-2014. Ċerti riskji negattivi għall-previżjonijiet baġitarji mill-2013 'il quddiem huma konnessi ma' suppożizzjonijiet makroekonomiċi ottimisti. Ir-rata ta' tkabbir ipplanata fin-nefqa tal-Gvern, filwaqt li jitqiesu l-miżuri diskrezzjonali ta' dħul, tkun konformi man-nefqa referenzjarja tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-proporzjon tad-dejn hu taħt is-60 % tal-PDG u, skont il-Programm ta' Konverġenza, hu pprojetat li jkompli jonqos matul il-perjodu tal-programm.
- (10) L-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 ikkonfermat li l-Isvezja għandha livell pjuttost għoli ta' dejn tal-unitajiet domestiċi. Filwaqt li s-sitwazzjoni fis-suq tad-djar u tal-ipoteki ġiet stabbli fl-2011, għad fadal diversi distorsjonijiet strutturali li jheddu l-istabbiltà ta' dawn is-swieq fit-tul. Ittieħdu miżuri rilevanti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur finanzjarju. Madanakollu, attwalment hemm numru ta' politiki fis-seħħ li jistgħu jikkontribwixxu għall-volatilità tas-suq tad-djar u tal-akkumulazzjoni tad-dejn ipotekarju fl-Isvezja, li ngħataw anqas attenzjoni: tnaqqis ġeneruż mit-taxxa fuq il-pagamenti tal-interessi u taxxi baxxi fuq il-proprjetà, ftit amortizzament u regoli tal-kera stretti. Fuq in-naħa tal-provvista, monopolju fl-ippjanar lokali, il-proċessi twal tat-tqassim taż-żoni, u nuqqas ta' kompetizzjoni jfixklu l-flessibbiltà tal-provvista tad-djar.
- (11) Minkejja titjib ġenerali fis-suq tax-xogħol matul l-2011, ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-gruppi vulnerabbli għadhom għoljin, b'mod partikolari għal persuni bi sfond soċjali ta' migrazzjoni. L-Isvezja bħalissa qiegħda timplimenta diversi miżuri ta' politika attivi fis-suq tax-xogħol u riformi fl-edukazzjoni biex tindirizza din is-sitwazzjoni. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-miżuri jidheru rilevanti u kredibbli, għalkemm għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt tagħhom. Madanakollu, ir-rilevanza u l-effettività tal-miżura prinċipali mmirata għall-impjiegi taż-żgħażaġh — it-tnaqqis tal-VAT fuq ir-ristoranti u s-servizzi tal-forniment tal-ikel — mhumiex ċerti u jeħtieġ li jiġu eżaminati. Barra minn hekk, il-livell ta' ambizzjoni jista' jżied jekk l-isfidi jiġu indirizzati b'mod aktar komprensiv, billi jiġu indirizzati wkoll il-pagi relattivament għoljin fit-tarf t'isfel tal-iskala tal-pagi u d-differenzi fil-protezzjoni tal-impjiegi bejn il-ħaddiema regolari u temporanji.
- (12) L-Isvezja għandha t-tieni l-ogħla nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) bħala sehem tal-PDG fl-UE u hi meqjusa bħala l-mexxej tal-innovazzjoni skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni. Madanakollu, fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti innovattivi, l-Isvezja għandha prestazzjoni taħt il-medja tal-UE u turi xejra negattiva. Barra minn hekk, l-Isvezja tidher li qiegħda lura fil-ħolqien ta' intrapriżi innovattivi b'rata għolja ta' tkabbir. Barra minn hekk, il-pożizzjoni ġenerali b'saħħitha tal-Isvezja fir-R&Ż hi vulnerabbli minħabba d-dipendenza qawwija tagħha fuq ftit kumpaniji multinazzjonali kbar, li qed jirrilokalizzaw dejjem aktar l-attivitajiet ta' R&Ż lil hinn mill-Isvezja. Dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati fl-abbozz ta' liġi ġdida dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni li hu mistenni fil-ħarifa tal-2012.
- (13) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Isvezja. Hi vvalutat il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma, u ppreżentat reviżjoni fil-fond. Hi qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Isvezja kif ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet (1) sa (4) hawn taħt.
- (14) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni⁽¹⁾ tiegħu qed tiġi riflessa partikolarment fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (15) Fid-dawl tar-reviżjoni fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din l-evalwazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi partikolarment fir-rakkomandazzjoni (2) hawn taħt,
- B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Isvezja tieħu azzjoni fil-perjodu 2012-2013 biex:
1. Iżżomm pożizzjoni fiskali soda fl-2012 u fis-snin ta' wara billi timplimenta l-istrateġija baġitarja kif previst u tiżgura li tkompli tikseb l-OTM.

(1) Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

2. Tiegħu aktar miżuri preventivi biex issaħħaħ l-istabbiltà tas-suq tad-djar u tas-self ipotekarju fuq il-perijodu medju, inkluż permezz tat-trawwim ta' self għaqli, it-tnaqqis tal-preġudizzju tad-dejn fl-iffinanzjar tal-investimenti tad-djar, u l-indirizzar tar-restrizzjonijiet fil-provvista tad-djar u r-regoli tal-kera.
3. Tiegħu aktar miżuri biex ittejjeb il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u l-gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, pereżempju billi ttejjeb l-effettività tal-miżuri attivi fis-suq tax-xogħol, tiffaċilita t-transizzjoni mill-iskola għax-xogħol, tippromwovi l-politiki biex tiżdied id-domanda għall-gruppi vulnerabbli u ttejjeb il-funzjonament tas-suq tax-xogħol. Tanalizza l-effettività tar-rata ta' VAT mnaqqsa attwali fuq ir-ristoranti u s-servizzi tal-forniment tal-ikel biex tappoġġa l-ħolqien tal-impjegi.
4. Tiegħu aktar miżuri fl-abbozz ta' liġi li jmiss dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni li jmiss biex tkompli ttejjeb l-eċċellenza fir-riċerka u biex tiffoka fuq it-titjib tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti innovattivi u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Pajjiżi l-Baxxi u li twassal Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Pajjiżi l-Baxxi, 2012-2015

(2012/C 219/26)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet tal-baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.

(3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-perjodu 2011-2014.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽³⁾ ĠU C 212, 19.7.2011, p. 13.

(4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u ex ante ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih ma idenifikatx lill-Pajjiżi l-Baxxi bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih se titwettaq analiżi fil-fond.

(5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar l-azzjonijiet rakkomandati fiċ-ċiklu tal-politika tal-Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jagħmlu parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.

(6) Il-Parlament Ewropew kien involut kif dovut fis-Semestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjeg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex jiggarrantixxi l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li tħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

(8) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin għall-inklużjoni fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

- (9) Fis-27 ta' April 2012, il-Pajjiżi l-Baxxi ppreżentaw il-Programm ta' Stabbiltà tagħhom li jkopri l-perijodu 2012-2015 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħhom għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.
- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għat-tbassir baġitarju fil-programm huwa ottimist. Għall-2013, il-Programm ta' Stabbiltà jipprojetta tkabbir ekonomiku ta' 1¼ % mingħajr ma jitqies l-impatt negattiv tal-miżuri ta' konsolidazzjoni addizzjonali fuq it-tkabbir, filwaqt li, abbażi tax-xenarju ta' ebda tibdil fil-politika, il-Kummissjoni tbassar rata ta' tkabbir mnaqqsa ta' 0,7 %. L-objettiv iddikjarat tal-Programm ta' Stabbiltà huwa li jiġu ssodisfatti r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv u l-ħidma biex tkompli tittejjeb il-pożizzjoni baġitarja lejn l-objettiv ta' terminu medju (OTM) billi jiġi mmirat sforz strutturali ta' mill-inqas 0,5 % fis-sena. Il-Programm ta' Stabbiltà jimmira lejn defiċit nominali tal-gvern ta' 3 % tal-PDG fl-2013 u jikkonferma l-OTM preċedenti ta' defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG, li jirrifletti b'mod xieraq ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-isforz fiskali annwali medju ta' 0,75 % tal-PDG matul il-perijodu bejn l-2010 u l-2013, abbażi tal-bilanċ baġitarju strutturali (ikkalkulat mill-ġdid)⁽¹⁾, huwa konformi mal-isforz strutturali ta' ¾ % tal-PDG irrakkomandat mill-Kunsill. Peress li l-Programm ta' Stabbiltà ma jipprovdi miri baġitarji għas-snin ta' wara l-2013, is-sostenibbiltà tal-korrezzjoni baġitarja fl-2013 u l-progress lejn l-OTM fis-snin l-aktar imbiegħda, inkluż il-konformità mal-valur referenzjarju tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, ma jistgħux jiġu vvalutati.
- Il-projezzjonijiet baġitarji matul il-perijodu tal-programm huma soġġetti għal riskji ta' implimentazzjoni. Dawn mhumiex ristretti biss għall-miżuri ta' konsolidazzjoni mħabbra dan l-aħħar, iżda wkoll għall-implimentazzjoni ta' wħud mill-miżuri li ġew maqbula qabel mill-Gvern li kien fl-aħħar tal-mandat tiegħu. Il-miżuri addizzjonali proposti mill-Gvern f'April 2012 għall-2013 u l-impatt baġitarju tagħhom ġew speċifikati u kkwantifikati aktar fil-25 ta' Mejju wara d-data ta' skadenza għall-valutazzjoni. Sa issa, l-aġġustament baġitarju serraħ l-aktar fuq it-tnaqqis fin-nefqa, li jaffetwa wkoll in-nefqa li ttejjeb it-tkabbir. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2012, meta jitqies l-impatt tal-miżuri ta' konsolidazzjoni addizzjonali, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG huwa mistenni li jogħla aktar b'mod relattivament sinifikanti għal 70,2 % tal-PDG fl-2012 filwaqt li jiżdied ftit aktar għal 70,7 % tal-PDG fl-2013. Għalhekk, il-proporzjon tad-dejn huwa proġettat li jibqa' 'l fuq sew mill-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 60 %. Għall-2014 u l-2015, il-Programm ta' Stabbiltà ma jispeċifikax il-miri tad-dejn u għalhekk ma tistax tingħata valutazzjoni tal-konformità mal-limitu referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għas-snin ta' wara l-2013.
- (11) Il-Gvern ippreżenta pjanijiet li jżidu gradwalment l-età statutorja tal-irtirar li tilħaq l-aktar tard 66 fl-2019 u 67 fl-2024. Wara dan, l-età statutorja tal-irtirar se tingħaqad mal-istennija tal-għomor. Il-miżuri fis-suq tax-xogħol jappoġġjaw żieda korrispondenti fl-età effettiva tal-irtirar. F'konformità mal-ftehim tal-Gvern, ir-riforma tal-pensjonijiet għandha l-għan li tikseb kondiviżjoni xierqa u sostenibbli intra- u interġenerazzjonali tal-kostijiet u r-riskji fit-tieni pilastru. Fir-rigward tal-kura fit-tul, il-Gvern pprovda pjan għal riforma. Se jkunu meħtieġa miżuri aktar konkreti li jikkontribwixxu għal tnaqqis fil-piż finanzjarju tas-soċjetà li qiegħda tixjeh fil-Pajjiżi l-Baxxi.
- (12) Diżinċentivi fiskali għal dawk li jaqilgħu t-tieni introjtu naqsu iżda għadu mhux biżżejjed. It-tneħħija tad-diżinċentivi li baqa' tikkontribwixxi aktar biex tiżdied il-provvista tal-ħaddiema u tagħmel l-allokazzjoni tal-kapitali uman aktar effiċjenti. Għandha tittejjeb l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol għall-gruppi vulnerabbli.
- (13) Fil-qasam tal-politika tal-intrapriżi, l-aġendi tas-setturi l-għolja ġew approvati u ġew iffirmati "kuntratti ta' innovazzjoni" settorjali bejn il-Gvern u r-rappreżentanti tal-industriji. Qed jiżdied l-appoġġ għal riċerki privati permezz tal-introduzzjoni tal-iskema tat-tnaqqis tat-taxxa għar-riċerka u l-iżvilupp (RDA+) bħala parti mill-inċentivi biex ikompli jipromwovu l-innovazzjoni, ir-R&Ż privati u rabtiet eqreb bejn ix-xjenza u n-negozju. Madankollu, l-enfasi fuq "is-setturi l-għolja" ma għandux ikun a skapitu tar-riċerka fundamentali u lanqas ma għandha teskludi kumpaniji innovattivi li ma jappartjenux għal wieħed mis-"setturi l-għolja".
- (14) Matul dawn l-aħħar erba' deċennji, id-distorsjonijiet strutturali akkumulaw fis-suq reżidenzjali tal-Pajjiżi l-Baxxi. Fis-suq tal-proprjetà, restrizzjonijiet fil-provvista u inċentivi tat-taxxa fundamentali għal sjieda tad-djar (notevolment it-tnaqqis tal-imgħax għal self b'ipoteka li jiffavorixxi lil unitajiet domestiċi b'introjtu ogħla) wasslu għal allokazzjoni ineffiċjenti tal-kapitali. Fis-suq tal-kera, li parti kbira ħafna minnu hija meħuda mir-reżidenzi soċjali, il-politiki soċjali u l-limiti fuq il-livelli tal-kera u fuq iż-żidiet tal-kera wasslu għal provvista riġida ħafna tal-kera tad-djar. L-immodifikar tat-trattament tat-taxxa favorevoli tas-sjieda tad-djar għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-distorsjonijiet strutturali tas-suq reżidenzjali tal-Pajjiżi l-Baxxi.

(1) Il-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u miżuri temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta fil-programm, bl-użu tal-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

- (15) Il-Pajjiżi l-Baxxi daħlu għal għadd ta' impenji bħala parti mill-Patt Euro Plus. Dawn l-impenji, u l-implimentazzjoni tal-impenji ppreżentati fl-2011, jikkonċernaw it-trawwim tal-impjiegi, it-titjib fil-kompetittività, it-tisħiħ tas-sostenibbiltà finanzjarja, u t-titjib fis-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt Euro Plus. Fir-rakkomandazzjonijiet ġew ikkunsidrati r-riżultati ta' din il-valutazzjoni.
- (16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Pajjiżi l-Baxxi. Hija vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Pajjiżi l-Baxxi imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) hawn taħt.
- (17) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Pajjiżi l-Baxxi jieħdu azzjoni fil-perijodu 2012-2013 biex:

1. Jiżguraw korrezzjoni f'waqtha u dejjiema tad-defiċit eċċessiv. Għal dan il-għan, l-istrateġija baġitarja għall-2012 tiġi implimentata bis-sħiħ kif previst. Jispeċifikaw il-miżuri neċessarji biex jiżguraw l-implemetazzjoni tal-baġit tal-2013 bil-ħsieb li jiżguraw l-isforz ta' aġġustament strutturali speċifikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Sussegwentement, jiżguraw sforz għal aġġustament strutturali xieraq biex isir progress biżżejjed lejn l-OTM, inkluż l-issodisfar tal-valur referenzjarju tan-nefqa, u l-iżgurar ta' progress biżżejjed lejn konformità mal-valur referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn filwaqt li tiġi protetta n-nefqa f'oqsma b'rilevanza diretta għat-ktabbir bħar-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ. Għal dan il-għan, wara l-formazzjoni ta' Gvern ġdid, jiġi sottomess aġġornament tal-Prog-

ramm ta' Stabbiltà tal-2012 b'miri u miżuri ssostanzjati għall-perijodu ta' wara l-2013.

2. Jieħdu miżuri biex iżidu l-età statutorja tal-irtirar, anke billi jgħaqqduha mal-istennija tal-għomor, u jsejsu dawn ma' miżuri fis-suq tax-xogħol biex jappoġġaw iż-żieda fl-età effettiva tal-irtirar, filwaqt li jtejbu s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq medda twila. Jaġġustaw il-pensjonijiet tat-tieni pilastru biex jirriflettu ż-żieda fl-etajiet statutorji tal-irtirar, filwaqt li jiżguraw diviżjoni xierqa tal-kostijiet u r-riskji intra- u interġenerazzjonali. Jimplementaw ir-riforma ppjanata fil-kura fit-tul u jikkomplementawha ma' aktar miżuri biex tinkludi ż-żieda fl-ispejjeż, fid-dawl ta' popolazzjoni li qed tixxjeh.
3. Tissaħħaħ il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment tal-anzjani, tan-nisa, tal-persuni b'diżabbiltà u tal-immigranti, anke billi jkomplu jtnaqqsu d-diżinċentivi tat-taxxa għal dawk li jaqilgħu t-tieni introjtu, jtkattru t-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol, u jiġu indirizzati r-riġiditajiet.
4. Jippromwovu l-innovazzjoni, l-investment fir-R&Ż privati u r-rabtiet eqreb bejn ix-xjenza u n-negozju, kif ukoll it-trawwim tat-tiġdid industrijali billi jipprovdu inċentivi xierqa fil-kuntest tal-politika tal-impreżi, filwaqt li jissalvagwardaw l-aċċessibbiltà lil hinn mid-definizzjoni stretta tas-setturi l-għolja u l-ippriservar tar-riċerka fundamentali.
5. Jieħdu passi sabiex gradwalment jirrifirmaw is-suq residenzjali, anke billi: (i) jimmodifikaw it-trattament tat-taxxa tas-sjieda tad-djar, inkluż billi jeliminaw gradwalment it-tnaqqis tal-imgħax għal self b'ipoteka, u/jew permezz tas-sistema ta' kirjiet imputati, (ii) jipprevedu mekkaniżmu ta' pprezzar aktar orjentat lejn is-suq fis-suq tal-kera, u (iii) għar-residenzi soċjali, tiġi allinjata l-kera mal-introjtu tal-unitajiet domestiċi.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tar-Renju Unit u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Renju Unit, 2012-2017

(2012/C 219/27)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiki, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiki tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiki u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.
- (3) Fit-12 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tar-Renju Unit għall-2011 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-

Programm ta' Konverġenza aġġornat tar-Renju Unit għall-perjodu bejn l-2011 u l-2014.

- (4) Fit-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat it-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu tat-tieni semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-14 ta' Frar 2012, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lir-Renju Unit bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (5) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fejn talab lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u Kumitati oħrajn, biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar azzjonijiet rakkomandati fi ħdan iċ-ċiklu ta' politika Ewropa 2020. Dawn il-fehmiet jiffurmaw parti mill-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi.
- (6) Il-Parlament Ewropew kien involut kif dovut fis-Simestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.
- (7) Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet biex jiġu ggarantiti l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni biex jiġi inkuraġġit it-tkabbir ekonomiku. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fil-30 ta' April 2012, ir-Renju Unit ippreżenta l-Programm ta' Konverġenza tiegħu li jkopri l-perjodu bejn l-2011-12 u l-2016-17 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tiegħu għall-2012. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess waqt. Il-Kummissjoni vwalutat ukoll, permezz ta' analiżi fil-fond li saret skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, jekk ir-Renju Unit hux affettwat mill-iżbilanċi makroekonomiċi. Fl-analiżi fil-fond tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-Renju Unit għandu żbilanċ intern, għalkemm mhux wieħed eċċessiv.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2012 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/238/UE tas-26 ta' April 2012 dwar linji gwida għal-linji politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 47).

⁽⁴⁾ ĠU C 217, 23.7.2011, p. 12.

- (9) Skont il-paragrafu 4 tal-Protokoll (Nru 15) dwar ċerti dispożizzjonijiet relatati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, l-obbligu fl-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jiġu evitati defiċits eċċessivi tal-amministrazzjoni pubblika ma japplikax għar-Renju Unit sakemm huwa ma jadottax l-euro. Il-Paragrafu 5 tal-Protokoll jipprevedi li r-Renju Unit għandu jistinka biex jevita defiċit eċċessiv tal-amministrazzjoni pubblika. Fis-8 ta' Lulju 2008, il-Kunsill iddeċieda, skont l-Artikolu 104(6) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jeżisti defiċit eċċessiv fir-Renju Unit.
- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza, li twettqet skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-fehma li x-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġtarji fil-programm huwa plaw-sibbli. L-oġġettiv tal-istrateġija baġtarja ppreżentata fil-Programm ta' Konverġenzahawa li tiġi implimentata l-konsolidazzjoni fiskali meħtieġa sabiex jintlaħqu l-miri tal-gvern rigward id-dejn nett u l-bilanċ kurrenti aġġustat għall-varjazzjonijiet ċikliċi. Il-Programm ta' Konverġenza ma jinkludix oġġettiv baġtarju ta' terminu medju kif previst mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Skont il-projezzjonijiet tal-programm, hu mistenni li d-defiċit eċċessiv se jkun issewwa sena wara ż-żmien li f'issal-Kunsill fir-rakkomandazzjoni tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2009 biex isir dan. Id-defiċit tal-gvern fl-2014-15, l-iskadenza f'fissata mill-Kunsill, huwa stmat bħala 4,4 % tal-PDG, li jimplika, abbażi tal-bilanċ strutturali (kkalkulat mill-ġdid) ⁽¹⁾, sforz fiskali medju ta' 1,25 % tal-PDG bejn l-2010-11 u l-2014-15, li huwa inqas mill-isforz ta' 1¾ % stabbilit fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-proċedura tad-defiċit eċċessiv (PDE). Għalkemm il-Gvern ma ddevjax mill-istrateġija tiegħu għall-konsolidazzjoni fiskali li għall-bidu, fuq il-bażi tal-projezzjonijiet makroekonomiċi ta' qabel, kienet tidher biżżejjed biex jikkonforma mal-miri tal-PDE, ir-riżultati u l-prospettivi fiskali ġew affettwati minn deterjorament tal-prospetti għat-tkabbir ekonomiku. Il-miżuri li jirrigwardaw id-dħul ġew antiċipati b'mod sinifikanti waqt li kienu qed isiru aġġustamenti għall-konsolidazzjoni fiskali. Sa tmiem l-2011-12 kienu ntlaħqu kważi 40 % tal-konsolidazzjoni fiskali annwali totali pplanata għall-perjodu bejn l-2010-11 u l-2014-15, inklużi 30 % tal-qtugħ fl-infiq u żewġ terzi taż-żidiet netti fit-taxxi. Iż-żieda potenzjali fl-effiċjenza tas-sistema tat-taxxi, b'riżultat ta' reviżjoni tal-istruttura tar-rata tal-VAT, għadha relattivament mhux sfruttata.

Skont il-Programm ta' Konverġenza, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni jkun 8,3 % tal-PDG fl-2011-12, 5,9 % tal-PDG fl-2012-13, 6,0 % tal-PDG fl-2013-14, 4,4 % tal-PDG fl-2014-15, 2,9 % tal-PDG fl-2015-16 u 1,2 % tal-PDG fl-2016-17. Dawn l-istimi huma pjottost iktar baxxi minn dawk li ingħataw fit-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni fir-rebbiegħa tal-2012, jiġifieri, defiċit ta' 6,1 % tal-PDG fl-2012-13 (li jkun 7,9 % meta wieħed ma jinkludix trasferiment ta' darba li se jsir dalwaqt mill-fondi tal-pensjonijiet) u 6,5 % tal-PDG fl-2013-14. Id-differenzi jirriżultaw minn

(1) Bilanċ nett, aġġustat għall-varjazzjonijiet ċikliċi, ta' miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fil-programm, bl-użu tal-metodoloġija li dwarha ntlaħaq qbil komuni.

tbassir ta' inqas tkabbir u minn modifiki li għamel l-Eurostat għad-dejta tar-Renju Unit. Saru xi aġġustamenti għall-pjanijiet fiskali tal-Gvern fid-Dikjarazzjoni tal-ħarifa 2011 sabiex in-nefqa favur it-tkabbir tiġi pprioritizzata, iżda l-investment fis-settur pubbliku xorta waħda mistenni jiekien bil-kbir fl-2014-15. Id-dejn tal-gvern, li huwa mbassar li se jkun 94,7 % fl-2013-14, huwa mistenni jilgaq livell rekord fl-2014-15.

- (11) Fil-perjodu ta' qabel il-kriżi s-suq tad-djar saħan iżżejjed, u l-prezzijiet meta wieħed jarahom fi proporzjon mal-introjt laħqu livelli għoljin liema bħalhom fil-kuntest ta' disponibbiltà li qed tonqos ta' provvista tad-djar, u dan wassal għall-akkumulazzjoni ta' livelli għoljin ta' djun ipotekarji. Skont l-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni, il-ħafna dejn ipotekarju jikkostitwixxi żbilanċ intern fl-ekonomija tar-Renju Unit. Kaġun tal-volum kbir ta' selfiet ipotekarji bi mgħax li jvarja, il-finanzi tal-familji saru vulnerabbli għaż-żidiet fir-rati tal-imgħax, b'riperkussjonijiet li jistgħu jiddestabilizzaw lill-ekonomija kollha kemm hi permezz tas-settur finanzjarju. Waqgħa sostnuta u sinifikanti fid-dejn tal-familji tkun probabbli biss jekk il-prezzijiet tad-djar jinżlu meta mqabblin tal-introjt disponibbli; madankollu, kieku l-prezzijiet nominali tad-djar kellhom jaqgħu malajr, dan iġib ir-riskju li bosta familji jispiċċaw bid-djar li ssewfu biex jixtru jitilfu mill-valur tagħhom. Il-livell tal-bini ta' postijiet residenzjali għadu baxx daqs qatt qabel, kemm minħabba sistema ta' pplanar ristrettiva kif ukoll minħabba dgħujfija taċ-ċiklu, u l-attività ġenerali fis-suq tad-djar għadu staġnat. F'Novembru 2011, il-Gvern ippublika l-istrateġija tiegħu għall-Ingilterra fil-qamsa tad-djar, li għandha l-għan li tiffaċilita żieda fil-bini residenzjali, iżda għad baqa' inċertezza sostanzjali dwar l-impatt nett tas-sistema l-għdida fuq l-iżvilupp tal-qasam tad-djar. Barra minn dan, l-istrateġija dwar id-djar ma semmiex il-kwistjoni tat-tassazzjoni tal-proprietà: is-sistema tar-Renju Unit tgħaqqad flimkien taxxa rikorrenti rigressiva (taxxa tal-kunsill lokali) u taxxa progressiva fuq it-tranżazzjonijiet (it-taxxa tal-boll fuq il-proprjetajiet immobbli - Stamp Duty Land Tax, (SDLT)). Dan jista' jkollu sehem fl-iżviluppi taċ-ċiklu fejn jidħlu d-dħul tal-baġis u l-istabbiltà finanzjarja. Fil-baġit tal-2012 saru xi aġġustamenti fir-rati tal-SDLT, iżda meta wieħed iqis kollx, f'dan il-qasam saru biss tibdiliet minuri.
- (12) Ir-Renju Unit għandu quddiem wiċċu sfidi li qed jikbru fir-rigward tal-qgħad u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Bħalissa fir-Renju Unit hemm qgħad ta' 8,4 %. Il-qgħad fost iż-żgħażaġħ huwa bil-wisq ogħla, 22,2 %, u aktar minn 38 % ta' dawk qiegħda fir-Renju Unit huma taħt il-25 sena. Barra minn hekk, 17,7 % taż-żgħażaġħ (ta' bejn is-16 u l-24 sena) m'għandhomx xogħol, m'għadhomx jistudjaw u mhumiex qed jieħdu xi taħriġ. Ix-xogħol fis-settur privat qed jiżdied b'pass modest, iżda mhux mgħaġġel biżżejjed biex jagħmel tajjeb għat-naqqis fl-impjegi fis-settur pubbliku u għat-tkabbir tal-forza tax-xogħol. Ir-Renju Unit għandu provvista żejda ta' ħaddiema bi ftit kompetenzi, li d-domanda għalihom qed tonqos, u nuqqas ta' ħaddiema bi kwalifiki professjonali u tekniċi għoljin li huma meħtieġin b'mod partikolari mis-setturi li jimmanifatturaw u jespportaw il-prodotti, fejn ir-riżultati miksubin mir-Renju Unit huma relattivament dgħajfin. L-enfasi ewlieni fil-linja politika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (l-ETV) huwa mitfugħ fuq

il-ħiliet bażiċi u fuq il-kwalifiki tat-2ni livell, filwaqt li l-ekonomija qiegħda titlob dejjem aktar għal kwalifiki aktar avvanzati tal-ETV. Ir-Renju Unit għad għandu għadd relattivament kbir ta' adulti li f'it li xejn jafu jaqraw u jiktbu u li għandhom kultura matematika u xjentifika bażika baxxa ħafna. Huwa diffiċli ħafna li dawn in-nies igawdu mit-taħriġ vokazzjonali. L-għadd ta' dawk li jieqfu mill-iskola kmieni żdied bi 3,3 punti perċentwali mill-2005 'l hawn, u fil-livell ta' 14,9 % jaqbeż il-medja tal-UE; sostenn kontinwu lill-familji b'introjtu baxx huwa kruċjali biex jipprevjeni liż-żgħażaġħ milli ma jkomplux l-iskola.

(13) Il-Gvern għandu aġenda għar-riforma tas-sistema tal-ħarsien soċjali sabiex jgħin lil aktar nies isibu xogħol, filwaqt li jingħata sostenn lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli. Il-Kreditu Universali, li għandu l-għan li jissimplifika s-sistema tal-benefiċċji, għadu ma ġiex implimentat. Il-Gvern għandu jieħu miżuri biex jiżgura li l-impatt pożittiv ta' linji politiki għodda dwar ix-xogħol u d-dħul mhux se jiġi kkanċellat mill-ammonti disponibbli li qed jonqsu għall-benefiċċji, li hemm ir-riskju li jżidu l-faqar, partikolarment għall-familji bit-tfal. Stima indipendenti tbassar li bejn l-2020-21, il-faqar assolut fost it-tfal se jilħaq l-ogħla livell tiegħu mill-2001-02 u li l-Gvern mhux se jirrispetta l-miri għat-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal stabbiliti fl-Att dwar il-Faqar fost it-Tfal. Jeħtieġ li l-Gvern jieħu passi biex jiżgura li hemm aċċess suffiċjenti għas-servizzi tal-assistenza lit-tfal, b'mod partikolari għal dawk li jaqilgħu f'it. Kull qtugħ tas-sostenn għas-servizzi tal-assistenza lit-tfal jirriskja li jagħmel l-affarijiet aġar.

(14) Il-kondizzjonijiet ta' finanzjament għadhom stretti, partikolarment għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-għoti ta' self nett lis-settur korporattiv kien negattiv fl-2011. L-evidenza mill-istħarriġ turi li għadd sinifikanti ta' SMEs huma kostretti fil-kreditu, filwaqt li hemm ukoll sfidi potenzjali min-naħa tad-domanda. Barra minn hekk, l-aċċess għas-self mhux mill-banek għadu fil-biċċa l-kbira tiegħu ristrett għall-impriżi l-kbar, filwaqt li l-kompetizzjoni fl-industrija bankarja hija limitata. Minkejja l-passi li hađu l-awtoritajiet biex itejbu s-sitwazzjoni, it-task force Breedon dwar is-swieq alternattivi tad-dejn tistma li filħames snin li ġejjin se jkun hemm differenza finanzjarja ma taqta' xejn bejn it-talbiet għall-finanzjament u l-għoti tiegħu, speċjalment fil-każ tal-impriżi żgħar u medji.

(15) Ir-Renju Unit għandu quddiem sfida biex itejjeb l-infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport tiegħu, li hija marbuta mat-tqegħid tas-sisien biex ikun hemm it-tkabbir u l-kompetittività fuq medda twila ta' żmien, u mal-indirizzar tal-kawżi tan-nuqqas ta' kompetittività esterna floqasma tal-manifattura li qed ibati minnha r-Renju Unit. Ir-Renju Unit għandu bżonn ta' investment sostanzjali biex jaġġorna l-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, minħabba l-ħtieġa li tinbidel parti kbira mill-kapaċità eżistenti tal-ġenerazzjoni, li se tingħalaq fid-deċennu li

ġej, u minħabba l-ħtieġa li jiġu ssodisfati l-obbligu tal-enerġija rinnovabbli u l-istandards aktar stretti dwar l-emissjonijiet tal-karbonju. Is-settur tal-finanzi tar-Renju Unit qed iħabbat wiċċu ma' nuqqasijiet fil-kapaċità u fil-kwalità tan-netwerks tiegħu, li jistgħu jaħdmu kontra l-għan tal-Gvern li jibbilanċja mill-ġdid l-ekonomija tal-pajjiż lejn l-investment u l-esportazzjonijiet. Bħala parti mill-istrateġija tal-Gvern għall-konsolidazzjoni fiskali, l-investment nett fis-settur pubbliku se jonqos bil-kbir sal-2014-15, u dan iġib miegħu r-riskju li l-pressjonijiet eżistenti fuq l-infrastruttura tat-trasport jiżdiedu dment li ma jiġux iggarantiti sorsi oħrajn ta' finanzjament.

(16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-linja politika ekonomika tar-Renju Unit. Hija vvalutat il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma, u ppreżentat analiżi fil-fond. Mhux qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal-linja politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fir-Renju Unit imma wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċizzjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (6) hawn taħt.

(17) Fid-dawl tal-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tar-Renju Unit, u l-opinjoni tiegħu (1) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

(18) Fid-dawl tar-riżultati tal-analiżi fil-fond li l-Kummissjoni għamlet skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tar-Renju Unit u l-Programm ta' Konverġenza tar-Renju Unit. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, huma riflessi b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet (2), (3) u (6) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Renju Unit jieħu azzjoni fil-perijodu 2012-2013 sabiex:

1. Jimplimenta bis-sħiħ l-istrateġija baġitarja għas-sena finanzjarja 2012-13 u għas-snin ta' wara, bl-għajjnuna ta' miżuri speċifikati biżżejjed, sabiex jiżgura t-tiswija fil-waqt tad-defiċit eċċessiv b'mod sostenibbli u l-kisba tal-isforz għal aġġustament strutturali speċifikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-PDE u sabiex jaħdem biex ikun hemm tnaqqis kostanti tal-proporzjon għoli tad-dejn pubbliku. Soġġett għar-rinfurzar tal-istrateġija baġitarja għas-sena finanzjarja 2013-14 u għas-snin ta' wara, jipprijoritizza n-nefqa li tinkoraġġixxi t-tkabbir sabiex jiġi evitat ir-riskju li aktar deterjorament tal-prospettivi għat-tkabbir fuq medda medja ta' żmienn jaffettwaw negattivament is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq medda twila ta' żmien.

(1) Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

2. Jindirizza l-impatt destabilizzanti tal-prezzijiet għoljin u instabbli tad-djar u tal-livell għoli tad-dejn tal-familji billi jimplimenta programm komprensiv ta' riforma tal-qasam tad-djar sabiex tiżdied il-provvista tad-djar u jittaffew il-problemi tal-prezzijiet inkonvenienti u tal-ħtieġa li l-istat jissusidja d-djar. Iwettaq aktar riformi fis-suq tad-djar, inkluż fis-suq ipotekarju u f'dak tal-kera, fir-regolamentazzjoni finanzjarja u fit-tassazzjoni fuq il-proprietà sabiex fis-suq tad-djar ma jkunx hemm instabbiltà u distorsjonijiet.
3. Jibqa' jtejjeb il-kapaċità taż-żgħażaġh li jsibu xogħol, b'mod partikolari ta' dawk li mhumiex jistudjaw, jaħdmu jew jitħarrġu, anki bl-użu tal-Kuntratt taż-Żgħażaġħ. Jiżgura li l-iskemi tal-apprendistat jiġu segwiti minn aktar żgħażaġh, ikunu jiffukaw biżżejjed fuq il-ħiliet avvanzati u ta' livell ogħla, u jkunu jinvolvu aktar negozji żgħar u medji. Jieħu miżuri biex inaqqas ir-rata għolja ta' żgħażaġh ta' bejn it-18 u l-24 sena b'ħiliet bażiċi baxxi ħafna.
4. Jintensifika l-miżuri sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' nies minn familji bla xogħol fis-suq tax-xogħol. Jiżgura li r-riformi ppjanati għall-ħarsien soċjali ma jwasslux għall-faqar fost it-tfal. Jimplimenta bis-sħiħ miżuri bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-servizzi tal-assistenza lit-tfal.
5. Ikompli jtejjeb id-disponibbiltà tal-finanzjament mill-banek u mhux mill-banek għas-settur privat, b'mod partikolari għall-impriżi żgħar u medji. Jappoġġja l-kompetizzjoni fis-settur bankarju, b'mod partikolari permezz ta' miżuri sabiex jitnaqqas ix-xkiel għad-dħul fis-suq, tiżdied it-trasparenza u jiġi ffaċilitat il-qlib bejn il-banek kif irrakkomandat mill-Kummissjoni Indipendenti dwar is-Settur Bankarju u jesplora modi kif jitejjeb l-aċċess għall-kapital tar-riskju u għal formom oħrajn ta' self mhux mill-banek.
6. Iwettaq strateġija fuq medda twila ta' żmien għat-titjib tal-kapaċità u tal-kwalità tan-netwerk infrastrutturali tar-Renju Unit, inklużi miżuri biex jiġu indirizzati l-pressjonijiet fin-netwerks tat-trasport u tal-enerġija billi jippromwovi proċessi tal-ippjanar u tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jkunu aktar effiċjenti u robust, u billi jutilizza bl-aħjar mod l-arranġamenti opportuni ta' finanzjament pubbliku jew privat.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2012

dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro

(2012/C 219/28)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 136 flimkien mal-Artikolu 121(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Sa mill-ħolqien tiegħu, il-Grupp tal-Euro kellu rwol ċentrali u responsabbiltà speċjali fil-governanza ekonomika taż-żona tal-euro. Il-kriżi ekonomika indikat b'mod ċar l-interrelazzjonijiet mill-qrib fiż-żona tal-euro, filwaqt li enfasizzat il-ħtieġa għal qagħda aggregata koerenti ta' politika li tirrifletti r-riperkussjonijiet qawwija bejn il-pajjiżi li l-munita tagħhom hija l-euro u l-ħtieġa għal arranġamenti effettivi tal-koordinazzjoni fil-politika biex ikun hemm rispons rapidu għall-bidliet fl-ambjent ekonomiku.

(2) Il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull wieħed mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ("Stati Membri taż-żona tal-euro"). Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jindirizzaw l-isfidi ekonomiċi fil-livell nazzjonali u, fl-istess ħin, jikkostitwixxu element ċentrali biex jiġu ddeterminati l-istabbiltà u t-tkabbir fiż-żona tal-euro bħala entità sħiħa. L-Istati Membri taż-żona tal-euro impenjaw ruħhom ukoll li jwettqu sensiela ta' riformi politiki estensivi addizzjonali taħt il-Patt Euro Plus, bil-għan li jħeġġu l-kompetittività, jippromwovu x-xogħol, jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u jsaħħu l-istabbiltà finanzjarja. Fit-2 ta' Marzu 2012, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u tmien Stati Membri oħra ("Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro") iffirmaw Trattat dwar l-istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, fejn qablu li jkun żgurat li jiddiskutu *ex ante* r-riformi kollha l-kbar tal-politika ekonomika li huma jkun beħsiebhom iwettqu u li, fejn ikun xieraq, jikkoordinawhom bejniethom. Il-

koordinazzjoni *ex ante* fil-kuntest taż-żona tal-euro se tikkontribwixxi, kemm permezz tal-preżentazzjoni ta' abbozzi ta' pjani tal-baġit kif ukoll + permezz tad-diskussjoni dwar il-pjani ta' riformi kbar tal-politika ekonomika, biex jitqiesu r-riperkussjonijiet li jirriżultaw mill-azzjonijiet nazzjonali fuq iż-żona tal-euro bħala entità sħiħa.

(3) L-eżistenza ta' oqfsa baġitarji mfassla sew li jsaħħu l-governanza fiskali domestika hija element ewlieni fil-ġestjoni soda tal-finanzi pubbliċi, u tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fiż-żona tal-euro bħala entità sħiħa. FLulju u f'Ottubru 2011, il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern taż-żona tal-euro, impenjaw ruħhom li diġà qabel tmien l-2012, jintroduċu oqfsa fiskali nazzjonali kif previst fid-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri⁽¹⁾, jiġifieri qabel l-iskeda prevista fid-Direttiva, u li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti li jissemmew fiha. Barra minn hekk, permezz tal-iffirmar tat-Trattat dwar l-istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja fit-2 ta' Marzu 2012, l-Istati Membri taż-żona tal-euro flimkien ma' tmien Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro, daħlu għall-impenn li jsaħħu ulterjorment il-governanza fiskali nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari billi jintroduċu regoli vinkolanti sabiex il-pożizzjoni baġitarja tal-gvern tilħaq l-objettiv baġitarju għat-terminu medju (OTM).

(4) Il-kisba tal-konsolidazzjoni fiskali tikkostitwixxi element ċentrali fl-istrateġija biex tingħeleb il-kriżi fiż-żona tal-euro. Il-qafas fiskali tal-UE jippermetti li jkun hemm differenzazzjoni fir-ritmu tal-konsolidazzjoni bejn l-Istati Membri skont l-isparzu fiskali u l-kondizzjonijiet makroekonomiċi tagħhom. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u t-Trattat dwar l-istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja jikkonċentraw fuq il-bilanċi strutturali u għaldaqstant dan jippermetti li jitqiesu l-effetti taċ-ċiklu u tal-miżuri ta' darba fuq il-bilanċi tal-baġit nominali. Il-valutazzjoni tal-azzjoni effikaċi b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-korrezzjoni tal-pożizzjonijiet ta' defiċit eċċessiv, hija mwettqa f'termini strutturali. Kompożizzjoni adegwata tal-konsolidazzjoni hija kruċjali biex tissaħħa il-fiduċja fin-natura permanenti tal-konsolidazzjoni fiż-żona tal-euro u biex jiġi limitat l-impatt negattiv tagħha għal żmien qasir fuq it-tkabbir. Jeħtieġ li tingħata prijorità lin-nefqa li tiffavorixxi t-tkabbir, partikolarment in-nefqa fuq l-investimenti; f'diversi Stati Membri taż-żona tal-euro

(1) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41.

jistgħu jiġu identifikati proġetti ta' investment produttiv fejn kemm ir-redditi privati kif ukoll dawk soċjali jkunu jeċċedu r-rati tal-imgħax baxxi li hemm bħalissa. Jeħtieġ li jiġu riformati b'mod urġenti d-drittijiet fuq tul ta' żmien, b'mod partikolari s-saħħa u l-pensjonijiet, biex dawn jirfdu s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Politika tat-taxxa xierqa, bħal pereżempju t-tneħħija tal-piż tat-taxxa minn fuq ix-xogħol, l-estensjoni tal-bażijiet għat-taxxa u azzjoni aktar effettiva għal kontra l-evażjoni tat-taxxa, tista' tikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni filwaqt li żżid il-kompetittività u toħloq kondizzjonijiet aħjar għat-tkabbir.

- (5) L-istabbiltà u l-funzjonament tajjeb tas-sistema finanzjarja huma prerekwiżiti biex jiġi evitat "xenarju ta' deċennju mitluf" ta' tkabbir bil-mod fiż-żona tal-euro u biex tissaħħaħ il-fiduċja tal-investituri. Huwa importanti li jiġi żgurat li d-diżingranar ulterjuri meħtieġ tal-karti tal-bilanċ tal-banek, jipproċedi b'mod regolarizzat u jkun konsistenti maż-żamma ta' fluss adegwat ta' kreditu għall-ekonomija reali. Sabiex jinħoloq kuntrast max-xejra emerġenti tal-frammentazzjoni finanzjarja, jeħtieġ li jsir progress ulterjuri fl-integrazzjoni tal-istrutturi u tal-prattiki superviżorji kif ukoll tal-ġestjoni tal-kriżijiet transkonfinali.
- (6) L-x-xoljiment regolarizzat tal-iżbilanċi makroekonomiċi fiż-żona tal-euro huwa kruċjali għal tkabbir u stabbiltà sostenibbli fiż-żona tal-euro. Il-proċess ta' tnaqqis fl-iżbilanċi beda, iżda dan jeħtieġ li jkompli għaddej b'ritmu kostanti. L-urġenza li jittieħdu azzjonijiet maħsuba biex jikkoreġu l-iżbilanċi, tinhas aktar fil-pajjiżi b'defiċit, fejn jeħtieġ li jsiru riformi li jtejbju l-kompetittività u li jiffaċilitaw ir-riallokazzjoni tar-riżorsi lejn setturi negozjabbli. Fl-istess ħin, il-pajjiżi li għandhom bilanċ favorevoli jistgħu jikkontribwixxu biex jibbilanċjaw mill-ġdid it-tneħħija ta' rabtiet regolatorji żejda u ta' rabtiet oħra li jillimitaw id-domanda domestika, l-attivitatiet mhux negozjabbli u l-opportunitajiet ta' investment.
- (7) Prekwizit għall-iżvilupp ulterjuri tal-unjoni ekonomika huwa r-rikonoxximent tal-interdependenza bejn l-ekonomiji ta' dawk l-Istati Membri taż-żona tal-euro u tal-benefiċċji li jistgħu jirriżultaw mill-istabbiltà f'din l-unjoni monetarja għall-membri tagħha u għall-Unjoni b'mod ġenerali. Għall-ġejjieni, jeħtieġ li l-Istati Membri taż-żona tal-euro, japprofondixxu l-integrazzjoni tagħhom biex jiksbu unjoni ekonomika u monetarja sħiħa.
- (8) Il-Parlament Ewropew kien involut kif dovut fis-Simestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 ⁽¹⁾, u, fil-15 ta' Frar 2012, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjeg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012,

mingħajr ħsara għall-kompetenzi tal-Kunsill fir-rigward tal-kordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri, iżda b'mod partikolari fil-kuntest tal-kordinazzjoni tal-politika ekonomika fil-qafas tal-Grupp tal-Euro, fil-perjodu 2012-2013 biex:

- (1) Isaħħu l-metodi ta' ħidma tal-Grupp tal-Euro sabiex jippermettulu li jassumi r-responsabbiltà għal qagħda aggregata ta' politika fiż-żona tal-euro, filwaqt li jirreagiixxi b'mod effettiv għall-bidliet fl-ambjent ekonomiku, u biex imexxi l-kordinazzjoni tal-politika ekonomika fil-kuntest tal-qafas imsaħħaħ ta' sorveljanza li japplika għall-Istati Membri taż-żona tal-euro.
- (2) Jintensifikaw il-kooperazzjoni politika fil-Grupp tal-Euro billi jikkondividu l-informazzjoni u jiddiskutu l-pjani baġitarji u l-pjani tar-riformi l-kbar li jkollhom riperkussjonijiet potenzjali fuq iż-żona tal-euro. Jiżguraw li jittieħdu r-riformi meħtieġa biex iż-żona tal-euro tkun stabbli u soda, inkluża l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li l-Kunsill ikun indirizza lil Stati Membri individwali taż-żona tal-euro u li, minbarra li jindirizzaw l-isfidi fil-livell nazzjonali, ikollhom impatt fuq iż-żona tal-euro bħala entità sħiħa.
- (3) Isaħħu d-dixxiplina fiskali u l-istituzzjonijiet fiskali kemm flivell nazzjonali kif ukoll f'dak sub-nazzjonali biex tissaħħaħ il-fiduċja tas-suq fis-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fiż-żona tal-euro għat-terminu medju u fit-tul. B'segwitu għall-ftehim li ntlaħaq bejn il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern taż-żona tal-euro f'Lulju u f'Ottubru 2011 u fit-2 ta' Marzu 2012, imexxu 'l quddiem it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/85/UE għall-aħħar tal-2012 u jsaħħu ulterjorment il-governanza fiskali, b'mod partikolari billi jintroduċu r-regoli għal baġit ibbilanċjat f'termini strutturali u l-mekkaniżmi awtomatiċi ta' korrezzjoni, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri kollha fiż-żona tal-euro.
- (4) Abbażi tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1-2 ta' Marzu 2012, jiżguraw qagħda fiskali aggregata koerenti ta' politika fiż-żona tal-euro billi jiksbu l-konsolidazzjoni fiskali kif stipulat fir-rakkomandazzjonijiet u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill, f'konformità mar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li jieħdu kont tas-sitwazzjonijiet makrofinanzjarji speċifiċi għall-pajjiż. L-Istati Membri affettwati minn premja tar-riskju għoljin u li jistgħu jiżdiedu għandhom jillimitaw id-devjazzjonijiet fir-rigward tal-miri tal-bilanċ nominali, anke f'kondizzjonijiet makroekonomiċi li jkunu agħar milli mistenni; l-Istati Membri l-oħra għandhom iħallu l-istabilizzaturi awtomatiċi jiffunzjonaw tul il-pjan ta' aġġustament ivvalutat f'termini strutturali u jkunu lesti li jirrevedu r-ritmu tal-konsolidazzjoni, f'każ li l-kondizzjonijiet makroekonomiċi jmorru iktar għall-aghra. Il-kompożizzjoni tannefqa u d-dħul tal-gvern għandha tirrifletti l-impatt tal-partiti tal-infiq u tas-sorsi ta' dħul fuq it-tkabbir. B'mod partikolari, il-marġnijiet baġitarji kollha disponibbli għandhom jintużaw sabiex jitteġġeg l-investment pubbliku fiż-żona tal-euro, anke billi jitqiesu d-differenzi fil-kost tal-finanzjament bejn pajjiż u ieħor.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Istati Membri taż-żona tal-euro għandhom jieħdu azzjoni, individwalment u kollettivament,

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

- (5) Jieħdu azzjoni biex itejbu l-funzjonament u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fiż-żona tal-euro. Jaċċelleraw il-proċess li jwassal għal arkitettura finanzjarja aktar integrata, li tinkludi superviżjoni bankarja u riżoluzzjoni transkonfinali tal-kriżi.
- (6) Jimplimentaw ir-riformi strutturali, li jippromwovu wkoll aġġustamenti flessibbli tas-salarji, u li - flimkien mal-qagħda fiskali differenzjata - jippromwovu x-xoljiment regolarizzat tal-iżbilanċi makroekonomiċi fiż-żona tal-euro u b'hekk it-kabbir u l-impjiegi. Dan jinkludi azzjoni fil-livell nazzjonali li tirrifletti s-sitwazzjoni speċifika għall-pajjiż u tiegħu kont

tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill għall-Istati Membri individwali taż-żona tal-euro,

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
V. SHIARLY

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Nota ta' spjegazzjoni

**Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri taħt is-Semestru
Ewropew 2012**

(2012/C 219/29)

L-Artikolu 2 ab(2) tar-Regolment tal-Kunsill (KE) Nru 466/97 ⁽¹⁾ dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pozzizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, li jagħmel parti, it-taqsim "Djalogu ekonomiku", jiddikjara li "Il-Kunsill huwa mistenni, bħala regola, isegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu pubblikament".

Fir-rigward ta' din ir-"regola kkonforma jew spjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-isjegazzjonijiet li ġejjin għall-bidliet maqbula għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (RSP) dwar Stat Membri fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2012 li dwarhom il-Kummissjoni ma tabqilx.

Il-Kunsill qabel ukoll ma għadd ta' żidiet kif ukoll bidliet fattwali jew tekniċi għar-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni ⁽²⁾ (*).

IL-BELĠJU

RSP 5

Test maqbul:

Jittrasferixxi b'mod sinifikanti t-taxxi minn fuq ix-xogħol lejn taxxi li jagħmlu anqas ħsara lit-tkabbir, pereżempju bl-inklużjoni ta' taxxi ambjentali. Ikompli r-riforma li nbdiet tas-sistema tal-benefiċċju għall-qgħad biex jitnaqqsu d-dizincendenti għax-xogħol u jsaħħaħ l-enfasi fuq appoġġ għall-impjiegi u fuq politiki ta' attivazzjoni dwar *ħaddiema akbar fl-età u gruppi vulnerabbli*, b'mod partikolari persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Jieħu vantaġġ mir-reġjonalizzazzjoni ulterjuri li hemm ippanata fil-kompetenzi dwar is-suq tax-xogħol biex tingħata spinta lill-mobbiltà interreġjonali tal-ħaddiema u sabiex tissaħħaħ il-koerenza bejn l-edukazzjoni, it-taġħlim tul il-ħajja, it-taħriġ vokazzjonali u l-politiki dwar l-impjiegi. Jestendi l-isforzi eżistenti ta' attivazzjoni fost il-gruppi tal-etajiet kollha.

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill qabel li l-isfidi ewlenin fir-rigward tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol fil-Belġju huma r-rata baxxa ta' impjiegi ta' ħaddiema migratorji, kif ukoll ħaddiema akbar fl-età. It-tnejn jeħtieġ li jiġu indirizzati. Ir-reviżjonijiet tas-sorveljanza multilaterali mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Impjiegi tiegħu it-tnejn jikkonfermaw l-enfasi fuq ħaddiema akbar fl-età bħala sfida ewlenija fl-iżgurar ta' Politika Attiva u effettivi fis-Suq tax-Xogħol.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ L-Istati Membri mingħajr bidliet jew li għalihom saru l-bidliet iżda bil-qbil mal-Kummissjoni: CZ, DK, DE, EE, IE, EL, FR, CY, LT, LU, HU, MT, NL, AT, PT, RO, SI, SK, Żona tal-euro

(*) It-test li ġie mmodifikat jidher fil-korsiv

RSP 6

Test maqbul:

Ikompli jsaħħaħ il-kompetizzjoni fis-settur tal-bejgħ bl-imnut billi jnaqqas l-ostakoli u jnaqqas ir-restrizzjonijiet operazzjonali; Jintroduċi miżuri biex issaħħaħ il-kompetizzjoni fl-industriji li jaħdmu b'netwerk (~~fl-elettriku u l-gass, it-telekomunikazzjonijiet, is-servizzi postali u t-trasport~~) billi jirrevedi ostakoli regolatorji u jsaħħaħ l-arranġamenti istituzzjonali għal infurzar effettiv tar-regoli tal-għajnuna mill-istat.

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill qies li xejn ma jinkiseb billi jiġu elenkati l-industriji kollha li jaħdmu b'netwerk fir-rakkomandazzjoni.

RSP 7

Test maqbul:

Jieħu miżuri ~~ulterjuri~~ biex ~~titrawwem~~ itejjeb in-naqqas ta' il-progress biex jintlaħqu l-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra minn attivitajiet li mhumiex fl-ETS, partikolarment billi jiġi żgurat kontribut sinifikanti lejn dan il-għan mis-settur tat-trasport.

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill iqis adatt li jiġi rikonoxxut li l-miżuri diġà ttieħdu biex jitnaqqsu l-gassijiet b'effett ta' serra. Filwaqt li ġie kkunsidrat li huwa diffiċli li jitkejlu l-effetti fuq perijodu qasir u l-progress jidher kajman ġie maqbul li tiġi enfasizzata l-ħtieġa li jittieħdu aktar miżuri biex jiżded il-progress.

IL-BULGARIJA

RSP 2

Test maqbul:

Tieħu passi ulterjuri biex tnaqqas ir-riskji li jeżistu għas-sostenibbiltà u biex ittejjeb l-adeqwatezza tas-sistema tal-pensjonijiet billi ~~titrawwem~~ l-aċċess għall-irtirar bikri u billi l-età statutarja tal-irtirar tagħmilha indaq għall-irġiel u għan-nisa li ħallsu l-kontribuzzjonijiet matul il-karriera kollha tagħhom. Iddaħħal kriterji u kontrolli aktar stretti għall-allokkazzjoni tal-pensjonijiet tal-invalidità.

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill qies li huwa adatt li jiġi rikonoxxut li diġà sar progress konsiderevoli biex jiġi llimitat l-aċċess għall-irtirar bikri.

SPANJA

RSP 7

Test maqbul:

Ittejjeb l-impjegabbiltà tal-gruppi vulnerabbli, flimkien ma' servizzi effettivi ta' appoġġ għat-tfal u l-familja sabiex ittejjeb is-sitwazzjoni tal-persuni friskju ta' faqar u/jew l-esklużjoni soċjali, u kosegwentement tikseb il-benessri tat-tfal.

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill qabel li ssir bidla f'din ir-rakkomandazzjoni billi jsir aktar enfasi fuq il-miżuri li ttieħdu biex titrawwem l-impjegabbiltà ta' ħaddiema bħala l-mod l-aktar adatt għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u li kosegwentement il-promozzjoni tal-aċċess għat-taħriġ u l-impjiegi tal-adulti tirriżulta f'mod aktar konkret biex tittejjeb is-sitwazzjoni tat-tfal.

L-ITALJA

RSP 4

Test maqbul:

Tadotta r-riforma tas-suq tax-xogħol bħala prijorità biex tindirizza s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u tistabbilixxi skema integrata tal-benefiċċju tal-qgħad. Tieħu azzjoni ulterjuri biex tinentiva l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari permezz tal-provvediment ta' kura għat-tfal u għall-anzjani. Timmonitorja u, jekk ikun meħtieġ, tirrinforza l-implimentazzjoni tal-qafas il-ġdid tal-istabbiliment tas-salarji sabiex jikkontribwixxi għall-allinjament tat-tkabbir tas-salarji u l-produttività fil-livell settorjali u tal-kumpannija. ~~Biex iżżid il-kompetittività tan-nefqa issaħħaħ ir-rabta bejn il-pagi stabbiliti fil-livell settorjali u l-produttività, permezz tal-qafas tal-iffissar tas-salarji f-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali u bi qbil mal-prattiki nazzjonali.~~

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill qabel li l-fokus fis-sitwazzjoni attwali għandu jkun fuq l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-arranġamenti ġodda introdotti. Madankollu jekk ir-riżultati ma jkunux suffiċjenti, ikunu meħtieġa aktar emendi għall-qafas tal-istabbiliment tas-salarji. Dan il-messaġġ kien rinfurzat minn sorveljanza multilaterali mwettqa mill-EMCO u l-EPC dwar il-kwistjoni tas-salarji li nnutat li l-fokus għall-Italja għandu jkun li timplimenta u timmonitorja din ir-riforma.

IL-LATVJA

RSP 5

Test maqbul:

Tħeġġeġ ulterjorment l-effiċjenza fl-enerġija billi timplimenta miżuri u ttiprovdi inċentivi għat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-enerġija u billi tisposta l-konsum lejn prodotti li jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti, inklużi vetturi, binjiet u sistemi ta' tisħin. Tippetromwovi l-kompetizzjoni fin-netwerks ewlenin tal-enerġija (~~l-elettriku, il-gass naturali, it-tisħin~~) u ttejjeb il-konnettività man-netwerks tal-enerġija tal-UE.

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill qabel li jħassar il-lista ta' netwerks speċifiċi ta' enerġija fejn il-kompetizzjoni għandha titjib minħabba li s-sitwazzjoni fit-tliet setturi huma pjuttost differenti u ma jistgħux jiġu ttrattati bl-istess mod.

Is-suq Latvjan tal-gass għadu jiffaċċja ostakoli rigward il-liberalizzazzjoni tiegħu u b'hekk jipprevedi għal derogi mit-Tielet Pakkett tal-Enerġija. Għalhekk il-kompetizzjoni ma tistax tiġi diskussa b'mod serju qabel titwettaq analiżi xierqa tas-suq. Is-suq tal-elettriku huwa żviluppat tajjeb b'mod komparattiv u jiffunzjoni skont ir-rekwiżiti tat-Tielet Pakkett tal-Enerġija. Billi l-kompetizzjoni fil-provvista ta' sħana fil-Latvja tiffaċċja l-ħtieġa ta' investimenti sinifikanti minħabba s-sitwazzjoni speċifika tagħha (tisħin distrettwali) u għalhekk il-kompetizzjoni fis-settur tas-sħana hija intenzjonata li tiġi introdotta biss fejn hu ekonomikament raġonevoli u possibbli.

IL-POLONJA

RSP 4

Test maqbul:

Issaħħaħ l-isforzi biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u tgħolli r-rati tar-reġistrazzjoni tat-tfal għas-servizz ta' indukrar bikri tat-tfal u l-edukazzjoni qabel il-primarja, billi tiżgura finanzjament stabbli u investment fl-infrastruttura pubblika, il-provvediment ta' persunal ikkwalifikat u aċċess għall-bwiet ta' kulħadd. Tindirizza l-prattiki stabbiliti ta' rtirar bikri biex jiżdiedu l-etajiet tal-ħruġ mis-suq tax-xogħol. Gradwalment ittemm l-iskema speċjali tal-pensjonijiet għall-minaturi bil-għan li dawn jintegraw ruħhom ~~bis-si~~ fl-iskema ġenerali. Tagħmel passi aktar ambizzjużi u permanenti għar-riforma tal-fond tas-sigurtà soċjali ~~tal-bdiewa~~ (KRUS) biex jirriflettu aħjar l-introjtu individwali.

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill jaqbel li jneħħi r-referenza għal "sħiħ" fir-rigward tal-integrazzjoni tal-impjegati kollha tal-kumpanniji tal-minjieri fl-iskema ġenerali minħabba li tista' tiġi interpretata ħażin u ma tieħux kont tas-sitwazzjoni speċifika ta' numru ta' minaturi li x-xogħol tagħhom għandu karattru speċifiku jew jingħata taħt ċirkostanzi speċjali, bħal dawk li jaħdmu b'mod permanenti taħt l-art u li huma direttament involuti fl-esplojtazzjoni.

L-intenzjoni tal-gvern hi li jintegra lill-minaturi f'sistema ġenerali tal-pensjonijiet, jiġifieri s-sistema bbażata fuq il-kapital. Madankollu, numru limitat ħafna ta' minaturi huma soġġetti għal drittijiet speċjali rigward il-privileġġi tal-pensjonijiet qabel jilhqqu l-irtirar statutorju (definit mil-liġi), bħal dawk li x-xogħol tagħhom għandu karattru speċifiku jew jingħata taħt ċirkostanzi speċifiċi. F'dan il-każ minaturi, li jaħdmu b'mod permanenti taħt l-art u huma direttament involuti fl-esplojtazzjoni jappartjenu għall-grupp ta' dawk il-professjonijiet li huma definiti bħala impjegi perikolużi jew diffiċli għandhom id-dritt għal xi tip ta' pensjonijiet temporanji qabel jilhqqu l-età statutorja tal-irtirar. Qed issir ħidma intensiva mill-Istitut Ċentrali għall-Protezzjoni tax-Xogħol flimkien mal-Istituzzjoni tal-Assigurazzjoni Soċjali (ZUS) sabiex jiddefinixxu b'mod preċiż l-attivitajiet taħt l-art li jkunu intitolati għal pensjoni temporanja. Meta dawn il-minaturi jilhqqu l-età tal-irtirar statutorja huma jiġu ttrattati fl-istess mod bħall-oħrajn.

IL-FINLANDJA

RSP 3

Test maqbul:

Timplimenta l-miżuri li għaddejjin biex ittejjeb il-pożizzjoni fis-suq tax-xogħol ta' żgħażagħ u dawk li huma qiegħda fit-tul, b'attenzjoni partikolari fuq l-iżvilupp tal-ħiliet. Tieħu aktar passi biex ittejjeb ~~hegħeg~~ ir-rata ta' impjieg ta' ħaddiem ikbar fl-età, inkluż billi tnaqqas il-mogħdijiet ta' ħruġ kmien. Tieħu miżuri biex iżżid l-età ~~statutorja~~ *effettiva* ta' rtirar ~~b'kont meħud skont~~ tat-titjib fl-istennija tal-għomor.

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill innota li hemm mezzi alternattivi biex jiġi żgurat li l-età effettiva ta' rtirar tiżviluppa skont l-istennija tal-għomor, jew permezz taż-żieda tal-irtirar statutorju jew permezz tal-aġġustament tal-livell tal-benefiċċji tal-pensjoni. Għalhekk kien maqbul li tiġi aġġustata r-rakkomandazzjoni biex tirrifletti b'mod adatt li l-Finlandja għażlet it-tieni rotta.

L-ISVEZJA

RSP 3

Test maqbul:

Tieħu aktar miżuri biex ittejjeb il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u l-gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol pereżempju bit-titjib ta' ~~billi tiffoka fuq~~ miżuri ta' ~~politika~~ *politika* attivi u effettivi tas-suq tax-xogħol, li jiffaċilitaw it-transizzjoni mill-iskola għax-xogħol, il-promozzjoni ta' linji ta' ~~politika~~ *politika* sabiex iżidu d-domanda għall-gruppi vulnerabbli u t-titjib tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol ~~tinkoraġġixxi~~ *aktar flessibbiltà fis-salarji, notevolment fit-tarf t'isfel tal-iskala tal-pagi, tirveddi aspetti magħżula tal-leġislazzjoni għall-ħarsien tal-impjegi bħal perjodi ta' prova biex ittaffi t-transizzjoni għall-impjegi permanenti.* Tanalizza l-effettività tar-rata ta' VAT mnaqqsa attwali fuq ir-ristoranti u s-servizzi tal-forniment tal-ikel biex tappoġġa l-ħolqien tal-impjegi.

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill qabel li jaġġusta t-test sabiex jirrifletti aħjar l-isfidi attwali tas-Suq tax-Xogħol Svediż; jiġifieri ttejjeb l-effettività tal-ALPMs, it-transizzjoni mill-iskola għax-xogħol u l-linji ta' politika tal-gvern biex iżidu d-domanda għall-gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol.

Barra minn hekk, il-Kunsill irrikonoxxa li l-Isvezja għandha qafas deċentralizzat għan-negożjar tas-salarji u qabel li l-imsieħba soċjali huma responsabbli għan-negożjar tas-salarji u li l-indhli tal-gvern fil-proċess ma jkunx konformi mas-sistema nazzjonali għall-formazzjoni tas-salarji. Ir-referenza għal "tinkoraġġixxi aktar flessibbiltà fis-salarji" kienet meqjusa mhux xierqa.

IR-RENJU UNIT

RSP 3:

Test maqbul:

Jibqa' jtejjeb il-kapaċità taż-żgħażaġh li jsibu xogħol, b'mod partikulari ta' dawk li mhumiex jistudjaw, jaħdmu jew jitħarrġu, anki bl-użu tal-Kuntratt taż-Żgħażaġħ. Jiżgura li l-iskemi tal-apprendistat jiġu segwiti minn aktar żgħażaġh, ikunu jiffukaw biżżejjed fuq il-ħiliet avvanzati u ta' livell ogħla, u jkunu jinvolvu aktar negozji żgħar u medji. Jieħu miżuri biex inaqqas ir-rata għolja ta' żgħażaġh *fl-età bejn 18-24* b'ħiliet bażiċi baxxi ħafna.

Spjegazzjoni:

Il-ħidma li saret fil-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Impjiegi li jittratta t-tluq bikri mill-iskejjel tkopri l-kategorija tal-età ta' bejn it-18 u l-24 sena. Dan huwa differenti mit-test tas-CSR propost mill-Kummissjoni, li juża l-punt ta' referenza ta' "żgħażaġh li joħorġu mill-iskola". Barra minn hekk, ir-reviżjoni multilaterali tal-Kumitat tal-Impjiegi tas-CSR tal-2011 saret abbażi tal-qgħad fost iż-żgħażaġh. Dan għal darb'oħra huwa differenti ħafna minn "żgħażaġh li joħorġu mill-iskola".

<u>Avviż Nru</u>	Werrej (ikompli)	Paġna
2012/C 219/20	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Portugall u li twassal l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Portugall, 2012-2016	69
2012/C 219/21	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tar-Rumanija u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Rumanija, 2012-2015	72
2012/C 219/22	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tas-Slovakkja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovakkja, 2012-2015	74
2012/C 219/23	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tas-Slovenja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovenja, 2012-2015	77
2012/C 219/24	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 ta' Spanja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Spanja, 2012-2015	81
2012/C 219/25	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tal-Isvezja u li twassal Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Isvezja, 2012-2015	85
2012/C 219/26	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Pajjiżi l-Baxxi u li twassal Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Pajjiżi l-Baxxi, 2012-2015	88
2012/C 219/27	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 tar-Renju Unit u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Renju Unit, 2012-2017	91
2012/C 219/28	Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro	95

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2012/C 219/29	Nota ta' spjegazzjoni — Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri taħt is-Semestru Ewropew 2012	98
---------------	---	----



PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

